IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.6.2025
SWD(2025) 218 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Rapport tal-Pajjiż 2025 - Malta

Li jakkumpanja d-dokument

Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-politiki ekonomiċi, soċjali, tal-impjiegi, strutturali u baġitarji ta' Malta

{COM(2025) 218 final}

MT MT

European Commission

Malta

2025 Country Report

ŻVILUPPI EKONOMIĊI U SFIDI TA' POLITIKA EWLENIN

It-tkabbir ekonomiku jżomm il-momentum

L-ekonomija Maltija qed iżżomm il-momentum tat-tkabbir tagħha bis-saħħa tad-domanda domestika qawwija u l-prestazzjoni tal-esportazzjoni. L-esportazzjonijiet żdiedu b'rata aktar mgħaġġla mill-importazzjonijiet fl-2024, xprunati mit-turiżmu u minn setturi oħra tas-servizzi (servizzi rikreattivi, u servizzi professjonali, tal-IT u finanzjarji). Wara li l-PDG aġġustat għall-inflazzjoni kiber b'6,0 % fl-2024, l-ekonomija Maltija mistennija tkompli tespandi b'4,1 % fl-2025 u b'4,0 % fl-2026 (ara l-Graff 1.1). Fir-rigward tal-inċertezza fil-flussi tal-kummerċ internazzjonali, l-ekonomija ta' Malta hija inqas esposta mill-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE għal xokkijiet esterni fil-kummerċ tal-oġġetti.

Graff 1.1:**Malta - Tkabbir tal-PDG reali u kontribuzzjonijiet**



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, l-Eurostat

L-impjiegi huma mistennija li jikbru, u jiddependu fuq flussi għoljin ta' immigrazzjoni minħabba n-nuqqasijiet kbar ta' ħaddiema u ħiliet fis-suq domestiku. It-tkabbir fl-impjiegi laħaq 5,1 % fl-2024, li wassal għal rata ta' impjieg ta' 83,0 %. It-tkabbir fl-impjiegi huwa mistenni li jonqos iżda jibqa' b'saħħtu fil-livell ta' 3,1 % fl-2025 u ta' 2,8 % fl-2026. Ir-rata tal-qgħad kienet ta' 3,1 % fl-2024, u hija mistennija li tibqa' stabbli sal-2026. Madankollu, it-tkabbir għoli fl-impjiegi f'setturi b'pagi baxxi huwa mistenni li jżomm it-tkabbir nominali fil-pagi għal kull impjegat fl-2024 u matul il-perjodu ta' tbassir modest, li qed jikber b'pass kemxejn ogħla mill-inflazzjoni mbassra.

L-inflazzjoni qed tonqos, skont ix-xejra globali. L-inflazzjoni mmoderat għal medja ta' 2,4 % fl-2024. Il-prezzijiet tal-enerġija huma mistennija li jibqgħu stabbli wkoll fl-2025 u fl-2026, peress li l-awtoritajiet Maltin ikkonfermaw l-impenn tagħhom li jżommu fis-seħħ il-miżuri ta' sussidju tal-enerġija tagħhom. L-inflazzjoni hija mbassra li tkun 2,2 % fl-2025 u 2,1 % fl-2026, bil-kontributuri ewlenin mistennija li jkunu l-ikel u s-servizzi.

Id-defiċit tal-gvern huwa mistenni li jonqos. Fl-2024, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos għal 3,7 % tal-PDG, minn 4,7 % fl-2023. Fl-2025, id-defiċit huwa mbassar li jkompli jonqos għal 3,2 % tal-PDG. B'mod partikolari, is-sussidji tal-enerġija huma mistennija li jonqsu bħala perċentwal tal-PDG peress li għadhom l-istess f'termini assoluti. Fl-2026 id-defiċit huwa mistenni li jkompli jonqos għal 2,8 % tal-PDG. Dan jirrifletti prinċipalment tnaqqis ulterjuri tas-sussidji kif ukoll żieda fid-dħul bħala sehem tal-PDG ukoll minħabba sforzi biex jittejjeb il-ġbir tat-taxxa. Defiċits iżgħar għandhom iwasslu biex il-proporzjon tad-dejn jistabbilizza ruħu sal-2026, taħt il-50 % tal-PDG.

It-tkabbir fin-nefqa netta se jonqos b'mod sinifikanti. Fl-2024, in-nefqa netta([1]) f'Malta żdiedet bi 13,9 % (ara l-Anness 1). Din iż-żieda hija prinċipalment xprunata minn żieda fl-infiq attwali u minn nefqiet kapitali oħra relatati mal-linja tal-ajru nazzjonali. Fl-2025, in-nefqa netta hija mbassra mill-Kummissjoni li se tikber b'0,8 %, li hija taħt ir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata mill-Kunsill([2]). Ir-rata ta' tkabbir kumulattiv tan-nefqa netta fl-2024 u l-2025 meħuda flimkien hija pprojettata għal 14,9 %, li hija ogħla mir-rata massima rakkomandata mill-Kunsill.

Minkejja tkabbir ekonomiku qawwi, għad hemm sfidi għall-kompetittività

In-nuqqasijiet tal-ħaddiema u l-ispariġġi fil-ħiliet qed iżommu lura l-kompetittività futura ta' Malta. Is-sejħiet għal investiment fil-ħiliet taħt l-inizjattiva tal-Boxxla għall-Kompetittività huma partikolarment rilevanti għal Malta, fejn in-nuqqasijiet ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati u l-ispariġġi fil-ħiliet qed iżommu lura t-tkabbir futur, il-kompetittività u t-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika (ara l-Anness 12). Biex tisfrutta l-potenzjal tagħha, Malta tista' tindirizza n-nuqqasijiet li huma partikolarment akuti fis-setturi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, tal-kostruzzjoni, tal-arti, tad-divertiment u tar-rikreazzjoni, partijiet mis-settur tas-servizzi professjonali u fost il-professjonisti tas-saħħa u tal-kura fit-tul u l-għalliema. Fil-K1 tal-2025, 68,5 % tal-impjegaturi fis-settur tas-servizzi ta' Malta rrapportaw nuqqasijiet ta' ħaddiema li llimitaw il-produzzjoni tagħhom meta mqabbla ma' 24,1 % fl-UE. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment għadha konsiderevolment aktar baxxa mill-mira nazzjonali tal-2030 ta' 57,6 %. Barra minn hekk, Malta tista' tkompli ttejjeb is-suq tax-xogħol tagħha billi tisfrutta riżervi ta' talenti mhux utilizzati biżżejjed, b'mod partikolari billi tkompli tnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi u ttejjeb l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità.

Il-prestazzjoni ta' Malta fir-riċerka u l-innovazzjoni qed tinżamm lura minn wieħed mill-aktar livelli baxxi ta' nfiq f'dan il-qasam fl-UE u minn nuqqas ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati. L-infiq fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni ammonta biss għal 0,64 % tal-PDG fl-2023, meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 2,24 %. Dan naqas mill-2012, meta kien jammonta għal 0,79 % tal-PDG. Il-prestazzjoni insuffiċjenti ta' Malta fir-riċerka u l-innovazzjoni hija aggravata aktar minn nuqqas ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati – b'mod partikolari fl-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika.

In-negozji Maltin jiffaċċjaw pressjoni amministrattiva u piż regolatorju konsiderevoli. L-indikatur tar-Regolament dwar is-Suq tal-Prodotti fl-ekonomija kollha tal-OECD tjieb għal Malta bejn l-2018 u l-2024 iżda l-pajjiż għandu t-tieni l-aktar prestazzjoni dgħajfa fl-UE wara l-Lussemburgu. Malta tikklassifika fl-aħħar post fl-UE għas-subkomponenti tar-Regolament dwar is-Suq tal-Prodotti "piż amministrattiv u regolatorju" (għan-negozji) u "ostakli għall-kummerċ u l-investiment" ([3]). Il-kisba ta' liċenzji u t-trattament ta' kwistjonijiet ta' ħruġ ta' permessi huma ostakli partikolarment sinifikanti.

It-tul tal-proċedimenti ġudizzjarji għadu ogħla mill-medja tal-UE. It-tul tal-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi fl-ewwel istanza fl-2023 kien għadu twil (454 jum),

([1]) In-nefqa netta hija definita fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2024/1263 bħala nefqa tal-gvern netta minn (i) in-nefqa fuq l-imgħax, (ii) il-miżuri tad-dħul diskrezzjonali, (iii) in-nefqa fuq programmi tal-Unjoni ffinanzjati bis-sħiħ mid-dħul milll-fondi tal-Unjoni, (iv) in-nefqa nazzjonali fuq il-kofinanzjament ta' programmi ffinanzjati mill-Unjoni, (v) l-elementi ċikliċi tan-nefqa fuq il-benefiċċji tal-qgħad, u (vi) il-miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħra.

([2]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li għandha l-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv f'Malta (C/2025/5036) u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025 li tapprova l-pjan fiskali strutturali nazzjonali ta' terminu medju ta' Malta (ĠU C, C/2025/649, 10.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/649/oj).

([3]) OECD, L-indikaturi tal-PMR.

Kaxxa 1: **Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs, Sustainable Development Goals) tan-NU**

Malta għandha prestazzjoni tajba (SDG 8) jew qed titjieb (SDGs 4 u 9) fl-SDGs relatati mal-produttività. Madankollu, għad trid iżżid l-isforzi biex tnaqqas id-distakk mal-medja tal-UE dwar l-edukazzjoni ta' kwalità (SDG 4) u dwar l-industrija, l-innovazzjoni u l-infrastruttura (SDG 9).

Hemm riskju li n-nuqqasijiet ta' ħiliet f'Malta se jmorru għall-agħar minħabba l-eżiti tal-edukazzjoni li sejrin għall-agħar, għadd li għadu għoli ta' żgħażagħ li jitilqu kmieni mill-iskola u sehem baxx ħafna ta' persunal tar-R&Ż. Dan ikompli jxekkel it-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività. Mis-17-il indikatur, 9 SDGs għadhom taħt il-medja tal-UE. Minbarra l-SDGs 4 u 9 enfasizzati hawn fuq, l-SDGs affettwati huma relatati mas-sostenibbiltà ambjentali (SDGs 11, 12, 13 u 15) u l-ekwità (SDGs 2, 3, u 5) (ara l-Anness 15).

għalkemm naqas minn 491 jum fl-2022. Malta għandha diversi inizjattivi biex tindirizza l-ineffiċjenzi fis-sistema ġudizzjarja. Dawn jinkludu li jiġi mħajjar persunal addizzjonali u l-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali għall-ġustizzja diġitali. Filwaqt li dawn l-inizjattivi huma pożittivi, huwa importanti li jiġu implimentati b'pass tajjeb u b'mod sħiħ, minħabba l-fatt li l-proċedimenti għadhom idumu u l-impatt negattiv li jirriżulta fuq l-investiment tan-negozju u potenzjalment fuq is-settur bankarju. In-negozji jistgħu jiksbu aktar ċarezza legali permezz ta' għażliet alternattivi għas-soluzzjoni tat-tilwim barra mill-qorti, bħall-medjazzjoni u l-arbitraġġ.

It-triq 'il quddiem fit-tranżizzjoni ekoloġika

L-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli minn Malta għadu baxx, minkejja li l-kapaċità installata żdiedet b'4 % mill-2022 sal-2023. L-enerġija rinnovabbli kopriet 17 % tat-taħlita tal-elettriku ta' Malta fl-2024 (iċ-ċifra tal-UE għall-istess perjodu kienet ta' 47 %). Sal-lum, l-enerġija rinnovabbli tiġi prinċipalment mill-enerġija solari fis-sura fotovoltajka u bħala ħiters tal-ilma solari. Il-produzzjoni ta' Malta tista' potenzjalment tissaħħaħ permezz ta' enerġija mir-riħ u solari lil hinn mill-kosta, li żżomm f'wiċċ l-ilma, fuq skala kbira. Madankollu, is-sussidji għall-fjuwils fossili qed ifixklu l-prezzijiet. Dan jaġixxi bħala diżinċentiv għan-negozji u r-residenti biex jinvestu aktar fl-enerġija rinnovabbli, u jżomm lura l-effiċjenza enerġetika u d-dekarbonizzazzjoni.

Is-settur tat-trasport huwa l-akbar emittent tal-emissjonijiet tar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi f'Malta. Malta hija fost il-pajjiżi tal-UE bl-inqas proporzjon ta' karozzi u vannijiet b'magni li jużaw fjuwils alternattivi (madwar 3 % fi tmiem l-2023, meta mqabbla ma' 6,17 % fl-UE). Barra minn hekk, b'27 karozza rrapportati miżjuda mal-flotta tal-vetturi kuljum fl-2024, il-konġestjoni tat-traffiku għadha problematika. Dan għandu impatt fuq il-kwalità tat-trasport pubbliku, il-possibbiltajiet limitati għal modi alternattivi sikuri ta' trasport u impatt negattiv fuq il-kwalità tal-ħajja tal-popolazzjoni. Il-miżuri ta' politika mħabbra dan l-aħħar minn Malta mmirati lejn it-tħeġġiġ ta' bidla għal modi alternattivi ta' trasport mill-karozzi tal-passiġġieri huma fil-biċċa l-kbira bbażati fuq il-gwadanji aktar milli bbażati fuq id-deterrenza.

L-iżviluppi ekonomiċi u demografiċi rapidi jeżerċitaw pressjoni għolja ħafna fuq l-infrastruttura u r-riżorsi naturali ta' Malta. Malta tiġġenera ammont kbir ħafna ta' skart muniċipali u ħafna minnu jibqa' jintrema f'landfills. Il-ġenerazzjoni tal-iskart muniċipali kienet ta' 606 kg *per capita* fl-2023, fost l-ogħla fl-UE (medja tal-UE: 513 kg *per capita*). Fl-2023, ir-rata ta' riċiklaġġ għall-iskart muniċipali kienet biss ta' 17 %, ferm taħt il-medja tal-UE ta' 48,1 %. Ir-rati tal-landfills huma għoljin, b'taxxi u tariffi fuq ir-rimi tal-

iskart prattikament assenti. Żoni kbar ta' Malta jinsabu taħt stress idriku minħabba d-domandi mill-agrikoltura, it-turiżmu u l-enerġija. Il-kwalità tal-ilma f'Malta tjiebet biss marġinalment, u għad hemm tħassib għall-korpi tal-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art. Malta għadha vulnerabbli għal għargħar urban għal għarrieda, skarsezza tal-ilma u mewġiet ta' sħana, b'diskrepanza baxxa iżda li qed titjieb fir-rigward tal-protezzjoni tal-klima.

Inugwaljanzi fir-riżultati soċjali

L-indikaturi tal-faqar huma taħt il-medja tal-UE b'mod ġenerali iżda jibqgħu għoljin għal gruppi vulnerabbli speċifiċi. Il-lakuni fis-suq tax-xogħol jikkontribwixxu għall-vulnerabbiltà ta' xi gruppi. Id-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjiegi u fil-pensjonijiet għadhom fost l-usa' fl-UE, u dan iżid il-vulnerabbiltà tan-nisa Maltin. Bl-istess mod, id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b'diżabilità għadha kbira, b'mod partikolari fost in-nisa. Barra minn hekk, iċ-ċittadini mhux tal-UE spiss jiffaċċjaw kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli, li jirriżultaw f'tibdil sinifikanti ta' ħaddiema (ara l-Anness 10). Dan iwassal għal riskji ogħla ta' faqar għaċ-ċittadini mhux tal-UE, għall-adulti b'livell baxx ta' ħiliet, u għall-persuni li għandhom aktar minn 65 sena, b'mod partikolari għan-nisa u għall-persuni b'diżabilità. Dan jista' jnaqqas ir-ritmu tal-progress lejn il-mira ta' Malta għat-tnaqqis tal-faqar għall-2030, li hija li tnaqqas ir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali bi 3,1 pp. meta mqabbla mal-2019 (ara l-Anness 11). Barra minn hekk, l-impatt tal-benefiċċji soċjali monetarji fuq it-tnaqqis tal-faqar huwa relattivament baxx, filwaqt li l-inugwaljanza fl-introjtu hija ogħla mill-medja tal-UE u qed tiżdied. Minkejja li qed tittieħed azzjoni, l-akkomodazzjonijiet iffullati eċċessivament, l-aċċess u l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni huma ta' tħassib dejjem akbar, b'kostijiet li qed jiżdiedu li jaffettwaw lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx. Malta għandha waħda mill-iqsar perjodi ta' żmien ta' benefiċċji tal-qgħad fl-UE, bi kriterji stretti ta' eliġibbiltà. Il-benefiċċju għandu komponent ta' attivazzjoni, peress li jorbot l-aċċess għall-benefiċċji mat-tfittix attiv ta' impjieg u l-parteċipazzjoni fis-servizzi tal-impjiegi.

It-tassazzjoni u s-sostenibbiltà tal-isfidi tal-finanzi tal-gvern jeħtieġu attenzjoni

Id-dħul mit-taxxa ta' Malta għadu baxx u jiddependi ħafna fuq it-taxxi fuq l-introjtu korporattiv, u b'hekk il-pożizzjoni fiskali hija sensittiva għax-xokkijiet ekonomiċi. Fl-2023, id-dħul mit-taxxa mkejjel bħala perċentwal tal-PDG kien ta' 26,6 % tal-PDG (medja tal-UE: 39 %). Dan kien dovut prinċipalment għad-dipendenza baxxa ta' Malta fuq it-tassazzjoni fuq ix-xogħol. Is-sehem tat-taxxa korporattiva fid-dħul totali mit-taxxa (16 % fl-2021) għadu fost l-ogħla fl-UE. Malta ma għandhiex prestazzjoni daqshekk tajba fir-rigward tat-tassazzjoni fuq il-proprjetà u l-ambjent: ma hemm l-ebda taxxa rikorrenti fuq il-proprjetà filwaqt li r-rata effettiva tal-karbonju ([4]) hija aktar baxxa mill-medja tal-UE. Barra minn hekk, Malta qed tkompli tissielet ma' diskrepanza sinifikanti fil-konformità mal-VAT. Fl-2022, din id-diskrepanza kienet stmata li kienet ta' EUR 415-il miljun, jew 25,9 % tal-obbligazzjoni totali tat-taxxa tal-VAT, li taqbeż sew il-medja tal-UE ta' 7 %. L-indikaturi jissuġġerixxu sfidi fl-effiċjenza tal-ġbir tat-taxxa, li jwasslu lill-gvern biex jintroduċi miżuri biex itejjeb l-amministrazzjoni tat-taxxa (ara l-Anness 2). Barra minn hekk, is-sistema tat-taxxa korporattiva ta' Malta tista' tiġi sfruttata mill-kumpaniji għal finijiet ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa.

It-tkabbir futur previst fin-nefqa fuq is-saħħa, il-kura fit-tul u l-pensjonijiet jista' jpoġġi pressjoni fuq is-sostenibbiltà fiskali fit-tul u l-adegwatezza tas-sistema ta' protezzjoni soċjali ta' Malta. L-infiq tal-gvern relatat mal-età huwa

([4]) Ir-rata effettiva tal-karbonju hija s-somma tal-permessi tal-emissjonijiet negozjabbli, it-taxxi fuq il-karbonju u d-dazji tas-sisa fuq il-fjuwil, li kollha jirriżultaw fi prezz fuq l-emissjonijiet tal-gassijiet serra.

mistenni li jiżdied b'mod sinifikanti (ara l-Anness 1). Wara tnaqqis inizjali, l-infiq fuq il-pensjonijiet pubbliċi (attwalment madwar 6 % tal-PDG, fost l-aktar baxxi fl-UE) huwa mbassar li jiżdied. Sal-2070 dan huwa mistenni li jilħaq 10,5 % tal-PDG, waħda mill-ogħla żidiet ipprojettati fl-UE. Il-proporzjon tal-benefiċċji tal-pensjoni huwa mistenni li jibqa' taħt il-medja tal-UE (diskrepanza ta' madwar 4 pp.) fuq terminu twil. L-infiq tal-gvern fuq il-kura tas-saħħa, li fl-2024 kien relattivament baxx b'5,1 % tal-PDG, huwa pprojettat li jiżdied għal 7,2 % tal-PDG sal-2070, qrib il-projezzjonijiet għall-medja tal-UE (7,3 %), biex jappoġġja l-adegwatezza tas-sistema.

Filwaqt li Malta tirrapporta wieħed mill-aktar livelli baxxi ta' ħtiġijiet mhux issodisfati għall-kura medika fl-UE, hemm pagamenti għoljin ħafna mill-but(5) u diskrepanza sinifikanti bejn il-persuni li jgħixu taħt u 'l fuq mil-livell limitu tal-faqar (ara l-Anness 14). L-infiq tal-gvern fuq il-kura fit-tul huwa mistenni wkoll li jiżdied, minn 1,2 % tal-PDG fl-2024 għal 3,5 % sal-2070. Madankollu, il-kisbiet potenzjali fl-effiċjenza tal-kura fid-djar għadhom mhux utilizzati biżżejjed. Bħalissa, il-kura fid-djar tammonta għal 8 % biss tan-nefqa pubblika totali fuq il-kura fit-tul (meta mqabbla ma' 29 % fil-livell tal-UE). Fil-preżent, il-Kummissjoni ma identifikatx lil Malta bħala pajjiż tal-UE bi żbilanċi makroekonomiċi, u għalhekk mhijiex mistennija tgħaddi għal analiżi fil-fond.

Malta għamlet progress fl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha

Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta jammonta għal EUR 328 miljun f'għotjiet, li jikkorrispondu għal 1,6 % tal-PDG. Il-miżuri tal-pjan huma ffukati fuq diversi oqsma ewlenin, inklużi t-tranżizzjoni ekoloġika (l-iskart, l-enerġija, it-trasport), it-trasformazzjoni diġitali, is-saħħa, l-edukazzjoni, is-sostenibbiltà soċjo-ekonomika u t-tisħiħ tal-qafas istituzzjonali ta' Malta. Sa issa, ġew ivvalutati b'mod pożittiv żewġ talbiet għall-pagament, li jirrappreżentaw 39 % tal-istadji importanti u l-miri. Dan jikkorrispondi għal 50,7 % tal-għotjiet żborżati (inkluż il-prefinanzjament). Bħalissa qed tiġi vvalutata proposta għar-reviżjoni tal-pjan, kif ukoll it-talba għall-pagament għat-tielet pagament parzjali.

(5) "Pagament mill-but tal-unitajiet domestiċi" tfisser pagament dirett għal oġġetti u servizzi għall-kura tas-saħħa mill-introjtu jew it-tfaddil primarju tal-unitajiet domestiċi, meta jsir il-pagament mill-utent fil-mument tax-xiri ta' oġġetti jew l-użu tas-servizzi.

Kaxxa 2: **Ostakli għall-investiment privat u pubbliku.**

Is-sitwazzjoni tal-investiment privat u pubbliku ta' Malta turi ħtieġa ċara għal titjib. Jeħtieġ li jiġu indirizzati l-isfidi u l-ostakli eżistenti għall-investiment, u li jiġi promoss ambjent tan-negozju aktar favorevoli, biex jiġi appoġġjat it-tkabbir sostenibbli u inklużiv.

- **It-tul tal-proċedimenti ġudizzjarji** jżid l-inċertezza għall-investimenti kummerċjali f'Malta, u jfixkel l-iżvilupp ta' ambjent tan-negozju aktar dinamiku.
- **In-nuqqasijiet ta' ħiliet, b'mod partikolari f'servizzi b'intensità għolja ta' għarfien u f'attivitajiet turistiċi.** In-nuqqas ta' impjegati huwa ta' tħassib għan-negozji ż-żgħar, u n-nuqqas ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati huwa ostaklu kbir għall-investimenti fit-tul għan-negozji Maltin.
- **In-nuqqasijiet fl-infrastruttura lokali u l-konġestjoni** huma ta' piż kbir fuq l-attivitajiet tan-negozju u jitqiesu bħala ostakli għall-investiment.

L-investimenti pubbliċi ta' Malta huma kkaratterizzati minn livelli baxxi ta' investiment fir-riċerka u l-iżvilupp u appoġġ pubbliku insuffiċjenti għall-innovazzjoni tan-negozju, minkejja xi progress fl-introduzzjoni ta' skemi ta' riċerka u innovazzjoni biex jiġi stimulat l-investiment privat. Barra minn hekk, hemm diskrepanzi fil-ġestjoni tal-investiment pubbliku.

- **Il-qafas ta' governanza li għadu qed jevolvi** għad irid juri bis-sħiħ il-kapaċità tiegħu li jmexxi 'l quddiem l-aġenda tar-riċerka u l-innovazzjoni. Fl-2024 ġiet stabbilita aġenzija ġdida tal-gvern, *Xjenza Malta*. Madankollu, fil-futur se jkun importanti li jiġu vvalutati l-effetti ta' din ir-riforma fuq il-funzjonament tas-sistema Maltija tar-riċerka u l-innovazzjoni.
- **Il-ġestjoni tal-investiment pubbliku turi diskrepanzi** fl-ippjanar integrat fit-tul, il-proċeduri standardizzati għall-valutazzjoni u l-għażla tal-proġetti, u l-ibbaġitjar kapitali pluriennali.

Dwar l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, Malta qed tagħmel progress tajjeb u għandha tkompli tiżgura implimentazzjoni f'waqtha tar-riformi u l-investimenti li se jgħinu lill-pajjiż jirnexxi fit-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, kif ukoll fl-irkupru ekonomiku u soċjali mill-pandemija.

Jibqa' importanti li titħaffef l-implimentazzjoni tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni. Ir-rieżami ta' nofs it-terminu joffri opportunitajiet biex jitħaffef il-progress u jiġu indirizzati aħjar il-prijoritajiet strateġiċi tal-UE relatati mal-kompetittività, id-difiża, l-akkomodazzjoni, ir-reżiljenza tal-ilma u t-tranżizzjoni tal-enerġija.

Malta għadha ma ħaditx vantaġġ mill-opportunitajiet ipprovduti mill-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP) taħt il-Politika ta' Koeżjoni biex talloka mill-ġdid ir-riżorsi lejn din il-prijorità. Madankollu, xorta tista' tappoġġja l-iżvilupp jew il-manifattura ta' teknoloġiji kritiċi fl-oqsma tat-teknoloġija diġitali u profonda, it-teknoloġiji nodfa u effiċjenti fir-riżorsi, u l-bijoteknoloġiji.

L-INNOVAZZJONI, L-AMBJENT TAN-NEGOZJU U L-PRODUTTIVITÀ

Negħlbu n-nuqqas ta' investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni u n-nuqqasijiet ta' ħiliet biex nagħtu spinta lill-innovazzjoni u l-kompetittività

B'mod ġenerali Malta turi xejra tajba għat-tkabbir tal-produttività. Matul l-2020-2023, it-tkabbir tal-produttività ta' Malta kien fost l-ogħla madwar il-pajjiżi tal-UE. Fil-fatt, it-tkabbir annwalizzat matul dan il-perjodu kien ta' 3,2 % għall-produttività tax-xogħol u 3 % għall-produttività totali tal-fatturi. Fl-2023, il-produttività tax-xogħol kibret b'1,3 % u l-produttività totali tal-fatturi żdiedet bi 2,2 %. Il-produttività tax-xogħol f'Malta bħalissa hija madwar il-livell tal-medjan tal-UE u qed tkompli tikkonverġi lejn l-aggregat tal-EU-27. Madankollu, Malta għandha prestazzjoni baxxa fl-indikaturi relatati mal-innovazzjoni, il-kapital uman, u d-diffużjoni tat-teknoloġija (ara l-Annessi 3 u 12).

Malta qed tistinka biex tisfrutta l-potenzjal tal-innovazzjoni tagħha, minkejja sfidi persistenti. Malta żammet l-istatus tagħha ta' "innovatur moderat" fit-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea tal-2024, bi prestazzjoni ta' 88 % tal-medja tal-UE. F'Lulju 2024, Malta ġeddet il-governanza tar-riċerka u l-innovazzjoni tagħha, u stabbiliet *Xjenza Malta*, aġenzija tal-gvern responsabbli għall-attivitajiet kollha tar-riċerka u l-innovazzjoni, inklużi t-tfassil tal-politika, l-implimentazzjoni u l-programmi finanzjarji. Minbarra l-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti 2021-2027 tagħha, f'Marzu 2024 Malta adottat il-pjan strateġiku nazzjonali għar-riċerka u l-innovazzjoni 2023-2027. Il-pjan jiffoka fuq it-tisħiħ tal-kapaċità tal-innovazzjoni tal-pajjiż, it-trawwim tal-kollaborazzjoni internazzjonali, l-iżvilupp ta' talent b'ħiliet speċjalizzati, u l-allinjament tal-isforzi tar-riċerka u l-innovazzjoni mal-prijoritajiet ekonomiċi nazzjonali. Madankollu, Malta għadha qed tiffaċċja ostakli biex ittejjeb il-prestazzjoni tal-innovazzjoni tagħha.

L-indirizzar ta' investiment baxx ħafna fir-riċerka u l-innovazzjoni jibqa' kundizzjoni meħtieġa – għalkemm mhux suffiċjenti – biex tiġi stimulata l-innovazzjoni. L-intensità totali tar-R&Ż ta' Malta hija t-tieni l-aktar baxxa fl-UE (0,64 % tal-PDG fl-2023 meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 2,24 %) u ilha tonqos matul dawn l-aħħar 10 snin. Dan jikkonċerna kemm in-nefqa pubblika kif ukoll dik privata fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni. L-investiment pubbliku fir-R&Ż huwa inqas milli kien 10 snin ilu u ferm taħt il-medja tal-UE (0,27 % tal-PDG fl-2023; Medja tal-UE: 0,72 %). L-istampa hija simili għall-investiment privat fir-R&Ż. In-nuqqas ta' investiment għandu impatt fuq l-eċċellenza tas-sistema pubblika tar-riċerka u r-riżultati tal-innovazzjoni (pereżempju, l-attività tal-privattivi ta' Malta hija taħt il-medja tal-UE; ara l-Anness 3).

Il-kumpaniji innovattivi jsibuha diffiċli biex jiksbu finanzjament. F'Marzu 2024, il-gvern waqqaf il-Malta Venture Capital, li se tipprovdi investiment ta' ekwità f'kumpaniji start-up iffukati fuq teknoloġiji innovattivi. Minkejja dan, il-finanzjament tal-kapital ta' riskju għadu sottożviluppat f'Malta u ilu jonqos matul dawn l-aħħar 10 snin (0,004 % tal-PDG fl-2023, tnaqqis minn 0,028 % fl-2014 u ferm taħt il-medja tal-UE ta' 0,078 %; ara l-Anness 3). Il-finanzjament huwa fil-biċċa l-kbira kkonċentrat fil-fażi tal-bidu, filwaqt li l-istadji ta' espansjoni mhumiex iffinanzjati biżżejjed (ara l-Anness 5). Il-banek tradizzjonali ġeneralment joqogħdu lura milli jappoġġjaw proġetti minn kumpaniji start-up u scale-up, li spiss jitqiesu bħala ta' riskju għoli u ma

jkollhomx kollateral. Sa ċertu punt, il-finanzjament pubbliku jieħu passi – pereżempju, il-Malta Development Bank joffri skemi ta' finanzjament lil kumpaniji, primarjament intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Madankollu, l-atturi pubbliċi ma jistgħux jikkumpensaw biżżejjed għan-nuqqas ta' finanzjament privat.

In-nuqqas ta' riżorsi umani b'ħiliet speċjalizzati huwa sfida ewlenija għat-trawwim tal-innovazzjoni u l-kompetittività. In-nuqqas ta' impjegati huwa ġeneralment irrapportat bħala l-akbar tħassib min-negozji, b'mod partikolari dawk żgħar u ta' daqs medju (ara l-Annessi 4 u 10). B'forza tax-xogħol relattivament żgħira, Malta tesperjenza diffikultajiet fit-trawwim tat-talent f'oqsma ta' ħiliet għolja. Is-sehem ta' studenti terzjarji rreġistrati fis-suġġetti tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM) huwa wieħed mill-aktar baxxi fl-UE (ara l-Anness 12). Bl-istess mod, l-għadd ta' gradwati ġodda fix-xjenza u fl-inġinerija huwa kritikament baxx – tliet darbiet inqas mill-medja tal-UE. Barra minn hekk, is-sehem ta' gradwati tad-dottorat fil-qasam STEM għadu baxx ħafna, b'0,2 biss għal kull elf popolazzjoni ta' bejn il-25 u l-34 sena fl-2022, meta mqabbel ma' 0,7 għall-UE kollha kemm hi. Dan jissarraf f'għadd baxx ta' riċerkaturi impjegati kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat. Malta għandha tqis li tespandi l-inizjattivi (eż. boroż ta' studju): (i) li żżid l-għadd ta' gradwati fix-xjenza u fl-inġinerija u ta' dawk li jkollhom PhD; u (ii) li trawwem il-mobbiltà pubblika-privata u l-kooperazzjoni fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni.

L-ambjent tan-negozju huwa affettwat minn kumplessità regolatorja u proċedimenti tal-qorti twal

Il-piż amministrattiv u regolatorju fuq in-negozji Maltin għadu sostanzjali. Filwaqt li l-indikatur tar-Regolament dwar is-Suq tal-Prodotti fl-ekonomija kollha tal-OECD tjieb għal Malta bejn l-2018 u l-2024, il-pajjiż għandu t-tieni l-aktar prestazzjoni dgħajfa fl-UE ([6]). Għas-subkomponenti tar-Regolament dwar is-Suq tal-Prodotti "rekwiżiti amministrattivi għan-negozji" u "ostakli għall-kummerċ u l-investiment" Malta tikklassifika l-aktar baxxa. B'mod partikolari, il-kisba ta' liċenzji u t-trattament ta' kwistjonijiet ta' ħruġ ta' permessi huma ostaklu sinifikanti għan-negozji (ara l-Anness 4).

It-tul tal-proċedimenti tal-qorti għandu impatt fuq l-ambjent tan-negozju ta' Malta. Ir-rapporti tal-pajjiżi tas-Semestru Ewropew tal-2023 u l-2024 u r-rapporti dwar l-istat tad-dritt għal Malta jenfasizzaw il-ħtieġa li jitnaqqas aktar it-tul tal-proċedimenti ġudizzjarji, li għadhom ogħla mill-medja tal-UE. Għal 454 jum, it-tul medju tal-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi fl-ewwel istanza fl-2023 kienet għolja b'mod sinifikanti, għalkemm naqset minn 491 jum fl-2022. In-negozji jikkwotaw it-tul tal-proċedimenti tal-qorti bħala sfida ewlenija meta jagħmlu negozju f'Malta (ara l-Anness 6). Malta għandha diversi inizjattivi għaddejjin biex tindirizza l-ineffiċjenzi fis-sistema ġudizzjarja. Dawn jinkludu l-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali għall-ġustizzja diġitali għall-2022-2027 (parzjalment iffinanzjata mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza), u r-reklutaġġ ta' membri addizzjonali tal-ġudikatura u persunal ta' appoġġ (ara l-Anness 6).

([6]) L-indikatur tar-Regolament dwar is-Suq tal-Prodotti ta' Malta huwa ta' 1,81, meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 1,24 (valur ogħla jfisser regolamenti aktar restrittivi).

Graff 2.1:**Iż-żmien stmat meħtieġ biex jiġu solvuti kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi fl-ewwel istanza fil-pajjiżi tal-UE fl-2013 u l-2022**

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE

Madankollu, il-kisba ta' persunal legali b'ħiliet speċjalizzati suffiċjenti għadha sfida sinifikanti. Minkejja l-isforzi ta' reklutaġġ, inkluż taħt il-pjan ta' reżiljenza u rkupru, is-sistema legali ta' Malta ssibha diffiċli li żżomm persunal kwalifikat u speċjalizzat fil-livelli kollha. Malta għandha wkoll għadd baxx ta' mħallfin *per capita* – it-tielet l-aktar baxx fl-UE (ara l-Anness 6). Kwalunkwe żieda fil-persunal trid tkun akkumpanjata minn żieda fl-ispazju disponibbli, kemm f'termini ta' awli tal-qorti kif ukoll ta' spazju għall-uffiċċji**.** Għaddejja ħidma biex tinfetaħ qorti kummerċjali ġdida u qorti tal-familja, li se tgħin biex jittaffew il-kwistjonijiet ta' kapaċità u toffri proċeduri msaħħa u mħallfin speċjalizzati.

Is-sistema legali ta' Malta tista' tibbenefika mill-modernizzazzjoni ta' ċerti prattiki tax-xogħol u tipprovdi mezzi għal soluzzjoni alternattiva tat-tilwim. L-ottimizzazzjoni tas-soluzzjoni alternattiva tat-tilwim, bħall-medjazzjoni u l-arbitraġġ, tipprovdi aktar ċarezza legali lill-komunità tan-negozju u ttaffi l-piż fuq il-ġudikatura. Malta tista' tibbenefika wkoll mit-twaqqif ta' qafas strutturat għall-konsultazzjonijiet pubbliċi fil-proċess leġiżlattiv. Dan ikopri l-partijiet ikkonċernati kollha, inklużi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u jipprovdi l-kontrolli u l-bilanċi meħtieġa fis-sistema.

Ir-riskji ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa għadhom preżenti

Xi karatteristiċi tas-sistema tat-taxxa korporattiva ta' Malta jgħinu biex jattiraw l-investiment, iżda jippreżentaw ukoll riskji ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa. Ċerti indikaturi, bħal-livell persistentement għoli ta' investiment dirett barrani meta mqabbel mad-daqs tal-ekonomija Maltija (ara l-Anness 2), jissuġġerixxu li l-kumpaniji qed jisfruttaw il-lakuni fis-sistema tat-taxxa ta' Malta biex jimminimizzaw jew jevitaw l-obbligazzjoni tat-taxxa.

Malta qed tieħu passi importanti biex trażżan il-prattiki ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa. Minbarra l-implimentazzjoni ta' inizjattivi internazzjonali u Ewropej miftiehma, Malta qed tindirizza wkoll l-isfida fil-pjan tagħha ta' reżiljenza u rkupru. Ir-riformi jinkludu leġiżlazzjoni ġdida li tistabbilixxi regoli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment (effettiva minn Jannar 2024). Malta hija impenjata wkoll li tintroduċi leġiżlazzjoni ġdida biex tindirizza r-riskji ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa li jirriżultaw minn pagamenti deħlin u ħerġin. Madankollu, sakemm Malta tippromulga u tinforza l-leġiżlazzjoni l-ġdida li timponi taxxi minn ras l-għajn (jew miżuri difensivi ekwivalenti) fuq pagamenti lil ġuriżdizzjonijiet b'taxxa baxxa jew b'taxxa żero, hemm riskju li dawn il-pagamenti jħallu l-UE mingħajr ma jiġu ntaxxati. Barra minn hekk, it-trattament Malti ta' kumpaniji residenti mhux domiċiljati jkompli jipprovdi lill-kumpaniji multinazzjonali

b'opportunitajiet għal nontassazzjoni doppja[7]. L-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-UE dwar it-Taxxa Minima, mistennija sa tmiem l-2029, se ssolvi din il-kwistjoni parzjalment biss, peress li se tapplika biss għal korporazzjonijiet multinazzjonali kbar (ara l-Anness 2).

(7) "Kumpanija residenti mhux domiċiljata" tirreferi għal kumpanija inkorporata f'pajjiż partikolari iżda amministrata b'mod effettiv f'Malta. Minħabba li d-ditta tkun inkorporata barra mill-pajjiż, Malta tintaxxa biss il-profitti realizzati jew mibgħuta lejn Malta, filwaqt li l-profitti barranin li mhumiex mibgħuta lejn Malta mhumiex soġġetti għat-taxxa f'Malta. Dan iwassal għal sitwazzjoni ta' nontassazzjoni doppja.

ID-DEKARBONIZZAZZJONI, L-AFFORDABBILTÀ TAL-ENERĠIJA U S-SOSTENIBBILTÀ

L-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji għall-fjuwils fossili u t-tisħiħ tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi

Malta għandha livell sinifikanti ta' sussidji għall-fjuwils fossili rilevanti b'mod makroekonomiku mingħajr l-eliminazzjoni gradwali ppjanata qabel l-2030. Dawn ammontaw għal 1,6 % tal-PDG ta' Malta fl-2023, ogħla mill-medja ponderata tal-UE ta' 0,49 %. It-tnaqqis u l-eliminazzjoni gradwali ta' dawn is-sussidji huma konformi mal-impenji tal-UE u jistgħu jikkontribwixxu biex il-gvern jingħata aktar flessibbiltà għall-għażliet ta' nfiq tiegħu. Il-piż fiskali li jirriżulta minn tali sussidji jista' jiġi dirett mill-ġdid lejn inċentivi għal investimenti ekoloġiċi biex jiġi promoss l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u miżuri ta' effiċjenza enerġetika, filwaqt li jiġi żgurat li l-unitajiet domestiċi vulnerabbli jkunu għadhom appoġġjati. Is-sussidji għall-fjuwils fossili li ma jindirizzawx il-faqar enerġetiku b'mod immirat, ma jirrispondux għal tħassib ġenwin dwar is-sigurtà tal-enerġija, ifixklu l-elettrifikazzjoni u mhumiex kruċjali għall-kompetittività industrijali jistgħu jitqiesu għall-eliminazzjoni gradwali ta' prijorità. Dawn jinkludu l-appoġġ ta' emerġenza kontinwu għall-fornitur tal-enerġija *Enemalta*, is-sussidji lill-produtturi taż-żejt, u tnaqqis fid-dazji tas-sisa fuq il-petrol u d-diżil (ara wkoll l-Anness 8).

L-adozzjoni ta' Malta ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli tibqa' waħda mill-aktar baxxi fl-UE. Fl-2023, is-sehem tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fl-enerġija finali grossa kkunsmata f'Malta kien biss ta' 15 % (meta mqabbel ma' 25 % fl-UE) ([8]). Min-naħa tiegħu, is-sehem tar-RES fit-taħlita tal-elettriku kien biss ta' 17 % fl-2024 (ferm inqas mis-sehem tal-UE ta' 47 %) (ara l-Graff 3.1 u l-Anness 8). L-enerġija solari, primarjament minn pannelli fotovoltajċi, tiddomina x-xenarju tal-enerġija rinnovabbli tal-pajjiż, u tammonta għal kważi l-kapaċità kollha ta' enerġija rinnovabbli ta' Malta ta' 237 MW fl-2024 (ara l-Graff 3.1 u l-Anness 8). Malta għandha potenzjal sinifikanti li tespandi t-taħlita tal-enerġija rinnovabbli tagħha permezz ta' proġetti eoliċi ([9]) u solari lil hinn mill-kosta, li jżommu f'wiċċ l-ilma, fuq skala kbira. Fl-2024, il-gvern nieda politika nazzjonali għall-użu tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta ([10]). Dan kien akkumpanjat minn konsultazzjoni preliminari tas-suq biex jiġu vvalutati l-interess tas-suq u t-tħejjija teknoloġika tal-enerġija solari li żżomm f'wiċċ l-ilma b'kapaċità ta' ġenerazzjoni stmata ta' 50 MW, flimkien ma' kwestjonarju preliminari ta' kwalifika għal park eoliku li jżomm f'wiċċ l-ilma ta' 300 MW u li jimmira għal kapaċità totali (solari u eolika, lil hinn mill-kosta) ta' 350 MW sal-2050 ([11]). Skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha, Malta se tirriforma wkoll il-proċeduri għall-ħruġ ta' permessi biex taċċellera l-użu tal-enerġija rinnovabbli u tawtorizza installazzjonijiet tal-enerġija solari fuq ċertu bini ġdid.

([8]) Renewable energy statistics - Statistics Explained.

([9]) The net-zero manufacturing industry landscape across the Member States. Annex 2, Country fiches - L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE.

([10]) https://energywateragency.gov.mt/national-policy-for-the-deployment-of-offshore-renewable-energy-launched-at-the-national-energy-conference/.

([11]https://www.etenders.gov.mt/epps/pmc/viewPmc.do?resourceId=10825857

Graff 3.1:**Il-kapaċità rinnovabbli installata ta' Malta (xellug) u t-taħlita tal-ġenerazzjoni tal-elettriku (lemin)**



Sors: L-IRENA, l-Ember

Sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista u l-użu ulterjuri tal-enerġija rinnovabbli, huwa meħtieġ aktar investiment fil-kapaċità tal-grilja. F'termini ta' proġetti ġodda, il-fondi ta' koeżjoni jappoġġjaw l-iżvilupp tat-tieni konnessjoni tal-elettriku taħt il-baħar ta' 225 MW mal-Italja (Sqallija). Dan se jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista fit-tul u jippermetti l-integrazzjoni ta' proporzjon ogħla ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'Malta (ara l-Anness 8). Malta qed tippjana wkoll interkonnettur tal-gass ġdid lest għall-idroġenu mal-Italja, li se jittrażmetti l-idroġenu pur mid-data tal-ikkummissjonar tiegħu ([12]). Barra minn hekk, bl-użu tal-fondi tal-UE, Malta qed tinvesti fin-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku tagħha, permezz ta' investimenti fis-servizzi tal-grilja u tad-distribuzzjoni, kif ukoll fil-ħżin tal-batteriji. Il-promozzjoni ulterjuri tal-investimenti meħtieġa biex issaħħaħ l-infrastruttura tal-grilja u l-flessibbiltà tal-grilja tagħha se tippermetti lil Malta tistabbilizza l-kapaċità tal-grilja tagħha, tipprovdi spazju għal aktar sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u żżid is-sigurtà tal-provvista (b'mod partikolari meta d-domanda għall-elettriku tilħaq l-ogħla livelli fis-sajf).

Filwaqt li l-azzjonijiet huma fis-seħħ, hemm il-ħtieġa ta' aktar kisbiet fl-effiċjenza enerġetika. Fl-2023, il-konsum tal-enerġija primarja żdied bi 3,0 % u l-konsum tal-enerġija finali żdied bi 3,2 % (ara l-Anness 8). Malta tappoġġja l-effiċjenza enerġetika permezz ta' strumenti finanzjarji f'setturi differenti. Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi fis-settur tal-bini, peress li l-konsum finali tal-enerġija fil-bini residenzjali żdied bi 13,5 % bejn l-2018 u l-2022 u ma ġie osservat l-ebda tnaqqis dejjiemi fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra fis-setturi tal-unitajiet domestiċi u tas-servizzi (ara l-Anness 8). Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta jappoġġja r-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika tal-bini kummerċjali u pubbliku (inklużi l-iskejjel u l-faċilitajiet tal-isptarijiet).

L-indirizzar tal-konġestjoni tat-traffiku biex jittejbu l-kwalità tal-ħajja u l-kompetittività

Minkejja żieda fl-utenti tat-trasport pubbliku([13]), kuljum żdiedu 39 karozza tal-passiġġieri fit-toroq ta' Malta bħala medja matul il-perjodu ta' sentejn wara l-estensjoni tat-trasport pubbliku bit-triq mingħajr ħlas għar-residenti Maltin kollha([14]). Dan ikkontribwixxa għal żieda ta' 4 % fil-karozzi tal-passiġġieri liċenzjati matul l-istess perjodu, li wassal biex il-flotta tal-karozzi tal-passiġġieri titla' għal 329 286 sat-30 ta' Settembru 2024([15]) (ara l-Graff 3.2). Minbarra ż-żieda fit-tniġġis akustiku u tal-arja, l-għadd kbir ta' karozzi fit-toroq ta' Malta għandu impatt fuq il-kwalità tal-ħajja tal-popolazzjoni, u jħalli inqas spazju għal spazji miftuħa u jillimita l-indipendenza ta' gruppi aktar vulnerabbli bħat-tfal, l-anzjani, u l-persuni b'diżabilità. Il-konġestjoni għandha wkoll impatt fuq il-kompetittività tal-pajjiż. Għan-negozji, il-konġestjoni severa tat-traffiku

([12]) Il-Melita Pipeline huwa proġett tal-gass fil-lista ta' proġetti tal-2023 ta' interess komuni skont l-Artikolu 24(1) u (2) tar-Regolament TEN-E (UE).

([13]) NSO Malta | Statistika tat-Trasport – l-edizzjoni tal-2023 - NSO Malta, li tindika żieda ta' 40 % ta' dawk li użaw it-trasport pubbliku bit-triq bejn l-2021 u l-2022, li tirrifletti l-estensjoni tat-trasport skedat mingħajr ħlas lid-detenturi kollha tal-kard Tallinja (xarabank) mill-1 ta' Ottubru 2022.

([14]) Total ta' 28 576 karozza tal-passiġġieri ngħataw liċenzja ġdida matul il-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2022 sat-30 ta' Settembru 2024. (Tabella 2).

([15]) NSO Malta | Vetturi bil-Mutur: K4/2024 - NSO Malta (tabella 1).

għandha impatt negattiv dirett minħabba l-ħin mitluf u t-tnaqqis fil-produttività ([16]). Fi stħarriġ tal-2024 dwar l-attraenza ta' Malta għall-investituri barranin, it-trasport u l-loġistika jidhru bħala l-parametri l-inqas attraenti għall-investiment dirett barrani fil-pajjiż ([17]).

Graff 3.2:**Karozzi tal-passiġġieri f'Malta – vetturi liċenzjati ġodda u flotta totali**



Sors: l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika Malta

Il-politiki fis-seħħ biex jindirizzaw il-konġestjoni tat-traffiku kienu fil-biċċa l-kbira bbażati fuq inċentivi u fil-biċċa l-kbira ineffettivi. Il-proposti l-ġodda biex tiġi indirizzata l-konġestjoni tat-traffiku, bħala parti mill-pjan ta' azzjoni ([18]) "Reshaping Our Mobility", għadhom jiffavorixxu l-gwadanji fuq is-sanzjonijiet, bl-azzjonijiet potenzjali jinkludu injezzjonijiet ta' flus biex wieħed iċedi l-liċenzja tas-sewqan tal-karozza tiegħu jew biex wieħed jagħżel li jeskludi ruħu mil-liċenzja ta' vettura bil-mutur jew iċediha bi skambju għas-sewqan ta' scooter żgħir. Barra minn hekk, il-proposta biex jiżdied l-għadd ta' spazji għall-parkeġġ se tkompli tħeġġeġ l-użu tal-karozzi, u dan iwassal għal żieda fil-konġestjoni. Miżuri biex tiġi indirizzata l-konġestjoni billi jiġi diżinċentivat l-użu ta' karozzi privati permezz ta', pereżempju r-reviżjoni tal-ipprezzar tat-trasport jew skemi ta' restrizzjoni tal-aċċess mhumiex previsti. Filwaqt li l-gvern investa ħafna f'dawn l-aħħar snin fl-infrastruttura tat-toroq, l-investimenti mmirati lejn it-titjib tat-trasport pubbliku bit-triq u modi alternattivi ta' trasport jidhru li huma sistematikament nieqsa. Il-projbizzjoni fuq il-kirjiet tal-iscooters elettriċi minn Marzu 2024 naqqset ukoll l-għażliet alternattivi ta' mobbiltà, għalkemm miżura proposta reċentement li tipprevedi d-disponibbiltà ta' spazji ta' parkeġġ deżinjati għall-iscooters hija milqugħa tajjeb. It-teħid ta' miżuri biex jitnaqqas l-għadd ta' karozzi fit-toroq u l-implimentazzjoni ta' korsiji apposta għall-karozzi tal-linja jtejbu l-kwalità tat-trasport pubbliku. Fl-istess ħin, bankini u limitazzjonijiet imtejba fuq l-użu tal-karozzi f'żoni b'konċentrazzjoni ogħla ta' persuni bil-mixi jiżguraw is-sikurezza tan-nies u kwalità tal-ħajja mtejba. Il-fondi ta' koeżjoni jappoġġjaw il-mobbiltà urbana multimodali sostenibbli, inklużi l-investimenti fil-bankini u fil-korsiji għaċ-ċikliżmu, għalkemm hija meħtieġa bidla aktar sistemika.

Is-settur tat-trasport għadu l-akbar sors ta' tniġġis f'Malta, b'azzjoni rapida meħtieġa għad-dekarbonizzazzjoni tiegħu. Filwaqt li Malta kisbet tnaqqis nett totali fl-emissjonijiet ta' 24 % bejn l-2005 u l-2022([19]), l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport bit-triq żdiedu bi 32 % matul l-istess perjodu, meta mqabbla ma' tnaqqis ta' 5 % fl-UE (ara l-Anness 7). F'Malta, it-trasport jirrappreżenta 32 % tal-emissjonijiet kollha tal-gassijiet serra, u b'hekk huwa t-tieni l-akbar sors ta' tniġġis wara l-industrija tal-enerġija([20]). Huma meħtieġa sforzi għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport peress li Malta għadha fost il-pajjiżi tal-UE bl-inqas proporzjon ta' karozzi u vannijiet b'magni li jużaw fjuwils alternattivi (madwar 3 % fi tmiem l-2023, meta mqabbla ma' 6,17 % fl-UE) ([21]). Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta jappoġġja l-adozzjoni ta' vetturi elettriċi

([16]) Final-Draghi-Report-for-MCESD-18122024-FINAL.pdf

([17]) ey-malta-attractiveness-report-2024.pdf

([18]) Reshaping our Mobility > en/home.

([19]) EEA greenhouse gases — data viewer | Il-paġna ewlenija tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

([20]) EEA greenhouse gases — data viewer | Il-paġna ewlenija tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

([21]) Unjoni Ewropea (EU27) | European Alternative Fuels Observatory.

fis-settur privat, għalkemm huma meħtieġa wkoll punti tal-iċċarġjar elettriku suffiċjenti. Il-fondi ta' koeżjoni se jappoġġjaw l-installazzjoni parzjali ta' 1 080 punt tal-irriċarġjar sal-2029.

It-titjib tal-immaniġġjar u r-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali

Il-ġenerazzjoni tal-iskart muniċipali kienet ta' 606 kg *per capita* fl-2023, ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 513 kg *per capita*. Malta rreġistrat rati baxxi ta' tħejjija tal-iskart muniċipali għar-riċiklaġġ f'dawn l-aħħar snin (17,1 % fl-2023; medja stmata tal-UE: 48 %). Il-biċċa l-kbira tal-iskart jintrema fil-landfills: 73,7 % fl-2023, ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 22,5 %. Barra minn hekk, il-ġenerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ ta' Malta żdiedet bejn l-2010 u l-2022 (ara l-Anness 7). Dan ipoġġi lil Malta fit-triq biex titlef: (i) il-mira tal-2025, li 55 % tal-iskart solidu muniċipali tagħha jitħejja għall-użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ; u (ii) il-mira tal-2025 ta' riċiklaġġ ta' 65 % tal-iskart mill-imballaġġ tagħha. Il-pjan ta' ġestjoni tal-iskart 2021-2030 jistabbilixxi l-qafas u l-miżuri meħtieġa biex tiġi sostnuta żieda fir-rati tar-riċiklaġġ tal-iskart u t-tħejjija tal-iskart għall-użu mill-ġdid ([22]). Ġew ippromulgati diversi riformi li jidhru fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta. Dawn jinkludu: ir-riorganizzazzjoni reġjonali tal-ġbir tal-iskart, id-dħul fis-seħħ ta' regoli ġodda dwar il-ġestjoni tal-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni u l-istabbiliment ta' regolatur tal-bini.

Ir-riskji klimatiċi huma amplifikati għal stat gżira żgħir

Ir-riskji klimatiċi jaffettwaw direttament lis-soċjetà Maltija u lill-ekonomija tal-pajjiż. Malta hija dejjem aktar esposta għal mewġiet ta' sħana, nixfiet, għargħar u nirien fis-selvaġġ. Dawn l-avvenimenti mhux biss jheddu l-ħajjiet tal-bnedmin, b'84 mewta relatata mas-sħana rreġistrata għal kull 100 000 abitant bejn l-2018 u l-2022 (ara l-Anness 9), iżda jaggravaw ukoll l-inugwaljanzi minħabba l-effett asimmetriku fuq gruppi u reġjuni soċjo-ekonomiċi differenti. Il-kostijiet ekonomiċi ta' avvenimenti estremi tat-temp u relatati mal-klima f'Malta huma stmati li huma ta' EUR 51 miljun għall-perjodu mill-1980 sal-2023 (ara l-Anness 9). Fl-istrateġija nazzjonali ta' adattament tagħha, Malta identifikat diversi setturi kritiċi li jeħtieġu miżuri ta' adattament. Dawn is-setturi jinkludu l-ġestjoni tal-ilma, l-infrastruttura u t-trasport, l-użu tal-art u l-bini, l-agrikoltura u s-sajd. Biex tkompli tintegra r-reżiljenza għall-klima f'setturi kritiċi, Malta kkonkludiet valutazzjoni tar-riskju tal-vulnerabbiltà u issa qed tiżviluppa Pjan ta' Adattament. Filwaqt li l-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta jappoġġja r-rinnovazzjoni tal-bini f'konformità mar-rekwiżiti ta' adattament għat-tibdil fil-klima, huwa meħtieġ sforz addizzjonali biex jittejbu aktar l-oqfsa, il-politiki, l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' adattament tiegħu.

Żoni kbar ta' Malta jinsabu taħt stress idriku u l-kwalità tal-ilma tjiebet biss marġinalment. L-istress idriku huwa xprunat mid-domandi mill-agrikoltura, it-turiżmu u l-enerġija u huwa aggravat mill-pożizzjoni ġeografika tal-pajjiż u d-densità għolja tal-popolazzjoni. Il-produttività Maltija tal-ilma, li tkejjel l-estrazzjoni tal-ilma minn sorsi naturali, hija ogħla milli f'pajjiżi oħra tal-UE (ara l-Anness 9). Barra minn hekk, il-valur annwali rrapportat tal-Indiċi tal-Konsum tal-Ilma (WEI+) żdied għal 34 % fl-2022 minn 26 % fl-2021 (ara l-Anness 9). Dan jindika li Malta qed tuża żżejjed ir-riżorsi tal-ilma ħelu tagħha. B'WEI+ staġjonali ogħla minn 60 %, il-problema hija partikolarment inkwetanti fil-ħin tas-sajf meta l-konsum totali jaqbeż ir-riżorsi rinnovabbli tal-ilma ħelu ta' Malta. L-ilma tal-wiċċ jiffaċċja kwistjonijiet ta' tniġġis kimiku u nutrittiv, filwaqt li t-tħassib dwar l-ilma ta' taħt l-art huwa relatat mat-tniġġis kimiku, l-intrużjoni salina u l-astrazzjoni żejda. Hija meħtieġa ġestjoni tajba tal-ilma u integrazzjoni aħjar tal-objettivi tal-ilma ma' politiki settorjali oħra, inklużi l-agrikoltura u l-enerġija.

([22]) Unjoni Ewropea (EU27) | European Alternative Fuels Observatory.

Id-degradazzjoni tan-natura thedded il-bijodiversità u l-kompetittività. Malta hija l-pajjiż tal-UE bl-ogħla dipendenza fuq is-servizzi tal-ekosistema, b'100 % tal-valur miżjud gross ta' setturi bħall-agrikoltura, is-sajd u l-kostruzzjoni li jiddependu direttament fuq is-servizzi tal-ekosistema (ara l-Anness 9). Flimkien mal-ħtieġa li jiġu protetti n-natura, il-ħabitats u l-ispeċijiet, din id-dipendenza tissottolinja l-importanza tas-servizzi tal-ekosistema għall-ekonomija Maltija, filwaqt li ssaħħaħ il-ħtieġa li dawn jiġu ppreservati. Madankollu, il-kostruzzjoni eċċessiva tkompli tpoġġi aktar pressjoni fuq il-kwalità tal-ħamrija u d-degradazzjoni tan-natura u tal-ekosistemi.

IL-ĦILIET, L-IMPJIEGI TA’ KWALITÀ U L-EKWITÀ SOĊJALI

It-tisħiħ tal-inklużjoni fis-suq tax-xogħol ta’ gruppi żvantaġġati

Għalkemm b’mod ġenerali r-rati ta’ impjieg tal-irġiel u tan-nisa huma għoljin, għad hemm lok għal titjib biex titnaqqas id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi. Malta għandha waħda mill-ogħla rati ta’ impjieg fl-UE (83 %, meta mqabbla ma’ 75,8 % fl-UE; 2024) (ara t-Tabella ta’ Valutazzjoni Soċjali fl-Anness 13). Madankollu, il-benefiċċji tat-tkabbir fl-impjiegi mhumiex kondiviżi mill-gruppi kollha tal-popolazzjoni. Minkejja li sar titjib, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi għadha fost l-akbar fl-UE (13,4 pp. meta mqabbla ma’10 pp. għall-UE; 2024; ara l-Anness 10) u n-nisa mhumiex rappreżentati biżżejjed f’xi setturi ekonomiċi ewlenin. Xi gruppi huma aktar vulnerabbli, inklużi nisa migranti, nisa b’livell baxx ta’ ħiliet, u ħaddiema nisa akbar fl-età. Id-differenza bejn il-ġeneri għandha t-tendenza li titwessa’ mal-età, u tikkontribwixxi għal diskrepanza sinifikanti fil-pensjonijiet. Minkejja l-progress fir-rati ta’ reġistrazzjoni u ż-żieda fiċ-ċentri għall-indukrar tat-tfal, id-diskrepanzi fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC, early childhood education and care) ikomplu jagħmluha aktar diffiċli għall-persuni li jindukraw, ħafna drabi nisa, biex jidħlu fis-suq tax-xogħol. Filwaqt li r-reġistrazzjoni tal-iżgħar tfal hija ogħla mill-medja tal-UE, il-parteċipazzjoni fost it-tfal ta’ 3 snin sal-bidu tal-edukazzjoni obbligatorja għadha kemxejn aktar baxxa mill-medja tal-UE (93,2 % meta mqabbla 94,6 % fl-UE; 2023). It-tfal f’riskju ta’ faqar jew esklużjoni soċjali huma inqas probabbli li jiġu rreġistrati, u dan ikompli japprofondixxi l-inugwaljanzi. L-espansjoni tal-aċċess għall-ECEC tista’ tgħin aktar nisa jidħlu u jibqgħu fil-forza tax-xogħol, filwaqt li jtejbu l-opportunitajiet indaqs għat-tfal kollha irrispettivament mill-isfond soċjo-ekonomiku tagħhom.

Id-differenza fl-impjiegi għall-persuni b’diżabilità għadha kbira wkoll, minkejja tnaqqis reċenti. Il-persuni b’diżabilità spiss jiltaqgħu ma’ aċċess limitat għall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjieg (ara l-Annessi 10 u 12). Id-differenza hija partikolarment sinifikanti għan-nisa b’24,4 pp. (meta mqabbla ma’ 20,4 pp. għall-UE) mqabbla ma’ 22,0 pp. għall-irġiel. L-inizjattivi ta’ politika appoġġjati minn finanzjament mill-UE bħall-Fond Soċjali Ewropew Plus, għandhom l-għan li jimpjegaw aktar persuni b’diżabilità fis-suq tax-xogħol iżda jidhru li mhumiex suffiċjenti biex jindirizzaw l-isfidi. It-tisħiħ ta’ politiki attivi mmirati tas-suq tax-xogħol, inkluż it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid u l-akkomodazzjoni raġonevoli fuq il-post tax-xogħol, jistgħu jgħinu lil aktar persuni b’diżabilità jidħlu fis-suq tax-xogħol.

Persuni minn pajjiżi mhux tal-UE spiss jesperjenzaw kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, li jaffettwaw l-inklużjoni soċjali, filwaqt li r-riskji għas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol jibqgħu sfida usa’. Iċ-ċittadini mhux tal-UE spiss ikollhom impjiegi b’paga baxxa u instabbli, u spiss ma jkollhomx protezzjoni tas-sikurezza u opportunitajiet ta’ avvanz. Din il-vulnerabbiltà hija aggravata mid-dipendenza tagħhom fuq l-impjegaturi u l-esklużjoni min-negozjar kollettiv. Malta qed tiffaċċja sfidi sinifikanti għas-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, speċjalment għaċ-ċittadini mhux tal-UE, li f’setturi perikolużi huma rrappreżentati żżejjed u jiffaċċjaw standards dgħajfa tas-sikurezza u tas-saħħa okkupazzjonali.

Malta tesperjenza wkoll rati għoljin ta’ postijiet tax-xogħol vakanti u ta’ bidla, b’mod partikolari fost il-ħaddiema barranin. Dawn il-kwistjonijiet huma aggravati minn

ostakli strutturali għad-djalogu soċjali, bħall-enfasi fuq il-kondiviżjoni tal-informazzjoni aktar milli fuq l-involviment attiv u l-livelli baxxi ta' rappreżentanza tal-unions għaċ-ċittadini mhux tal-UE (ara l-Anness 6). Fl-2024, Malta introduċiet regolament ġdid dwar l-aġenziji ([23]) u pass tal-ħiliet għaċ-ċittadini mhux tal-UE ([24]), filwaqt li stabbiliet l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni bħala parti mill-pjan tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza. Il-pjan fiskali strutturali ta' terminu medju ddeskriva diversi miżuri ta' taħriġ u appoġġ għall-ħaddiema migranti. Bħalissa qed tiġi żviluppata politika ġdida dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema. Forza tax-xogħol akbar għall-ispezzjoni tax-xogħol u qafas aktar b'saħħtu għan-negozjar kollettiv ikunu ta' benefiċċju għal Malta.

L-iżgurar ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għal kulħadd

Malta qed tiffaċċja ħiliet bażiċi insuffiċjenti b'mod persistenti, li jindikaw nuqqasijiet sistemiċi fis-sistema edukattiva u jimminaw il-kompetittività. F'Malta, wieħed minn kull tlett itfal ta' 15-il sena ma għandux ħiliet bażiċi fil-matematika, fil-qari u fix-xjenza, u madwar nofs l-istudenti fit-tmien sena ma għandhomx ħiliet diġitali (ara l-Anness 12) ([25]). Il-kawżi potenzjali ta' din il-problema jinkludu: (i) rata għolja ta' assenteiżmu tal-istudenti; (ii) sistema skolastika stratifikata, bi studenti żvantaġġati kkonċentrati fl-iskejjel tal-istat; u (iii) nuqqas ta' persunal li jgħallem jew b'nuqqas ta' kwalifiki adegwati; flimkien ma' prattiki ta' tagħlim u kurrikuli ineffettivi li ma jaħdmux biżżejjed għall-kapaċitajiet ta' apprendiment differenti tal-istudenti (ara l-Anness 12). Din l-aħħar kwistjoni tista' tirriżulta minn dgħufijiet fl-edukazzjoni inizjali tal-għalliema u minn nuqqas ta' valutazzjoni xierqa bbażata fuq il-ħtiġijiet tal-appoġġ għall-iżvilupp professjonali tal-għalliema. Barra minn hekk, biex jittaffew in-nuqqasijiet tal-għalliema, qed jintużaw għalliema sostituti bi kwalifika differenti jew aktar baxxa biex jissostitwixxu għalliema kwalifikati bis-sħiħ. L-istrateġija nazzjonali tal-edukazzjoni 2024-2030 timpenja ruħha għal reviżjoni tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali, għal strateġija tal-litteriżmu matematiku u għat-tisħiħ tal-ħiliet tal-litteriżmu biex titnaqqas id-diskrepanza fl-apprendiment fis-snin bikrin. Taħt il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, Malta introduċiet b'suċċess spazji ta' apprendiment inklużivi ta' kwalità fil-kulleġġi u fl-iskejjel intermedji għall-istudenti bi ħtiġijiet sinifikanti, u b'hekk għenet l-integrazzjoni tagħhom f'ambjenti tal-edukazzjoni ġenerali. Il-kwalità tal-edukazzjoni u l-apprendiment tista' titjieb jekk jittieħdu passi biex titnaqqas l-istratifikazzjoni attwali tas-sistema skolastika u biex jiġu appoġġjati l-edukaturi billi jiġu rieżaminati l-programmi inizjali tal-edukazzjoni tal-għalliema u jiġi offrut żvilupp professjonali kontinwu.

Ir-reġistrazzjoni fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM, science, technology, engineering and mathematics) għadha limitata minkejja d-domanda fis-suq tax-xogħol. Is-sehem ta' Malta ta' studenti terzjarji rreġistrati fis-suġġetti STEM huwa wieħed mill-aktar baxxi fl-UE bi 13,9 %, b'5,1 % biss fit-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. Is-sehem tan-nisa li jirreġistraw f'suġġett tal-ICT huwa partikolarment baxx b'1,5 %, u 17,4 % biss tal-istudenti rreġistrati fl-ICT huma nisa. Il-provvista ta' gradwati fl-ICT ma tilħaqx id-domanda fis-suq tax-xogħol. L-ostakli strutturali fl-edukazzjoni bikrija jillimitaw l-opportunitajiet tal-istudenti biex isegwu studji STEM fl-edukazzjoni għolja. Malta qed tippjana miżuri biex tiżgura li l-bniet ikollhom aktar esponiment għan-nisa, bħala mudelli eżemplari pożittivi. Għandha wkoll pjanijiet biex tippromwovi sħubijiet mal-industrija li se jgħinu biex titnaqqas id-differenza eżistenti bejn il-ġeneri. Barra minn hekk, l-iskema attwali ta' boroż ta' studju għall-istudenti fl-oqsma STEM se tingħata spinta permezz ta' sistema ta' stipendju u żieda fl-investimenti.

([23]) Leġiżlazzjoni Sussidjarja 452.130.

([24]) https://skillspass.org.mt/

([25]) Il-Programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA, Programme for International Student Assessment); 2022, u l-Istudju Internazzjonali dwar il-Litteriżmu fil-Kompjuter u fl-Informazzjoni (ICILS); 2023.

Il-kompetittività hija mfixkla minn diskrepanzi fir-reġistrazzjoni fl-apprendiment għall-adulti u fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET, vocational education and training), u minn spariġġi fil-ħiliet. Minkejja t-titjib f'dawn l-aħħar snin fir-rata ta' tluq bikri mill-iskola mill-edukazzjoni u t-taħriġ, din xorta għadha kemxejn ogħla mill-medja tal-UE, u tikkontribwixxi għal ammont kbir ta' adulti b'livell baxx ta' ħiliet. L-apprendiment għall-adulti tjieb maż-żmien iżda għadu ferm taħt il-mira nazzjonali ta' 57,6 % stabbilita għall-2030. Barra minn hekk, żdiedu d-diskrepanzi fil-parteċipazzjoni, b'adulti b'livell għoli ta' edukazzjoni jinvolvu ruħhom fl-apprendiment b'rati ferm ogħla mill-kontropartijiet tagħhom b'livell baxx ta' ħiliet. Ir-reġistrazzjoni fis-sistema tal-VET ta' Malta għadha baxxa, bil-parteċipazzjoni fost l-istudenti tas-sekondarja tat-tieni livell ferm taħt il-medja tal-UE, anki fir-rigward tas-suġġetti STEM (ara l-Graff 4.1 u l-Anness 12). L-ispariġġi fil-ħiliet f'Malta huma xprunati minn ineffiċjenzi u disparitajiet fis-sistema tal-edukazzjoni u tal-apprendiment tul il-ħajja, li mhijiex allinjata bis-sħiħ mad-domandi tas-suq tax-xogħol. Il-kapaċità ta' tlaqqigħ bejn in-nies u l-impjiegi għadha qed tinżamm lura minn spariġġi fil-livell ta' kwalifika tagħhom u fl-oqsma ta' studju tagħhom. Konsegwentement, in-nuqqasijiet ta' ħaddiema huma ta' tħassib dejjem akbar (ara l-Anness 10). Ir-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti żdiedet għal waħda mill-ogħla fl-UE. Filwaqt li l-inizjattivi biex jiġu attirati ħaddiema barranin u jittejbu l-ħiliet tal-forza tax-xogħol għenu, il-provvista ta' ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati għadha ma tilħaqx id-domanda (ara l-Anness 12). Taħt il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha, Malta introduċiet il-pjattaforma e-College biex ittejjeb l-opportunitajiet ta' gwida u taħriġ għall-adulti kollha.

Graff 4.1:**Reġistrazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) b'mod ġenerali u f'suġġetti STEM f'Malta u fl-UE**



Sors: L-Eurostat: [educ_uoe_enrs04], [educ_uoe_enrs10]

Minkejja l-azzjonijiet promettenti tal-politika tal-edukazzjoni u l-ħiliet, għad iridu jiġu osservati riżultati tanġibbli. Fl-2024, Malta nediet l-istrateġija nazzjonali tagħha għall-edukazzjoni 2024-2030, li hija inizjattiva fundamentali mmirata lejn it-trasformazzjoni tax-xenarju edukattiv u tal-ħiliet. Flimkien ma' dan, ġiet introdotta l-istrateġija tal-edukazzjoni diġitali 2025-2030 biex jittejbu l-ħiliet diġitali. Il-pjan fiskali strutturali ta' terminu medju ta' Malta jikkomplementa dawn l-istrateġiji b'azzjoni komprensiva li tkopri l-livelli kollha tal-edukazzjoni. Malta qed tiżviluppa wkoll strateġija nazzjonali ġdida għall-ħiliet permezz ta' proġett appoġġjat mill-Istrument ta' Appoġġ Tekniku tal-UE u mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ħiliet. Dawn il-politiki l-ġodda jibbenefikaw minn implimentazzjoni f'waqtha. Biex tallinja aħjar l-edukazzjoni u t-taħriġ mal-ħtiġijiet tas-suq tal-impjiegi u tindirizza l-ispariġġi fil-ħiliet u n-nuqqasijiet ta' ħaddiema, Malta kieku tibbenefika minn titjib fil-programmi tal-VET, tisħiħ tal-gwida għall-karriera u l-inċentivi finanzjarji għal setturi ewlenin, espansjoni tal-apprendiment għall-adulti għat-taħriġ mill-ġdid settorjali u inkoraġġiment biex in-negozji jinvestu fit-taħriġ mill-ġdid. L-apprendiment jista' jsir aktar aċċessibbli billi jiġu adottati għażliet li jkunu flessibbli u mfassla apposta għal ħtiġijiet differenti, inklużi dawk ta' adulti b'livell baxx ta' ħiliet.

It-trawwim ta' opportunitajiet indaqs

Il-faqar fost ċerti gruppi jdgħajjef il-koeżjoni soċjali, minkejja li qed tittieħed azzjoni politika. Dawk l-aktar milquta minn riskji ogħla ta' faqar huma ċ-ċittadini mhux tal-UE, il-persuni b'livell baxx ta' edukazzjoni, il-persuni b'diżabilità, u l-adulti akbar fl-età, b'mod partikolari n-nisa (ara l-Anness 11). Il-faqar fost it-tfal qed jiżdied u issa jaqbeż il-medja tal-UE, xprunat minn edukazzjoni baxxa tal-ġenituri, unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed u ċittadinanza mhux Maltija. Dawn il-kwistjonijiet huma intensifikati biż-żieda fil-kostijiet tal-akkomodazzjoni. Il-faqar fost dawk li jaħdmu jibqa' wkoll ta' tħassib. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi huwa essenzjali biex tintlaħaq il-mira ta' Malta għat-tnaqqis tal-faqar għall-2030. Fl-2024, il-gvern irriforma l-benefiċċji tal-qgħad u introduċa strateġija nazzjonali ġdida dwar il-faqar; għaddej ukoll pjan soċjali għall-familja. Implimentazzjoni fil-pront b'monitoraġġ ċar tkun rakkomandabbli.

Is-sistema tal-benefiċċji soċjali ta' Malta turi lok għal titjib fir-rigward tal-effettività, l-aċċessibbiltà u l-adegwatezza. L-impatt tal-benefiċċji soċjali monetarji fuq il-faqar huwa fost l-aktar baxxi fl-UE, u qed ikompli jonqos. Riformat reċentement, għal massimu ta' 156 jum, il-pajjiż għandu waħda mill-iqsar perjodi għall-benefiċċju tal-qgħad, bi kriterji stretti ta' eliġibbiltà. Il-benefiċċju għandu komponent ta' attivazzjoni, peress li jorbot l-aċċess għall-benefiċċji mat-tfittix attiv ta' impjieg u l-parteċipazzjoni fis-servizzi tal-impjiegi. Il-benefiċċji tal-enerġija mmirati huma żgħar wisq biex ikunu effettivi biex in-nies joħorġu mill-faqar; il-benefiċċji universali għandhom impatt akbar fuq it-tnaqqis tal-faqar iżda huma nieqsa mis-sostenibbiltà (ara wkoll il-Kapitolu 3). ([26]) L-infiq fuq il-protezzjoni soċjali huwa relattivament baxx u fil-biċċa l-kbira allokat għax-xjuħija u s-saħħa, u inqas għall-familja, id-diżabilità, l-akkomodazzjoni, u l-appoġġ għall-qgħad.

([26]) Evidenza bbażata fuq studju miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea, bl-użu tal-mudell EUROMOD.

SEJBIET EWLENIN

Biex tagħti spinta lill-kompetittività, is-sostenibbiltà u l-ekwità soċjali, Malta tibbenefika minn:

- **l-implimentazzjoni tal-RRP**, inkluż il-kapitolu REPowerEU; **l-implimentazzjoni rapida tal-politika ta' koeżjoni**, biex tieħu vantaġġ mill-opportunitajiet taħt ir-rieżami ta' nofs it-terminu u **tagħmel l-aħjar użu mill-istrumenti tal-UE, inklużi InvestEU u STEP**, biex ittejjeb il-kompetittività;
- **it-trawwim tar-riċerka u l-innovazzjoni** billi tħeġġeġ kemm l-investiment privat kif ukoll dak pubbliku f'dan il-qasam;
- **it-trawwim tal-aċċess għal finanzjament mhux bankarju alternattiv** għall-kumpaniji start-up u scale-up u l-kumpaniji innovattivi;
- **it-titjib tal-ambjent tan-negozju** billi tnaqqas il-kumplessità regolatorja u l-proċedimenti twal tal-qrati;
- **il-provvista ta' mezzi għal soluzzjoni alternattiva tat-tilwim kummerċjali** u l-immodernizzar tal-prattiki tax-xogħol fis-sistema ġudizzjarja;
- **it-titjib tal-ekwità fit-tassazzjoni korporattiva** billi trażżan ir-riskji ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa;
- **aktar progress fid-dekarbonizzazzjoni billi jitneħħew gradwalment is-sussidji għall-fjuwils fossili,** li jiskoraġġixxu l-investimenti, fost l-oħrajn, fl-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika;
- **il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija rinnovabbli**, inkluż billi jsir użu aħjar mill-potenzjal tal-enerġija mir-riħ u tax-xemx lil hinn mill-kosta;
- **l-iżgurar tas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u l-promozzjoni tal-kisbiet fl-effiċjenza**, billi jiġu indirizzati l-kapaċità u l-flessibbiltà tal-grilja u tingħata spinta lill-effiċjenza enerġetika fis-settur tal-bini;
- **it-tnaqqis tal-konġestjoni tat-traffiku u d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport**, billi jiġi diżinċentivat l-użu tal-karozzi u jiġi żgurat li l-infrastruttura tiffaċilita l-użu ta' modi ta' trasport pubbliċi u alternattivi, filwaqt li jiġi promoss aktar l-użu ta' vetturi elettriċi u bi fjuwils alternattivi;
- **iż-żieda fir-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali** u t-tħejjija tal-iskart għall-użu mill-ġdid;
- **it-titjib tal-kwalità u l-ġestjoni tal-ilma,** inkluż billi jiġi żgurat l-użu sostenibbli ta' riżorsi friski u jiġi indirizzat it-tniġġis tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art;
- **l-indirizzar tan-nuqqasijiet ta' ħiliet u l-ispariġġi fil-ħiliet** billi jiġu msaħħa l-kwalità, l-inklużività u r-rilevanza għas-suq tax-xogħol tal-edukazzjoni u t-taħriġ;
- **l-iżgurar ta' parteċipazzjoni ugwali fis-suq tax-xogħol**, b'mod partikolari għan-nisa u għall-persuni b'diżabilità;
- **it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol,** billi jissaħħu l-miżuri tas-

sikurezza okkupazzjonali, il-kapaċitajiet ta' spezzjoni tax-xogħol, u d-djalogu soċjali;

- **it-tisħiħ tal-protezzjoni soċjali adegwata u effettiva għall-gruppi vulnerabbli**, billi jiġu indirizzati l-inefficjenzi u jissaħħu l-benefiċċji soċjali.

ANNESSI

LISTA TAL-ANNESSI

FISKALI 27

A1. Is-sorveljanza fiskali u s-sostenibbiltà tad-dejn 27

A2. It-tassazzjoni 31

Produttività 37

A3. L-innovazzjoni għan-negozju 37

A4. Nagħmlu n-negozju aktar faċli 42

A5. Is-swieq kapitali, l-istabbiltà finanzjarja u l-aċċess għall-finanzi 48

A6. Qafas istituzzjonali effettiv 55

Sostenibbiltà 60

A7. L-industrija nadifa u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima 60

A8. It-tranżizzjoni tal-enerġija affordabbli 66

A9. L-adattament għat-tibdil fil-klima, it-tħejjija u l-ambjent 71

Ekwità 77

A10. Is-suq tax-xogħol 77

A11. Il-politiki soċjali 83

A12. L-edukazzjoni u l-ħiliet 87

A13. Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali 92

A14. Is-saħħa u s-sistemi tas-saħħa 93

Orizzontali 97

A15. L-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli 97

A16. Il-progress tas-CSR u l-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE 100

A17. Reġjuni kompetittivi 107

LISTA TA' TABELLI

A1.1. Il-bilanċ u d-dejn tal-gvern estiż 28

A1.2. Tkabbir fin-nefqa netta 28

A1.3. Nefqa netta (eżitu u tbassir), devjazzjonijiet annwali u akkumulati fil-konfront tar-rakkomandazzjoni 29

A1.4. Nefqa fuq id-difiża 29

A1.5. Żviluppi makroekonomiċi u tbassir 29

A1.6. Pożizzjoni baġitarja tal-gvern estiż 30

A1.7. Żviluppi tad-dejn 30

A1.8. RRF Grants 31

A1.9. Bidla pprojettata fin-nefqa relatata mal-età fl-2024-2040 u fl-2024-2070 31

A1.10. Indikaturi tal-Bażi tad-Data dwar il-Governanza Fiskali 32
A2.1. Indikaturi tat-tassazzjoni 34
A3.1. Indikaturi tal-innovazzjoni ewlenin 41
A4.1. Nagħmlu n-Negozju aktar faċli: indikaturi. 47
A5.1. Indikaturi finanzjarji 54
A6.1. Malta. Indikaturi magħżula dwar it-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tal-piż amministrattiv 56
A6.2. Miri tad-Deċennju Diġitali mmonitorjati permezz tal-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali 57
A7.1. Indikaturi ewlenin tal-industrija nadifa u tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima: Malta 65
A8.1. Indikaturi Ewlenin tal-Enerġija 70
A9.1. Indikaturi ewlenin għall-progress dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima, it-tħejjija u l-ambjent 76
A13.1. It-tabella ta’ Valutazzjoni Soċjali ta’ Malta 92
A14.1. Indikaturi tas-saħħa ewlenin 94
A16.1. Fondi magħżula tal-UE b’allokazzjonijiet adottati - data fil-qosor (f’miljuni ta’ EUR) 103
A16.2. Tabella sommarja dwar is-CSRs tal-2019–2024 104
A17.1. Għażla ta’ indikaturi fil-livell reġjonali (NUTS 3) f’Malta 108

LISTA TA’ GRAFFS

A2.1. Ishma tad-dħul mit-taxxa fl-2023 33
A2.2. Porzjon ta’ taxxa għal dawk li jaqilgħu paga waħda u t-tieni sors ta’ dħul bħala % tal-kostijiet lavorattivi totali, 2024 33
A2.3. Flussi ta’ investiment dirett barrani (IDB), % tal-PDG, 2023 35
A3.1. Nefqa pubblika fuq ir-R&Ż bħala perċentwal tal-PDG 37
A3.2. Nefqa tan-negozju fuq ir-R&Ż bħala perċentwal tal-PDG 38
A4.1. Nagħmlu n-Negozju aktar faċli: indikaturi magħżula 43
A5.1. Bilanċ nett ta’ tfaddil-investiment 48
A5.2. Pożizzjoni tal-investimenti internazzjonali 49
A5.3. Swieq kapitali u intermedjarji finanzjarji 49
A5.4. Kompożizzjoni tal-obbligazzjonijiet tal-NFC bħala % tal-PDG 51
A5.5. Kompożizzjoni tal-assi finanzjarji tal-unitajiet domestiċi per capita u bħala % tal-PDG 52
A6.1. Il-fiduċja fil-ġustizzja, l-awtoritajiet reġjonali/lokali u fil-gvern 55
A6.2. Indikaturi tal-Politika u l-governanza regolatorji (iREG) 55
A7.1. L-intensità tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra tas-setturi tal-manifattura u intensivi fl-enerġija, 2022 62
A7.2. Emissjonijiet ta’ gassijiet serra setturi tal-kondiviżjoni tal-isforzi, 2005 u 2023 63
A7.3. Trattament tal-iskart muniċipali 63
A8.1. Komponenti tal-prezz tal-enerġija bl-imnut għall-konsumaturi domestiċi u mhux domestiċi, 2024 66
A8.2. Il-prezzijiet medji tal-elettriku bl-ingrossa ta’ ġurnata bil-quddiem kull xahar u l-prezzijiet referenzjarji Ewropej tal-gass naturali (TTF Netherlandiż) 66
A8.3. Il-kapaċità rinnovabbli installata ta’ Malta (xellug) u t-taħlita tal-ġenerazzjoni tal-elettriku (lemin) 67
A9.1. Dipendenza diretta (1) fuq is-servizzi tal-ekosistema (2) tal-valur miżjud gross iġġenerat mis-settur ekonomiku fl-2022 73
A10.1. Id-differenzi fl-impjiegi bejn il-ġeneri u l-persuni b’diżabilità fl-UE u f’Malta (pp.) 78
A10.2. Ħaddiema barranin f’Malta (eluf, 20-64) 80
A11.1. Ir-rata ta’ persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE), il-gruppi tal-età 83
A11.2. Impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar (%) 84
A12.1. Rata ta’ progress insuffiċjenti fil-matematika, il-qari u x-xjenza skont l-isfond soċjo-ekonomiku tal-istudenti f’Malta, PISA 2022 (%) 87
A12.2. Parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ (matul l-aħħar 12-il xahar), skont il-livell edukattiv milħuq għall-2016 u l-2022 90
A14.1. L-istennija tal-għomor mat-twelid, snin 93
A14.2. Mortalità li tista’ tiġi ttrattata 93
A15.1. Progress lejn l-SDGs f’Malta 97
A16.1. Distribuzzjoni tal-finanzjament tal-RRF f’Malta skont il-qasam ta’ politika 101
A16.2. Tqassim tal-finanzjament tal-politika ta’ koeżjoni fost l-objettivi ta’ politika f’Malta 101
A17.1. Tkabbir medju annwali tal-PDG (2014-2023) meta mqabbel mal-PDG per capita (2023) 107

Dan l-Anness fih sensiela ta' tabelli rilevanti għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni fiskali f'Malta, inkluż kif Malta qed twieġeb għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill maħruġa skont il-Qafas ta' Governanza Ekonomika riformat.

Il-qafas riformat, li daħal fis-seħħ fit-30 ta' April 2024([27]), għandu l-għan li jsaħħaħ is-sostenibbiltà tad-dejn u jippromwovi tkabbir sostenibbli u inkluživ permezz ta' riformi li jsaħħu t-tkabbir u investimenti prijoritarji. Il-pjanijiet fiskali-strutturali fuq terminu medju (minn hawn 'il quddiem, l-MTPs jew il-pjanijiet) jikkostitwixxu l-pedament tal-qafas, filwaqt li jistabbilixxu l-impenn baġitarju tal-Istati Membri fuq terminu medju. Dan tal-aħħar huwa definit f'termini ta' tkabbir tan-nefqa netta, li huwa l-indikatur operazzjonali uniku għas-sorveljanza fiskali.

Malta ssottomettiet il-pjan tagħha fl-20 ta' Settembru 2024. Il-pjan ikopri l-perjodu sal-2028, u jippreżenta aġġustament fiskali fuq 4 snin. Fil-21 ta' Jannar 2025, il-Kunsill adotta r-Rakkomandazzjoni li tapprova l-pjan ta' Malta. Fil-21 ta' Jannar 2025, il-Kunsill adotta wkoll Rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 126(7) tat-TFUE biex jikkoreġi d-defiċit eċċessiv f'Malta([28]). Il-perkors tan-nefqa netta korrettiva rrakkomandat mill-Kunsill skont il-proċedura ta' defiċit eċċessiv huwa konsistenti mal-perkors stabbilit fil-pjan.

Il-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill biex jiġi kkoreġut id-defiċit eċċessiv u biex jiġi approvat il-pjan ta' Malta titwettaq abbażi tad-data tal-eżitu mill-Eurostat u t-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni u b'kont meħud tar-Rapport ta' Progress Annwali (APR, Annual Progress Report), li Malta ppreżentat fit-30 ta' April 2025. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Marzu 2025([29]), dwar l-akkomodazzjoni tan-nefqa għad-difiża fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, l-Anness jirrapporta ż-żieda pprojettata fin-nefqa għad-difiża abbażi tat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni.

L-Anness huwa organizzat kif ġej. L-ewwel nett, l-iżviluppi fid-**defiċit u d-dejn tal-gvern** huma ppreżentati abbażi taċ-ċifri rrapportati fit-Tabella A1.1. Imbagħad, il-valutazzjoni tal-**implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex jiġi kkoreġut id-defiċit eċċessiv u tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-pjan** isegwu, abbażi taċ-ċifri rilevanti ppreżentati fit-Tabelli A1.2 sa A1.8, inkluża data dwar in-nefqa għad-difiża.

L-Anness jipprovdi wkoll informazzjoni dwar il-**kost tat-tixjiħ** u l-**qafas fiskali nazzjonali**. Ir-riskji għas-sostenibbiltà fiskali huma diskussi fil-Monitoraġġ tas-Sostenibbiltà tad-Dejn 2024([30]).

Żviluppi fid-defiċit u d-dejn tal-gvern

Id-defiċit tal-gvern ta' Malta ammonta għal 3,7 % tal-PDG fl-2024. Abbażi tat-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni, huwa pprojettat li jonqos għal 3,2 % tal-PDG fl-2025 u 2,8 % tal-PDG fl-2026. Il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern ammonta għal 47,4 % fi tmiem l-2024 u, skont il-Kummissjoni, huwa pprojettat li jiżdied marġinalment għal 47,6 % fi tmiem l-2025.

([27]) Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali, flimkien mar-Regolament (KE) Nru 1467/97 emendat dwar l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv, u d-Direttiva tal-Kunsill 2011/85/UE emendata dwar l-oqfsa baġitarji tal-Istati Membri huma l-elementi ewlenin tal-qafas riformat ta' governanza ekonomika tal-UE.

([28]) Rakkomandazzjoni tal-Kunsill bl-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv f'Malta, C/2025/5036.

([29]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li takkomoda żieda fin-nefqa għad-difiża fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir tad-19 ta' Marzu 2025, C(2025) 2000 final.

([30]) Il-Kummissjoni Ewropea (2025) "Debt Sustainability Monitor 2024," *European Economy-Institutional Papers* 306.

Tabella A1.1: **Il-bilanċ u d-dejn tal-gvern estiż**

#	Variables		2024	2025		2026	
			Outturn	APR	COM	APR	COM
1	General government balance	% GDP	-3.7	-3.3	-3.2	n.a.	-2.8
2	General government gross debt	% GDP	47.4	48.4	47.6	n.a.	47.3

Sors: It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni (COM), ir-Rapport ta' Progress Annwali (APR)

Żviluppi fin-nefqa netta

It-tkabbir fin-nefqa netta([31]) ta' Malta fl-2025 huwa mbassar mill-Kummissjoni([32]) li se jkun taħt il-massimu rakkomandat. Meta jitqiesu l-2024 u l-2025 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiv tan-nefqa netta hija pprojettata li tkun ogħla mir-rata massima ta' tkabbir kumulattiva rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 0,2 % tal-PDG.

Id-devjazzjoni kumulattiva fl-2024 u l-2025 hija taħt il-livell limitu ta' 0,6 % tal-PDG.

Tabella A1.2: **Tkabbir fin-nefqa netta**

	Annual			Cumulative		
	Rec.	APR	COM	Rec.	APR	COM
	Growth rates					
2024	n.a.	14.3%	13.9%	n.a.	n.a.	n.a.
2025	6.0%	-0.1%	0.8%	13.8%	14.2%	14.9%
2026	5.8%	n.a.	5.3%	20.4%	n.a.	20.9%

* Ir-rati ta' tkabbir kumulattiv huma kkalkulati b'referenza għas-sena bażi tal-2023.
Sors: Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill biex jiġi kkoreġut id-defiċit eċċessiv f'Malta (Rec.), ir-Rapport ta' Progress Annwali (APR) u l-kalkolu tal-Kummissjoni bbażat fuq it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni (COM).

In-nefqa għad-difiża tal-gvern ġenerali f'Malta ammontat għal 0,5 % tal-PDG fl-2021, 0,5 % tal-PDG fl-2022 u 0,4 % tal-PDG fl-2023([33]). Skont it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni, in-nefqa fuq id-difiża hija pprojettata li tkun 0,4 % tal-PDG fl-2024 u 0,4 % tal-PDG fl-2025.

([31]) In-nefqa netta hija definita fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2024/1263 bħala nefqa tal-gvern netta minn (i) in-nefqa fuq l-imgħax, (ii) il-miżuri tad-dħul diskrezzjonali, (iii) in-nefqa fuq programmi tal-Unjoni ffinanzjati bis-sħiħ mid-dħul mill-fondi tal-Unjoni, (iv) in-nefqa nazzjonali fuq il-kofinanzjament ta' programmi ffinanzjati mill-Unjoni, (v) l-elementi ċikliċi tan-nefqa fuq il-benefiċċji tal-qgħad, u (vi) il-miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħra.

([32]) It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni, *European Economy-Institutional paper 318*, Mejju 2025.

([33]) Eurostat, in-nefqa tal-gvern skont il-klassifikazzjoni tal-funzjonijiet tal-gvern (COFOG).

Tabella A1.3: **Nefqa netta (eżitu u tbassir), devjazzjonijiet annwali u akkumulati fil-konfront tar-rakkomandazzjoni**

#	Variables		2023	2024	2025	2026
			Outturn	Outturn	COM	COM
1	Total expenditure	bn NAC	7.5	8.6	8.7	9.2
2	Interest expenditure	bn NAC	0.2	0.3	0.3	0.3
3	Cyclical unemployment expenditure	bn NAC	0.0	0.0	0.0	0.0
4	Expenditure funded by transfers from the EU	bn NAC	0.2	0.1	0.3	0.3
5	National co-financing of EU programmes	bn NAC	0.1	0.0	0.1	0.1
6	One-off expenditure (levels, excl. EU funded)	bn NAC	0.0	0.0	0.0	0.0
7=1-2-3-4-5-6	**Net nationally financed primary expenditure (before discretionary revenue measures, DRM)**	**bn NAC**	**7.1**	**8.2**	**8.1**	**8.5**
8	Change in net nationally financed primary expenditure (before DRM)	bn NAC		1.1	-0.1	0.4
9	DRM (excl. one-off revenue, incremental impact)	bn NAC		0.1	-0.2	0.0
10=8-9	**Change in net nationally financed primary expenditure (after DRM)**	**bn NAC**		**1.0**	**0.1**	**0.4**
11	Outturn / forecast net expenditure growth*	% change		13.9%	0.8%	5.3%
12	Recommended net expenditure growth	% change		7.4%	6.0%	5.8%
13=(11-12) x 7	Annual deviation	bn NAC		0.5	-0.4	0.0
14 (cumulated from 13)	Cumulated deviation	bn NAC		0.5	0.0	0.0
15=13/17	**Annual balance**	**% GDP**		**2.1**	**-1.8**	**-0.2**
16=14/17	**Cumulated balance**	**% GDP**		**2.1**	**0.2**	**0.0**
17	p.m. Nominal GDP	bn NAC	20.5	22.5	24.0	25.5

* Ir-rata ta' tkabbir għall-2024 mhijiex rakkomandazzjoni iżda sservi biex il-bażi tiġi ankrata, peress li l-aħħar sena b'data tal-eżitu meta jiġi stabbilit il-perkors tan-nefqa netta hija s-sena 2023.
Sors: It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni u l-kalkolu tal-Kummissjoni

Tabella A1.4: **Nefqa fuq id-difiża**

			2021	2022	2023	2024	2025	2026
1	Total defence expenditure	% GDP	0.5	0.5	0.4	0.4	0.4	0.4
2	*of which: gross fixed capital formation*	% GDP	0.1	0.1	0.1	0.1	0.1	0.1

Sors: L-Eurostat (COFOG), it-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni u l-kalkolu tal-Kummissjoni

Tabella A1.5: **Żviluppi makroekonomiċi u tbassir**

#	Variables		2024	2025		2026	
			Outturn	APR	COM	APR	COM
1=7+8+9	**Real GDP**	**% change**	**6.0**	**4.0**	**4.1**	**n.a.**	**4.0**
2	Private consumption	% change	5.7	4.7	4.0	n.a.	3.9
3	Government consumption expenditure	% change	7.3	6.5	4.7	n.a.	4.2
4	Gross fixed capital formation	% change	2.4	2.5	2.5	n.a.	2.1
5	Exports of goods and services	% change	5.3	3.4	3.5	n.a.	2.9
6	Imports of goods and services	% change	4.7	3.6	3.1	n.a.	2.4
	Contributions to real GDP growth						
7	- Final domestic demand	pps	4.4	3.7	3.1	n.a.	2.9
8	- Change in inventories	pps	0.0	0.0	0.0	n.a.	0.0
9	- Net exports	pps	1.6	0.3	1.0	n.a.	1.1
10	Output gap	% pot GDP	-0.1	-0.5	-0.5	n.a.	-1.0
11	Employment	% change	5.1	4.0	3.1	n.a.	2.8
12	Unemployment rate	%	3.1	3.0	3.1	n.a.	3.1
13	Labour productivity	% change	0.8	0.0	1.0	n.a.	1.2
14	HICP	% change	2.4	2.3	2.2	n.a.	2.1
15	GDP deflator	% change	3.2	2.6	2.5	n.a.	2.2
16	Compensation of employees per head	% change	5.9	5.0	4.1	n.a.	3.5
17	Net lending/borrowing vis-à-vis the rest of the world	% GDP	5.0	n.a.	4.7	n.a.	4.4

Sors: It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni (COM), ir-Rapport ta' Progress Annwali (APR)

Tabella A1.6: **Pożizzjoni baġitarja tal-gvern estiż**

#	Variables (% GDP)	2024	2025		2026	
		Outturn	APR	COM	APR	COM
1=2+3+4+5	**Revenue**	**34.6**	**33.0**	**33.1**	**n.a.**	**33.2**
	of which:					
2	- Taxes on production and imports	9.4	9.2	9.3	n.a.	9.3
3	- Current taxes on income, wealth, etc.	15.1	13.9	13.4	n.a.	13.7
4	- Social contributions	5.2	5.2	5.2	n.a.	5.2
5	- Other (residual)	5.0	4.7	5.2	n.a.	4.9
8=9+16	**Expenditure**	**38.3**	**36.2**	**36.3**	**n.a.**	**36.0**
	of which:					
9	- Primary expenditure	37.1	34.9	35.0	n.a.	34.7
	of which:					
10	- Compensation of employees	9.9	9.9	9.9	n.a.	9.9
11	- Intermediate consumption	7.6	8.1	7.7	n.a.	7.7
12	- Social payments	8.1	8.1	7.9	n.a.	7.9
13	- Subsidies	2.5	2.3	2.1	n.a.	1.8
14	- Gross fixed capital formation	3.3	3.8	3.8	n.a.	3.9
15	- Other	5.8	2.7	3.6	n.a.	3.6
16	- Interest expenditure	1.2	1.3	1.3	n.a.	1.3
18=1-8	**General government balance**	**-3.7**	**-3.3**	**-3.2**	**n.a.**	**-2.8**
19=1-9	**Primary balance**	**-2.5**	**-2.0**	**-1.9**	**n.a.**	**-1.5**
20	Cyclically adjusted balance	-3.6	n.a.	-3.0	n.a.	-2.3
21	One-offs	0.0	0.0	0.0	n.a.	0.0
22=20-21	**Structural balance**	**-3.6**	**-3.1**	**-3.0**	**n.a.**	**-2.3**
23=22+16	Structural primary balance	-2.4	-1.8	-1.7	n.a.	-1.0

Sors: It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni (COM), ir-Rapport ta' Progress Annwali (APR)

Tabella A1.7: **Żviluppi tad-dejn**

#	Variables	2024	2025		2026	
		Outturn	APR	COM	APR	COM
1	**Gross debt ratio* (% of GDP)**	**47.4**	**48.4**	**47.6**	**n.a.**	**47.3**
2=3+4+8	Change in the ratio (pps. of GDP)	-0.5	1.0	0.2	n.a.	-0.3
	Contributions**					
3	**Primary balance**	**2.5**	**2.0**	**1.9**	**n.a.**	**1.5**
4=5+6+7	**'Snow-ball' effect**	**-2.9**	**-2.8**	**-1.7**	**n.a.**	**-1.5**
	of which:					
5	- Interest expenditure	1.2	1.3	1.3	n.a.	1.3
6	- Real growth effect	-2.6	-2.6	-1.8	n.a.	-1.8
7	- Inflation effect	-1.5	-1.5	-1.2	n.a.	-1.0
8	**'Stock-flow' adjustment**	**0.0**	**-0.7**	**-0.1**	**n.a.**	**-0.3**

* Tmiem il-perjodu.
** L-effett "valanga" jkopri l-impatt tan-nefqa fuq l-imgħax fuq id-dejn tal-gvern estiż akkumulat, kif ukoll l-impatt tat-tkabbir tal-PDG reali u l-inflazzjoni fuq il-proporzjon tad-dejn tal-gvern estiż mal-PDG (permezz tad-denominatur). L-aġġustament bejn l-istokk u l-flussi jinkludi differenzi fil-kontabbiltà fuq il-bażi tal-flus u fuq tad-dovuti (inklużi l-avvanzi u d-dewmien fl-iżborżi tal-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza), akkumulazzjoni ta' assi finanzjarji, u valwazzjoni u effetti residwi oħra.
Sors: It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni u l-kalkolu tal-Kummissjoni (COM), ir-Rapport ta' Progress Annwali (APR)

Table A1.8: **RRF Grants**

	Revenue from RRF grants (% of GDP)	2020	2021	2022	2023	2024	2025	2026
1	RRF grants as included in the revenue projections	n.a.	0.2	0.0	0.3	0.3	0.2	0.1
2	Cash disbursements of RRF grants from EU	n.a.	0.2	0.0	0.3	0.3	0.2	0.0

	Expenditure financed by RRF grants (% of GDP)	2020	2021	2022	2023	2024	2025	2026
3	Total current expenditure	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0
4	Gross fixed capital formation	0.0	0.0	0.1	0.1	0.1	0.1	0.1
5	Capital transfers	0.0	0.0	0.0	0.0	0.1	0.1	0.0
6=4+5	Total capital expenditure	0.0	0.0	0.1	0.2	0.2	0.2	0.1

	Other costs financed by RRF grants (% of GDP)	2020	2021	2022	2023	2024	2025	2026
7	Reduction in tax revenue	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0
8	Other costs with impact on revenue	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0
9	Financial transactions	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0	0.0

Source: Annual Progress Report

Il-kost tat-tixjiħ

L-infiq totali relatat mal-età f'Malta huwa pprojettat li jiżdied minn madwar 17 % tal-PDG fl-2024 għal madwar 26 % fl-2070 (ara t-Tabella A1.8**).** Iż-żieda ġenerali, it-tieni l-akbar fost l-Istati Membri kollha, hija xprunata miż-żieda pprojettata fl-infiq fuq il-pensjonijiet fit-tul kif ukoll minn żidiet konsiderevoli għan-nefqa fuq il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul. Filwaqt li 0,9 pp. inqas fl-2040 meta mqabbel mal-2024, il-proporzjon tan-nefqa tal-pensjonijiet mal-PDG ikun 4,4 pp. ogħla sal-2070. Din hija t-tieni l-ogħla żieda pprojettata fl-infiq fuq il-pensjonijiet tal-Istati Membri kollha tal-UE għall-2024-2070.

In-nefqa pubblika fuq il-kura tas-saħħa hija pprojettata li tkun 5,1 % tal-PDG fl-2024 (taħt il-medja tal-UE ta' 6,6 %) u hija mistennija li tiżdied b'0,4 pp. sal-2040 u b'1,8 pp. oħra sal-2070 ([34]). In-nefqa pubblika fuq il-kura fit-tul hija pprojettata li tkun 1,2 % tal-PDG fl-2024 (taħt il-medja tal-UE ta' 1,7 %) u hija mistennija li tiżdied b'0,4 pp. tal-PDG sal-2040 u b'1,8 pp. oħra tal-PDG sal-2070 ([35]). Dawn iż-żidiet fin-nefqa, minħabba popolazzjoni li qed tixjieħ, joħolqu riskju għas-sostenibbiltà fiskali fit-tul.

Tabella A1.9: **Bidla pprojettata fin-nefqa relatata mal-età fl-2024-2040 u fl-2024-2070**

	age-related expenditure 2024 (% GDP)	change in 2024-2040 (pps GDP) due to: pensions	healthcare	long-term care	education	total	age-related expenditure 2040 (%GDP)	
MT	16.7	-0.9	0.4	0.4	-0.5	***-0.5***	16.1	**MT**
EU	24.3	0.5	0.3	0.4	-0.3	***0.9***	25.2	EU

	age-related expenditure 2024 (% GDP)	change in 2024-2070 (pps GDP) due to: pensions	healthcare	long-term care	education	total	age-related expenditure 2070 (%GDP)	
MT	16.7	4.4	2.1	2.2	0.1	***8.9***	25.6	**MT**
EU	24.3	0.2	0.6	0.8	-0.4	***1.3***	25.6	EU

Sors: Ir-Rapport tal-2024 dwar it-Tixjiħ (KE/KPE).

([34]) Il-karatteristiċi ewlenin tal-prestazzjoni, ir-riformi reċenti u l-investimenti tas-sistema tal-kura tas-saħħa Maltija huma diskussi fl-Anness 14 "Is-saħħa u sistemi tas-saħħa".

([35]) L-adegwatezza u l-kwalità tas-sistema Maltija tal-kura fit-tul huma koperti fl-Anness 11 "Politiki soċjali".

Qafas fiskali nazzjonali

L-Istituzzjoni Fiskali Indipendenti ta' Malta, il-Kunsill Konsultattiv Fiskali ta' Malta (MFAC), tibbenefika minn indipendenza msaħħa. Il-membri tagħha jinħatru mill-Ministru tal-Finanzi, bi kriterji formali relattivament laxki. Filwaqt li l-MFAC għandha l-libertà li tikkomunika fi kwalunkwe ħin u tmexxi sit web strutturat tajjeb, ir-rwol tal-President ma jinkludix komunikazzjoni esterna.

Il-ġestjoni tal-investiment pubbliku tista' tittejjeb matul iċ-ċiklu tal-investiment. Bħalissa, il-viżjonijiet integrati li jiddeskrivu l-objettivi fit-tul tal-pajjiżi jkopru biss setturi jew oqsma ta' politika magħżula, bħall-ambjent u d-dekarbonizzazzjoni. Ma hemm l-ebda proċess ta' monitoraġġ ċar biex jiġi żgurat li dawn l-objettivi fit-tul u l-pjanijiet ta' azzjoni jew l-istrateġiji settorjali sussegwenti jiġu allinjati u li dawn l-objettivi jintlaħqu. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda użu mifrux ta' metodoloġiji standardizzati ta' valutazzjoni jew ta' għażla għall-proġetti, għalkemm ir-rieżamijiet esterni tal-kwalità jitwettqu fuq bażi *ad hoc*. Il-ġestjoni tal-investiment pubbliku tista' tittejjeb matul iċ-ċiklu tal-investiment. Bħalissa, il-viżjonijiet integrati li jiddeskrivu l-objettivi fit-tul tal-pajjiżi jkopru biss setturi jew oqsma ta' politika magħżula, bħall-ambjent u d-dekarbonizzazzjoni. Ma hemm l-ebda proċess ta' monitoraġġ ċar biex jiġi żgurat li dawn l-objettivi fit-tul u l-pjanijiet ta' azzjoni sussegwenti (eż. il-pjan ta' azzjoni nazzjonali għall-akkwist pubbliku ekoloġiku għall-2022-2027) jew l-istrateġiji settorjali jkunu allinjati u li dawn l-objettivi jintlaħqu. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda użu mifrux ta' metodoloġiji standardizzati ta' valutazzjoni jew ta' għażla għall-proġetti, għalkemm ir-rieżamijiet esterni tal-kwalità jitwettqu fuq bażi *ad hoc*.

Tabella A1.10: **Indikaturi tal-Bażi tad-Data dwar il-Governanza Fiskali**

2023	Malta	EU Average
Country Fiscal Rule Strength Index (C-FRSI)	13.60	14.52
Medium-Term Budgetary Framework Index (MTBFI)	0.72	0.73

L-Indiċi tat-Tisħiħ tar-Regola Fiskali tal-Pajjiż (C-FRSI) juri s-saħħa tar-regoli fiskali nazzjonali aggregati fil-livell tal-pajjiż abbażi ta' i) il-bażi legali, ii) kemm hija vinkolanti r-regola, iii) il-korpi ta' monitoraġġ, iv) il-mekkaniżmi ta' korrezzjoni, u v) ir-reżiljenza għax-xokkijiet. L-Indiċi tal-Qafas Baġitarju fuq Terminu Medju (MTBFI) juri s-saħħa tal-MTBF nazzjonali abbażi ta' i) il-kopertura tal-miri/limiti massimi inklużi fil-pjanijiet fiskali nazzjonali fuq terminu medju; ii) il-konnessjoni bejn dawn il-miri/limiti massimi u l-baġits annwali; iii) l-involviment tal-parlament nazzjonali fit-tħejjija tal-pjanijiet; iv) l-involviment ta' istituzzjonijiet fiskali indipendenti fit-tħejjija tagħhom; u v) il-livell ta' dettall tagħhom. Punteġġ ogħla huwa assoċjat ma' regola ogħla u saħħa tal-MTBF.
Sors: Fiscal Governace Database

Dan l-anness jagħti ħarsa ġenerali bbażata fuq l-indikaturi tas-sistema tat-taxxa ta' Malta. Dan jinkludi informazzjoni dwar: (i) it-taħlita tat-taxxa; (ii) l-aspetti ta' kompetittività u ġustizzja tas-sistema tat-taxxa; (iii) il-ġbir tat-taxxa u l-konformità; u (iv) ippjanar aggressiv tat-taxxa.

Id-dħul mit-taxxa ta' Malta bħala perċentwal tal-PDG tagħha huwa taħt il-medja tal-UE, b'dipendenza akbar fuq it-taxxi korporattivi. Kif muri fit-Tabella A2.1, fl-2023 il-bażi għat-taxxa Maltija mkejla bħala perċentwal tal-PDG kienet ta' 26,6 %, ferm taħt il-medja tal-UE (39,0 %). Ħafna minn din id-differenza tista' tiġi attribwita għad-dipendenza baxxa ta' Malta fuq it-tassazzjoni fuq ix-xogħol, li kienet tikkostitwixxi 11,0 % tal-PDG tagħha fl-2023, meta mqabbla ma' 20,0 % madwar l-UE. B'kuntrast ma' dan, it-tassazzjoni korporattiva, ta' 4,2 % tal-PDG, kienet 1 pp. ogħla mill-medja tal-UE u kienet tirrappreżenta kważi 16 % tad-dħul totali mit-taxxa ta' Malta. Id-dħul mit-taxxi fuq il-konsum bħala perċentwal tal-PDG kien relattivament baxx f'Malta (8,9 % meta mqabbel ma' 10,5 % madwar l-UE). Barra minn hekk, f'dawn l-aħħar snin, Malta esperjenzat tnaqqis sinifikanti fis-sehem tat-taxxi ambjentali, li naqas għal 1,5 % tal-PDG fl-2023, minn 2,8 % fl-2010 (b'medja tal-UE ta' 2,0 % fl-2023 u 2,5 % fl-2010). Ir-rata effettiva tal-karbonju hija aktar baxxa mill-medja tal-UE, u dan jissuġġerixxi li jista' jkun hemm potenzjal li jiżdied ir-rwol tat-tassazzjoni fit-tisħiħ tas-sostenibbiltà ambjentali.

Graff A2.1:**Ishma tad-dħul mit-taxxa fl-2023**



Sors: Data dwar ix-Xejriet tat-Tassazzjoni, DĠ TAXUD

Xi karatteristiċi tas-sistema tat-taxxa korporattiva ta' Malta jgħinu biex jattiraw l-investiment iżda jippreżentaw ukoll riskji ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa. Fl-2023, ir-rata tat-taxxa medja effettiva li tħares 'il quddiem f'Malta kienet ta' 25,1 % (meta mqabbla ma' madwar 19 % għall-medja tal-UE). Dan jirrappreżenta tnaqqis sinifikanti ta' 10 pp. mill-2010, wieħed mill-akbar fost l-Istati Membri tal-UE. Madankollu, Malta topera sistema ta' imputazzjoni sħiħa li tippermetti lill-azzjonisti jirċievu rifużjonijiet ta' parti mit-taxxa mħallsa mill-kumpanija, biex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja. Fil-prattika, it-tfassil tas-sistema ta' rifużjoni ta' Malta jippermetti lill-biċċa l-kbira tal-azzjonisti mhux residenti jitolbu rifużjoni ta' 6/7 tat-taxxa korporattiva mħallsa f'Malta, li tnaqqas ir-rata tat-taxxa effettiva minn 35 % (ir-rata statutorja tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu) għal 5 %. Fid-dawl tal-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-UE dwar it-Taxxa Minima, għaddejjin diskussjonijiet dwar riforma possibbli tas-sistema tat-taxxa korporattiva Maltija. Il-karatteristiċi kkombinati tas-sistema tat-taxxa ta' Malta jistgħu jirriżultaw f'nontassazzjoni doppja għal ċertu introjtu, u dan joħloq riskji ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa (ara hawn taħt). Barra minn hekk, Malta hija wieħed mill-Istati Membri tal-UE b'regoli fis-seħħ dwar it-tnaqqis ta' mgħax nozzjonali (NID), li jallinjaw it-trattament tat-taxxa tal-kost tal-ekwità mal-kost tad-dejn.

Graff A2.2:**Porzjon ta' taxxa għal dawk li jaqilgħu paga waħda u t-tieni sors ta' dħul bħala % tal-kostijiet lavorattivi totali, 2024**



Il-porzjon ta' taxxa għall-ħaddiema li huma t-tieni sors ta' dħul iqis l-ewwel sors ta' dħul bħala 100 % tal-paga medja u mingħajr tfal. Għall-metodoloġija sħiħa, ara OECD, 2016, Taxing Wages 2014-2015.
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Il-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol f'Malta huwa aktar baxx mill-medja tal-UE fil-livelli kollha tal-introjtu ([36]). Is-sistema tat-taxxa fuq

([36]) Il-porzjon ta' taxxa huwa definit bħala s-somma tat-taxxi fuq l-introjtu personali u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali

Tabella A2.1: **Indikaturi tat-tassazzjoni**

		Malta					EU-27				
		2010	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**	**2010**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Tax structure	Total taxes (including compulsory actual social contributions) (% of GDP)	30.7	27.5	27.7	26.6		37.8	40.2	39.7	39.0	
By tax base	Taxes on labour (% of GDP)	9.8	11.0	11.3	11.0		19.8	20.5	20.1	20.0	
	of which, social security contributions (SSC, % of GDP)	5.4	4.9	4.9	4.7		12.9	13.0	12.7	12.7	
	Taxes on consumption (% of GDP)	11.9	9.0	9.4	8.9		10.9	11.2	10.9	10.5	
	of which, value added taxes (VAT, % of GDP)	7.0	6.0	6.5	6.1		6.8	7.3	7.4	7.1	
	Taxes on capital (% of GDP)	9.0	7.4	7.0	6.7		7.1	8.5	8.7	8.5	
Some tax types	Personal income taxes (PIT, % of GDP)	5.7	7.2	7.5	7.3		8.6	9.6	9.4	9.3	
	Corporate income taxes (CIT, % of GDP)	5.5	4.7	4.5	4.2		2.2	2.9	3.2	3.2	
	Total property taxes (% of GDP)	1.0	0.8	0.8	0.8		1.9	2.2	2.1	1.9	
	Recurrent taxes on immovable property (% of GDP)	0.0	0.0	0.0	0.0		1.1	1.1	1.0	0.9	
	Environmental taxes (% of GDP)	2.8	1.7	1.6	1.5		2.5	2.4	2.1	2.0	
	Effective carbon rate in EUR per tonne of CO_2 equivalents	NA	NA	NA	75.9		NA	86.0	NA	84.8	
Progressivity & fairness	Tax wedge at 50% of average wage (single person) (*)	18.9	21.7	22.6	23.0	24.4	33.9	31.8	31.5	31.5	31.8
	Tax wedge at 100% of average wage (single person) (*)	26.4	30.8	31.5	31.7	31.5	40.9	39.9	39.9	40.2	40.3
	Corporate income tax - effective average tax rates (1) (*)	35.1	28.1	26.2	25.1		21.3	19.3	19.1	18.9	
	Difference in Gini coefficient before and after taxes and cash social transfers (pensions excluded from social transfers) (2) (*)	7.2	6.2	6.3	5.5		8.6	8.2	7.9	7.7	
Tax administration & compliance	Outstanding tax arrears: total year-end tax debt (including debt considered not collectable) / total revenue (in %) (*)		140.0	131.3				35.5	32.6		
	VAT gap (% of VAT total tax liability, VTTL) (**)		25.5	25.9	28.6			6.6	7.0		

(1) Rata tat-taxxa effettiva li tħares 'il quddiem (KPMG).
(2) Valur ogħla jindika impatt ridistributtiv aktar b'saħħtu tat-tassazzjoni.
(*) Medja sempliċi tal-EU-27.
(**) Valur previst għall-2023. Għal aktar dettalji dwar id-diskrepanza tal-VAT, ara l-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali, VAT gap in the EU - 2024 report, https://data.europa.eu/doi/10.2778/2 476 549
Għal aktar data dwar id-dħul mit-taxxa kif ukoll il-metodoloġija applikata, ara l-paġna web tad-Data dwar it-Tassazzjoni, https://ec.europa.eu/taxation_customs/taxation-1/economic-analysis-taxation/data-taxation_en.
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea, l-OECD

ix-xogħol hija inqas progressiva f'Malta milli mill-medja tal-UE. Kif muri fil-Graff A2.2, il-porzjon ta' taxxa fuq ix-xogħol f'Malta fl-2023 kien ferm aktar baxx mill-medja tal-UE għall-persuni waħedhom f'diversi livelli ta' introjtu. It-tieni sors ta' dħul ta' 67 % tal-paga medja, li l-konjuġi tagħhom jaqilgħu l-paga medja, jaffaċċjaw ukoll porzjon ta' taxxa li huwa aktar baxx mill-medja tal-UE. B'167 % tal-introjtu medju, il-porzjon ta' taxxa huwa aktar baxx minn dak għal dawk li jaqilgħu paga medja, li jissuġġerixxi li s-sistema tat-taxxa Maltija tista' twassal għal tassazzjoni rigressiva. Fl-2025, il-piż tat-taxxa tal-kontribwenti soġġetti għal tassazzjoni fuq l-introjtu personali tnaqqas bl-adozzjoni ta' faxex tat-taxxa estiżi.

L-impatt ridistributtiv tas-sistema tat-taxxa u tal-benefiċċji huwa limitat meta mqabbel mal-medja tal-UE. Minħabba l-livell relattivament baxx ta' tassazzjoni u l-progressività modesta tal-istruttura tat-taxxa ta' Malta, il-kontribut tas-sistema tat-taxxa u tal-benefiċċji ta' Malta biex jiġu żgurati r-ridistribuzzjoni tal-introjtu u t-tnaqqis tal-inugwaljanza huwa aktar baxx mill-medja tal-UE. Fl-2023, is-sistema tat-taxxa u tal-benefiċċji naqqset il-koeffiċjent Gini b'medja ta' 5,5 punti, filwaqt li t-tnaqqis medju tal-UE kien ta' 7,7 punti fl-istess sena. Barra minn hekk, Malta ma għandha l-ebda taxxa fuq il-ġid nett jew taxxi simili fuq il-kapital, u l-ebda taxxa fuq il-wirt, fuq il-patrimonju jew fuq id-donazzjonijiet (għalkemm it-taxxa tal-boll tista' titħallas fuq il-wirt ta' ċerti assi taxxabbli). Malta għandha żewġ reġimi tat-taxxa preferenzjali biex tattira l-kontribwenti tal-introjtu personali, immirati lejn ħaddiema b'ċerti karatteristiċi u pensjonanti barranin. Dawn ir-reġimi jinkludu xi karatteristiċi dannużi f'termini ta' kompetizzjoni fiskali ([37]).

Malta għadha tbati minn diskrepanza kbira fil-konformità mal-VAT. Għall-2022, id-diskrepanza fil-konformità tal-VAT kienet stmata li kienet ta' EUR 415-il miljun, jew 25,9 % tal-obbligazzjoni tat-taxxa totali tal-VAT, ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 7 %. Stat Membru ieħor biss kellu diskrepanza akbar fil-konformità. Barra minn hekk, id-diskrepanza fil-konformità, għall-kuntrarju

tal-impjegati u tal-impjegaturi netti mill-allowances tal-familja, espressi bħala perċentwal tal-kostijiet lavorattivi totali (is-somma tal-paga grossa u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mħallsa mill-impjegatur).

([37]) Għal aktar dettalji, ara https://www.taxobservatory.eu/www-site/uploads/2021/11/EU-Tax-Observatory-Report-3-Tax-Competition-November-2021-3.pdf.

ta’ dak li kien il-każ għall-UE kollha kemm hi, ma weriex xejra ċara ta’ tnaqqis f’dawn l-aħħar snin iżda żdied b’0,4 punti perċentwali meta mqabbel mal-2021. Il-livell attwali, minkejja t-tnaqqis fl-2020 u fl-2021, għadu ogħla mill-marka tat-2018 (23,4 %).

F’termini ta’ effiċjenza tal-ġbir, l-indikaturi disponibbli jindikaw xi problemi. Mill-aħħar data disponibbli, l-2023, l-istokk tal-arretrati tad-dħul pendenti gross fi tmiem is-sena laħaq ftit aktar minn EUR 7 biljun, jew aktar minn 5 % tal-PDG, b’żieda notevoli ta’ EUR 429 miljun matul is-sena preċedenti. Dan l-ammont, li jinkludi l-arretrati kollha tad-dħul u mhux biss l-arretrati tat-taxxa, kompla jiżdied b’mod sinifikanti fis-snin mill-2019, u l-maġġoranza l-kbira tal-arretrati tad-dħul (5,9 biljuni) jitqiesu li ma jistgħux jinġabru. Madankollu, l-ammont ta’ arretrati li fil-fatt inġabar żdied ukoll f’termini assoluti, minn 330 miljun għal 438 miljun matul l-istess perjodu. Madankollu, bħala perċentwal tal-PDG, l-ammont ta’ arretrati miġbura naqas fl-2023. Parti kbira mill-bilanċ gross tal-arretrati, EUR 4,8 biljun (li minnhom 92 % jitqiesu li ma jistgħux jinġabru), hija attribwita għall-VAT ([38]).

Il-Gvern ħabbar sensiela ta’ miżuri mmirati biex iżid l-effiċjenza tal-ġbir tat-taxxa. L-Amministrazzjoni tat-Taxxa u tad-Dwana ta’ Malta adottat strateġija 2023-2025 biex tissimplifika u timmodernizza l-amministrazzjoni tat-taxxa. Objettiv importanti tal-pjan kien li titlesta l-integrazzjoni ta’ dipartimenti li qabel kienu separati (eż. id-dwana). Il-pjan iffoka wkoll fuq il-ħolqien ta’ uffiċċju kbir tal-kontribwenti u l-iżvilupp ta’ qafas ta’ ġestjoni tar-riskju tal-konformità. Il-viżjoni wara l-istrateġija kienet li jittejbu r-relazzjonijiet mal-kontribwenti anki billi jiġu pprovduti aktar servizzi bil-quddiem (pereżempju, minn 440 elf kontribwent, aktar minn 360 elf ma għadx għandhom il-ħtieġa jissottomettu ritorn). L-istrateġija qed turi sinjali ta’ suċċess: bis-saħħa tal-miżuri li jagħtu spinta u ta’ infurzar, ir-rati ta’ sottomissjoni tal-kontribwenti individwali żdiedu minn 60 % għal 90 % għas-sena ta’ valutazzjoni 2022 ([39]).

L-ippjanar aggressiv tat-taxxa ġie identifikat mill-Kummissjoni bħala kwistjoni ewlenija f’Malta. Rilaxxi preċedenti tad-data ssuġġerew li l-kumpaniji kienu qed jużaw is-sistema tat-taxxa ta’ Malta għall-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Madankollu, fil-mument tal-abbozzar ta’ dan id-dokument, il-biċċa l-kbira tal-indikaturi rilevanti prodotti mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika ta’ Malta (bħall-flussi tal-imgħax u tad-dividendi u l-istokk tal-investiment dirett barrani (IDB) miżmuma permezz ta’ entitajiet b’fini speċjali) ġew ikklassifikati bħala kunfidenzjali u għalhekk mhumiex disponibbli. Madankollu, id-data disponibbli dwar il-flussi tal-IDB bħala sehem tal-PDG turi flussi ta’ dħul u ħruġ eċċezzjonalment għoljin tal-IDB meta mqabbla mal-medja tal-UE, kif muri fil-Graff A2.3.

Graff A2.3: **Flussi ta’ investiment dirett barrani (IDB), % tal-PDG, 2023**



Sors: UNCTAD, https://unctadstat.unctad.org/datacentre/

Malta impenjat ruħha li tagħmel aktar progress fil-ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Malta ħadet passi importanti biex trażżan il-prattiki ta’ ppjanar aggressiv tat-taxxa. B’mod partikolari, bħala parti mill-implimentazzjoni tal-RRP, il-leġiżlazzjoni Maltija reċentement ġiet emendata biex jiġi żgurat li l-ipprezzar ta’ trasferiment jirrifletti l-prinċipju ta’ distakkament. Madankollu, Malta bħalissa ma għandha l-ebda taxxa minn ras l-għajn fuq pagamenti ta’ mgħax, royalties u dividendi ’l barra. L-introduzzjoni ta’ leġiżlazzjoni ġdida f’dan il-qasam hija impenn skont l-RRP. Barra minn hekk, it-trattament ta’ kumpaniji residenti mhux domiċiljati jista’ jirriżulta f’nontassazzjoni doppja bejn Malta u l-biċċa l-kbira tal-pajjiżi li magħhom Malta għandha trattati bilaterali dwar it-taxxa. L-implimentazzjoni tad-Direttiva tal-UE dwar it-Taxxa Minima Globali, mistennija sa tmiem l-2029

([38]) Ara l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar, ir-Rapport ta’ Diċembru 2024, disponibbli fuq PublicAccountsDec2024.pdf.

([39]) Ara r-Rapport Annwali tal-MTCA għall-2023, *passim*.

[40], se ssolvi din il-kwistjoni parzjalment biss, peress li se tapplika biss għal intrapriżi multinazzjonali kbar.

[40] Id-Direttiva tal-UE dwar it-Taxxa Minima Globali, ippubblikata fl-2022 biex tinkorpora r-regoli tat-Tieni Pilastru tal-OECD, tippermetti dewmien fl-adozzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet sal-31 ta' Diċembru 2029.

Il-potenzjal tal-innovazzjoni ta' Malta huwa mfixkel minn livelli baxxi ħafna ta' investimenti fir-R&Ż kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, li jaffettwaw il-kompetittività. L-intensità totali tar-R&Ż hija t-tieni l-aktar baxxa fl-UE (0,64 % tal-PDG fl-2023, meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 2,24 %) u ilha fuq xejra ta' tnaqqis matul l-aħħar 10 snin. Skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea, Malta hija "innovatur moderat", bi prestazzjoni ta' 88 % tal-medja tal-UE fl-2024 ([41]). Filwaqt li dan huwa ogħla mill-medja moderata tal-innovatur (84,8 %), il-prestazzjoni tagħha qed tiżdied b'rata aktar bil-mod milli fl-UE kollha kemm hi. Minbarra l-investimenti baxxi ħafna fir-R&Ż, l-innovazzjoni għadha mxekkla minn nuqqas ta' riżorsi umani għar-R&I u appoġġ pubbliku limitat għall-innovazzjoni tan-negozju. Ir-rabtiet bejn ix-xjenza u l-industrija għadhom limitati, minkejja l-miżuri reċenti biex titrawwem kollaborazzjoni intersettorjali.

Xjenza għal ekosistema innovattiva

Livelli baxxi ħafna ta' investiment pubbliku fir-R&Ż għadhom sfida ewlenija għal Malta, li taffettwa l-eċċellenza xjentifika. L-investiment pubbliku fir-R&Ż bħala perċentwal tal-PDG żdied fl-aħħar sena, iżda bħalissa huwa inqas milli kien 10 snin ilu (0,27 % tal-PDG fl-2023, meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 0,72 %). Dan għandu impatt fuq kemm tkun eċċellenti s-sistema tar-riċerka pubblika. L-output xjentifiku ta' Malta, kif imkejjel mis-sehem tal-pubblikazzjonijiet xjentifiċi tal-pajjiż, bħala perċentwal tal-pubblikazzjoni totali tiegħu, fost l-ogħla 10 % l-aktar ikkwotati madwar id-dinja, għadu taħt il-medja tal-UE. L-għadd ta' riċerkaturi għal kull elf popolazzjoni attiva impjegati mis-settur pubbliku huwa wkoll pjuttost modest (2,2 fl-2022, meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 4,2). Is-sistema ta' riċerka ta' Malta għandha livell tajjeb ta' internazzjonalizzazzjoni, li hija kruċjali minħabba l-ispeċifiċitajiet ġeografiċi tagħha. Dan jidher mis-sehem ta' studenti barranin għal dottorat, li żdied b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar snin, u l-proporzjon ta' kopubblikazzjonijiet internazzjonali (69,4 % tal-għadd totali ta' pubblikazzjonijiet fl-2023, li huwa ogħla mill-medja tal-UE ta' 55,9 %).

Graff A3.1:**Nefqa pubblika fuq ir-R&Ż bħala perċentwal tal-PDG**



Sors: L-Eurostat

Il-ħtieġa ta' governanza aktar b'saħħitha biex tmexxi 'l quddiem l-aġenda tar-R&I, kif indikat fir-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni bejn il-pari tal-PSF li saret fl-2019 ([42]), hija rikonoxxuta mill-awtoritajiet Maltin. F'Lulju 2024, *Xjenza Malta* tnediet uffiċjalment bħala l-entità suċċessur tal-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija. L-għan tal-aġenzija tal-gvern li għadha kif ġiet stabbilita huwa li tiġbor flimkien, taħt ir-responsabbiltà tagħha, l-attivitajiet kollha relatati mar-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika, il-ġestjoni ta' programmi finanzjarji nazzjonali, Ewropej u internazzjonali u inizjattivi relatati mal-ispazju, biex b'hekk jinħoloq attur istituzzjonali aktar b'saħħtu. Filwaqt li dan huwa pass kbir fid-direzzjoni t-tajba, fil-futur se jkun importanti li jiġu vvalutati l-effetti ta' din ir-riforma fuq il-funzjonament tas-sistema Maltija tar-R&I.

([41]) It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea tal-2024, profil tal-pajjiż: Malta. L-EIS tipprovdi analiżi komparattiva tal-prestazzjoni tal-innovazzjoni fil-pajjiżi tal-UE, inklużi l-punti b'saħħithom u d-dgħufijiet relattivi tas-sistemi ta' innovazzjoni nazzjonali tagħhom (imqabbla wkoll mal-medja tal-UE).

.

([42]) Evalwazzjoni bejn il-pari tal-2019 tas-sistema Maltija tar-R&I: https://ec.europa.eu/research-and-innovation/en/statistics/policy-support-facility/peer-review-maltese-research-and-innovation-system.

Innovazzjoni fin-negozju

Malta għandha ekosistema tan-negozju dinamika, iżda l-attivitajiet ta' innovazzjoni huma limitati u l-kumpaniji ma jinvestux biżżejjed fir-R&Ż. Il-pajjiż għandu ekosistema vivaċi ta' kumpaniji start-up, imħeġġa mid-diversi inkubaturi u aċċeleraturi li jipprovdu mentoraġġ, finanzjament u spazju għall-uffiċċji lill-kumpaniji start-up[43]. Is-settur tan-negozji ġodda huwa appoġġjat minn inizjattivi differenti tal-gvern, inkluż "Start in Malta", li għandha l-għan li tagħmel lil Malta l-post tat-twelid ta' stejjer ta' suċċess ta' kumpaniji start-up. Minkejja d-dinamiżmu tal-ekosistema tan-negozju, l-investiment privat fir-R&Ż (0,37 % fl-2023) għadu ferm taħt il-medja tal-UE (1,49 %). Malta għandha prestazzjoni modesta fil-qasam tal-ġenerazzjoni tal-assi intellettwali. Filwaqt li l-applikazzjonijiet għat-trademarks kienu aktar mid-doppju tal-medja tal-UE fl-2024 [44], l-attività marbuta mal-privattivi (l-għadd ta' privattivi ppreżentati skont it-Trattat ta' Kooperazzjoni dwar il-Privattivi) hija taħt il-medja tal-UE, minkejja xi titjib f'dawn l-aħħar snin. Skont l-istħarriġ dwar l-investiment tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) [45], 3 biss minn kull 10 ditti Maltin (30 %) żviluppaw jew introduċew prodotti, proċessi jew servizzi ġodda bħala parti mill-attivitajiet ta' investiment tagħhom fl-2022. Eċċezzjoni promettenti hija s-settur tal-ICT. Dan huwa akbar mill-medja tal-UE (10,26 % apparagun ta' 5,5 % tal-valur miżjud gross fl-2021), u n-nefqa tan-negozju tiegħu fuq ir-R&Ż tammonta għal 38,19 % tan-nefqa totali fuq ir-R&Ż [46]. Għalhekk, dan is-settur għandu l-potenzjal li jixpruna attivitajiet ta' innovazzjoni addizzjonali f'Malta.

Graff A3.2: **Nefqa tan-negozju fuq ir-R&Ż bħala perċentwal tal-PDG**



Sors: L-Eurostat

L-appoġġ pubbliku għar-R&Ż tan-negozju għadu limitat, b'xi inizjattivi fuq skala żgħira biss fis-seħħ. L-appoġġ pubbliku totali għar-R&Ż tan-negozju naqas matul is-snin, minn 0,04 % tal-PDG fl-2010 għal 0,010 % fl-2022. L-appoġġ dirett (jiġifieri permezz ta' għotjiet) kien ta' 0,010 % fl-2022, meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 0,1 %. Hemm fis-seħħ azzjonijiet żgħar u mmirati biex jgħinu lin-negozji jaċċessaw il-fondi, inklużi dawk Ewropej. Pereżempju, dan l-aħħar ġie stabbilit ftehim ta' kooperazzjoni bejn iż-żewġ entitajiet tal-gvern, *Servizzi Ewropej f'Malta* (SEM), aġenzija pubblika fdata biex tippromwovi l-opportunitajiet ta' finanzjament tal-UE, u Business First, il-punt ta' kuntatt ewlieni tal-Gvern għall-komunità tan-negozju u għall-imprendituri aspiranti. Bħala parti minn din il-kooperazzjoni, l-uffiċjali tas-SEM se jipprovdu lill-impjegati ta' Business First b'taħriġ dwar l-opportunitajiet ta' finanzjament Ewropej għan-negozji [47]. Għall-ġejjieni, l-espansjoni u d-diversifikazzjoni tal-iskemi ta' appoġġ għall-innovazzjoni tan-negozju se jkunu kruċjali.

L-intrapriżi ta' Malta għandhom prestazzjoni tajba fir-rigward tal-adozzjoni tat-teknoloġiji diġitali. Il-pajjiż għandu prestazzjoni ogħla mill-medja tal-UE f'termini ta' intensità diġitali bażika għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs, small- and medium-sized enterprises) (81,28 % vs 72,91 %) u s-sehem tal-intrapriżi li adottaw teknoloġiji diġitali avvanzati. Fl-intelliġenza artifiċjali u t-teknoloġija tal-cloud, rispettivament, Malta għandha rati ta' 17,30 % u 58,19 %, meta mqabbla ma' 13,48 % u 38,86 % fl-UE, filwaqt li fl-analitika tad-data l-pajjiż huwa qrib il-medja

([43]) It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea tal-2024, profil tal-pajjiż: Malta.

([44]) It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea tal-2024, profil tal-pajjiż: Malta.

([45]) EIB Investment Survey - Malta.

([46]) L-Eurostat, ICT sector size u R&D in ICT sector, id-data kollha mill-2021.

([47]) SEM - Ftehim ta' koperazzjoni bejn Servizzi Ewropej f'Malta (SEM) u Business First Ltd.

tal-UE (35,59 % vs 33,17 %). Biex tappoġġja l-adozzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tat-teknoloġiji diġitali, Malta allokat parti sinifikanti mill-pjan tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza għad-diġitalizzazzjoni. Waħda mill-miżuri ewlenin li adottat biex tilħaq il-mira tal-cloud hija l-"iskema ta' diġitalizzazzjoni tal-SMEs", li tfittex li tappoġġja inizjattivi ta' investiment fid-diġitalizzazzjoni mill-SMEs f'diversi setturi ekonomiċi. L-iskema hija mistennija li tikkontribwixxi direttament għall-adozzjoni tal-cloud computing u teknoloġiji relatati oħra. Huwa kruċjali li n-negozji jżidu l-adozzjoni tal-cloud computing, li jappoġġja l-użu ta' teknoloġiji oħra, bħall-intelliġenza artifiċjali u n-nodi periferiċi, it-tnejn assoċjati ma' mira tad-Deċennju Diġitali ([48]).

Malta għamlet sforzi biex trawwem il-kooperazzjoni bejn l-akkademja u n-negozju, li tibqa' sfida minkejja l-ewwel riżultati inkoraġġanti. Is-sehem tal-kopubblikazzjonijiet xjentifiċi pubbliċi-privati żdied b'mod kostanti f'dawn l-aħħar snin, u laħaq 8,4 % tal-għadd totali ta' pubblikazzjonijiet, ogħla mill-medja tal-UE ta' 7,7 %. Madankollu, filwaqt li kienet qed titjieb xi ftit, ir-R&Ż pubbliċi ffinanzjati min-negozji bħala perċentwal tal-PDG għadhom pjuttost baxxi. Dan jista' jkun sinjal li n-negozji jsibuha bi tqila biex jinvolvu ruħhom f'riċerka kuntrattwali ma' laboratorji pubbliċi. Malta ħadet l-ewwel passi lejn it-twaqqif ta' skema ta' fellowship ta' wara d-dottorat pubbliku-privat([49]). Din l-iskema hija promossa mill-Ministeru tal-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, f'kollaborazzjoni mal-Università ta' Malta u l-Kamra tal-Kummerċ, l-Intrapriża u l-Industrija ta' Malta. L-iskema se tagħti lill-gradwati tal-PhD l-opportunità li jingħaqdu ma' negozji lokali biex iwettqu r-riċerka, biex b'hekk titrawwem l-integrazzjoni man-negozji u jissaħħu r-rabtiet bejn ix-xjenza u n-negozju. Madankollu, l-iskema għadha limitata (ġiet ippubblikata sejħa ġdida fl-2024, wara t-tnedija fl-2022). Għadu kmieni wisq biex tiġi vvalutata l-effettività tagħha, iżda jekk l-iskema tagħti riżultati tajbin jista' jkun ta' benefiċċju li tiġi estiża biex tikseb impatt akbar.

([48]) Il-programm ta' politika dwar id-Deċennju Diġitali jistabbilixxi perkors għat-trasformazzjoni diġitali tal-UE, inklużi impenji konkreti mill-Istati Membri biex b'mod konġunt jintlaħqu l-objettivi (eż. il-kompetittività, ir-reżiljenza, is-sovranità) u l-miri diġitali sal-2030.

([49]) Applications reopen for the Post-Doctoral Fellowship Scheme - Newspoint - Università ta' Malta.

Barra minn hekk, l-Università ta' Malta tipprova tippromwovi t-trasferimenti tat-teknoloġija billi tospita ċ-Ċentru għall-Intraprenditorija u l-Inkubazzjoni tan-Negozju, li jfittex li jsaħħaħ l-intraprenditorija. Iċ-ċentru jospita wkoll l-inkubatur TAKEOFF, maħluq biex jgħin lil kumpaniji start-up ([50]). Barra minn hekk, l-Aġenzija Maltija għall-Intrapriżi tipprovdi assistenza finanzjarja u servizzi ta' konsulenza lin-negozji Maltin interessati li jikkollaboraw mal-universitajiet.

L-iffinanzjar tal-innovazzjoni

Il-kumpaniji innovattivi jesperjenzaw diffikultajiet fl-aċċess għall-finanzi. Il-finanzjament tal-kapital ta' riskju għadu sottożviluppat u ilu jonqos matul l-aħħar 10 snin (0,004 % tal-PDG fl-2023, tnaqqis minn 0,028 % fl-2014 u ferm taħt il-medja tal-UE ta' 0,078 %). Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tar-riżorsi huma ddedikati għall-istadju tal-istart-up, filwaqt li l-istadji inizjali u dawk aktar tard mhumiex iffinanzjati biżżejjed. (Għal aktar dettalji dwar dawn is-suġġetti, ara l-Anness 4).

Talent innovattiv

In-nuqqas ta' riżorsi umani jibqa' sfida ewlenija, kemm għas-settur privat kif ukoll għal dak pubbliku. In-nuqqas ta' persunal spiss jiġi rrapportat bħala wieħed mill-ostakli ewlenin għan-negozji, speċjalment għall-SMEs. L-għadd ta' gradwati ġodda fix-xjenza u l-inġinerija għal kull elf ruħ ta' bejn il-25 u l-34 sena għadu baxx b'mod kritiku, b'5,8 fl-2022, li huwa ferm taħt il-medja tal-UE ta' 17,6 (ara wkoll l-Anness 12). Dan jispjega wkoll l-għadd baxx ta' riċerkaturi impjegati kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat. Tali nuqqasijiet jillimitaw l-ambizzjonijiet ta' Malta biex issaħħaħ il-produttività u s-sostenibbiltà u trawwem l-innovazzjoni u l-kompetittività. Malta talbet appoġġ mill-istrument ta' appoġġ tekniku (TSI, technical support instrument) biex tindirizza din l-isfida. Dan il-proġett tat-TSI kontinwu għandu l-għan li jipprovdi appoġġ tekniku fil-qasam tal-

([50]) View of Technology Transfer Offices for Better Management of The University-Industry Collaboration: Comparison of Slovenia, Italy, And Malta.

politika tal-ħiliet, bl-objettiv li tiġi żviluppata strateġija nazzjonali għall-ħiliet ([51]) bl-użu tas-settur marittimu bħala proġett pilota. Permezz ta' dan il-proġett, Malta se tirċievi valutazzjoni tas-sistemi tal-ħiliet tagħha bbażati fuq prattika tajba tal-UE, flimkien ma' rakkomandazzjonijiet konkreti li jistgħu jiġu implimentati fuq terminu qasir sa medju.

L-edukazzjoni intraprenditorjali hija inkorporata f'ċerti livelli tas-sistema skolastika Maltija; madankollu, ma għandhiex strateġija komprensiva u sistemi adegwati ta' monitoraġġ u evalwazzjoni tal-kompetenzi tal-istudenti. L-edukazzjoni intraprenditorjali hija ħila trażversali li hija obbligatorja fl-iskejjel Maltin, u hija promossa fl-edukazzjoni għolja pereżempju permezz ta' inkubaturi. L-Istrateġija Nazzjonali għall-Edukazzjoni ta' Malta 2024–2030 tindirizza l-kompetenzi intraprenditorjali fil-pilastru tagħha tat-Tkabbir u l-Għoti tas-Setgħa. Dan il-pilastru jidentifika l-ħiliet trażversali—bħall-kreattività, l-innovazzjoni, il-ħsieb kritiku, u l-mentalità intraprenditorjali—bħala essenzjali għall-iżvilupp ta' dawk li qegħdin jitgħallmu f'dinja li qed tinbidel malajr. L-istrateġija timpenja ruħha wkoll li tistabbilixxi sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni aktar strutturati u effiċjenti. Barra minn hekk, l-edukazzjoni intraprenditorjali hija parti mill-Pjan Strateġiku Nazzjonali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2023-27 li jesprimi l-ħtieġa li tiġi promossa l-kultura tal-innovazzjoni fost iż-żgħażagħ. Filwaqt li dawn l-iżviluppi huma promettenti, Malta ma għandhiex data dwar l-effettività tal-programmi, u ma għandhiex strateġija komprensiva biex tkompli tiżviluppa dawn il-kompetenzi intraprenditorjali.([52])

([51]) Developing a skills strategy for Malta and its maritime sector - European Commission.

([52]) Ara l-Anness 4.

Tabella A3.1: **Indikaturi tal-innovazzjoni ewlenin**

Malta	2012	2017	2020	2021	2022	2023	2024	EU average (1)	USA
Headline indicator									
R&D intensity (gross domestic expenditure on R&D as % of GDP)	0.79	0.53	0.6	0.6	0.58	0.64	:	2.24	3.45
Science and innovative ecosystems									
Public expenditure on R&D as % of GDP	0.34	0.18	0.22	0.22	0.22	0.27	:	0.72	0.64
Scientific publications of the country within the top 10% most cited publications worldwide as % of total publications of the country	4.2	4.9	8.4	8	:	:	:	9.6	12.3
Researchers (FTEs) employed by public sector (Gov+HEI) per thousand active population	1.5	1.7	1.8	2.2	2.2	2.2	:	4.2	:
International co-publications as % of total number of publications	50.6	56.4	58.3	64	64.1	69.4	:	55.9	39.3
R&D investment & researchers employed in businesses									
Business enterprise expenditure on R&D (BERD) as % of GDP	0.46	0.34	0.38	0.39	0.36	0.37	:	1.49	2.7
Business enterprise expenditure on R&D (BERD) performed by SMEs as % of GDP	0.38	0.3	0.34	0.29	0.29	:	:	0.4	0.3
Researchers employed by business per thousand active population	2.3	2.5	2	2	2.2	1.9	:	5.7	:
Innovation outputs									
Patent applications filed under the Patent Cooperation Treaty per billion GDP (in PPS €)	0.5	1.3	1.8	1.6	1	:	:	2.8	:
Employment share of high-growth enterprises measured in employment (%)	14.75	:	19.36	:	:	:	:	12.51	:
Digitalisation of businesses									
SMEs with at least a basic level of digital intensity % SMEs (EU Digital Decade target by 2030: 90%)	:	:	:	:	77.89	:	81.28	72.91	:
Data analytics adoption % enterprises (EU Digital Decade target by 2030: 75%)	:	:	:	:	:	35.59	:	33.17	:
Cloud adoption % enterprises (EU Digital Decade target by 2030: 75%)	:	:	:	47.48	:	58.19	:	38.86	:
Artificial intelligence adoption % enterprises (EU Digital Decade target by 2030: 75%)	:	:	:	10.16	:	13.17	17.3	13.48	:
Academia-business collaboration									
Public-private scientific co-publications as % of total number of publications	5.3	5.8	6.3	7.4	7.8	8.4	:	7.7	8.9
Public expenditure on R&D financed by business enterprise (national) as % of GDP	0.004	0.001	0.004	0.003	0.006	:	:	0.05	0.02
Public support for business innovation									
Total public sector support for BERD as % of GDP	0.087	0.041	0.010	0.010	0.010	:	:	0.204	0.251
R&D tax incentives: foregone revenues as % of GDP	0.057	0.024	0	0	0	0	:	0.102	0.141
BERD financed by the public sector (national and abroad) as % of GDP	0.03	0.017	0.010	0.010	0.010	:	:	0.100	0.110
Financing innovation									
Venture capital (market statistics) as % of GDP, total (calculated as a 3-year moving average)	0.022	0	0.006	0.006	0.005	0.004	:	0.078	:
Seed stage funding share (% of total venture capital)	0	0	73.6	0	0	0	:	7.3	:
Start-up stage funding share (% of total venture capital)	100	0	26.4	100	100	100	:	44	:
Later stage funding share (% of total venture capital)	0	0	0	0	0	0	:	48.7	:
Innovative talent									
New graduates in science and engineering per thousand population aged 25-34	10.9	7.8	5.4	5.3	5.8	:	:	17.6	:
Graduates in the field of computing per thousand population aged 25-34	4.3	5	3.3	4	3.4	:	:	3.6	:

(1) Il-medja tal-UE għall-aħħar sena disponibbli jew għas-sena bl-ogħla għadd ta' data tal-pajjiż.
Sors: L-Eurostat, id-DĠ JRC, l-OECD, Science-Metrix (il-bażi tad-data Scopus), Invest Europe, it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea

Minkejja t-tkabbir ekonomiku li qed jiffjorixxi, in-negozji Maltin jibbenefikaw minn kundizzjonijiet imtejba tal-ambjent tan-negozju. Malta qed ittejjeb l-infrastruttura tal-konnettività tagħha f'konformità mal-miri tad-Deċennju Diġitali tal-UE. Madankollu, ir-restrizzjonijiet regolatorji fis-servizzi professjonali u l-piżijiet amministrattivi għandhom impatt fuq l-attivitajiet kummerċjali. Barra minn hekk, id-ditti jiltaqgħu ma' ostakli għall-investiment minħabba nuqqasijiet ta' ħiliet u inċertezza.

Kundizzjonijiet ta' qafas ekonomiku

Id-disponibbiltà tal-persunal u l-inċertezza dwar il-futur huma ta' piż fuq l-attività tan-negozju u l-investimenti. Skont l-Istħarriġ dwar l-Investiment tal-BEI ([53]), l-ostakli primarji għall-investimenti fit-tul għan-negozji Maltin huma d-disponibbiltà ta' persunal b'ħiliet (90 %) (ara l-Anness 10), u l-inċertezza dwar il-futur (82 %). In-nuqqasijiet ta' impjegati huma ta' tħassib speċifiku għan-negozji ż-żgħar ([54]). Fis-servizzi, li għandhom sehem ta' 83 % u 86 % fl-impjiegi u fil-produzzjoni (GVA, gross value added) rispettivament, in-nuqqasijiet ta' ħaddiema huma l-ogħla fis-servizzi relatati mat-turiżmu, bħal attivitajiet ta' divertiment (aktar minn 95 %), operaturi tat-tours/aġenziji tal-ivvjaġġar (54 %), iżda wkoll f'servizzi intensivi fl-għarfien bħall-ipprogrammar tal-kompjuter (41 %) u servizzi relatati ma' attivitajiet finanzjarji (69 %) ([55]). In-negozji jibqgħu lura milli jinvestu minħabba l-inċertezza, b'14 % biss jippjanaw li jespandu n-negozju tagħhom fit-12-il xahar li ġejjin ([56]). Skont l-indikatur tal-inċertezza ekonomika (EUI) tal-Kummissjoni Ewropea, speċjalment fis-settur tas-servizzi l-inċertezza qed tiżdied.

L-investituri barranin għadhom iqisu lil Malta bħala destinazzjoni attraenti għall-investiment, għalkemm in-nuqqasijiet ta' persunal bil-ħiliet meħtieġa, problemi infrastrutturali u tħassib politiku dwar it-trasparenza għandhom impatt fuq l-ippjanar tal-investituri. Skont stħarriġ tal-maniġers ([57]), 54 % tal-investituri barranin iqisu li Malta hija post attraenti (59 % fl-2023) u 38 % ta' dawk li wieġbu għandhom pjanijiet ta' espansjoni għan-negozji tagħhom. Madankollu, il-ħiliet u d-disponibbiltà tal-forza tax-xogħol kif ukoll l-ambjent politiku u regolatorju jitqiesu bħala sfidi, speċjalment fis-settur tas-servizzi. Is-servizzi finanzjarji u l-attivitajiet tal-assigurazzjoni jirrappreżentaw l-ogħla sehem ta' investimenti barranin (aktar minn 95 % tal-proġetti l-ġodda fl-2023). Peress li dawn is-setturi jeħtieġu persunal b'ħiliet għolja, huma meħtieġa kundizzjonijiet tal-għajxien ta' kwalità biex jattiraw ċittadini Ewropej u barranin, iżda 51 % ta' dawk li wieġbu qiesu ż-żieda fl-akkomodazzjoni u fl-għoli tal-ħajja (minħabba wkoll il-popolazzjoni li qed tikber) bħala ostaklu biex jiġi mħajjar talent internazzjonali. Barra minn hekk, ir-rispondenti rrapportaw li l-istabbiltà u t-trasparenza tal-ambjent politiku, legali u regolatorju ta' Malta ddgħajfu b'mod sinifikanti. Fl-2015, ġie kklassifikat b'mod pożittiv minn 85 % tad-ditti parteċipanti, iżda sal-2021, kien naqas għal 17 %, u b'hekk kien l-aktar parametru ta' attraenza nominali baxx. Sal-2024, dan kien tjieb ftit għal 29 %, iżda kien ikklassifikat biss fost it-tliet fatturi li jattiraw lill-investituri f'Malta.

L-aċċess għall-finanzi u l-pagamenti tard minn negozju għal negozju jirriskjaw li jfixklu l-flussi tal-flus tad-ditti. Id-disponibbiltà tal-finanzi hija ostaklu għall-investiment għal 55 % tad-ditti Maltin (ogħla mill-medja tal-UE ta' 45 %) (ara l-Anness 5)([58]). Barra minn hekk, il-pagamenti tard minn negozju għal negozju jirrappreżentaw problema kontinwa għal madwar 23 % tal-SMEs ([59]). Meta wieħed iqabbel il-kwistjoni ma' Stati Membri oħra tal-UE, għal 63 % (apparagun ta' 46 % għall-medja tal-UE) ta' dawk li wieġbu għas-Safe Survey f'Malta, il-pagamenti tard minn entitajiet privati joħolqu kwistjoni regolari jew okkażjonali. Il-pagamenti tard minn entitajiet pubbliċi huma regolarment jew okkażjonalment

([53]) Il-Bank Ewropew tal-Investiment, EIB investment Survey 2024, ibbażat fuq intervisti li saru bejn April u Lulju 2024.

([54]) Kamra tal-SMEs, barometru tal-SMEs, snin differenti (2023-2024).

([55]) EC, ECFIN Business and Consumer Survey, 2024.

([56]) Kamra tal-SMEs, barometru tal-SMEs, snin differenti (2023-2024).

([57]) EY Attractiveness Survey Malta, 20 years on, 2024.

([58]) Il-Bank Ewropew tal-Investiment, EIB investment survey 2024, ibbażat fuq intervisti li saru bejn April u Lulju 2024.

([59]) Kamra tal-SMEs, barometru tal-SMEs, snin differenti (2023-2024).

problematiċi għal 22 % ta' dawk mistħarrġa (apparagun ta' 17 % għall-medja tal-UE) ([60]).

Kwistjonijiet ta' popolazzjoni żejda u infrastruttura qed ikollhom impatt akbar fuq l-attivitajiet ta' negozju u l-investiment milli fil-bqija tal-UE. In-nuqqasijiet fl-infrastruttura lokali u l-konġestjoni tat-traffiku għandhom impatt kbir fuq l-attivitajiet tan-negozju. Maġġoranza sinifikanti tan-negozji f'Malta (72 % meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 45 %) jaraw l-infrastruttura tat-trasport bħala ostaklu għall-investiment. Dan is-sehem huwa wieħed mill-ogħla fl-Ewropa, marbut mal-Greċja ([61]). Il-popolazzjoni li qed tiżdied b'rata mgħaġġla u d-dipendenza fuq il-karozzi privati għall-mobbiltà jwasslu għal konġestjoni tat-traffiku rikorrenti, li teħtieġ azzjoni politika bħal inizjattivi ta' ppjanar urban, investiment f'infrastruttura tat-trasport sostenibbli u miżuri infurzabbli. Fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha, Malta għandha l-għan li ttejjeb is-sostenibbiltà tat-trasport permezz ta' miżuri bħall-provvista ta' trasport pubbliku mingħajr ħlas u ż-żieda fl-għadd ta' vetturi elettriċi privati.

Graff A4.1:**Nagħmlu n-Negozju aktar faċli: indikaturi magħżula**

Sehem ta' (1) intrapriżi, (2) esportazzjonijiet u importazzjonijiet medji intra-UE fil-PDG, (3) ditti, (4) SMEs.
Sorsi: (1) BEI IS, (2) l-Eurostat, (3) l-ECFIN BCS, (4) l-istħarriġ SAFE.

Malta għamlet passi sinifikanti fit-titjib tal-infrastruttura diġitali tagħha, b'mod partikolari fil-konnettività. Il-kopertura tal-FTTP([62]) hija ta' 69,6 %, kemxejn ogħla mill-medja tal-UE ta' 64 %. Is-sehem tal-użu tal-broadband fiss veloċi qed jiżdied iżda għadu limitat. Fl-2023, is-sehem ta' abbonamenti tal-broadband fiss li jiżguraw veloċitajiet ta' konnettività ugwali għal jew ogħla minn 1 Gbps kien ta' 11,7 % (żieda minn 6,8 % fl-2022 u kemxejn taħt il-medja tal-UE ta' 18,5 %). F'termini ta' konnettività mobbli, il-kopertura tal-5G inkisbet fil-pajjiż kollu minn wieħed mit-tliet operaturi fl-2022, filwaqt li ż-żewġ operaturi mobbli l-oħra laħqu dak il-limitu lejn tmiem l-2023, f'konformità mal-kundizzjonijiet tal-assenjazzjoni tal-ispettru. Madankollu, il-kopertura tal-5G fil-baned 3,4-3,8 GHz għadha limitata, jiġifieri 24,7 % meta mqabbla ma' 50,6 % fil-livell tal-UE.

([60]) Il-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ċentrali Ewropew, l-istħarriġ SAFE tal-2023. Stħarriġ li sar bejn Settembru u Ottubru 2024.

([61]) Il-Bank Ewropew tal-Investiment, EIB investment Survey 2024, ibbażat fuq intervisti li saru bejn April u Lulju 2024.

([62]) FTTP tirreferi għal "Fibra sal-bini" u tiddeskrivi l-infrastruttura tan-network li tikkonsisti f'kejbil tal-fibra ottika kontra l-elementi tat-temp.

Dwar l-infrastruttura diġitali, ir-reżiljenza taċ-ċibersigurtà fost id-ditti f'Malta qed tonqos filwaqt li n-negozji jinvestu f'miżuri ta' sigurtà preventivi. Il-perċentwal ta' intrapriżi li jesperjenzaw inċidenti ta' sigurtà tal-ICT li jwasslu għal nuqqas ta' disponibbiltà fis-servizz, bħal attakki ta' ransomware jew li jwaqqfu s-servizz, żdied f'Malta, minn 3,4 % fl-2022 għal 5,2 % fl-2024. Dan għadu ogħla mill-medja tal-UE (3,4 %) li jirrifletti miżuri ta' sigurtà relattivament ħżiena. Madankollu, madwar 94 % tal-intrapriżi implimentaw xi forma ta' miżura ta' sigurtà tal-ICT (medja tal-UE ta' 92,8 %) u 62,5 % tal-intrapriżi Maltin impenjaw ruħhom b'mod attiv fis-sensibilizzazzjoni tal-impjegati dwar l-obbligi tas-sigurtà tal-ICT, li huwa ogħla mill-medja tal-UE ta' 59,97 %. B'mod ġenerali, il-progress ta' Malta fl-infrastruttura u l-konnettività diġitali juri l-impenn tagħha li tilħaq l-objettivi tad-Deċennju Diġitali tal-UE, għalkemm huma meħtieġa sforzi kontinwi biex jiġu żgurati kemm l-inklużività kif ukoll ir-reżiljenza.

Ostakli regolatorji u amministrattivi

Malta tavvanza fil-forniment ta' servizzi pubbliċi għan-negozji online, madankollu, in-negozji Maltin jiffaċċjaw pressjoni amministrattiva u piż regolatorju. L-indikatur tar-Regolament dwar is-Suq tal-Prodotti (PMR, Product Market Regulation)([63]) għall-ekonomija kollha tal-OECD tjieb għal Malta bejn l-2018 (1,98) u l-2024 (1,81) iżda flimkien mal-Lussemburgu l-pajjiż huwa wieħed mill-pajjiżi tal-UE bl-agħar prestazzjoni ([64]). Dan jikklassifika l-aktar baxx għas-subkomponenti tal-PMR "piż amministrattiv u regolatorju" (għan-negozji) u "ostakli għall-kummerċ u l-investiment". Skont l-istħarriġ, il-kisba ta' liċenzji u permessi tirrappreżenta ostaklu kbir għan-negozji. Sabiex jissimplifika l-kisba tal-liċenzji, il-gvern ta' Malta ssimplifika r-rekwiżit attwali u introduċa punt uniku ta' servizz għall-bidu ta' negozju. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Maltin bħalissa qed jistabbilixxu Portal tan-Negozju, li se jintegra l-"prinċipju ta' darba biss".

L-għadd ta' reġistrazzjonijiet ta' negozji f'Malta ilu jonqos għal dawn l-aħħar 3 snin u għalkemm hemm diversi inizjattivi u programmi li jippromwovu l-intraprenditorija u l-ħiliet intraprenditorjali, sa issa għad hemm nuqqas ta' strateġija nazzjonali. Fl-2024, ir-reġistrazzjonijiet tan-negozju komplew jonqsu bi tnaqqis sa 20 % irreġistrat mill-2021. Is-setturi l-aktar affettwati huma s-setturi tas-servizzi bħall-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, it-trasport u l-ħżin. Ġew stabbiliti firxa ta' inizjattivi biex jippromwovu l-intraprenditorija mill-Università ta' Malta u l-Ministeru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u l-Proġetti Strateġiċi, inklużi korsijiet, programmi, u finanzjament għal proġetti edukattivi. Inizjattivi ta' edukazzjoni informali u mhux formali bħal "Take Off" miċ-Ċentru għall-Intraprenditorija u l-Inkubazzjoni tan-Negozju jew l-Iskema għall-Iżvilupp tal-Ħiliet minn Malta Enterprise, irawmu wkoll kultura ta' intraprenditorija. Minkejja dawn l-inizjattivi, jidher li hemm nuqqas ta' approċċ komprensiv u sistemiku, b'xi inizjattivi li jidhru li huma *ad hoc* jew dipendenti fuq inizjattivi individwali tal-iskejjel jew tal-kulleġġi, aktar milli jiġu integrati jew integrati b'mod wiesa' fis-sistema edukattiva([65]).

Ġew implimentati bidliet fil-qafas tal-insolvenza f'Malta, jeħtieġ li jiġi mmonitorjat aktar progress. Skont l-OECD ([66]), Malta kisbet punteġġ baxx f'oqsma differenti tar-regolamenti tagħha dwar l-insolvenza, f'oqsma differenti: it-trattament ta' intraprendituri li fallew, il-prevenzjoni u s-simplifikazzjoni, kif ukoll l-għodod ta' ristrutturar. Il-bidliet fil-leġiżlazzjoni ta' Malta fl-2022 kellhom l-għan li jtejbu n-nuqqasijiet li ilhom jeżistu fil-proċeduri Maltin ta' insolvenza u ristrutturar. Minbarra r-reviżjoni tal-proċedura ta' falliment, ġie introdott mekkaniżmu ta' twissija bikrija, u ġie definit ir-rwol ta' appoġġ ta' "prattikant fl-insolvenza". Peress li dawn il-bidliet daħlu fis-seħħ biss fl-2024, kwalunkwe effett potenzjali jeħtieġ li jiġi mmonitorjat.

Il-kostijiet tal-konformità mat-taxxa huma taħt il-medja tal-UE (Ara l-Anness 2). Malta tikklassifika bħala wieħed mill-pajjiżi bl-inqas kostijiet ta' konformità kemm f'termini assoluti kif ukoll bħala sehem mid-dħul mit-taxxa, filwaqt li

([63]) OECD PMR, https://www.oecd.org/en/topics/product-market-regulation.html, data limitu għal Malta: 01.01.2024.

([64]) Il-PMR medju tal-UE għandu valur tal-indiċi ta' 1,24.

([65]) Ara l-Anness Innovazzjoni għan-Negozju.

([66]) OECD, Enhancing insolvency frameworks to support economic renewal, 8/12/2022.

hija qrib il-medjan meta jintuża s-sehem tal-fatturat. Għall-SMEs Maltin, il-kost totali tal-konformità tat-taxxa fit-taxxi diretti u indiretti kien ta' 1,6 % tal-fatturat bħala medja fl-2019, taħt il-medja aggregata tal-UE ta' 1,9 % ([67]). Din l-analiżi tista' tiġi affettwata mid-daqs tal-pajjiż. Inċentivi speċifiċi għall-mikroditti jistgħu jaffettwaw ukoll il-kostijiet ġenerali tal-konformità mar-regoli tat-taxxa. Fl-istess ħin, il-kumplessità tar-rekwiżiti tat-tassazzjoni u tar-rapportar hija ta' piż fuq il-kostijiet tal-konformità tad-ditti. Is-sistema tat-taxxa u l-inċentivi tat-taxxa b'mod ġenerali għadhom qed jattiraw in-negozju lejn Malta iżda qed jonqsu ([68]).

Is-suq uniku

Malta hija relattivament integrata tajjeb fis-Suq Uniku, speċjalment fil-kummerċ tas-servizzi. L-integrazzjoni kummerċjali ta' Malta fis-servizzi tammonta għal 50,8 % tal-PDG fl-2024, ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 15 %, filwaqt li l-attivitajiet tal-kummerċ tal-oġġetti huma strutturalment relattivament baxxi. Madankollu, il-manifattura hija l-akbar settur tal-esportazzjoni ta' Malta. Is-servizzi relatati mat-turiżmu kienu jirrappreżentaw 43 % tal-esportazzjonijiet tas-servizzi fl-2023, segwiti minn "servizzi kummerċjali oħra" bħas-servizzi amministrattivi u ta' appoġġ (23 %) u t-trasport (17 %). Il-gżira għandha rabtiet ekonomiċi b'saħħithom fil-kummerċ u l-investimenti mal-Italja u l-Ġermanja, iżda wkoll mar-Renju Unit u l-pajjiżi Asjatiċi bħall-Ġappun. ([69])

L-ostakli amministrattivi għall-kummerċ tnaqqsu f'dawn l-aħħar snin, iżda hemm lok għal titjib. Skont l-indikatur tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ tal-OECD, il-prestazzjoni ta' Malta tjiebet bil-punteġġ li niżel minn 1,23 fl-2019 għal 0,93 fl-2023, xorta ogħla mill-medja tal-UE ta' 0,69 ([70]). Ħarsa aktar mill-qrib lejn il-komponenti tal-indikaturi turi li s-simplifikazzjoni tal-proċeduri formali u l-għoti ta' informazzjoni trasparenti jtejbu l-effiċjenza tal-attivitajiet fil-fruntieri.

Malta għandha prestazzjoni tajba fil-promulgazzjoni sħiħa u preċiża tal-leġiżlazzjoni tas-suq uniku, kif rifless f'indikaturi differenti tal-infurzar tas-suq uniku, għalkemm hemm lok għal titjib fid-dewmien fit-traspożizzjoni u r-riżoluzzjoni tal-każijiet tas-SOLVIT ([71]). Skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku u l-Kompetittività ([72]), Malta tinsab fost l-Istati Membri bl-aqwa prestazzjoni f'termini ta' traspożizzjoni f'waqtha tad-direttivi (0,5 % meta mqabbla ma' 0,8 %, medja tal-UE) u konformità tat-traspożizzjoni b'rata ta' 0,6 % meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 0,9 %. Malta għandha l-iqsar dewmien fit-traspożizzjoni (4 xhur meta mqabbla ma'11,9 xahar, il-medja tal-UE) minn kwalunkwe Stat Membru, li huwa titjib enormi mis-sena l-oħra (meta kklassifikat fl-24 post minn 27 Stat Membru). Fis-sistema SOLVIT għar-riżoluzzjoni tad-drittijiet tal-UE għan-negozji u l-individwi, Malta solviet 77,8 % tal-każijiet tas-SOLVIT li ttrattat bħala ċentru ewlieni fl-2024 (medja tal-UE, 84,9 %).

Diversi servizzi professjonali huma rregolati b'mod aktar strett milli fil-pajjiżi l-oħra tal-UE. Skont il-Kummissjoni Ewropea([73]) u l-OECD ([74]), l-ostakli regolatorji għadhom ogħla f'Malta milli f'pajjiżi komparabbli għall-avukati u l-kontabilisti. Dawk l-ostakli huma fil-biċċa l-kbira relatati mad-dħul fis-suq u r-regolamentazzjoni tal-kondotta. Minkejja l-bidliet legali li jikkonċernaw il-periti u l-inġinerija, in-negozji għadhom jirrapportaw in-nuqqas ta' persunal bħala fattur wieħed li jillimita l-attivitajiet kummerċjali tagħhom (50 % fl-2024) ([75]). Id-drittijiet esklużivi għal dawn il-professjonijiet għadhom fis-seħħ, u dan ifixkel l-iżvilupp ta' servizzi innovattivi.

([67]) Tax compliance costs for SME, European Commission, 1/2022, p. 38.

([68]) EY Attractiveness Survey Malta, 20 years on, 2024.

([69]) L-Eurostat.

([70]) Ara OECD Product Market Regulation indicators. Indikaturi ta' livell baxx: Ostakli għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ u ostakli tariffarji.

([71]) SOLVIT huwa servizz li jgħin lin-negozji u liċ-ċittadini f'każ li Stat Membru tal-UE li mhux tagħhom jikser il-liġi tal-UE.

([72]) Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku.

([73]) KE, Komunikazzjoni dwar l-aġġornament tar-rakkomandazzjonijiet ta' riforma għar-regolamentazzjoni tas-servizzi professjonali, COM(2021) 385. 9/7/2021.

([74]) OECD, Product Market Regulation (PMR) indicators: How does Bulgaria compare? OECD, 2024.

([75]) Il-KE, L-Istħarriġ dwar in-Negozju u l-Konsumatur.

Proċeduri tal-akkwist pubbliku

Minkejja l-progress konsiderevoli fl-akkwist pubbliku, għad hemm lok għal titjib. Malta lestiet b'suċċess it-tranżizzjoni għas-sistema l-ġdida tal-Formoli elettroniċi. Ir-rata ta' proċeduri nnegozjati mingħajr pubblikazzjoni kienet ta' 5 % fl-2024, li hija taħt il-medja tal-UE ta' madwar 7 %. Madankollu, proporzjon sinifikanti ta' kuntratti (33 %) ma rnexxewx([76]). Il-qsim tal-offerti f'lottijiet jgħin lill-SMEs b'mod partikolari biex jipparteċipaw fil-proċeduri tal-offerti.

L-użu tal-akkwist pubbliku soċjalment responsabbli (SRPP) f'Malta għadu limitat ħafna u fl-istadji bikrija ħafna tiegħu. Minkejja l-opportunitajiet ipprovduti mill-qafas legali, xi dispożizzjonijiet, bħall-possibbiltà li l-kuntratti jiġu riżervati għal operaturi ekonomiċi speċifiċi fil-qasam soċjali, qatt ma ntużaw. Għad hemm għarfien u fehim limitati tal-SRPP u l-potenzjal tiegħu li jilħaq l-għanijiet soċjali. Il-prijoritizzazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali, il-gwida mmirata, il-kollaborazzjoni, u l-iżvilupp ta' proġetti pilota se jkunu essenzjali.

In-negozji jqajmu tħassib dwar il-proċeduri tal-akkwist pubbliku. Fi stħarriġ nazzjonali, issemmiet il-kompetizzjoni inġusta minn 23 % ta' dawk li wieġbu bħala t-tieni l-aktar tħassib komuni li jiffaċċjaw in-negozji. In-negozji qajmu wkoll tħassib dwar kwistjonijiet ta' governanza tajba u korruzzjoni ([77]). Jistgħu jiġu implimentati miżuri ta' trasparenza biex tittejjeb l-infrastruttura tal-akkwist pubbliku ta' Malta. Għalkemm is-subindikatur tal-PMR tal-OECD dwar l-akkwist pubbliku ([78]) jindika li l-proċeduri tal-offerti f'Malta huma favorevoli għall-kompetizzjoni f'termini legali, il-valur tal-indikatur tal-PMR fil-fatt ma nbidilx bejn l-2019 u l-2023.

L-akkwist pubbliku ma jintużax biżżejjed biex jinkoraġġixxi l-innovazzjoni. Sal-lum, Malta għad trid tiffoka speċifikament fuq l-akkwist tal-innovazzjoni. Il-leġiżlazzjoni attwali tippermetti li l-akkwist pubbliku jintuża għall-innovazzjoni u t-taħriġ fakultattiv dwar is-suġġett jiġi offrut okkażjonalment lill-uffiċjali tan-negozju u tal-akkwist pubbliku. Madankollu, sakemm il-gwida politika u l-ippjanar strateġiku ma jkunux fis-seħħ, l-entitajiet pubbliċi se jsibuha bi tqila biex jagħmlu avvanzi fl-akkwist pubbliku tal-innovazzjoni.

Malta tħeġġeġ l-akkwist sostenibbli, iżda minkejja approċċ integrat, il-kriterji tal-prezzijiet għadhom kritiċi fil-proċeduri tal-offerti pubbliċi. L-awtoritajiet Maltin għamlu progress fil-pjan nazzjonali tal-akkwist pubbliku ekoloġiku kif ukoll fl-istrateġija għall-iżvilupp sostenibbli tal-2050, li fiha wkoll taqsimiet dwar l-akkwist ekoloġiku. Madankollu, għad hemm diversi sfidi, inklużi l-kapaċità limitata tal-persunal u l-avverżjoni għar-riskju tal-aġenti tal-akkwist pubbliku, li huma skoraġġuti minn tħassib dwar prezzijiet potenzjalment ogħla u l-inċertezza tal-offerti disponibbli ([79]).

([76]) Ma waslet l-ebda offerta jew talba għall-parteċipazzjoni, jew ġew irrifjutati kollha kemm huma; jew raġunijiet oħra ta' nuqqas ta' suċċess fl-ikkuntrattar.

([77]) Barometru tal-SMEs, it-3 kwart tal-2024.

([78]) Ara OECD Product Market Regulation indicators. Indikaturi ta' livell baxx: Ostakli għall-faċilitazzjoni tal-kummerċ u ostakli tariffarji.

([79]) KE, Article 83- public procurement monitoring reporting, – 2021-2023.

Tabella A4.1: **Nagħmlu n-Negozju aktar faċli: indikaturi.**

Malta							
POLICY AREA	**INDICATOR NAME**	**2020**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**	**EU-27 average**
Investment climate							
Shortages	Material shortage, firms facing constraints, %[1]	9.0	47.3	41.5	24.0	9.2	10.0
	Labour shortage, firms facing constraints, %[1]	16.2	27.1	33.1	44.3	24.3	20.2
	Vacancy rate, vacant posts as a % of all available ones (vacant + occupied)[2]	1.7	2.4	3.0	3.2	3.5	2.3
Infrastructure	Transport infrastructure as an obstacle to investment, % of firms reporting it as a major obstacle[3]	20.4	18.3	27.1	30.3	29.6	13.4
	VHCN coverage, %[4]	-	100	100	100	-	78.8
	FTTP coverage, %[4]	-	48.0	56.2	69.6	-	64.0
	5G coverage, %[4]	-	20.0	100	100	-	89.3
Reduction of regulatory and administrative barriers							
Regulatory environment	Impact of regulation on long-term investment, % firms reporting business regulation as a major obstacle[3]	16.2	15.7	14.2	14.9	16.9	24.5
Late payments	Payment gap - corporates B2B, difference in days between offered and actual payment[5]		0.0	0.0	0.0	0.0	15.6
	Payment gap - public sector, difference in days between offered and actual payment[5]		0.0	0.0	0.0	0.0	15.1
	Share of SMEs experiencing late payments, %*[6] — from public or private entities in the last 6 months	73.8	64.4	60.9	76.0	-	-
	Share of SMEs experiencing late payments, %*[6] — from private entities in the previous or current quarter	-	-	-	-	63.1	47.9
	Share of SMEs experiencing late payments, %*[6] — from public entities in the previous or current quarter	-	-	-	-	22.3	16.6
Single Market							
Integration	EU trade integration, % (Average intra-EU imports + average intra EU exports)/GDP[2]	63.3	59.8	63.9	63.2	64.0	41.6
	EEA Services Trade Restrictiveness Index[7]	-	-	-	-	-	0.050
Compliance	Transposition deficit, % of all directives not transposed[8]	0.7	1.1	0.4	0.6	0.5	0.8
	Conformity deficit, % of all directives transposed incorrectly[8]	0.8	1.0	0.6	0.4	0.6	0.9
	SOLVIT, % resolution rate per country[8]	91.7	93.8	86.7	90.0	77.8	84.9
	Number of pending infringement proceedings[8]	24.0	19.0	15.0	13.0	15.0	24.4
Public procurement							
Competition and transparency in public procurement	Single bids, % of total contractors**[8]	15	9	15	15	-	-
	Direct awards, %**[8]	1	1	9	13	5	7.0

*Bidla fil-metodoloġija fl-2024: ir-rapportar ta' pagamenti tard minn entitajiet pubbliċi u privati separatament.
**Id-data tal-2024 dwar offerti uniċi hija proviżorja u soġġetta għal reviżjoni. Innota li madwar 100 % tad-data totali bħalissa hija nieqsa, u dan jista' jkollu impatt fuq il-preċiżjoni u l-kompletezza tal-informazzjoni. Minħabba data nieqsa, il-medja tal-UE tad-data dwar l-għotjiet diretti qed tiġi kkalkulata mingħajr ir-Rumanija.
Sorsi: (1) l-ECFIN BCS, (2) l-Eurostat, (3) l-EIB IS, (4) ir-Rapporti tal-Pajjiżi tad-Deċennju Diġital, (5) ir-Rapport ta' Intrum dwar il-Pagament, (6) l-Istħarriġ SAFE, (7) l-OECD, (8) sal-2023: It-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku u l-Kompetittività, 2024: L-Ispazju tad-data dwar l-akkwist pubbliku (PPDS).

It-tfaddil privat nett sinifikanti f'Malta huwa fil-biċċa l-kbira dirett lejn investimenti privati fil-pajjiż u barra mill-pajjiż, anki jekk dan l-aħħar id-defiċits tal-gvern kienu qed jassorbu wkoll parti mhux negliġibbli. F'dan l-isfond, il-pajjiż kompla jsaħħaħ il-pożizzjoni internazzjonali netta pożittiva tiegħu. Madankollu, is-swieq kapitali domestiċi għadhom fil-biċċa l-kbira sottożviluppati u ma jagħtux kontribut materjali għall-finanzjament tan-negozji, li jiddependu primarjament fuq il-finanzjament intern u s-self mill-banek. Id-daqs fil-biċċa l-kbira żgħir tal-kumpaniji u l-intensità kapitali relattivament baxxa tal-ekonomija huma responsabbli għal dan l-eżitu. Il-banek, li jgawdu minn reżiljenza għolja għar-riskji u likwidità abbundanti, għandhom kapaċità qawwija biex jiffinanzjaw l-ekonomija, kif muri minn rati ta' tkabbir tal-kreditu persistentement għoljin. L-intermedjarji finanzjarji mhux bankarji, li jidhru kbar, jużaw lil Malta bħala ġuriżdizzjoni ta' reġistrazzjoni u ma għandhomx rwol sinifikanti fil-finanzjament tal-ekonomija. Sa issa, l-investituri bl-imnut Maltin kellhom approċċ konservattiv għall-ġestjoni tal-ġid, li joħloq potenzjal wiesa' biex tingħata spinta lill-parteċipazzjoni tagħhom fis-swieq kapitali, u b'hekk id-depożiti bankarji jiġu diretti lejn użi aktar produttivi.

Id-disponibbiltà u l-użu tal-iffrankar domestiku

It-tfaddil privat nett komparattivament għoli tal-ekonomija Maltija kien qed jappoġġja primarjament l-investiment privat fil-pajjiż u barra mill-pajjiż. Sa tmiem l-2023, il-proporzjon tat-tfaddil privat, nett mill-konsum tal-kapital fiss, li storikament kien għoli ħafna, laħaq 14,8 % tal-PDG, jiġifieri kemxejn taħt il-medja tiegħu ta' 10 snin ta' 15,8 % tal-PDG (ara l-Graff A5.1). Il-proporzjon nett tal-investiment privat, li jkejjel il-kontribuzzjoni netta tas-settur privat għall-akkumulazzjoni tal-kapital fil-pajjiż, naqas għal 4,3 % tal-PDG sa tmiem l-2023, jiġifieri ferm taħt il-medja tiegħu ta' 10 snin ta' 7,2 %. Mill-2020, il-gvern reġa' beda jaffaċċja defiċits, u b'hekk assorba t-tfaddil privat li laħaq il-medja tal-ekwivalenti ta' 2,1 % tal-PDG fil-perjodu 2014-2023. Bħala riżultat ta' dawn ix-xejriet u l-bidliet strutturali, l-ekonomija Maltija kienet kreditur nett għall-bqija tad-dinja għall-ekwivalenti ta' 6,5 % tal-PDG fis-sena matul l-aħħar 10 snin, bl-eċċezzjoni notevoli tal-2020, meta ssellfet madwar 0,6 % tal-PDG minn barra l-pajjiż. Għalhekk, matul l-aħħar 10 snin, il-biċċa l-kbira tat-tfaddil nett privat ġie investit privatament fl-ekonomija domestika (46 % tat-total) jew barra mill-pajjiż (41 % tat-total), filwaqt li d-defiċits fiskali tal-gvern assorbew it-13 % li jifdal.

Graff A5.1:**Bilanċ nett ta' tfaddil-investiment**



Sors: AMECO.

B'konsistenza mal-pożizzjoni regolari tagħha ta' kreditur annwali nett għall-bqija tad-dinja, l-ekonomija Maltija saħħet il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta pożittiva tagħha. Malta għandha reputazzjoni internazzjonali stabbilita bħala ġuriżdizzjoni li tipprovdi protezzjoni legali għall-istabbiliment ta' negozji u għar-ridirezzjonar tal-investimenti. Minħabba dik il-partikolarità nazzjonali, mit-3 kwart tal-2024, l-assi totali fuq il-barranin laħqu l-ekwivalenti ta' 3 095 % tal-PDG, tnaqqis minn 3 268 % fl-2017, filwaqt li l-obbligazzjonijiet għall-barranin kienu ta' 2 995 % tal-PDG, tnaqqis minn 3 201 % fl-2017 (ara l-Graff A5.2). B'riżultat ta' dan, il-pożizzjoni ta' investiment internazzjonali netta (PIIN) pożittiva kompliet tiżdied minn 67,3 % fl-2017 għal 100,3 % tal-PDG mit-3 kwart tal-2024, li juri li l-ekonomija Maltija, f'termini netti, żiedet l-assi globali tagħha fuq il-barranin b'ekwivalenti ta' 33 % tal-PDG bejn l-2017 u t-3 kwart tal-2024. It-titjib ġie esklussivament mill-bidla netta fl-assi finanzjarji, li waħedha żdiedet f'termini netti, filwaqt li sadanittant l-istokk nett kemm tal-investimenti diretti barranin kif ukoll tal-investimenti tal-portafoll naqas. Għalhekk, għalkemm dan l-aħħar il-volumi grossi pendenti ta' assi barranin u obbligazzjonijiet barranin naqsu, l-ekonomija Maltija baqgħet eċċezzjonalment integrata tajjeb fil-fluss tal-kapital internazzjonali,

u b'hekk żiedet b'suċċess il-ġid barrani nett tagħha.

Graff A5.2: **Pożizzjoni tal-investimenti internazzjonali**



Sors: Il-BĊE.

L-istruttura tas-swieq kapitali u d-daqs tas-settur finanzjarju

Minkejja tfaddil domestiku għoli, is-swieq kapitali f'Malta jidhru li huma relattivament sottożviluppati. Il-kapitalizzazzjoni tas-suq tal-ekwità elenkata laħqet il-41 % tal-PDG fi tmiem l-2023, li huwa ferm taħt il-medja tal-UE ta' 67 % (ara l-Graff A5.3). Il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji kienu jirrappreżentaw inqas minn terz ta' dik il-kapitalizzazzjoni, li huwa sinjal ieħor tal-livell għoli ta' finanzjalizzazzjoni tal-ekonomija Maltija. Il-volumi nnegozjati fil-Borża ta' Malta huma baxxi ħafna, b'EUR 365 miljun fl-2024, inklużi bonds, ekwità, fondi nnegozjati fil-borża (ETFs) u kambjali tat-teżor, b'kummerċ f'bonds tal-gvern li jirrappreżenta madwar nofs il-fatturat. Il-volum pendenti ta' titoli ta' dejn laħaq il-75 % tal-PDG fi tmiem l-2023, li huwa wkoll ferm taħt il-medja tal-UE ta' 137 % tal-PDG. Il-bonds tal-gvern estiż ammontaw għal 60 % tal-ammonti pendenti. Il-bqija tqassam bejn il-banek (5 %), il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji (8 %) u intermedjarji finanzjarji oħra (27 %). Għalhekk, il-kontribut tas-swieq kapitali f'Malta għall-finanzjament tal-ekonomija domestika, u speċjalment tas-settur privat mhux finanzjarju, jidher li huwa limitat ħafna.

Il-banek għadhom jiddominaw is-settur finanzjarju f'Malta iżda l-intermedjarji finanzjarji mhux bankarji għandhom importanza sinifikanti wkoll. Sa tmiem l-2023, l-assi totali tal-banek, kienu ta' 209 % tal-PDG, taħt il-medja tal-UE ta' 253 % u ħafna inqas mid-daqs tagħhom tal-2020 ta' 281 % tal-PDG. Il-banek barranin, li kienu attirati mill-istatus ġuriżdizzjonali speċjali ta' Malta, naqqsu b'mod sinifikanti l-preżenza tagħhom minn 58 % tal-assi totali fl-2017 għal 34 % sa tmiem l-2023. Peress li l-aqwa ħames istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (MFIs) jikkontrollaw aktar minn 75 % tas-settur sa tmiem l-2023, il-konċentrazzjoni bankarja tidher li hija ogħla mill-medja tal-UE ta' 54 %. Is-settur tal-assigurazzjoni, minkejja tnaqqis fl-assi totali tiegħu ta' madwar 17-il punt perċentwali tal-PDG, għadu żviluppat sew. L-assi totali tagħha kienu ekwivalenti għal 73,2 % tal-PDG fi tmiem l-2023, ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 55 %. Il-fondi tal-pensjonijiet, b'assi totali ta' 38 % tal-PDG fi tmiem l-2023, huma wkoll aktar żviluppati mill-medja tal-UE. Il-fondi ta' investiment huma wkoll prominenti ħafna f'Malta, minkejja li l-assi totali tagħhom naqsu mill-ekwivalenti ta' 150 % tal-PDG fl-2021 għal 115,4 % tal-PDG sa tmiem l-2023. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-intermedjarji finanzjarji mhux bankarji jużaw lil Malta bħala ġuriżdizzjoni ta' reġistrazzjoni u ma għandhomx rabtiet kummerċjali lokali (ara d-diskussjoni dwar l-investituri istituzzjonali).

Graff A5.3: **Swieq kapitali u intermedjarji finanzjarji**



Sors: Il-BĊE, l-EIOPA, l-AMECO.

Ir-reżiljenza tas-settur bankarju

Il-banek f'Malta juru reżiljenza għolja għar-riskji, bis-saħħa ta' livelli komparattivament għoljin ta' kapital. Storikament, il-proporzjon aggregat tal-adegwatezza kapitali f'Malta kien relattivament ogħla minn bnadi oħra fl-Ewropa.

Mit-3 kwart tal-2024, il-proporzjon kapitali globali kellu medja ta' 24,3%, ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 20,1 % (ara t-Tabella A5.1). Fl-istess ħin, il-proporzjon tal-grad 1 tal-ekwità komuni kien ta' 20,2 %, għal darb'oħra ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 16,6 %. Madankollu, il-proporzjon ta' kopertura ta' self improduttiv skont il-provvedimenti, li kien ta' 35 % mit-3 kwart tal-2024, jiġifieri 7 punti perċentwali taħt il-medja tal-UE, għadu aktar baxx minn bnadi oħra fl-Ewropa. Filwaqt li dan jista' jkun iġġustifikat mill-kwalità komparattivament aħjar tal-assi u ma jikkostitwixxix vulnerabbiltà, dan jista' jindika spinta kontabilistika strutturali għal-livelli kapitali. Ir-rata tar-Rekwiżit Minimu aggregat tal-banek Maltin għal Fondi Proprji u Obbligazzjonijiet Eliġibbli (MREL) kienet ta' 32,3 % tal-assi ponderati għar-riskju fi tmiem l-2023, li kienet 3,7 punti perċentwali ogħla mil-livell meħtieġ.

Filwaqt li l-kwalità sodisfaċenti tal-assi hija bażi tajba għall-profittabbiltà futura, il-banek jeħtieġ li jagħtu spinta lir-redditi tagħhom. Bi proporzjon aggregat ta' self li ma jrendix (NPL, non-performing loan) ta' 1,8 % mit-3 kwart tal-2024, li huwa taħt il-medja tal-UE ta' 1,9 %, il-kwalità tal-kreditu għadha sodisfaċenti. Il-proporzjon tal-NPL korporattiv, li ilu jonqos b'mod persistenti mill-quċċata reċenti tiegħu ta' 7,1 % fl-2020 naqas għal 3,3 % mit-3 kwart tal-2024, għal darb'oħra taħt il-medja ta' 3,5 % tal-UE. Inqas minn 2 % tas-self lill-unitajiet domestiċi huwa delinkwenti. Sa issa, ma hemm l-ebda evidenza ta' kwalità tal-assi deterjorata minħabba ċ-ċiklu ta' ssikkar tar-rati tal-imgħax. Ir-redditu medju fuq l-ekwità, li kien eqreb lejn il-livell l-aktar baxx fl-UE fl-2021-2022, żdied reċentement u laħaq 10,4 % mit-3 kwart tal-2024, ftit aktar mill-medja tal-UE ta' 10 %. Madankollu, dan ir-redditu medju jidher li tneħħa gradwalment bir-rati ta' tkabbir tal-kreditu sinifikanti ħafna, ferm ogħla mill-medji tal-UE, kemm fis-segmenti korporattivi kif ukoll f'dawk domestiċi. Dan jimplika li, minkejja l-espansjoni tal-assi li jrendu l-imgħax aktar mill-pari tagħhom fl-UE, il-banek f'Malta ma rnexxilhomx jiġġeneraw redditi netti ogħla. Biex jirrimedjaw is-sitwazzjoni, il-banek jeħtieġ li jtejbu l-effiċjenza operazzjonali tagħhom fil-futur.

Il-banek Maltin iżommu pożizzjonijiet ta' likwidità b'saħħithom ħafna u għandhom skopertura strutturali baxxa għar-riskju tal-likwidità. Il-banek f'Malta huma esposti għal riskju baxx ta' finanzjament tal-likwidità u juru adegwatezza ta' terminu sodisfaċenti bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet. Il-proporzjon self-depożitu tagħhom kien ta' 55,9 % mit-3 kwart tal-2024, it-tieni l-aħjar fl-Unjoni u ferm taħt il-medja tal-UE ta' 96 %. Dan juri kopertura strutturalment aħjar tad-depożiti minn assi oħrajn, negozjabbli u likwidi. Il-proporzjon ta' kopertura tal-likwidità aggregata impressjonalment għoli ta' 358 % mit-3 kwart tal-2024 juri wkoll is-sitwazzjoni eċċellenti ta' likwidità disponibbli minnufih biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet fuq terminu qasir. Fl-istess ħin, il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett, li jkejjel id-disponibbiltà ta' finanzjament stabbli aktar fit-tul, laħaq 171 % tal-PDG, jiġifieri 42 punti perċentwali ogħla mill-medja tal-UE.

Reżiljenza tal-intermedjarji finanzjarji mhux bankarji

Is-settur finanzjarju mhux bankarju li huwa domestikament rilevanti huwa relattivament żgħir, b'assi totali tas-settur tal-assigurazzjoni u fondi ta' investiment ta' madwar 25 % tal-PDG. Iż-żewġ setturi żiedu l-assi tagħhom fl-ewwel sitt xhur tal-2024. Is-settur tal-assigurazzjoni għandu pożizzjonijiet solidi ta' kapital u likwidità iżda hemm xi pressjoni fis-segment tal-assigurazzjoni tal-ħajja minħabba tnaqqis fil-primjums fl-assigurazzjonijiet b'parteċipazzjoni fil-profitt. Il-profittabbiltà tal-fondi ta' investiment rilevanti domestikament kienet appoġġjata minn żidiet fil-prezzijiet fis-swieq tal-ekwità u żieda modesta fit-titoli b'introjtu fiss. Bħala karatteristika strutturali, il-biċċa l-kbira tal-fondi ta' investiment rilevanti domestikament huma proprjetà ta' banek domestiċi ewlenin u għandhom madwar 10 % tal-assi globali tagħhom f'investimenti maħruġa minn banek domestiċi ewlenin.

Il-mutur predominanti tal-espansjoni tas-sistema finanzjarja Maltija mill-2019 kien it-tkabbir fis-settur mhux bankarju. Dan is-settur irreġistra żieda ta' 47,4 % fl-assi totali biex jilħaq EUR 744,6 biljun sa tmiem l-2023. F'Diċembru 2022, 89,6 % tal-assi totali tas-sistema finanzjarja kienu intermedjarji finanzjarji mhux bankarji (NBFI, il-miżura usa'), it-tieni l-ogħla proporzjon fl-UE. F'Malta, il-komponent dominanti (95 %) tal-NBFI huwa l-kategorija tal-Istituzzjonijiet Finanzjarji Kaptivi u s-Selliefa tal-Flus.

Sorsi ta' finanzjament tan-negozju u r-rwol tal-banek

Id-ditti f'Malta jiddependu aktar mill-medja tal-UE fuq il-finanzjament mill-banek u inqas mill-medja tal-UE fuq il-finanzjament mis-swieq kapitali. B'mod aktar speċifiku, fi tmiem l-2023, il-finanzjament bankarju permezz ta' self kien jikkostitwixxi 42,6 % tas-sorsi kollha ta' finanzjament għall-korporazzjonijiet mhux finanzjarji Maltin (NFCs, non-financial corporations), filwaqt li l-ishma u l-bonds elenkati kienu jirrappreżentaw biss 6 % tas-sorsi aggregati ta' finanzjament. Iċ-ċifri ekwivalenti għall-medja tal-UE huma ta' 27,2 % u 23,8 %, bil-livelli ġenerali wkoll sostanzjalment ogħla bħala perċentwal tal-PDG (peress li l-livell ġenerali tal-finanzjament tal-NFC kien ta' 153,8 % tal-PDG f'Malta u 230,3 % tal-PDG għall-medja tal-UE, ara l-Graff A5.4).

Graff A5.4:**Kompożizzjoni tal-obbligazzjonijiet tal-NFC bħala % tal-PDG**



Sors: Il-kalkoli tal-Eurostat u tal-E2.

In-negozji f'Malta jiddependu aktar fuq il-finanzjament intern mill-pari Ewropej tagħhom. Skont l-Istħarriġ tal-BEI dwar l-Investiment tat-2024, 79 % tad-ditti Maltin irrapportaw li l-ħtiġijiet ta' investiment tagħhom huma koperti minn finanzjament intern, meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 66 %. Fl-istess ħin, 83 % tad-ditti Maltin kienu jemmnu li l-attivitajiet ta' investiment tagħhom matul l-aħħar 3 snin kienu madwar l-ammont it-tajjeb, ogħla mill-medja tal-UE ta' 80 %, li jissuġġerixxi li ma hemm l-ebda diskrepanza materjali fil-finanzjament meta mqabbla mad-domanda għall-investiment. Madankollu, dan jista' ma jkunx il-każ għal ditti mingħajr kapaċità jew b'kapaċità limitata għal finanzjament intern, bħal ditti start-up innovattivi.

Il-kumpaniji Maltin qed jużaw is-swieq kapitali inqas mill-pari tagħhom fl-UE. L-NFCs Maltin għandhom sehem ogħla ta' ekwità mhux elenkata meta mqabbla mal-pari tagħhom taż-żona tal-euro, li jissuġġerixxi li porzjon kbir tas-sjieda korporattiva għadu privat u li ħafna negozji ma għandhomx il-ħtieġa jew iridu jaċċessaw il-kapital billi jagħmlu pubbliku. Il-ħruġ ta' bonds jintuża b'mod aktar komuni bħala strument għall-ġbir ta' fondi mill-offerti pubbliċi inizjali (IPOs) jew il-kwotazzjoni tal-istokks. Matul l-2020-2023, Malta kellha l-ogħla rata fost il-pajjiżi kollha tal-UE ta' ħruġ ta' bonds tal-NFCs bħala perċentwal tal-finanzjament totali tal-NFCs, minħabba ammont baxx ta' ħruġ ta' bonds kbar([80]). Barra minn hekk, Malta hija ekonomija inqas intensiva fil-kapital mill-medja tal-UE, li, meta kkombinata mad-daqs fil-biċċa l-kbira żgħir tal-kumpaniji tagħha, toħloq inqas domanda għal strumenti tas-suq kapitali. L-użu tal-ekwità mill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) huwa baxx, minkejja li 13 % tal-SMEs indikaw fl-istħarriġ SAFE tal-2024 li l-ekwità kienet rilevanti għalihom, meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 11,7 % ([81]).

Ir-reżiljenza għolja għar-riskji u l-ammont kbir ta' likwidità disponibbli jirrappreżentaw il-kapaċità għolja tas-settur bankarju li jiffinanzja l-ekonomija. Malta esperjenzat perjodu twil ta' tkabbir ekonomiku f'dawn l-aħħar 4 snin, ferm ogħla mill-medja tal-UE. It-tkabbir rapidu tal-popolazzjoni u l-investimenti diretti barranin fil-proprjetà residenzjali, flimkien mal-espansjoni kontinwa tal-kreditu bankarju, ikkontribwew għal dan l-eżitu. Wara li kiber b'7,3 % u 10,2 % rispettivament fl-2022 u fl-2023, it-tkabbir tal-kreditu lill-NFCs immodera għal 3,7 % mit-3 kwart tal-2024. Il-kreditu lill-unitajiet domestiċi kompla jespandi bir-rata sostnuta ta' 9,2 % mit-3 kwart tal-2024 (ara t-Tabella A5.1).

([80]) AFME, Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni tas-CMU, 2023.

([81]) Data u stħarriġ - SAFE - Kummissjoni Ewropea, 2024, Riżultati skont il-pajjiż, T27.

Investiment bl-imnut fis-swieq kapitali

L-unitajiet domestiċi Maltin, f'termini relattivi, għandhom ftit aktar assi finanzjarji f'ċerti kategoriji minn unitajiet domestiċi fil-bqija tal-UE. B'mod partikolari, meta mqabbla mal-medja tal-UE, l-unitajiet domestiċi Maltin iżommu sehem ħafna akbar mill-assi tagħhom f'muniti u depożiti kif ukoll bonds (ara l-Graff A5.5), li jissuġġerixxi approċċ konservattiv għall-ġestjoni tal-ġid. Huma jżommu wkoll parti iżgħar mill-assi finanzjarji tagħhom, meta mqabbla ma' pajjiżi oħra tal-UE, fil-fondi tal-assigurazzjoni u tal-pensjonijiet. Żewġ fatturi jispjegaw dan l-eżitu. L-ewwel nett, minkejja settur tal-assigurazzjoni kbir, minħabba l-istatus ġuriżdizzjonali speċjali ta' Malta, il-parti tiegħu li hija rilevanti għar-residenti hija żgħira. It-tieni, il-pajjiż ma għandux skema tal-pensjoni tat-tieni pilastru u madwar 85 % tal-membri tal-fondi tal-pensjonijiet tat-tielet pilastru mhumiex residenti fi tmiem l-2023, minkejja li l-għadd ta' parteċipanti domestiċi żdied b'mod rapidu mill-2019.

Graff A5.5:**Kompożizzjoni tal-assi finanzjarji tal-unitajiet domestiċi *per capita* u bħala % tal-PDG**



Sors: L-Eurostat.

Hemm ambitu sinifikanti biex jiżdied il-livell ta' investiment dirett jew indirett fil-livell tal-konsumatur f'Malta. Il-flus kontanti u d-depożiti jirrappreżentaw sehem ħafna ogħla tal-assi tal-unitajiet domestiċi meta mqabbel mal-medja tal-UE (52,6 % meta mqabbel ma' 32,3 %), li jagħti opportunità biex jiġu żviluppati u użati tipi oħra ta' opzjonijiet ta' tfaddil u investiment li jistgħu jġibu rendiment ogħla. Barra minn hekk, id-dominanza tas-sistema tal-pensjonijiet tal-pilastri 1 ma tinċentivax lill-unitajiet domestiċi Maltin biex jinvestu biżżejjed f'assi b'redditu għoli, eż. ekwità, għall-irtirar tagħhom. L-inkoraġġiment tal-bini ta' skemi tal-pensjoni supplimentari ffinanzjati b'mod universali jikkontribwixxi b'mod pożittiv għal (i) is-sostenibbiltà u l-adegwatezza tal-benefiċċji tal-pensjoni; (ii) l-investiment f'ekwità; (iii) l-aċċess għall-finanzi; (iv) it-tkabbir; u (v) l-innovazzjoni.

Ir-rwol tal-investituri istituzzjonali domestiċi

Filwaqt li l-intermedjarji finanzjarji mhux bankarji huma kbar, il-biċċa l-kbira tagħhom huma rreġistrati biss f'Malta u ma jwettqux negozju domestikament. Karatteristika partikolari tas-settur tal-assigurazzjoni Malti hija li l-biċċa l-kbira tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni liċenzjati (57 minn 67 fl-2023) ma wettqux negozju f'Malta. L-għaxar kumpaniji li assiguraw r-riskji li jinsabu f'Malta jew biegħu prodotti tal-assigurazzjoni tal-ħajja lir-residenti kellhom assi totali ta' EUR 3,8 biljun, ekwivalenti għal 18,3 % tal-PDG tal-2023. Abbażi ta' data mill-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (EIOPA), mit-3 kwart tal-2024, l-assi totali tas-settur ta' EUR 10,4 biljun ġew investiti primarjament f'bonds tal-gvern (21,1 %), bonds korporattivi (18,8 %), impriżi ta' investiment kollettiv (15,9 %), ipoteki u self (13,3 %) u ekwità (5,9 %). 15 % tal-portafoll kien miżmum fi flus kontanti u f'depożiti. Sa tmiem l-2023, il-fondi ta' investiment ta' rilevanza domestika kellhom EUR 1,6 biljun ta' assi mmaniġġjati (ekwivalenti għal 7,7 % tal-PDG tal-2023), b'64,4 % ta' dawn l-assi investiti f'fondi ta' bonds. Dan jissuġġerixxi li l-investituri istituzzjonali għandhom profil ta' investiment konservattiv u ma għandhomx rwol materjali fil-finanzjament tas-settur korporattiv domestiku.

Il-profondità tal-kapital ta' riskju u tkabbir

Is-suq domestiku tal-ekwità privata u t-tkabbir tal-kapital ta' riskju mhuwiex żviluppat. Ma kien hemm l-ebda investiment ta' ekwità privata u ta' kapital ta' riskju rreġistrat fl-2023, li kien inqas minn 0,01 % tal-PDG matul l-

aħħar 5 snin. Dan is-suq kapitali ta' tkabbir sottożviluppat jindika diskrepanza fil-finanzjament għal ditti innovattivi fi stadju bikri li jeħtieġu kapital b'tolleranza ta' riskju għoli, matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom (ara l-Anness 3). Min-naħa pubblika, Malta Enterprise, l-aġenzija nazzjonali għall-iżvilupp ekonomiku, toffri diversi programmi ta' appoġġ (inklużi għotjiet), minn finanzjament inizjali bikri għal kumpaniji start-up żgħar sa skemi ta' appoġġ akbar għall-iżvilupp tan-negozju.

Il-finanzjament tat-tranżizzjoni ekoloġika

Il-finanzjament sostenibbli għadu mhux żviluppat ħafna f'Malta. Filwaqt li l-integrazzjoni tal-kriterji ambjentali, soċjali u ta' governanza (ESG, environmental, social and governance) f'Malta miexja 'l quddiem, is-suq għadu ma żviluppax biżżejjed biex jiffaċilita l-promozzjoni tal-finanzjament ekoloġiku sabiex iġib l-investimenti meħtieġa għad-dekarbonizzazzjoni. Sa issa, strument ekoloġiku wieħed biss ġie elenkat fil-Borża ta' Malta u Malta għadha ma ħarġitx bond sovran b'tikkettar ESG ([82]). Il-ħtiġijiet ta' finanzjament tat-tranżizzjoni ekoloġika f'Malta huma prinċipalment appoġġjati minn diversi skemi pubbliċi. Mat-68,8 % tal-pjan Malti għall-irkupru u r-reżiljenza ta' EUR 336,3 miljun huwa allokat għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Il-litteriżmu finanzjarju

Il-livell ta' litteriżmu finanzjarju f'Malta huwa kemxejn ogħla mill-medja tal-UE. L-indikatur ġenerali tal-litteriżmu finanzjarju ta' 48,5 huwa 3 punti perċentwali ogħla mill-punteġġ medju tal-UE ta' 45,5([83]). L-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2023 ([84]) dwar l-għarfien finanzjarju juri li 26 % taċ-ċittadini Maltin għandhom livell għoli ta' għarfien finanzjarju (26 % fl-UE) u 19 % għandhom livell baxx (24 % fl-UE). Malta għandha punteġġ kemxejn taħt il-medja tal-UE fl-użu tas-servizzi finanzjarji diġitali (bħal servizzi bankarji online jew pagamenti b'mezz mobbli), fejn 75 % huma "komdi ħafna" jew "kemxejn komdi" fl-użu tagħhom, meta mqabbla mal-ogħla punteġġ ta' 95 % fil-Finlandja u 77 % fl-UE b'mod ġenerali. Il-litteriżmu finanzjarju huwa kruċjali għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tal-investituri bl-imnut fis-swieq kapitali iżda wkoll biex l-SMEs jiffamiljarizzaw ruħhom ma' alternattivi għall-finanzjament bankarju. Filwaqt li l-litteriżmu finanzjarju mhuwiex integrat fil-kurrikulu tal-iskola Maltija, il-Bank Ċentrali ta' Malta joffri firxa ta' riżorsi biex jinbena l-għarfien tal-pubbliku. L-Awtorità Maltija tas-Servizzi Finanzjarji qed tipparteċipa fi proġett appoġġjat mill-UE fil-qasam tal-litteriżmu finanzjarju, biex ittejjeb il-livelli tal-litteriżmu finanzjarju tal-popolazzjoni Maltija.

([82]) Sors: l-AFME l-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni tas-CMU, is-Seba' Edizzjoni, Novembru 2024.

([83]) Ara l-Indikatur 27 c) Punteġġ Medju tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni: Monitoring progress towards a capital markets union: a toolkit of indicators - 2024.

([84]) Sors: Monitoring the level of financial literacy in the EU - July 2023 - Eurobarometer survey.

Tabella A5.1: **Indikaturi finanzjarji**

		2017	2018	2019	2020	2021	2022	2023	2024-Q3	EU
Banking sector	Total assets of MFIs (% of GDP)	383.3	324.7	283.8	280.9	255.5	229.7	208.8	206.5	248.4
	Common Equity Tier 1 ratio	18.1	18.9	20.2	21.3	20.6	19.7	20.7	20.2	16.6
	Total capital adequacy ratio	21.1	22.3	23.4	25.1	24.5	23.9	24.9	24.3	20.1
	Overall NPL ratio (% of all loans)	3.1	3.1	3.2	3.6	3.0	2.3	2.0	1.8	1.9
	NPL (% loans to NFC-Non financial corporations)	6.1	5.6	5.9	7.1	6.5	4.5	3.7	3.3	3.5
	NPL (% loans to HH-Households)	4.2	3.9	3.3	3.5	3.0	2.3	1.9	1.9	2.2
	NPL-Non performing loans coverage ratio	34.8	35.3	32.8	36.6	34.5	39.2	33.9	35.0	42.1
	Return on Equity[1]	7.2	5.2	6.0	0.3	3.5	4.3	10.6	10.4	10.0
	Loans to NFCs (% of GDP)	26.8	25.8	25.1	27.9	24.2	23.7	23.0	21.8	30.0
	Loans to HHs (% of GDP)	43.0	42.4	43.4	46.4	43.6	43.5	41.8	41.4	44.5
	NFC credit annual % growth	-1.4	4.8	5.1	8.9	0.3	7.3	10.2	3.7	0.8
	HH credit annual % growth	6.1	7.1	8.2	5.2	9.2	8.8	8.1	9.2	0.7
Non-banks sector	Stock market capitalisation (% of GDP)	55.9	51.8	47.4	49.4	49.9	46.1	40.8	40.5	69.3
	Initial public offerings (% of GDP)	0.22	0.64	0.77	0.00	1.06	0.31	0.02	-	0.05
	Market funding ratio	32.9	30.9	32.5	29.9	32.0	30.1	29.0	-	49.6
	Private equity (% of GDP)	1.10	0.02	-	-	0.01	0.01	-	-	0.41
	Venture capital (% of GDP)	0.00	0.02	0.00	0.00	0.01	0.00	0.00	-	0.05
	Financial literacy (composite)	-	-	-	-	-	-	48.5	-	45.5
	Bonds (as % of HH financial assets)	12.1	11.1	10.3	9.1	8.1	8.1	10.7	-	2.7
	Listed shares (as % of HH financial assets)	5.5	5.0	4.8	4.4	4.6	5.0	5.2	-	4.8
	Investment funds (as % of HH financial assets)	7.1	7.2	7.0	6.2	6.2	4.7	4.7	-	10.0
	Insurance/pension funds (as % of HH financial assets)	11.8	9.9	10.8	10.6	10.3	8.7	7.7	-	27.8
	Total assets of all insurers (% of GDP)	76.9	68.9	87.4	91.4	82.9	66.9	73.2	64.5	54.8
	Pension funds assets (% of GDP)	-	-	47.2	49.4	52.7	43.2	37.9	38.7	23.4

1-3	4-10	11-17	18-24	25-27	Colours indicate performance ranking among 27 EU Member States.

[1] Annualized data.

Credit growth and pension funds EU data refers to the EA average.

Sors: l-BĊE, l-ESTAT, l-EIOPA, id-DĠ FISMA Dashboard tas-CMU, l-AMECO.

Il-qafas istituzzjonali ta' Malta jinfluwenza l-kompetittività tagħha. Malta teċċella fis-servizzi pubbliċi diġitali, b'infrastruttura b'saħħitha għall-awtentikazzjoni diġitali sigura u l-adozzjoni għolja tas-servizzi tal-gvern elettroniku. Madankollu, hemm lok biex jittejbu l-prattiki regolatorji f'Malta, jiġu ssimplifikati r-regolamenti kumplessi u jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi. Malta qed taħdem biex ittejjeb l-attraenza tas-servizz ċivili, iżda għad hemm tħassib dwar il-korruzzjoni. Hemm ukoll tħassib dwar l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja, parzjalment minħabba riżorsi umani li għadhom limitati.

Perċezzjonijiet pubbliċi

Graff A6.1:**Il-fiduċja fil-ġustizzja, l-awtoritajiet reġjonali/lokali u fil-gvern**



(1) EU-27 mill-2019; EU-28 qabel
Sors: L-istħarriġiet tal-Ewrobarometru standard

Il-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi varjat ħafna matul l-aħħar 10 snin. Il-fiduċja fl-istituzzjonijiet pubbliċi żdiedet b'mod ġenerali fl-2024, għalkemm il-fiduċja fil-ġustizzja għadha taħt il-medja tal-UE (Graff A6.1). Il-fiduċja fil-gvern għadha ogħla milli fil-ġustizzja, b'kuntrast max-xejra stabbilita tal-UE. Aspetti li jistgħu jtejbu l-fiduċja fl-amministrazzjoni pubblika huma trasparenza akbar fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-użu tal-flus pubbliċi, inqas burokrazija u aktar integrità morali fl-amministrazzjoni pubblika([85]). Il-kwalità perċepita tal-gvern kompliet tiddeterjora u tinsab f'valuri taħt il-medja tal-UE ([86]).

Il-kwalità tal-leġiżlazzjoni u s-simplifikazzjoni regolatorja

Il-prestazzjoni fl-iżvilupp u l-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni hija taħt il-medja tal-UE. Il-prestazzjoni fl-għodod regolatorji bħall-valutazzjoni tal-impatt *ex ante*, il-konsultazzjoni pubblika, u r-rieżamijiet regolatorji hija simili għal-liġijiet primarji u għar-regolamenti subordinati. Hija wkoll aktar b'saħħitha għall-involviment tal-partijiet ikkonċernati milli għall-valutazzjonijiet tal-impatt *ex ante* u l-evalwazzjoni *ex post*, l-aħħar tnejn juru diskrepanza meta mqabbla mal-medja tal-UE minħabba rekwiżiti aktar dgħajfa fil-metodoloġija, fl-adozzjoni, fis-sorveljanza u fil-kontrolli tal-kwalità għaż-żewġ tipi ta' leġiżlazzjoni (Graff A6.2). Biex ittejjeb it-tfassil tal-politika, Malta qed taħdem fuq il-bini tal-kapaċità fil-prospettiva strateġika u l-governanza antiċipatorja ([87]).

Graff A6.2:**Indikaturi tal-Politika u l-governanza regolatorji (iREG)**



Sors: l-OECD (2025), il-Prospettiva tal-Politika Regolatorja għall-2025 u r-Regolamentazzjoni aħjar madwar l-Unjoni Ewropea għall-2025 (pendenti).

([85]) Understanding Europeans' views on reform needs - April 2023 - Eurobarometer survey, Country Fact Sheet.

([86]) Inforegio - European Quality of Government Index

([87]) Closure of the project "Strengthening of Strategic Foresight and Anticipatory Governance Practices in the Maltese Public Administration (LIMINAL)", l-1 ta' Ottubru 2024.

Tabella A6.1: **Malta. Indikaturi magħżula dwar it-tnaqqis u s-simplifikazzjoni tal-piż amministrattiv**

	Ex ante impact assessment of legislation		**Ex post evaluation of legislation**	
When developing new legislation, regulators are required to ...	Identify and assess the impacts of the baseline or 'do nothing' option.	No / Never	Is required to consider the consistency of regulations and address areas of duplication.	No / Never
	Identify and assess the impacts of alternative non-regulatory options.	Yes / For all primary laws	Is required to contain an assessment of administrative burdens.	No / Never
	Quantify administrative burdens of new regulations.	For some primary laws	Is required to contain an assessment of substantive compliance costs.	No / Never
	Quantify substantial costs of compliance of new regulations.	Yes / For all primary laws	Compares the impact of the existing regulation to alternative options.	No / Never
	Assess macroeconomic costs of new regulations.	No / Never	Periodic ex post evaluation of existing regulations is mandatory.	For major primary laws
	Assess the level of compliance.	No / Never	Government uses stock-flow linkage rules when introducing new regulations (e.g., one-in one-out).	No / Never
	Identify and assess potential enforcement mechanisms.	For major primary laws	A standing body has published an in-depth review of specific regulatory areas in the last 3 years.	Yes / For all primary laws
			In the last 5 years, public stocktakes have invited businesses and citizens to assess the effectiveness, efficiency, and burdens of legislation.	No / Never

Yes / For all primary laws; For major primary laws; For some primary laws; No / Never

(1) Din it-tabella tippreżenta subsett ta' indikaturi tal-iREG li jiffukaw fuq il-kostijiet regolatorji. L-indikaturi jirreferu għal-leġiżlazzjoni primarja.
Sors: l-OECD (2025), il-Prospettiva tal-Politika Regolatorja għall-2025 [https://doi.org/10.1787/56b60e39-en] u r-Regolamentazzjoni Aħjar madwar l-Unjoni Ewropea 2025 (pendenti).

Hemm lok biex ikomplu jissaħħu l-mekkaniżmi għas-simplifikazzjoni tar-regolamentazzjoni. Pereżempju, meta jabbozza l-leġiżlazzjoni jew jevalwaha wara l-adozzjoni, il-gvern huwa meħtieġ jidentifika l-piżijiet amministrattivi iżda biss għal xi liġijiet primarji. L-evalwazzjonijiet *ex ante* u *ex post* tal-leġiżlazzjoni mhumiex meħtieġa li jinkludu valutazzjoni tal-kostijiet sostantivi tal-konformità. Barra minn hekk, evalwazzjoni *ex post* perjodika tar-regolamenti eżistenti mhijiex obbligatorja. Barra minn hekk, dan l-aħħar il-gvern ma wettaqx analiżijiet fil-fond ta' oqsma regolatorji speċifiċi u rendikonti pubbliċi tal-leġiżlazzjoni (ara t-tabella A6.1).

Effiċjenza ta' proċeduri amministrattivi magħżula

L-indikaturi magħżula jindikaw li l-amministrazzjoni pubblika ta' Malta tieħu aktar żmien biex tlesti l-proċeduri. Pereżempju, iż-żmien medju għat-teħid tad-deċiżjonijiet mix-xerrejja pubbliċi, imkejjel bħala ż-żmien mill-iskadenza biex jiġu riċevuti l-offerti sad-data li fiha jingħata l-kuntratt, huwa ogħla mill-medja tal-UE (165 jum f'Malta meta mqabbel ma' 99 jum fl-EU-27). Dan joħloq inċertezza addizzjonali għall-kumpaniji. Barra minn hekk, l-indikatur tar-regolament dwar is-suq tal-prodotti (PMR) tal-OECD juri li s-sistema ta' liċenzjar ta' Malta hija kemxejn aktar ta' piż mill-medja tal-UE. Hemm lok biex tkompli tiġi allinjata mal-aħjar prattiki. Pereżempju, il-gvern ma jżommx inventarju online aġġornat tal-permessi u l-liċenzji kollha meħtieġa/maħruġa lin-negozji minn korpi pubbliċi, u ma hemm l-ebda rekwiżit li liċenzji u permessi ġodda introdotti minn korpi tal-gvern ċentrali/federali jridu jkunu proporzjonati għar-riskju. Il-korpi pubbliċi fil-livell ċentrali lanqas ma għandhom josservaw il-prinċipju ta' darba biss (ara wkoll l-Anness 4).

Djalogu soċjali

Id-djalogu soċjali jiltaqa' ma' bosta ostakli strutturali f'Malta, iċċentrat l-aktar fuq il-kondiviżjoni tal-informazzjoni aktar milli fuq l-involviment attiv. Il-mudell attwali jbati minn

Tabella A6.2: **Miri tad-Deċennju Diġitali mmonitorjati permezz tal-Indiċi tal-Ekonomija u s-Soċjetà Diġitali**

		Malta			EU-27	Digital Decade target by 2030
		2022	2023	2024	2024	EU-27
Digitalisation of public services						
1	**Digital public services for citizens**	**100**	**100**	**100**	**79**	**100**
	Score (0 to 100)	2021	2022	2023	2023	2030
2	**Digital public services for businesses**	**97**	**97**	**100**	**85**	**100**
	Score (0 to 100)	2021	2022	2023	2023	2030
3	**Access to e-health records**	**na**	**78**	**88**	**79**	**100**
	Score (0 to 100)	2021	2022	2023	2023	2030

Sors: Ir-Rapport dwar l-Istat tad-Deċennju Diġitali 2024

skedi qosra ta' konsultazzjoni, riżorsi insuffiċjenti, u rappreżentanza limitata, li kollha jimminaw l-effettività tiegħu, minkejja l-appoġġ mill-FSE+ f'inizjattivi ta' bini tal-kapaċità, taħriġ u networking ([88]) (ara wkoll l-Anness 10). Id-densità tat-trade unions dan l-aħħar naqset, għal 41,9 % fl-2023 ([89]). Dan huwa minħabba diffikultajiet fl-involviment tal-ħaddiema, kif ukoll id-dominanza rrapportata tal-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD) bħala l-pjattaforma ewlenija għad-djalogu, li hija kkritikata għal nuqqas ta' trasparenza ([90]).([91])

Servizzi pubbliċi diġitali

Malta hija l-mexxejja Ewropea fil-forniment ta' servizzi pubbliċi online (Tabella A4.2)**.** Il-pajjiż diġà laħaq il-miri tad-Deċennju Diġitali għas-servizzi pubbliċi għaċ-ċittadini u n-negozji. Servizz.gov jiċċentralizza s-servizzi tal-gvern iċċentrati fuq iċ-ċittadin, filwaqt li Business First iservi bħala punt ta' informazzjoni għall-imprendituri u għal ħaddiema li jaħdmu għal rashom biex jaċċessaw servizzi governattivi essenzjali relatati man-negozju għall-bidu, il-ġestjoni u t-tkabbir ta' negozju f'Malta. Barra minn hekk, l-aċċess għar-rekords tas-saħħa elettronika tjieb b'mod konsiderevoli u għandu punteġġi ferm ogħla mill-medja tal-UE. Dan il-progress jirrifletti l-impenn tal-pajjiż li jsaħħaħ l-infrastruttura tal-kura tas-saħħa diġitali, li jippermetti lin-nies jimmaniġġjaw saħħithom b'mod aktar effettiv filwaqt li jappoġġja l-interoperabbiltà fis-sistemi tal-kura tas-saħħa kollha.

L-adozzjoni tas-servizzi diġitali hija ogħla mill-medja tal-UE. Is-sehem tal-utenti tal-gvern elettroniku fost il-popolazzjoni fl-2024 kien ta' 81 %([92]). Barra minn hekk, 54,6 % tal-individwi użaw l-eID tagħhom biex jaċċessaw servizzi online għal finijiet privati, u qabżu l-medja tal-UE ta' 41,1 %. Dan jirrifletti l-infrastruttura b'saħħitha ta' Malta għall-awtentikazzjoni diġitali sigura u s-suċċess tagħha biex tħeġġeġ lill-pubbliku jħaddan l-eID għal varjetà ta' finijiet.

Malta issa hija eqreb li tkun lesta għal skambju awtomatizzat u bla xkiel ta' dokumenti awtentiċi u data madwar l-UE. Lestiet l-ewwel tranżazzjonijiet tagħha bl-użu tas-Sistema Teknika ta' Darba Biss, parti mill-Gateway Diġitali Unika tal-UE, u hija lesta li tintroduċi servizzi għaċ-ċittadini u n-negozji ([93]).

([88]) Servizzi Ewropej ta' Malta (SEM) (2021). Promoting Improved Social Dialogue in Malta. Misco.

([89]) Ir-rata tad-densità tat-trade unions ILOSTAT.

([90]) Zammit, E. L. (2019). Social dialogue and competence development: the role of Malta's social partners. Centre for Labour Studies: Biennial Report: 2017-2018.

([91]) Għal analiżi tal-involviment tas-sħab soċjali ta' Malta fil-livell nazzjonali fis-Semestru Ewropew u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ara Eurofound (2025), National-level social governance of the European Semester and the Recovery and Resilience Facility.

([92]) L-Eurostat. Attivitajiet ta' gvern elettroniku ta' individwi permezz ta' siti web.

([93]) Il-Kummissjoni Ewropea, The Once Only Principle System: A breakthrough for the EU's Digital Single Market

Malta għadha ma stabbilietx u ma nnotifikatx skemi tal-eID għal persuni ġuridiċi skont ir-Regolament eIDAS. Dan ifisser li n-negozji Maltin ma jistgħux jawtentikaw lilhom infushom biex jaċċessaw is-servizzi pubbliċi pprovduti minn Stati Membri oħra, inklużi dawk abilitati mis-Sistema Teknika ta' Darba Biss, parti mill-Gateway Diġitali Unika tal-UE ([94]).

Malta qed tkompli bl-isforzi tagħha biex tippromwovi d-diġitalizzazzjoni fi ħdan is-servizz pubbliku billi timplimenta s-sistema ta' ġestjoni korporattiva tad-dokumenti, billi ġġedded il-portal taċ-ċittadini u tiżviluppa portal interattiv u intelliġenti tan-negozju ([95]). Miżuri oħra skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP, Recovery and Resilience Plan) ta' Malta jinkludu l-għoti ta' esperjenza aħjar tal-klijenti għall-pubbliku u għan-negozji u ż-żieda fl-użu tas-servizzi online.

Is-servizz pubbliku

Malta qed tagħmel sforzi biex iżżid l-attraenza tal-amministrazzjoni pubblika tagħha. Il-proporzjon ta' impjegati taċ-ċivil Maltin li spiss jagħmlu telexogħol żdied u huwa ferm ogħla mill-medja tal-UE ([96]). Dan jista' jkun dovut għall-politika tal-amministrazzjoni li tħeġġeġ ix-xogħol mill-bogħod, inkluż permezz ta' miżuri tal-RRP. Barra minn hekk, il-gvern ħabbar riforma komprensiva tal-leġiżlazzjoni dwar il-pagi, li mmarkat l-ewwel riforma sħiħa f'aktar minn 70 sena. Din l-inizjattiva għandha l-għan li taġġorna aktar minn 60 liġi tax-xogħol biex jirriflettu r-realtajiet moderni tas-suq tax-xogħol u jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol f'diversi setturi ([97]). Malta bdiet taħdem ukoll fuq il-valutazzjoni tal-qafas u l-prattiki attwali tal-ħiliet fis-servizz pubbliku biex ittejjeb l-ippjanar tal-forza tax-xogħol, il-prestazzjoni tal-impjegati u l-progressjoni tal-karriera. Fl-2024, ir-rata ta' parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti tal-impjegati fl-amministrazzjoni pubblika, id-difiża u s-sigurtà soċjali żdiedet għal 26,3 %, ogħla mill-medja tal-UE ta' 18,9 %. Madankollu, il-proporzjon ta' dawk l-impjegati b'edukazzjoni għolja huwa wieħed mill-aktar baxxi fl-UE ([98]). Malta qed ittejjeb b'mod kostanti s-sehem tagħha ta' nisa f'pożizzjonijiet ta' maniġment superjuri fl-amministrazzjoni nazzjonali (47,6 % meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 46,5) ([99]).

L-integrità

Proporzjon ogħla ta' kumpaniji mill-medja tal-UE jqisu l-korruzzjoni bħala mifruxa u problema fin-negozju, bi ftit każijiet ta' korruzzjoni biss li jwasslu għal deċiżjonijiet finali. F'Malta, 71 % tal-kumpaniji jqisu li l-korruzzjoni hija mifruxa (medja tal-UE ta' 64 %) u 55 % iqisu li l-korruzzjoni hija problema meta jsir in-negozju (medja tal-UE ta' 36 %). Barra minn hekk, 36 % tal-kumpaniji jemmnu li n-nies u n-negozji li jinqabdu jxaħħmu uffiċjal għoli jiġu kkastigati kif xieraq (xorta ogħla mill-medja tal-UE ta' 31 %)([100]). It-tul tal-investigazzjonijiet għadu problematiku, u ma sar l-ebda progress fl-istabbiliment ta' rekord robust ta' sentenzi finali ([101]). Barra minn hekk, Malta mhijiex parti firmatarja tal-Konvenzjoni tal-OECD dwar il-Ġlieda kontra t-Tixħim.

Għalkemm jeżistu miżuri preventivi, ir-rapporti tal-2023 tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar indikaw li l-proċedura ta' akkwist pubbliku hija settur f'riskju għoli ta' korruzzjoni f'Malta ([102]). Mas-26 % tal-kumpaniji (medja tal-UE ta' 27 %) jaħsbu li l-korruzzjoni żammithom milli jirbħu offerta pubblika jew

([94]) Il-Kummissjoni Ewropea, Once-Only Technical System Acceleratormeter

([95]) Pjan Direzzjonali Strateġiku tad-Deċennju Diġitali 2023-2030 ta' Malta: National Digital Decade strategic roadmaps | Shaping Europe's digital future.

([96]) L-Eurostat. Persuni impjegati li jaħdmu mid-dar bħala perċentwal tal-impjieg totali, skont is-sess, l-età u l-istatus professjonali (%).

([97]) Stqarrija għall-istampa tal-Gvern, 8 ta' Novembru 2024.

([98]) Stħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol – data tal-2024, Eurostat.

([99]) National administrations: top two tiers of administrators by function of government - European Institute for Gender Equality.

([100]) Ewrobarometru Flash 543 dwar l-attitudnijiet tan-negozji lejn il-korruzzjoni fl-UE (2024).

([101]) Ara l-kapitolu speċifiku għall-pajjiż tal-2024 għal Malta tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt, pp. 12-13.

([102]) Ir-rapporti ta' attività tal-2023 kienu relatati ma' attivitajiet li seħħew fl-2022. Ara l-kapitolu speċifiku għall-pajjiż tal-2024 għal Malta tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt, pp. 17-18.

kuntratt ta' akkwist pubbliku fil-prattika f'dawn l-aħħar 3 snin([103]) . Fl-2023, id-dipartiment tal-akkwist pubbliku żviluppa bażi tad-data interna ta' dikjarazzjonijiet dwar il-kunflitt ta' interessi u l-uffiċjali pubbliċi komplew isegwu taħriġ dwar l-istandards ta' integrità fl-akkwist pubbliku. L-iskemi taċ-ċittadinanza b'investiment jippreżentaw riskji inerenti ta' korruzzjoni u jkomplu jqajmu tħassib. ([104])

Għad hemm tħassib dwar il-firxa tal-miżuri ta' integrità, inklużi miżuri dwar il-lobbjar, applikati għal uffiċjali ta' livell għoli. Malta rċeviet diversi rakkomandazzjonijiet biex ittejjeb il-qafas ta' integrità u trasparenza għall-uffiċjali eletti u maħtura, inklużi miżuri ta' lobbjar ([105]). Dawn ir-rakkomandazzjonijiet dwar il-lobbjar jinkludu definizzjonijiet ċari ta' "lobbjar" u "lobbisti" kif ukoll strateġiji u mekkaniżmi koerenti, bħal reġistru. Sa issa, l-azzjonijiet issuġġeriti għadhom ma ġewx implimentati ([106]).

Il-ġustizzja

Għad hemm tħassib sinifikanti dwar l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja. Iż-żmien stmat meħud biex jiġu solvuti kawżi amministrattivi fl-ewwel istanza żdied b'mod sinifikanti (1 350 jum fl-2023, l-itwal fl-UE, meta mqabbel ma' 1 081 jum fl-2022). It-tul ta' żmien medju tal-kawżi ċivili u kummerċjali kontenzjużi fl-ewwel istanza kien twil ukoll fl-2023 (454 jum), għalkemm naqas minn 491 jum fl-2022. Filwaqt li l-kwalità ġenerali tas-sistema ġudizzjarja hija tajba, l-għadd baxx ta' mħallfin *per capita* (it-tielet l-aktar baxx fl-UE), in-nuqqas ta' persunal klerikali, u l-bini disponibbli limitat għadhom ta' tħassib minkejja l-isforzi kontinwi minn Malta ([107]). L-istrateġija nazzjonali għall-ġustizzja diġitali għall-2022-2027, parzjalment iffinanzjata mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF, Recovery and Resilience Facility), bħalissa qed tiġi implimentata. Fir-rigward tal-indipendenza ġudizzjarja, ma ġie rrapportat l-ebda nuqqas sistemiku ([108]).

([103]) Ewrobarometru Flash 543 dwar l-attitudnijiet tan-negozji lejn il-korruzzjoni fl-UE (2024).

([104]) Ibid., pp. 17-18.

([105]) Inkluż mill-OECD u l-GRECO. Ara l-kapitolu speċifiku għall-pajjiż tal-2024 għal Malta tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt, pp. 11-16, b'aktar referenzi.

([106]) Ibid.

([107]) Ibid., p. 6.

([108]) Għal analiżi aktar dettaljata tal-prestazzjoni tas-sistema ġudizzjarja f'Malta, ara t-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE tal-2025 u r-Rapport tal-2025 dwar l-Istat tad-Dritt.

Malta qed tiffaċċja sfidi sinifikanti fir-rigward tat-tranżizzjoni tagħha lejn industrija nadifa u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima: l-avvanz bil-mod tagħha fis-sistemi tal-enerġija rinnovabbli u d-dipendenza għolja fuq l-importazzjonijiet tal-materja prima kritika jenfasizzaw il-vulnerabbiltajiet strateġiċi. Għalkemm ġie nnutat titjib fil-prattiki tal-ekonomija ċirkolari, Malta għadha lura fir-rati ta' riċiklaġġ, u għandha diskrepanaza sinifikanti bejn il-miżuri ppjanati tal-politika dwar il-klima u l-mira klimatika tagħha għall-2030, bl-emissjonijiet mit-trasport ikunu sfida partikolari. Dan l-anness jirrieżamina l-oqsma li jeħtieġu attenzjoni urġenti fit-tranżizzjoni ta' Malta lejn industrija nadifa u fil-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, filwaqt li jħares lejn dimensjonijiet differenti.

Awtonomija strateġika u teknoloġija għat-tranżizzjoni ekoloġika

L-attivitajiet ta' manifattura tal-industrija b'emissjonijiet żero netti ta' Malta jinsabu fi stadju bikri, u l-installazzjoni ta' sistemi rinnovabbli qed tavvanza bil-mod (ara wkoll l-Anness 8 dwar it-Tranżizzjoni tal-Enerġija Affordabbli)**.** Fl-2022, l-Industriji Intensivi fl-Enerġija ta' Malta kienu jirrappreżentaw 1,1 % tal-valur miżjud gross (GVA, gross added value) totali. L-aktar industrija sinifikanti hija l-manifattura ta' prodotti minerali mhux metalliċi oħra, b'0,5 % tal-GVA totali ([109]).

Għalkemm żgħir fid-daqs, is-settur tal-manifattura ta' Malta huwa involut fil-partijiet tal-vetturi bil-mutur u fil-produzzjoni aċċessorja, filwaqt li t-tranżizzjoni tal-mobbiltà tal-karozzi miexja 'l quddiem biss gradwalment. Hemm għadd żgħir ta' negozji li joperaw fis-settur. L-industrija esperjenzat tkabbir sinifikanti matul dawn l-aħħar 5 snin, b'rata komposta ta' tkabbir annwali (CAGR, compound annual growth rate) ta' 17,2 %. Is-settur jipproduċi firxa ta' prodotti bħal airbags, seats, u tagħmir elettriku ([110]). Madankollu, ta' min jinnota li, fl-2024, ġew irreġistrati 41 karozza ġdida tal-passiġġieri kuljum, u dan iżid mal-problema tal-konġestjoni fit-toroq tal-gżejjer. Barra minn hekk, Malta hija fost l-Istati Membri tal-UE bl-aktar sehem baxx ta' karozzi li jużaw magni tal-enerġija alternattiva (madwar 3 % fi tmiem l-2023 meta mqabbel ma' 6,17 % fl-UE).([111]). Dan juri li l-użu ta' flotta ta' vetturi aktar ekoloġika u elettrifikata għadu qed jiffaċċja sfidi, prinċipalment minħabba n-nuqqas tal-infrastruttura meħtieġa bħall-istazzjonijiet tal-iċċarġjar, iżda wkoll il-kapaċità attwali tal-grilja. F'dan ir-rigward, il-fondi ta' koeżjoni se jappoġġjaw l-installazzjoni parzjali tal-punti tal-irriċarġjar. Barra minn hekk, permezz tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u l-fondi ta' koeżjoni tagħha, Malta qed tinvesti fin-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku tagħha. Barra minn hekk, permezz tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u l-fondi ta' koeżjoni tagħha, Malta qed tinvesti fin-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku tagħha.

Materja prima kritika

Il-manifattura f'Malta tiddependi fuq l-importazzjonijiet ta' materja prima kritika meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. Bħalissa, il-Pjan għall-Ġestjoni tal-Iskart ta' Malta huwa nieqes minn strateġija ta' materja prima kritika (CRM). Malta ma pprovdiet l-ebda informazzjoni lill-Kummissjoni dwar politiki biex jiżdiedu r-rati ta' riċiklaġġ għall-iskart li fih is-CRM.

Filwaqt li l-materja prima kritika hija meħtieġa għall-iżvilupp ta' industrija b'emissjonijiet żero netti, Malta tiddependi ħafna fuq l-importazzjonijiet. Id-dipendenza materjali tagħha fuq l-importazzjoni kienet ta' 70,9 % fl-2023 (medja tal-UE ta' 22 %), it-tieni l-ogħla fost l-Istati Membri tal-UE. L-importazzjoni tal-materja prima kritika ta' Malta hija prinċipalment l-elju, li jintuża eż. fl-industrija tal-ikel u tax-xorb, fil-manifattura tal-metall, fil-bini tal-bastimenti u fil-manifattura tas-semikondutturi. Hija prinċipalment importata mill-Qatar u mill-Alġerija([112]). Fir-rigward tal-livell ta'

([109]) Il-KE, l-Eurostat.

([110]) https://www.ibisworld.com/malta/industry/motor-vehicle-parts-accessories-manufacturing/200189/#IndustryStatisticsAndTrends

([111]) Unjoni Ewropea (EU27) | European Alternative Fuels Observatory

([112]) Il-KE, Raw Materials Information System (RMIS) – Country Profile - Malta

dipendenzi strateġiċi fuq il-materja prima ([113]), Malta hija taħt il-medja tal-UE (0,21 apparagun ta' 0,23), flimkien mal-Italja, Ċipru u ċ-Ċekja ([114]). Ir-rata ta' riċiklaġġ għall-iskart elettroniku, sors ewlieni ta' materja prima kritika, hija taħt il-medja tal-UE, b'76 % fl-2022. Ir-rata tal-użu mill-ġdid u tar-riċiklaġġ għall-vetturi li ma għadhomx jintużaw hija wkoll taħt il-medja tal-UE (84 % meta mqabbla ma' 89 % fl-2022).

Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima

1 - Dekarbonizzazzjoni tal-industrija:

L-industrija ta' Malta, għalkemm limitata fl-iskala, qed tipprova tnaqqas l-emissjonijiet tagħha tal-gassijiet serra. L-industrija tal-manifattura għandha rwol minuri fl-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra ta' Malta: madwar 2 %, l-aktar sehem baxx fl-UE ([115]). Fl-2022, il-manifattura f'Malta rrilaxxat 70 g CO2eq ta' gassijiet serra għal kull unità ta' GVA, it-tielet l-inqas intensità fl-UE u inqas minn terz tal-medja tal-UE. Mill-2017, l-intensità tal-gassijiet serra tal-manifattura f'Malta tnaqqset b'16 %, inqas milli fl-UE b'mod ġenerali (21 %). Fl-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra industrijali ta' Malta, l-ishma tal-emissjonijiet tal-enerġija u dawk mhux relatati mal-enerġija huma ta' 30 % u 70 %, rispettivament; dawn tal-aħħar huma relatati mal-proċessi tal-industrija u l-użu tal-prodott. Is-sehem tagħha huwa l-ogħla fl-UE.

Il-provvista tal-enerġija nadifa u l-effiċjenza enerġetika qed jitjiebu fis-settur tal-manifattura ta' Malta, iżda l-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra relatati mal-enerġija żdiedet dan l-aħħar. Bejn l-2017 u l-2022, l-intensità tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra relatati mal-enerġija tal-manifattura Maltija żdiedet b'40 %, għal 55 g CO2eq għal kull euro ta' GVA, għalkemm għadha baxxa meta mqabbla mal-medja tal-UE, 133 g/EUR. Fl-istess ħin, l-intensità tal-emissjonijiet relatati mal-proċess u mal-użu tal-prodotti tagħha naqset b'27 %, (ftit aktar mit-tnaqqis fl-UE b'mod ġenerali, 23 %), għal 125 g/EUR, madwar 25 % ogħla mil-livell medju tal-UE. Fl-istess perjodu, is-sehem tal-elettriku u tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija fil-manifattura żdied b'4 punti perċentwali, biex laħaq 74 % fl-2022, it-tieni l-ogħla valur fl-UE. B'mod parallel, l-intensità enerġetika tal-produzzjoni tal-manifattura naqset bi 12 %, minn 0,7 għal 0,6 GWh għal kull euro ta' GVA.

Il-gassijiet F huma parti importanti mill-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-manifattura f'Malta. F'termini ta' ekwivalenti ta' diossidu tal-karbonju, dawn huma kontributur sinifikanti għal dawn l-emissjonijiet, speċjalment minħabba l-potenzjal għoli tagħhom ta' tisħin globali. Minn fost l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-proċessi industrijali u mill-użu tal-prodotti f'Malta, l-aktar rilevanti huwa l-użu ta' fluwidi fluworurati ([116]).

([113]) Il-valur ta' dan l-indiċi ta' konċentrazzjoni juri kemm pajjiż jiddependi fuq għadd ta' pajjiżi sħab għal basket ta' materja prima kritika. Valuri ogħla jindikaw dipendenza ogħla fuq l-importazzjoni – valur ta' 0,25 jindika dipendenza għolja, 0,15-0,25 jirreferi għal grad moderat, u d-dipendenza fuq l-importazzjoni taħt l-0,15 hija baxxa.

([114]) Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku u l-Kompetittività tal-KE, 2025.

([115]) fl-2023. Il-manifattura tinkludi d-diviżjonijiet kollha tat-taqsima "C" tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Rev. 2. Fil-bqija ta' din it-taqsima, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, id-data dwar il-manifattura tirreferi għad-diviżjonijiet tat-Taqsima C tan-NACE minbarra d-diviżjoni C19 (il-manifattura tal-kokk u tal-prodotti petroliferi), u s-sena 2022. Is-sors tad-data kollha f'din it-taqsima huwa l-Eurostat; id-data li ssegwi l-Qafas Komuni ta' Rapportar (CRF) tal-UNFCCC hija mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), ippubblikata mill-ġdid mill-Eurostat.

([116]) Għall-intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-GVA relatata mal-użu tal-enerġija u mal-proċessi industrijali u mal-użu tal-prodott rispettivament, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra huma minn data tal-inventarju f'konformità mal-Format Komuni ta' Rapportar (CRF, Common Reporting Format) tal-UNFCCC, b'mod partikolari b'referenza għas-setturi tas-sors CRF1.A.2 – il-kombustjoni tal-fjuwil fl-industriji tal-manifattura u l-kostruzzjoni u s-CRF2 – il-proċessi industrijali u l-użu tal-prodotti. Id-data tas-CRF1.A.2 tikkorrispondi b'mod wiesa' mas-setturi tan-NACE C u E, minbarra C-19. Id-data tal-GVA (fid-denominatur għaż-żewġ intensitajiet) hija allinjata ma' din il-kopertura settorjali. Għalhekk, mhumiex kompletament konsistenti mad-data msemmija f'parti oħra ta' din it-taqsima.

Graff A7.1:**L-intensità tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tas-setturi tal-manifattura u intensivi fl-enerġija, 2022**



Sors: L-Eurostat.

Is-setturi tal-manifattura -li jużaw ħafna l-enerġija għandhom biss rwol minuri f'Malta ([117]). L-ipproċessar ta' minerali mhux metalliċi għandu preżenza aktar qawwija, wara li pprovda madwar 7 % tal-GVA tal-manifattura fl-2022. Madankollu, l-intensità ġenerali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' dawn is-setturi hija baxxa.

Malta għandha approċċ indirett lejn id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija. L-Att ta' Malta dwar l-Azzjoni Klimatika jimpenja lill-gvern biex jikseb in-newtralità klimatika sal-2050, iżda Malta ma għandhiex miri settorjali speċifiċi, inkluż għas-settur industrijali. L-istrateġija ta' dekarbonizzazzjoni industrijali "indiretta" tagħha hija bbażata fuq l-elettrifikazzjoni tal-biċċa l-kbira tal-proċessi u l-użi finali li jikkonsmaw l-enerġija, filwaqt li tesplora l-bijofjuwils u l-idroġenu ekoloġiku bħala għażliet ta' enerġija sostenibbli għal proċessi u setturi diffiċli biex jitrażżnu, u tappoġġja l-innovazzjoni teknoloġika u r-riċerka biex jiġu żviluppati soluzzjonijiet ġodda mfassla għall-kuntest uniku ta' Malta. Is-soluzzjonijiet li qed jiġu esplorati jinkludu l-enerġija mir-riħ u solari lil hinn mill-kosta kif ukoll soluzzjonijiet ta' flessibbiltà bħall-ħżin tal-batteriji. Malta qed tinvesti wkoll fl-infrastruttura meħtieġa għall-elettrifikazzjoni tal-proċessi li jikkonsmaw l-enerġija. Għaddejjin studji biex jiġu identifikati għażliet kostottimali għall-infrastruttura tal-elettriku u jiġu żviluppati strateġiji għad-dekarbonizzazzjoni tas-setturi tal-industrija u tas-servizzi. Malta qed tqis ukoll il-potenzjal tal-bijofjuwils u tal-idroġenu ekoloġiku bħala għażliet ta' enerġija sostenibbli ([118]).

2- Tnaqqis tal-emissjonijiet fis-setturi tal-kondiviżjoni tal-isforzi:

Sabiex tilħaq il-mira tagħha għall-kondiviżjoni tal-isforzi għall-2030, Malta jeħtieġ li tispeċifika u timplimenta malajr aktar politiki dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima([119]). Fl-2023, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-setturi tal-kondiviżjoni tal-isforzi ta' Malta huma mistennija li jkunu 30,6 % ogħla minn dawk tal-2005. Sal-2030, il-politiki attwali huma mbassra li jillimitaw iż-żieda tagħhom għal 42,6 % ogħla mil-livelli tal-2005; politiki addizzjonali meqjusa fl-NECP aġġornat finali ta' Malta huma pprojettati li jillimitaw iż-żieda għal 29,4 %. Dan jirriżulta f'nuqqas sinifikanti fir-rigward tal-mira ta' Malta għall-kondiviżjoni tal-isforzi, -19 %, bi 48,4 punti perċentwali ([120]), li jenfasizza l-ħtieġa ta' azzjoni klimatika ħafna aktar ambizzjuża. Filwaqt li Malta tista' tuża l-flessibbiltajiet domestiċi disponibbli skont ir-regolament dwar il-kondiviżjoni tal-isforzi, dan ma jkunx biżżejjed biex tingħalaq id-diskrepanza fil-mira.

([117])Is-setturi intensivi fl-enerġija fl-UE kollha jinkludu l-manifattura ta' karti u prodotti tal-karta (NACE diviżjoni C17), ta' kimiċi u prodotti kimiċi (C20), prodotti minerali mhux metalliċi "oħrajn" (C23; din id-diviżjoni tinkludi attivitajiet ta' manifattura relatati ma' sustanza waħda ta' oriġini minerali, bħal ħġieġ, prodotti taċ-ċeramika, madum, u siment u ġibs), u metalli bażiċi (C24). Sal-lum, dawn l-industriji intensivi fl-enerġija – jiġifieri jikkonsmaw ħafna enerġija kemm fuq il-post kif ukoll/jew fil-forma ta' elettriku mixtri – u huma intensivi fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra, f'diversi kombinazzjonijiet. F'Malta, dawn is-setturi kollha huma preżenti iżda s-sehem globali tagħhom fil-PDG huwa inqas minn 1 fil-mija.

([118]) Il-pjan nazzjonali finali għall-enerġija u l-klima (NECP) ta' Malta jelenka firxa ta' proġetti speċifiċi ppreżentati, pereżempju, ta' sistemi ta' ħżin tal-enerġija lil hinn mill-kosta; id-dekarbonizzazzjoni tal-portijiet li jużaw teknoloġiji tal-mikrogrilja; it-tnaqqis tal-impronta tal-karbonju operazzjonali tal-kostruzzjoni; il-kostruzzjoni u l-monitoraġġ ta' boreholes tal-akwifer fondi, biex is-sħana tal-art tintuża bħala sors tal-enerġija; l-użu tal-Gass Naturali Likwifikat (LNG) fil-propulsjoni tal-bastimenti; studju pilota li jiżviluppa metodoloġija innovattiva biex tiġi analizzata l-imġiba termali ta' soqfa tradizzjonali u modifikati; u oħrajn.

([119])Il-mira nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra hija stabbilita fir-Regolament (UE) 2023/857 (ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi). Dan japplika b'mod konġunt għall-bini (tisħin u tkessiħ); it-trasport bit-triq, l-agrikoltura; l-iskart; u l-industrija żgħira (magħrufa bħala s-setturi tal-kondiviżjoni tal-isforzi).

([120]) L-emissjonijiet tal-kondiviżjoni tal-isforzi għall-2023 huma bbażati fuq data approssimata tal-inventarju. Id-data finali se tiġi stabbilita fl-2027 wara rieżami komprensiv. Projezzjonijiet dwar l-impatt tal-politiki attwali ("b'miżuri eżistenti", WEM) u politiki addizzjonali ("b'miżuri addizzjonali", WAM) skont l-NECP aġġornat finali ta' Malta.

Azzjoni rapida dwar id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport tidher partikolarment eżigenti f'Malta. Bejn l-2005 u l-2023, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mit-trasport bit-triq żdiedu bi 32 % f'Malta, filwaqt li naqsu b'5 % fl-UE b'mod ġenerali. It-tħaffif tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima f'dawn is-setturi jgħin biex l-unitajiet domestiċi, in-negozji u l-utenti tat-trasport f'Malta jiġu protetti mill-impatt tal-ipprezzar tal-karbonju.

Graff A7.2:**Emissjonijiet ta' gassijiet serra setturi tal-kondiviżjoni tal-isforzi, 2005 u 2023**



Sors: L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

L-industrija sostenibbli

1 - Tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari:

Malta turi titjib robust fuq xi indikaturi tal-ekonomija ċirkolari. Bħalissa qed taħdem fuq Strateġija Nazzjonali għall-Ambjent 2050, li se tistabbilixxi l-qafas għal tranżizzjoni aktar fit-tul lejn sostenibbiltà akbar. L-ekonomija ċirkolari tissemma fit-test kollu, li jinkludi miżuri aktar upstream dwar id-disinn sostenibbli tal-prodotti u inizjattivi li jagħtu s-setgħa lill-konsumaturi, li jirriflettu l-miżuri tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ekonomija Ċirkolari 2020. L-użu ċirkolari tal-materjali ta' Malta – li huwa kruċjali biex titnaqqas id-dipendenza tagħha fuq l-importazzjonijiet – ilu jiżdied b'mod kostanti mill-2016, u laħaq 19,8 % fl-2023 u għadu ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 11,8 %. Fir-rigward tal-produttività tar-riżorsi, fl-2023, Malta ġġenerat EUR 3,52 għal kull kg ta' materjal ikkunsmat wara żieda kostanti ta' 70 % mill-2018, ogħla mill-medja tal-UE ta' EUR 2,74.

Graff A7.3:**Trattament tal-iskart muniċipali**



Sors: L-Eurostat

Malta qed tiffaċċja sfidi sinifikanti fit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, inkluż l-istaġnar fit-tnaqqis tal-iskart muniċipali, ir-rati baxxi ta' riċiklaġġ u d-dipendenza fuq ir-rimi fil-landfills. Fl-2020, Malta adottat il-Viżjoni Strateġika nazzjonali tagħha 2020-2030 – lejn Ekonomija Ċirkolari ([121]). B'dan, Malta introduċiet serje ta' miżuri biex tnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart u b'mod partikolari r-rimi fil-landfills. Madankollu, għad ma hemmx riżultati tanġibbli fil-prattika. Il-ġenerazzjoni tal-iskart muniċipali f'Malta staġnat f'dawn l-aħħar snin. Fl-2023, il-pajjiż iġġenera 606 kg/*capita* ta' skart muniċipali, li huwa ferm ogħla mill-medja stmata tal-EU-27 ta' 511 kg/limitu massimu fl-istess sena (ara l-Graff A7.3). Malta wriet rati baxxi ħafna ta' tħejjija tal-iskart muniċipali għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ f'dawn l-aħħar snin. Fl-2023, tħejja biss 17,1 % tal-iskart muniċipali, ferm taħt il-medja stmata tal-UE ta' 48 % fl-istess sena. Dan ma tjiebx f'dawn l-aħħar 10 snin. Ir-rimi fil-landfills huwa l-metodu ta' trattament dominanti f'Malta u r-rata tar-rimi fil-landfills baqgħet relattivament stabbli.

Il-ġenerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ ta' Malta żdiedet bejn l-2010 u l-2022. Fl-2022, il-pajjiż iġġenera 167 kg/*capita* ta' skart mill-imballaġġ, li huwa kemxejn taħt il-medja Ewropea

([121]) Circular Economy Malta, Strategy 2020 – 2030, Link.

stmata ta' 186 kg/*capita* fl-istess sena ([122]). Ir-rata ġenerali ta' riċiklaġġ tal-iskart mill-imballaġġ ta' Malta kienet ta' 32 % fl-2022 u ma tjibitx b'mod ġenerali f'dawn l-aħħar 10 snin. L-inizjattivi dwar il-plastik li jintuża darba biss jinkludu: (i) "L-Istrateġija għall-Plastik li Jintuża Darba Biss 2021-2030 – Rethink Plastics", li tintroduċi miżuri li għandhom l-għan li jnaqqsu l-konsum ta' ċerti prodotti tal-plastik li jintużaw darba biss permezz ta' projbizzjoni fuq l-importazzjonijiet u l-produzzjoni għal xi prodotti u projbizzjoni fuq il-bejgħ u d-distribuzzjoni ta' oħrajn ([123]). (ii) L-iskema tal-2024 "Bring Your Own Container", li tippromwovi l-użu mill-ġdid tal-prodott għall-kuntrarju tal-konsum li jintuża darba biss ([124]). Il-ħtiġijiet ta' investiment annwali fl-oqsma tal-ekonomija ċirkolari u l-ġestjoni tal-iskart huma ta' EUR 248 miljun. Bħalissa hemm bżonn ta' investiment addizzjonali ta' EUR 31 miljun biex jintlaħaq dan it-total.

2 - Industrija ta' tniġġis żero:

Il-kwalità tal-arja f'Malta tjiebet, b'xi eċċezzjonijiet. L-emissjonijiet ta' diversi inkwinanti tal-arja naqsu b'mod sinifikanti f'Malta mill-2005, filwaqt li t-tkabbir tal-PDG kompla. Malta tissodisfa l-impenji tagħha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2020-2029 għall-inkwinanti tal-arja NO_x, il-komposti volatili organiċi mhux metaniċi (NMVOC), id-diossidu tal-kubrit (SO_2), l-ammonijaka (NH_3) u l-$PM_{2.5}$. Skont l-aħħar projezzjonijiet, Malta se tissodisfa l-impenji tagħha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet mill-2030 'il quddiem għan-NMVOC, il-SO_2 u l-$PM_{2.5}$, iżda mhux għan-NO_x u n-NH_3. Madankollu, fl-2023, ġew irreġistrati qabżiet 'il fuq mill-valuri ta' limitu legali għall-PM_{10} f'żona waħda tal-kwalità tal-arja; u f'żona oħra tal-kwalità tal-arja l-valuri fil-mira għall-konċentrazzjonijiet tal-ożonu ma ntlaħqux ([125]).

L-industrija ta' Malta tirrilaxxa inkwinanti sinifikanti tal-ilma. Malta tinsab fit-8 post fl-intensità tal-emissjonijiet tal-metalli tqal fl-ilma fl-UE, fejn il-kontributuri ewlenin huma s-setturi tal-enerġija u tal-bhejjem (tal-aħħar għan-nitroġenu, il-karbonju organiku totali u l-fosforu). Malta ssottomettiet l-ewwel programm nazzjonali tagħha għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja lill-Kummissjoni fit-18 ta' Marzu 2020. Kellu jsir aġġornament 4 snin wara. Malta trid ukoll taġġorna l-politiki u l-miżuri tagħha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-arja. Il-ħtiġijiet ta' investiment annwali fil-qasam tal-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis huma ta' EUR 57 miljun (nuqqas annwali ta' EUR 32 miljun) ([126]).

([122]) Il-medja tal-UE tista' tkun influwenzata mis-sitwazzjoni li mhux l-Istati Membri kollha diġà japplikaw bis-sħiħ ir-regoli ta' rapportar għall-iskart mill-imballaġġ kif definit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2019/665.

([123]) Environment & Resources Authority, 2021, Single-Use Plastic Products Strategy for Malta 2021-2030, Link.

([124]) Circular Economy Malta, BRING YOUR OWN CONTAINER (BYOC) Initiative, Link.

([125]) Malta qabżet il-valur ta' limitu ta' kuljum għall-PM_{10} fi 52 jum u l-valur fil-mira għall-ożonu f'36 jum f'dawk iż-żoni fl-2023, Repożitorju Ċentrali tad-Data tal-EIONET, Link.

([126]) Il-Kummissjoni Ewropea, DĠ Ambjent, *Programm ta' valutazzjoni tal-ħtiġijiet u d-diskrepanzi fl-investiment ambjentali*, aġġornament tal-2025. Espressi fi prezzijiet tal-2022.

Tabella A7.1: **Indikaturi ewlenin tal-industrija nadifa u tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima: Malta**

Strategic autonomy and technology for the green transition				Malta					EU-27	
Net zero industry										
Operational manufacturing capacity 2023										
- Solar PV (c: cell, w: wafer, m: module), MW	-			- Electrolyzer, MW		-				
- Wind (b: blade, t: turbine, n: nacelle), MW	0			- battery, MWh		-				
Automotive industry transformation	**2017**	**2018**	**2019**	**2020**	**2021**	**2022**	**2023**		**2018**	**2021**
Motorisation rate (passenger cars per 1000 inhabitants), %	615	609	597	597	602	585	575	↘	539	561
New zero-emission vehicles, electricity motor, %	0.31	3.49	3.65	3.87	7.92	15.40	20.31	↗	1.03	8.96
Critical raw materials	**2017**	**2018**	**2019**	**2020**	**2021**	**2022**	**2023**		**2018**	**2021**
Material import dependency, %		75.1	70.1	69.3	71.3	70.2	70.9	↗	24.2	22.6
Climate mitigation				Malta				Trend	EU-27	
Industry decarbonisation	**2017**	**2018**	**2019**	**2020**	**2021**	**2022**	**2023**		**2017**	**2022**
GHG emissions intensity of manufacturing production, kg/€	0.1	0.09	0.09	0.09	0.08	0.08		↘	0.34	0.27
Share of energy-related emissions in industrial GHG emissions	79.2	81.2	80.2	76.9	72.4	71.6	69.4	↘	44.8	42.5
Energy-related GHG emissions intensity of manufacturing and construction, kg/€	39.5	36.8	39.7	51.9	50.4	55.2	-	↗	158.4	132.9
Share of electricity and renewables in final energy consumption in manufacturing, %	70.0	72.2	73.1	73.2	74.1	73.8	77.0	↗	43.3	44.2
Energy intensity of manufacturing, GWh/€	0.68	0.64	0.63	0.62	0.61	0.60	0.53	↘	1.29	1.09
Share of energy-intensive industries in manufacturing production						9.1				7.3
GHG emissions intensity of production in sector [...], kg/€										
- paper and paper products (NACE C-17)	-	0.20	0.21	-	0.15	0.20	0.20	-	0.73	0.68
- chemicals and chemical products (NACE C20)	0.25	-	0.21	0.19	0.16	0.14	0.13	-	1.25	1.26
- other non-metallic mineral products (NACE C23)	-	-	-	0.36	0.29	0.45	0.42	-	2.53	2.24
- basic metals (NACE C24)	0.02	0.03	0.02	0.01	0.01	0.01	0.01	-	2.79	3.49
Reduction of effort sharing emissions		**2018**	**2019**	**2020**	**2021**	**2022**	**2023**		**2018**	**2023**
GHG emission reductions relative to base year, %					30.1	43.6	30.6			
- domestic road transport		24.9	32.6	9.6	17.5	37.0	32.2	↗	1.4	5.2
- buildings		10.1	20.2	6.0	8.5	30.3	-50.0	↘	21.4	32.9
	2005				**2021**	**2022**	**2023**	**Target**	**WEM**	**WAM**
Effort sharing: GHG emissions, Mt; target, gap, %	1.0				1.3	1.5	1.3	-19.0	-61.6	-48.4
Sustainable industry				Malta				Trend	EU-27	
Circular economy transition		**2018**	**2019**	**2020**	**2021**	**2022**	**2023**		**2018**	**2021**
Material footprint, tonnes per person		10.0	11.0	11.1	9.4	10.1	5.8	↘	14.7	15.0
Circular material use rate, %		8.3	12.8	16.5	19.2	21.5	19.8	↗	11.6	11.1
Resource productivity, €/kg		2.1	2.4	2.0	2.6	3.2	3.5	↗	2.1	2.3
Zero pollution industry										
Years of life lost due to PM2.5, per 100,000 inhabitants		482	447	326	438	536	-	↗	702	571
Air pollution damage cost intensity, per thousand € of GVA					1.7					27.5
Water pollution intensity, kg weighted by human factors per bn € GVA						1.2				0.9

Sors: **L-Industrija b'emissjonijiet żero netti:** Il-Kummissjoni Ewropea: The net-zero manufacturing industry landscape across Member States: final report, 2025. **It-trasformazzjoni tal-industrija tal-karozzi:** L-Eurostat. **Materja prima kritika:** L-Eurostat. **Mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima:** Ara n-noti f'qiegħ il-paġna fit-taqsima "mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima"; tnaqqis tal-emissjonijiet tal-kondiviżjoni tal-isforzi: EEA greenhouse gases data viewer; Il-Kummissjoni Ewropea, Rapport ta' Progress dwar l-Azzjoni Klimatika, 2024. **Industrija sostenibbli:** Snin ta' ħajja mitlufa minħabba l-PM2.5: L-Eurostat u l-EEA, Harm to human health from air pollution in Europe: burden of disease status, 2024. Ħsara mit-tniġġis tal-arja: EEA, EU large industry air pollution damage costs intensity, 2024. Emissjonijiet koperti: As, benżen, Cd, Cr, Hg, NH3, Ni, NMVOC, NOX, Pb, diossini, PM10, PAH, SOX. L-intensità tat-tniġġis tal-ilma: EEA, EU large industry water pollution intensity, 2024.. Rilaxxi fl-ilma kopert mill-kadmju, miċ-ċomb, mill-merkurju, min-nikil. Indikaturi oħra: L-Eurostat.

Dan l-anness jiddeskrivi l-progress li sar u l-isfidi kontinwi ffaċċjati fit-tisħiħ tal-kompetittività u l-affordabbiltà tal-enerġija, filwaqt li javvanza t-tranżizzjoni lejn emissjonijiet żero netti. Jeżamina l-miżuri u l-miri proposti fl-aġġornamenti finali (abbozz) tal-pjanijiet nazzjonali għall-enerġija u l-klima (NECPs) għall-2030.

Minkejja xi progress limitat f'termini ta' appoġġ ta' politika għall-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u għat-tisħiħ tal-grilja tal-elettriku tagħha, is-sistema tal-enerġija ta' Malta għadha ddominata mill-fjuwils fossili. Il-konsum tal-enerġija fis-settur residenzjali għadu għoli.

Il-prezzijiet u l-kostijiet tal-enerġija

Graff A8.1:**Komponenti tal-prezz tal-enerġija bl-imnut għall-konsumaturi domestiċi u mhux domestiċi, 2024**



(i) Għall-konsumaturi tal-unitajiet domestiċi, il-firxa tal-konsum hija DC għall-elettriku u D2 għall-gass. It-taxxi u l-imposti huma murija bl-inklużjoni tal-VAT.
(ii) Għall-konsumaturi mhux tal-unitajiet domestiċi, il-firxa tal-konsum hija l-ID għall-elettriku u l-I4 għall-gass. It-taxxi u l-imposti jintwerew bl-esklużjoni tal-VAT u l-imposti li jistgħu jiġu rkuprati, peress li dawn tipikament jiġu rkuprati min-negozji.
Sors: L-Eurostat

Il-prezzijiet bl-imnut tal-elettriku ta' Malta fl-2024 baqgħu stabbli, u fost l-aktar baxxi fl-UE, speċjalment għall-konsumaturi domestiċi. Din ix-xejra hija xprunata l-aktar minn piż imnaqqas ta' taxxi u imposti meta mqabbel mal-medja tal-UE. Dan tal-aħħar, għall-konsumaturi mhux domestiċi, jammonta għal 5,9 % tal-prezz finali tal-elettriku għall-konsumaturi tal-unitajiet domestiċi u 1,2 % għall-konsumaturi mhux tal-unitajiet domestiċi (meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 25 % u 11,4 % rispettivament). Is-suq tal-konsumaturi f'Malta mhuwiex liberalizzat għal kollox. Malta ma tirrapportax il-prezzijiet tal-gass naturali fis-settur mhux tal-unitajiet domestiċi.

Graff A8.2:**Il-prezzijiet medji tal-elettriku bl-ingrossa ta' ġurnata bil-quddiem kull xahar u l-prezzijiet referenzjarji Ewropej tal-gass naturali (TTF Netherlandiż)**



(i) It-Title Transfer Facility (TTF) hija punt ta' negozjar virtwali għall-gass naturali fin-Netherlands. Din iservi bħala l-parametru referenzjarju primarju għall-prezzijiet Ewropej tal-gass naturali.
(ii) Is-CWE tagħti prezzijiet medji fis-suq tal-Ewropa Ċentrali tal-Punent (il-Belġju, Franza, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands u l-Awstrija).
Sors: S&P Platts u l-ENTSO-E

Flessibbiltà u grilji tal-elettriku

Malta bħalissa hija interkonnessa mal-grilja tal-elettriku Ewropea permezz ta' konnessjoni unika ta' kejbil tal-elettriku taħt il-baħar mal-Italja. Biex tkompli tissaħħaħ is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku fil-pajjiż, ittieħdet deċiżjoni li jsir investiment, b'appoġġ mill-Fond ta' Koeżjoni, fit-tieni konnessjoni tal-elettriku taħt il-baħar ta' 225 MW mal-Italja (Sqallija) sal-2026. Din it-tieni konnessjoni bil-kejbil li tgħaqqad l-istazzjon terminali tal-Maghtab eżistenti u l-istazzjon terminali ta' Ragusa se tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista fit-tul kif ukoll se tippermetti l-integrazzjoni ta' sehem akbar ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Il-fażi tal-ippjanar u tad-disinn għall-kejbil miexja sew. B'konnessjoni ta' network ta' distribuzzjoni mal-Italja, Malta hija

marbuta indirettament mar-reġjun tal-kalkolu tal-kapaċità bejn il-Greċja u l-Italja.

Malta mhijiex interkonnessa mal-grilja Ewropea tal-gass. Hija timporta l-gass naturali permezz ta' terminal tal-gass naturali likwifikat. Malta qed tqis ukoll interkonnettur tal-gass ġdid lest għall-idroġenu mal-Italja, li jkun kapaċi jittrażmetti 100 % idroġenu mid-data tal-ikkummissjonar tiegħu. Se tibbenefika minn eżenzjoni skont l-Artikolu 24 tar-Regolament TEN-E u se jkompli jkun proġett ta' interess komuni fl-ewwel lista tal-Unjoni skont ir-Regolament rivedut.

Malta qed tieħu xi passi biex issaħħaħ il-grilja nazzjonali tagħha. Permezz tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha, Malta qed tinvesti fin-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku tagħha. Dan jieħu l-forma ta' investimenti fil-grilja u fis-servizzi ta' distribuzzjoni.

Is-suq tal-provvista tal-elettriku f'Malta għadu magħluq, bl-Enemalta tkun l-uniku fornitur tal-elettriku fil-gżira, bi ftit opportunitajiet għall-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi. F'termini tal-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi, 94 % tal-konsumaturi finali tal-unitajiet domestiċi kellhom miters intelliġenti installati sal-2023. Madankollu, in-nuqqas ta' suq likwidu bl-ingrossa fixkel il-liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku, kif ukoll l-iżvilupp ta' mekkaniżmi ta' rispons min-naħa tad-domanda u aktar opportunitajiet ta' aggregazzjoni. Madankollu, 9,5 % tal-unitajiet domestiċi f'Malta jipproduċu l-enerġija tagħhom stess, li hija konsiderevolment akbar mill-proporzjon ta' prosumaturi fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE. Il-Komunitajiet tal-enerġija għadhom ma sabux posthom fis-sistema tal-enerġija Maltija, mingħajr tali komunitajiet irreġistrati f'Malta fl-2023.

Fl-2023, l-elettriku ammonta għal 39,2 % tal-konsum finali tal-enerġija ta' Malta, ogħla mill-medja tal-UE ta' 22,9 %, u dan is-sehem ra żieda żgħira fl-aħħar 10 snin[127]**.** Fir-rigward tal-unitajiet domestiċi, l-elettriku jammonta għal 75,4 % tal-konsum finali tal-enerġija, filwaqt li fl-industrija jirrappreżenta 66,5 % (ara wkoll l-Anness 7). Għas-settur tat-trasport, dan is-sehem jibqa' negliġibbli fil-livell ta' 0,6 %. Huwa meħtieġ aktar progress fl-elettrifikazzjoni fis-setturi kollha għad-dekarbonizzazzjoni kosteffettiva tal-ekonomija u biex jinġiebu l-benefiċċji ta' ġenerazzjoni rinnovabbli affordabbli għall-konsumaturi.

Sorsi ta' enerġija rinnovabbli u kuntratti fit-tul

L-użu tal-enerġija rinnovabbli f'Malta miexi 'l quddiem b'pass kajman. Il-kapaċità installata rinnovabbli f'Malta fl-2024 żdiedet bi 3 % meta mqabbla mal-2023**.** Il-kapaċità totali tal-enerġija rinnovabbli kienet ta' 237 MW([128]). Sehem kbir tal-kapaċità installata totali huwa solari, b' 233 MW fl-2024. Il-kapaċità tal-enerġija mir-riħ għadha nulla mill-2024. Is-sehem tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli (RES) fit-taħlita tal-elettriku ta' Malta fl-2024 kien ta' 16,7 %([129]), ferm inqas mis-sehem ġenerali tal-UE tar-RES (47 %) u wieħed mill-aktar baxxi fl-UE.

Graff A8.3:**Il-kapaċità rinnovabbli installata ta' Malta (xellug) u t-taħlita tal-ġenerazzjoni tal-elettriku (lemin)**



"Oħrajn" tinkludi l-iskart muniċipali rinnovabbli, il-bijofjuwils solidi, il-bijofjuwils likwidi, u l-bijogass.
Sors: L-IRENA, l-Ember

Il-Gvern qed jippjana li jirriforma l-qafas tal-ħruġ ta' permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, kif deskritt fl-NECP, sabiex jaċċellera l-proċeduri tal-applikazzjoni u tal-għoti tal-permessi. Madankollu, għad hemm il-ħtieġa ta' koordinazzjoni interna madwar il-proċeduri tal-ħruġ tal-permessi. Fil-prattika, l-

([127]) CAGR (rata ta' tkabbir annwali komposta) ta' -0,2 % bejn l-2013 u l-2023 u sehem minimu/massimu ta' 39,0 % u 40,9 %, rispettivament.

([128]) IRENA 2025: Renewable Energy Capacity Statistics 2025

([129]) Data annwali dwar l-elettriku, Ember. Din id-data xorta tista' tkun soġġetta għal bidla ladarba ċ-ċifri finali jsiru disponibbli.

implimentazzjoni u l-kooperazzjoni attwali jistgħu jvarjaw skont il-kuntest u l-effettività tas-sorveljanza regolatorja. Punt uniku ta' servizz jista' jiffaċilita l-proċeduri u jnaqqas l-għadd ta' awtoritajiet involuti. Malta diġà żviluppat żewġ portali elettroniċi li jiffunzjonaw għal dak l-għan.

Il-kontribut ta' Malta rigward is-sehem tal-enerġija rinnovabbli tagħha, 24,5 %, huwa taħt l-objettiv ta' 28 % ikkalkulat skont il-formula stabbilita fl-Anness II tar-Regolament dwar il-Governanza. Barra minn hekk, l-2024 hija l-aħħar sena li għaliha Malta ħarġet skeda dwar l-allokazzjoni mistennija tal-appoġġ għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fuq il-Pjattaforma tal-Unjoni għall-Iżvilupp tal-Enerġija Rinnovabbli.

Malta ħadet xi passi biex tiżviluppa kuntratti fit-tul biex tappoġġja l-użu tar-RES. Fir-rigward tas-swieq tal-ftehim dwar ix-xiri tal-enerġija (PPA) u tal-kuntratt għad-differenza (CfD), Malta nediet offerta biex tivvaluta l-ostakli regolatorji u amministrattivi għall-PPAs għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-tul u fl-2024 tnieda proċess ta' offerti għall-enerġija solari abbażi ta' kuntratt bidirezzjonali għad-differenza.

L-effiċjenza enerġetika

Fl-2023, il-konsum ta' enerġija primarja (PEC) żdied f'Malta bi 3,0 %, għal 0,91 Mtoe. Il-konsum finali tal-enerġija (FEC, Final energy consumption) żdied bi 3,2 %, għal 0,72 Mtoe([130]). Meta mqabbel mal-2022, il-FEC naqas fis-setturi ewlenin kollha iżda fit-trasport, li fihom il-FEC żdied b'10,3 %. Fis-settur residenzjali, il-FEC naqas bi 2,4 %, fl-industrija bi 13,8 % u fis-servizzi b'0,6 %. Skont id-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika riformulata, Malta għandha tilħaq PEC ta' 0,8 Mtoe u FEC ta' 0,68 Mtoe sal-2030.

Malta jeħtieġ li żżid l-isforzi tagħha fis-settur tal-bini biex tagħti kontribut sinifikanti għall-mira ta' tnaqqis tal-2030 għall-konsum tal-enerġija fil-bini. Skont l-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul l-aktar reċenti tagħha, Malta beħsiebha tnaqqas id-domanda medja tal-enerġija fornuta bi 18 % sal-2030 f'akkomodazzjonijiet u tnaqqas l-emissjonijiet tas-CO_2 minn bini residenzjali u mhux residenzjali bi 38 % meta mqabbla mal-2018. Madankollu, bejn l-2018 u l-2022, il-konsum finali tal-enerġija (ikkoreġut għall-klima) fis-settur residenzjali żdied bi 13,5 % u ma jista' jiġi osservat l-ebda tnaqqis dejjiemi fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra fis-setturi tal-unitajiet domestiċi u tas-servizzi.

Fl-2022, it-tisħin u t-tkessiħ kienu jirrappreżentaw 60 % tal-konsum tal-enerġija finali residenzjali tal-pajjiż. Il-proporzjon tal-prezz tal-elettriku residenzjali għaż-żejt huwa inqas minn 3, iżda żdied b'35 % matul l-aħħar 4 snin, u b'hekk il-pompi tas-sħana saru inqas finanzjarjament attraenti.

Malta tuża qafas ta' finanzjament nazzjonali ta' appoġġ effettiv li jimmobilizza l-investiment fl-effiċjenza enerġetika magħmul prinċipalment minn għotjiet u skemi mħallta. Dawn l-istrumenti jkopru diversi setturi, prinċipalment fil-forma ta' għotjiet u sussidji (eż. għotjiet għall-vetturi elettriċi, jew appoġġ għax-xiri ta' apparati tat-tisħin u tat-tkessiħ effiċjenti fl-użu tal-enerġija). Madankollu, it-trasport u s-servizzi jistgħu jibbenefikaw minn aktar azzjoni.

Is-sigurtà tal-provvista u d-diversifikazzjoni

Fl-2024, Malta ma kinitx tiddependi fuq ir-Russja għall-importazzjonijiet tagħha tal-gass naturali. Malta hija l-uniku Stat Membru li d-domanda għall-gass naturali tiegħu żdiedet bejn Awwissu 2022 u Lulju 2024, b'7 %, meta mqabbla mad-domanda medja għall-gass tas-snin 2017-2021, prinċipalment minħabba ċ-ċaqliq tad-domanda mill-interkonnettur għall-ġenerazzjoni lokali tal-elettriku biex jiġi evitat li l-kwistjonijiet tal-provvista tal-gass fil-kontinent jiġu aggravati. Madankollu, bejn April u Lulju 2024, il-konsum tal-gass Malti naqas b'medja ta' 3,75 %.

It-taħlita tal-enerġija ta' Malta rat bidla żgħira lejn il-gass naturali u s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fl-2023. Is-sehem tal-gass naturali żdied għal 35,7 % fl-2023 filwaqt li s-sorsi rinnovabbli u l-bijofjuwils żdiedu għal 7,3

([130]) Sors: Bilanċ tal-enerġija finali, l-Eurostat.

%([131]). Iż-żejt u l-prodotti petroliferi baqgħu s-sors dominanti iżda naqsu bi ftit għal 51,3 %([132])

Sussidji għall-fjuwils fossili

Fl-2023, is-sussidji għall-fjuwils fossili li jagħmlu ħsara lill-ambjent([133]) mingħajr eliminazzjoni gradwali ppjanata qabel l-2030 kienu jirrappreżentaw 1,6 %([134]) tal-PDG ta' Malta([135]), ogħla mill-medja ponderata tal-UE ta' 0,49 %. L-appoġġ għall-introjtu/għall-prezzijiet kien jammonta għal 86 % ta' dan il-volum, filwaqt li l-miżuri tat-taxxa kienu jirrappreżentaw 14 %. Is-sussidji għall-fjuwils fossili mingħajr eliminazzjoni gradwali ppjanata qabel l-2030 u li ma jindirizzawx speċifikament, b'mod immirat, il-faqar enerġetiku u lanqas it-tħassib ġenwin dwar is-sigurtà tal-enerġija inkludew l-appoġġ ta' emerġenza kontinwu lill-Enemalta, is-sussidji għall-prodotti petroliferi, b'mod partikolari l-petrol u d-diżil, u tnaqqis tad-dazji tas-sisa fuq il-petrol u d-diżil. Barra minn hekk, ir-Rata Effettiva tal-Karbonju ta' Malta għall-2023([136]) kienet medja ta' EUR 75,9 għal kull tunnellata ta' CO_2, taħt il-medja ponderata tal-UE ta' EUR 84,80.

([131]) L-elettriku u s-sħana huma esklużi biex jiġi evitat l-għadd doppju li jiffoka fuq is-sorsi primarji tal-enerġija.

([132]) Konsum Gross Intern: [Energy Balances - Eurostat]

([133]) Sussidji diretti għall-fjuwils fossili li jinċentivaw iż-żamma jew iż-żieda fid-disponibbiltà tal-fjuwils fossili u/jew l-użu tal-fjuwils fossili.

([134]) Għall-Istati Membri kollha, dan jinkludi l-infiq pubbliku fuq ir-R&Ż għall-fjuwils fossili kif irrapportat mill-AIE (il-Baġit tat-Teknoloġija tal-Enerġija R&Ż) u jeskludi, għall-konsistenza metodoloġika, l-eżenzjoni mid-dazju tas-sisa fuq il-kerosin ikkunsmat fit-traffiku tal-ajru intra-EU27.

([135]) 2023 prodott Domestiku Gross bil-prezzijiet tas-suq, l-Eurostat.

([136])Ir-Rati Effettivi tal-Karbonju huma s-somma tat-taxxi fuq il-karbonju, il-prezzijiet tal-permessi tal-ETS u d-dazji tas-sisa fuq il-fjuwil, li jirrappreżentaw ir-rata effettiva aggregata tal-karbonju mħallsa fuq l-emissjonijiet.

Tabella A8.1: **Indikaturi Ewlenin tal-Enerġija**

	Malta				EU			
	2021	**2022**	**2023**	**2024**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Household consumer - Electricity retail price (EUR/KWh)	**0.1301**	**0.1290**	**0.1271**	**0.1286**	**0.2314**	**0.2649**	**0.2877**	**0.2879**
Energy & supply [%]	73.3%	73.2%	72.0%	72.3%	36.6%	54.3%	55.6%	47.8%
Network costs	20.8%	20.9%	22.0%	21.8%	26.7%	25.3%	24.8%	27.2%
Taxes and levies including VAT	5.9%	5.9%	6.0%	5.9%	36.7%	20.3%	19.6%	25.0%
VAT	4.8%	4.7%	4.8%	4.7%	14.5%	13.4%	13.8%	14.6%
Household consumer - Gas retail price	***n/a***	***n/a***	***n/a***	***n/a***	**0.0684**	**0.0948**	**0.1121**	**0.1128**
Energy & supply	*n/a*	*n/a*	*n/a*	*n/a*	43.7%	61.0%	64.5%	53.9%
Network costs	*n/a*	*n/a*	*n/a*	*n/a*	22.5%	17.3%	17.1%	18.3%
Taxes and levies including VAT	*n/a*	*n/a*	*n/a*	*n/a*	33.8%	21.7%	18.4%	27.8%
VAT	*n/a*	*n/a*	*n/a*	*n/a*	15.5%	11.6%	10.2%	13.6%
Non-household consumer - Electricity retail price	**0.1209**	**0.1187**	**0.1224**	**0.1225**	**0.1242**	**0.1895**	**0.1971**	**0.1661**
Energy & supply	72.8%	72.4%	72.3%	72.3%	43.0%	66.5%	63.0%	55.8%
Network costs	21.3%	21.7%	21.8%	21.8%	15.8%	10.7%	11.9%	15.5%
Taxes and levies excluding VAT	1.2%	1.3%	1.2%	1.2%	30.4%	9.9%	11.2%	15.4%
Non-household consumer - Gas retail price	***n/a***	***n/a***	***n/a***	***n/a***	**0.0328**	**0.0722**	**0.0672**	**0.0517**
Energy & supply	*n/a*	*n/a*	*n/a*	*n/a*	66.2%	77.3%	77.3%	68.7%
Network costs	*n/a*	*n/a*	*n/a*	*n/a*	7.7%	3.8%	5.3%	7.1%
Taxes and levies excluding VAT	*n/a*	*n/a*	*n/a*	*n/a*	12.5%	6.1%	7.3%	11.6%
Wholesale electrity price (EUR/MWh)	129.0	295.1	126.1	112.2	111.0	233.2	99.1	84.7
Dutch TTF (EUR/MWh)	*n/a*	*n/a*	*n/a*	*n/a*	46.9	123.1	40.5	34.4

	2017	**2018**	**2019**	**2020**	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**
Gross Electricity Production (GWh)	**1,652**	**1,962**	**2,060**	**2,143**	**2,215**	**2,293**	**2,345**	-
Combustible Fuels	1,489	1,772	1,864	1,906	1,959	2,004	2,036	-
Nuclear	-	-	-	-	-	-	-	-
Hydro	-	-	-	-	-	-	-	-
Wind	0	0	0	0	0	0	0	-
Solar	162	190	195	237	256	289	309	-
Geothermal	-	-	-	-	-	-	-	-
Other Sources	-	-	-	-	-	-	-	
Gross Electricity Production [%]								
Combustible Fuels	90.2%	90.3%	90.5%	88.9%	88.5%	87.4%	86.8%	-
Nuclear	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	-
Hydro	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	-
Wind	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	-
Solar	9.8%	9.7%	9.5%	11.1%	11.5%	12.6%	13.2%	-
Geothermal	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	-
Other Sources	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	-
Net Imports of Electricity (GWh)	**861**	**621**	**636**	**416**	**511**	**639**	**622**	-
As a % of electricity available for final consumption	37.1%	26.0%	25.7%	17.5%	20.4%	23.7%	22.7%	-
Electricity Interconnection [%]	**24.2%**	**29.4%**	**29.0%**	**31.0%**	**44.5%**	**42.3%**	**40.9%**	**39.5%**
Share of renewable energy consumption - by sector [%]								
Electricity	6.8%	7.7%	7.5%	9.5%	9.6%	10.1%	10.7%	-
Heating and cooling	19.3%	22.8%	23.6%	23.0%	32.6%	39.9%	47.5%	-
Transport	6.8%	8.0%	8.9%	10.6%	10.5%	10.5%	10.7%	-
Overall	7.2%	7.9%	8.2%	10.7%	12.6%	14.0%	15.1%	-

	2020	**2021**	**2022**	**2023**	**2020**	**2021**	**2022**	**2023**
Import Dependency [%]	**97.6%**	**97.0%**	**99.0%**	**97.6%**	**57.5%**	**55.5%**	**62.5%**	**58.3%**
of Solid fossil fuels	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	35.8%	37.2%	45.9%	40.8%
of Oil and petroleum products	99.3%	97.9%	100.7%	100.1%	96.8%	91.7%	97.8%	94.5%
of Natural Gas	96.2%	103.5%	100.2%	93.3%	83.6%	83.6%	97.6%	90.0%
Dependency from Russian Fossil Fuels [%]								
of Natural Gas	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	41.0%	40.9%	20.7%	9.3%
of Crude Oil	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	25.7%	25.2%	18.4%	3.0%
of Hard Coal	0.0%	0.0%	0.0%	0.0%	49.1%	47.4%	21.5%	1.0%

	2017	**2018**	**2019**	**2020**	**2021**	**2022**	**2023**
Gas Consumption (in bcm)	**0.3**	**0.3**	**0.4**	**0.4**	**0.4**	**0.4**	**0.4**
Gas Consumption year-on-year change [%]	-	20.5%	6.1%	3.5%	-0.2%	1.6%	4.4%
Gas Imports - by type (in bcm)	**0.3**	**0.4**	**0.4**	**0.4**	**0.4**	**0.4**	**0.4**
Gas imports - pipeline	-	-	-	-	-	-	-
Gas imports - LNG	0.3	0.4	0.4	0.4	0.4	0.4	0.4
Gas Imports - by main source supplier [%]							
Trinidad and Tobago	65.3%	36.6%	80.7%	81.4%	66.6%	67.8%	83.4%
United States	8.0%	16.0%	2.4%	18.6%	33.4%	32.2%	16.6%

Sors: L-Eurostat, l-ENTSO-E, S&P Platts

Malta qed tiffaċċja diversi sfidi relatati mal-klima hekk kif issir dejjem aktar esposta għal mewġiet ta' sħana, nixfiet, għargħar u nirien fis-selvaġġ, li għandhom impatt dirett fuq is-soċjetà u l-ekonomija tagħha. Fl-istrateġija nazzjonali ta' adattament tagħha, Malta identifikat diversi setturi kritiċi li jeħtieġu miżuri ta' adattament. Minn dawn, il-ġestjoni tal-ilma hija ta' importanza kbira, segwita mill-infrastruttura u t-trasport, l-użu tal-art u l-bini, l-agrikoltura u s-sajd, u oħrajn. Il-pjan nazzjonali għall-enerġija u l-klima (NECP) ta' Malta li għadu kif ġie adottat jiddikjara li Malta żviluppat il-perkors tagħha stess lejn l-2050, filwaqt li eżaminat l-aspetti ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ta' adattament għalih. Ir-riżorsi tal-ilma tal-pajjiż jinsabu taħt stress qawwi minħabba d-domanda għolja mis-setturi tal-agrikoltura, tat-turiżmu u tal-enerġija, bl-iskarsezza tal-ilma aggravata matul ix-xhur tas-sajf. Minkejja l-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' adattament, Malta għadha qed titħabat ma' kwistjonijiet ambjentali sinifikanti, bħat-trattament insuffiċjenti tal-ilma mormi, id-degradazzjoni tal-bijodiversità u tal-ekosistemi, u t-tniġġis tan-nutrijenti mill-agrikoltura, li kollha kemm huma jimminaw ir-reżiljenza klimatika tan-nazzjon.

L-adattament u t-tħejjija għat-tibdil fil-klima

Malta hija dejjem aktar esposta għal mewġiet ta' sħana, nixfiet, għargħar u nirien fis-selvaġġ. Ir-riskji klimatiċi jaffettwaw direttament lis-soċjetà u lill-ekonomija ta' Malta. Bejn l-2018 u l-2022, Malta rreġistrat 84 fatalità relatata mas-sħana għal kull 100 000 abitant. Bejn l-1980 u l-2023, EUR 51 miljun f'telf ekonomiku kienu kkawżati minn avvenimenti estremi relatati mat-temp u mal-klima. Madankollu, 4 % biss tal-ħsara ekonomika matul dak il-perjodu kienet assigurata, meta mqabbla ma' 62 % fid-Danimarka ([137]). Dan se jkollu impatt partikolari fuq il-gruppi vulnerabbli u fuq ir-reġjuni f'Malta b'popolazzjonijiet ta' status soċjo-ekonomiku aktar baxx fejn il-qgħad huwa għoli, minħabba l-kapaċità inqas tagħhom li jadattaw, u fejn it-tibdil fil-klima jaggrava l-vulnerabbiltajiet preeżistenti ([138]).

Malta qed issir aktar vulnerabbli għall-għargħar, kif urew l-avvenimenti reċenti. It-telf ekonomiku mill-1980 jammonta għal kważi 23 miljun. F'konformità mad-Direttiva tal-UE dwar l-Għargħar, fi Frar 2024 Malta adottat it-tieni ċiklu ta' pjanijiet ta' mmaniġġjar tar-riskju ta' għargħar (FRMPs) 2021-2027, li qed jiġi vvalutat biex jiġi żgurat li l-pjanijiet jipprevedu l-identifikazzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskju ta' għargħar fil-gżejjer.

Diversi miżuri ta' politika nazzjonali relatati mal-adattament u t-tħejjija ġew implimentati matul dawn l-aħħar snin. Malta hija inkluża fi tnejn mit-tliet reġjuni identifikati bħala hotspots għar-riskji klimatiċi, li jfisser li huma l-aktar affettwati mit-tibdil fil-klima – in-Nofsinhar tal-Ewropa u r-reġjuni kostali baxxi ([139]). Malta għadha vulnerabbli għal għargħar urban għal għarrieda, skarsezza tal-ilma u mewġiet ta' sħana, b'diskrepanza baxxa li iżda tista' tittejjeb fil-protezzjoni tal-klima.

Malta qed tiffoka fuq l-integrazzjoni tar-reżiljenza għall-klima f'setturi kritiċi permezz ta' strateġija ta' adattament aġġornata, valutazzjoni tar-riskju tal-vulnerabbiltà, u l-istrateġija ta' żvilupp b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, għalkemm huwa meħtieġ aktar progress biex dawn l-oqfsa jiġu żviluppati aktar. Malta identifikat diversi setturi kritiċi li jeħtieġu adattament. Dawn jinkludu l-ġestjoni tal-ilma, l-infrastrutturi u t-trasport, l-użu tal-art u l-bini, l-agrikoltura, u s-sajd. Malta aġġornat l-istrateġija nazzjonali ta' adattament tagħha fl-2021 u bħalissa qed tfassal valutazzjoni tar-riskju tal-vulnerabbiltà biex twitti t-triq għall-integrazzjoni tar-reżiljenza għall-klima fil-politiki settorjali. L-istrateġija ta' żvilupp b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju (LCDS) li taġġorna l-istrateġija ta' adattament ta' Malta ddur madwar 47 miżura speċifika għas-settur li jindirizzaw l-enerġija, it-trasport, il-bini, l-industrija, l-iskart, l-ilma u l-agrikoltura. Miżura ewlenija hija r-rekwiżit li titwettaq valutazzjoni tar-riskju tal-vulnerabbiltà (VRA). Il-VRA tipprovdi analiżi dettaljata tal-vulnerabbiltajiet settorjali u tal-kapaċitajiet ta'

([137]) EEA, 2024, *Economic losses from weather- and climate-related extremes in Europe*, Link.

([138]) EEA, 2024, *European Climate Risk Assessment*, p. 345.

([139]) EEA, 2024, *European Climate Risk Assessment*, Link.

adattament biex tiggwida strateġiji effettivi ta' adattament. Dan jipprovdi analiżi dettaljata tal-għanijiet ta' adattament ta' Malta, il-progress u l-azzjonijiet kontinwi ([140]). Minkejja l-progress li sar dan l-aħħar, għad fadal xogħol sinifikanti xi jsir biex l-oqfsa ta' adattament, il-politiki, l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' Malta jinġiebu sal-livell meħtieġ ta' maturità.

Malta tagħmel użu minn diversi fondi tal-UE biex ittejjeb l-istat ta' tħejjija tagħha. Dawn jinkludu l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-pjan strateġiku tal-Politika Agrikola Komuni (PAK), u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

Ir-reżiljenza tal-ilma

Żoni kbar ta' Malta huma soġġetti għal stress idriku minħabba domandi mill-agrikoltura, it-turiżmu u l-enerġija. Dawn is-setturi jiddependu ħafna fuq il-provvista tal-ilma, u l-irrigazzjoni hija kruċjali f'ħafna żoni rurali. Il-produttività tal-ilma Maltija hija konsiderevolment ogħla minn dik ta' Stati Membri oħra, b'EUR 308 għal kull m^3 ta' ilma estratt fl-2022 u li turi xejra li qed tiżdied fuq perjodu ta' 5 snin ([141]). L-indiċi aġġornat tal-konsum tal-ilma (WEI+) żdied għal 34,1 % fl-2022 minn 26 % fl-2021. Dan juri xejra inkwetanti matul dawn l-aħħar ftit snin, b'Malta tuża żżejjed ir-riżorsi tal-ilma ħelu tagħha. Id-data staġjonali turi li fix-xhur tas-sajf il-konsum totali tal-ilma tal-pajjiż huwa akbar mir-riżorsi rinnovabbli tal-ilma ħelu tiegħu. L-ogħla valur tal-WEI+ (72) intlaħaq fit-tielet kwart tal-2021 u t-tieni l-ogħla valur (69) fl-2019. Il-konsumatur ewlieni tal-ilma huwa s-settur agrikolu (83 % tal-konsum totali tal-ilma fl-2022), li jpoġġi pressjoni sinifikanti fuq ir-riżorsi tal-ilma tal-pajjiż

Il-kwalità tal-ilma f'Malta tjiebet biss marġinalment, u għad hemm tħassib għall-korpi tal-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art. Abbażi tar-rapportar dwar it-tieni pjan ta' ġestjoni tal-baċin tax-xmara, li jkopri s-snin 2015-2021, 36,8 % tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ kollha f'Malta laħqu status ekoloġiku tajjeb (bi status ekoloġiku mhux magħruf għal 52,6 % tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ kollha) filwaqt li 52,6 % biss għandhom status kimiku tajjeb. Għall-korpi tal-ilma ta' taħt l-art, 47,7 % naqsu milli jiksbu status kimiku tajjeb u 10,5 % għandhom status kwantitattiv fqir. It-tielet pjan ta' ġestjoni tal-baċin tax-xmara (2022-2027) li bħalissa qed jiġi vvalutat mill-Kummissjoni se jipprovdi informazzjoni dwar, fost l-oħrajn, il-valutazzjoni ta' modifiki fiżiċi ġodda tal-korpi tal-ilma f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-ilma u l-kunsiderazzjoni ta' għażliet alternattivi u miżuri ta' mitigazzjoni adegwati għall-istatus kwantitattiv tal-ilma ta' taħt l-art, filwaqt li jiġu infurzati miżuri għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-tniġġis tan-nitrati mill-agrikoltura.

It-trattament tal-ilma mormi ta' Malta mhuwiex kompletament konformi mal-leġiżlazzjoni tal-UE. Malta għandha tliet agglomerazzjonijiet koperti mid-Direttiva dwar it-trattament tal-ilma urban mormi. Agglomerazzjoni waħda li tiġġenera 6 % tal-ilma mormi urban hija konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva (Gozo Main). Madankollu, żewġ agglomerazzjonijiet oħra, li jiġġeneraw il-bqija tal-ilma urban mormi (Malta North u Malta South), mhumiex konformi mad-Direttiva, li hija kawża ta' tħassib ([142]). F'Ottubru 2024 Malta ġiet ikkundannata mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE għal din ir-raġuni, li ġiegħlet lill-pajjiż jieħu azzjoni immedjata biex jirrimedja n-nuqqasijiet legali. Għal dak l-għan, huma meħtieġa miżuri addizzjonali, u proġetti speċifiċi li jisfruttaw il-finanzjament disponibbli tal-UE (eż. il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali). Il-ħtiġijiet ta' investiment għall-protezzjoni tal-ilma u l-ġestjoni tal-ilma huma ta' EUR 61 miljun fis-sena.

Il-bijodiversità u l-ekosistemi

L-Istat tan-natura u l-ekosistemi qed ikompli jiddegrada f'Malta, u b'hekk inaqqas ir-reżiljenza tal-pajjiż għall-klima. Malta tilqa' 29 tip ta' ħabitat u 66 speċi koperti mid-Direttiva dwar il-Ħabitats. Fl-2022, 13,3 % taż-żona tal-art ta' Malta kienet koperta minn siti ta' Natura 2000 (medja tal-UE ta' 18,6 %). Flimkien ma' żoni protetti oħra ddeżinjati nazzjonalment, iż-żoni

([140]) L-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma, 2025, *2030 National Energy and Climate Plan*, p. 62 ff., Link.

([141]) Imkejla bħala PDG fl-2010 bħala volumi inkatenati apparagun tat-total tal-ilma tal-wiċċ ħelu astratt f'metri kubi.

([142]) Il-Kummissjoni Ewropea, 2024, it-*12 ir-Rapport ta' Implimentazzjoni tal-UWWTD.*

protetti ta' Malta jammontaw għal 29 % tat-territorju tagħha, filwaqt li 5,5 % biss taż-żoni tal-baħar huma protetti (taħt il-medja tal-EU-27 ta' 12,1 %). Skont l-aħħar data disponibbli, 27,6 % tal-ħabitats tal-pajjiż għandhom status tajjeb, ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 14,7 %. Fir-rigward tal-istatus ta' konservazzjoni tal-ispeċijiet, 53,3 % ġew irrapportati fl-2018 bħala li għandhom status tajjeb, ogħla mill-medja tal-UE ta' 27 %. Madankollu, l-insib u l-qtil illegali ta' speċijiet protetti għadhom ta' tħassib urġenti u huma soġġetti għal proċedimenti ta' ksur. Is-sitwazzjoni fir-rigward tal-konservazzjoni tal-ħamrija, tat-tipi ta' ħabitats tal-bwar u tal-foresti mhijiex sostenibbli u favorevoli. Is-sitwazzjoni ġenerali jista' jkollha implikazzjonijiet għar-reżiljenza klimatika ta' Malta, peress li t-telf tal-bijodiversità jfixkel il-kapaċità tal-ekosistemi li jipprovdu servizzi li jgħinu biex jittaffew l-effetti tat-tibdil fil-klima, bħar-regolamentazzjoni taċ-ċikli tal-ilma, iż-żamma tas-saħħa tal-ħamrija u s-sekwestru tal-karbonju.

Graff A9.1: **Dipendenza diretta (1) fuq is-servizzi tal-ekosistema (2) tal-valur miżjud gross iġġenerat mis-settur ekonomiku fl-2022**



(1) Dipendenza bbażata fuq l-operazzjonijiet tas-settur stess, esklużi l-operazzjonijiet tal-katina tal-valur fil-pajjiżi u tul il-ktajjen tal-valur internazzjonali. Dipendenza għolja tindika esponiment potenzjali għoli għal xokkijiet relatati man-natura jew xejriet li qed jiddeterjoraw, li jfisser li t-tfixkil ta' servizz ta' ekosistema jista' jikkawża nuqqas fil-produzzjoni u telf finanzjarju serju.
(2) Is-servizzi tal-ekosistema huma l-kontributi tal-ekosistemi għall-benefiċċji li jintużaw f'attività ekonomika u attività oħra tal-bniedem, inklużi servizzi ta' provvediment (eż. provvediment tal-bijomassa jew provvista tal-ilma), servizzi ta' regolamentazzjoni u manutenzjoni (eż. regolamentazzjoni tal-kwalità tal-ħamrija jew dakkir), u servizzi kulturali (eż. attivitajiet ta' rikreazzjoni).
Sors: Hirschbuehl et al., 2025, *The EU economy's dependency on nature*, Link.

Id-degradazzjoni tan-natura toħloq riskji sinifikanti għall-ekonomija u l-kompetittività ta' Malta, peress li hija wieħed mill-Istati Membri bl-ogħla dipendenza diretta fuq is-servizzi tal-ekosistema. B'mod partikolari, is-setturi tal-agrikoltura, tas-sajd u tal-akkwakultura, tal-kostruzzjoni u tal-utilitajiet tal-ilma ta' Malta jiddependu ħafna fuq is-servizzi tal-ekosistema (ara l-Graff A9.1), b'100 % tal-valur miżjud gross ta' dawn is-setturi jiddependi direttament fuq is-servizzi tal-ekosistema. B'livell ta' dipendenza aktar baxx, iżda xorta sinifikanti, l-ivvjaġġar u t-turiżmu bl-ajru, l-ikel u x-xorb, u l-katina tal-provvista u t-trasport, jikklassifikaw ukoll bħala setturi importanti li l-valur miżjud gross u l-kompetittività tagħhom jiddependu fuq in-natura. Dan ifisser li n-nuqqas li tinżamm il-kapaċità tal-

ekosistemi li jipprovdu servizzi jista' jinvolvi kostijiet sinifikanti jew saħansitra jwaqqaf il-produzzjoni f'dawn is-setturi. Barra minn hekk, il-kostruzzjoni eċċessiva tkompli żżid l-ammont ta' ħamrija ssiġillata, modifikata artifiċjalment u/jew degradata. Iż-żona tal-ħamrija ssiġillata hija fattur importanti fil-monitoraġġ tat-tibdil fl-użu tal-art u tirrappreżenta pressjoni sinifikanti fuq in-natura u l-bijodiversità. Abbażi tad-data limitata disponibbli, il-kontributur għall-ħamrija mhux f'saħħitha ta' Malta huwa l-erożjoni mhux sostenibbli tal-ħamrija mill-ilma, mir-riħ, mill-ħdim tar-raba' u mill-ħsad, li taffettwa 97 % tal-erja tal-art tal-għelejjel. Mat-18 % tal-pajjiż jesperjenza ssiġillar tal-ħamrija 'l fuq minn 50 % impermeabbiltà ([143]). Il-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi ewlenin jiżguraw li l-kompetittività fit-tul ta' dawn is-setturi ekonomiċi tiġi ppreservata. Malta qed tinvesti EUR 56 miljun kull sena biex tissodisfa l-ħtiġijiet finanzjarji tagħha.

L-agrikoltura sostenibbli u l-użu tal-art

L-assorbimenti tal-karbonju ta' Malta ma jilħqux il-livell ta' ambizzjoni meħtieġ biex tintlaħaq il-mira tagħha tal-2030 għall-użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF, land use, land-use change and forestry). Sabiex tilħaq il-mira tagħha tal-LULUCF għall-2030, huma meħtieġa assorbimenti addizzjonali tal-karbonju ta' -0,002 miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO_2 (CO_2eq) ([144]). L-aħħar projezzjonijiet disponibbli juru diskrepanza fil-mira ta' 0,003 miljun tunnellata ta' ekwivalenti ta' CO_2eq għall-2030 ([145]). Għalhekk, huma meħtieġa miżuri addizzjonali biex tintlaħaq il-mira tal-2030. Għal Malta, dan jinvolvi l-ġestjoni tar-riżorsi limitati tal-art tagħha biex jiġi massimizzat il-potenzjal tal-bir tal-karbonju tagħhom.

L-agrikoltura Maltija hija sors ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) u għad għandha impatt sinifikanti fuq l-arja, l-ilma u l-ħamrija. Fl-2022, l-emissjonijiet ta' gassijiet serra agrikoli f'Malta ammontaw għal 86,1 elf tunnellata ta' emissjonijiet ta' CO_2eq, tnaqqis ta' 14,4 % mill-1990. Is-sehem globali tas-settur agrikolu tal-emissjonijiet nazzjonali totali ma varjax ħafna fil-passat, u beda bi 3,6 % fl-1990 u ammonta għal madwar 3 % fl-2018, li huwa baxx meta mqabbel mal-medja tal-UE. Madankollu, Malta għandha t-tielet l-ogħla ċifra fost l-Istati Membri f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-settur agrikolu għal kull ettaru ta' art agrikola, ta' 5,6 CO_2eq. Skont id-Direttiva dwar in-Nitrati, 64 % tal-istazzjonijiet ta' monitoraġġ tal-ilma ta' taħt l-art f'Malta rrapportaw konċentrazzjonijiet ta' nitrati ta' aktar minn 50 mg/l matul il-perjodu 2016-2019, li jaqbżu l-limitu tajjeb għas-saħħa għall-konsum mill-bniedem. L-aħħar punt tad-data disponibbli mill-2015 juri li s-surplus tan-nitroġenu (147 kg N/ha) u s-surplus tal-fosforu (30 kg P/ha) huma ferm ogħla mill-medja tal-UE. Malta għandha wkoll it-tieni l-ogħla densità totali ta' bhejjem fl-UE (3,3 unità ta' bhejjem għal kull ettaru meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 0,75). L-emissjonijiet tal-ammonijaka qed juru xejra ta' tnaqqis minħabba tnaqqis fil-popolazzjonijiet tal-bhejjem (ħlief għall-fniek u ż-żwiemel) li tirriżulta minn żieda fl-importazzjoni tal-laħam u tal-prodotti tal-ħalib, iżda s-sistema ta' ġestjoni tad-demel għadha rudimentali.

Malta bdiet it-tranżizzjoni tagħha lejn sistema tal-ikel aktar sostenibbli u qed timplimenta politiki biex tnaqqas l-impronta ambjentali agroalimentari. L-art agrikola b'karatteristiċi tal-pajsaġġ tipprovdi bosta benefiċċji ambjentali u tal-bijodiversità, inkluż is-sekwestru tal-karbonju, il-prevenzjoni tal-erożjoni tal-ħamrija, u l-ħolqien ta' ħabitats għall-organiżmi selvaġġi. Filwaqt li sehem relattivament kbir tal-erja agrikola użata (EAU) diġà huwa kopert b'karatteristiċi tal-pajsaġġ (27,7 %), Malta introduċiet impenji ġodda għall-ġestjoni tal-karatteristiċi tal-pajsaġġ skont il-pjan strateġiku tal-PAK tagħha. Fl-2022, 0,62 % biss taż-żona tal-art ta' Malta kienet taħt biedja organika, li hija l-agħar riżultat fl-UE u ferm taħt il-medja tal-UE ta' 10,50 %. Malta għandha l-għan li tilħaq 5 % tal-EAU bħala parti mill-biedja organika sal-2030, iżda l-konverżjoni għall-biedja organika hija sfida kbira għal Malta peress li l-għelieqi huma żgħar ħafna u frammentati. Il-pjan iħeġġeġ ukoll lill-bdiewa jadottaw approċċ aktar sostenibbli għall-kontrolli tal-pesti (billi jippromwovu miżuri alternattivi għall-kontroll tal-pesti), biex itejbu u jirrestawraw il-bijodiversità u jirkupraw is-saħħa u l-kwalità tal-ħamrija. Minħabba l-iskarsezza tal-

([143]) Il-Kummissjoni Ewropea, 2023, *Impact Assessment on the Soil Monitoring Law*, p. 10, Link.

([144]) Il-miri nazzjonali tal-LULUCF tal-Istati Membri f'konformità mar-Regolament (UE) 2023/839.

([145]) Rapport ta' Progress dwar l-Azzjoni Klimatika 2024 COM/2024/498.

ilma ta' Malta, il-pjan huwa maħsub biex jappoġġja l-investimenti fis-sistemi tal-qbid, tal-ħżin u tad-distribuzzjoni tal-ilma.

Tabella A9.1: **Indikaturi ewlenin għall-progress dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima, it-tħejjija u l-ambjent**

Climate adaptation and preparedness:	Malta						EU-27	
	2018	2019	2020	2021	2022	2023	2018	2021
Drought impact on ecosystems *[area impacted by drought as % of total]*	15.72	0	0	0.32	0	0	6.77	2.76
Forest-fire burnt area [1] *[ha, annual average 2006-2023]*	-	-	-	-	-	-		
Economic losses from extreme events *[EUR million at constant 2022 prices]*	-	27	-	-	-	2	24 142	62 981
Insurance protection gap [2] *[composite score between 0 and 4]*	-	-	-	-	1.00	0.88		
Heat-related mortality [3] *[number of deaths per 100 000 inhabitants in 2013-2022]*	84	84	84	84	84			
Sub-national climate adaptation action *[% of population covered by the EU Covenant of Mayors for Climate & Energy]*	28	30	30	30	27	26	41	44

Water resilience:	Malta						EU-27	
	2018	2019	2020	2021	2022	2023	2018	2021
Water Exploitation Index Plus, WEI+ [4] *[total water consumption as % of renewable freshwater resources]*	27.0	27.1	34.4	26.0	34.1	-	4.5	4.6
Water consumption *[million m^3]*	23	21	21	20	20	-		
Ecological/quantitative status of water bodies [5] *[% of water bodies failing to achieve good status]*								
Surface water bodies	-	-	-	-	-	-	-	59%
Groundwater bodies	-	-	-	-	-	-	-	93%

Biodiversity and ecosystems:	Malta						EU-27	
	2018	2019	2020	2021	2022	2023	2018	2021
Conservation status of habitats [6] *[% of habitats having a good conservation status]*	27.6	-	-	-	-	-	14.7	-
Common farmland bird index *2000=100*	-	-	-	-	-	-	72.2	74.4
Protected areas *[% of protected land areas]*	-	-	-	29	29	-	-	26

Sustainable agriculture and land use:	Malta						EU-27	
	2018	2019	2020	2021	2022	2023	2018	2021
Bioeconomy's added value [7] *[EUR million]*	287	279	316	363			634 378	716 124
Landscape features *[% of agricultural land covered with landscape features]*	-	-	-	-	28	-		
Food waste *[kg per capita]*	-	-	-	-	-	-		
Area under organic farming *[% of total UAA]*	0.4	0.5	0.6	0.6	0.6		7.99	-
Nitrogen balance *[kg of nitrogen per ha of UAA]*	-	-	-	-	-	-		
Nitrates in groundwater [8] *[mgNO_3/l]*	53.4	59.4	59.2	59.0	-	-		
Net greenhouse gas removals from LULUCF [9] *[Kt CO_2-eq]*	2	6	9	1	1	-	- 256 077	- 240 984

(1) Id-data turi l-medja għall-perjodu ta' żmien 2006-2023 abbażi tal-EFFIS - Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar in-Nirien Forestali.
(2) Skala: 0 (l-ebda diskrepanza fil-protezzjoni) – 4 (diskrepanza għoli ħafna). EIOPA, 2024, Dashboard on insurance protection gap for natural catastrophes.
(3) van Daalen, K. R. et al., 2024, The 2024 Europe report of the Lancet Countdown on health and climate change: unprecedented warming demands unprecedented action. The Lancet Public Health.
(4) Dan l-indikatur ikejjel il-konsum totali tal-ilma bħala perċentwal tar-riżorsi rinnovabbli tal-ilma ħelu disponibbli għal territorju u perjodu partikolari. Valuri ogħla minn 20 % ġeneralment jitqiesu bħala sinjal ta' skarsezza tal-ilma, filwaqt li valuri daqs jew akbar minn 40 % jindikaw sitwazzjonijiet ta' skarsezza severa tal-ilma.
(5) Il-Kummissjoni Ewropea, 2024, seventh Implementation Report from the Commission to the Council and the European Parliament on the implementation of the Water Framework Directive (2000/60/EC) u d-Direttiva dwar l-Għargħar (2007/60/KE) (it-Tielet Pjanijiet ta' Mmaniġġjar tal-Baċini tax-Xmara u t-Tieni Pjanijiet ta' Ġestjoni tar-Riskju tal-Għargħar).
(6) Għal dan l-indikatur, il-medja tal-UE tinkludi ċ-ċifra għar-Renju Unit taħt il-konfigurazzjoni preċedenti, EU-28.
(7) Il-Kummissjoni Ewropea, 2023, Dashboards tas-Sistema ta' Monitoraġġ tal-Bijoekonomija tal-UE.
(8) In-nitrati jistgħu jippersistu fl-ilma ta' taħt l-art għal żmien twil u jakkumulaw f'livell għoli permezz ta' inputs minn sorsi antropoġeniċi (prinċipalment l-agrikoltura). L-istandard tal-UE dwar l-ilma tax-xorb jistabbilixxi limitu ta' 50 mg NO_3/L biex jiġi evitat theddid għas-saħħa tal-bniedem.
(9) L-assorbimenti netti huma espressi f'ċifri negattivi, l-emissjonijiet netti f'ċifri pożittivi. Id-data rrapportata hija mis-sottomissjoni tal-inventarju tal-gassijiet serra tal-2024. 2030 il-valur tal-assorbimenti netti ta' gassijiet serra bħal fir-Regolament (UE) 2023/839 – l-Anness IIa.
Sors: L-Eurostat, l-EEA.

Is-suq tax-xogħol ta’ Malta sejjer tajjeb, b’livell għoli ta’ impjiegi u qgħad baxx, xprunati minn setturi b’saħħithom bħat-turiżmu u s-servizzi finanzjarji. Madankollu, għad hemm sfidi, inklużi dawk relatati mal-impjieg tan-nisa u l-persuni b’diżabilità li jibbenefikaw b’mod ugwali mit-tkabbir fl-impjiegi. Kwistjonijiet urġenti jinkludu n-nuqqas ta’ ħaddiema, id-dipendenza fuq ħaddiema barranin biex jissodisfaw id-domanda, u l-bidla għolja tal-persunal. Il-kwalità tal-impjiegi, inkluża s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol, għadha ta’ tħassib, aggravata minn kapaċità limitata ta’ spezzjoni tax-xogħol. Id-djalogu soċjali dgħajjef ikompli jxekkel l-isforzi biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet. Filwaqt li huma meħtieġa sforzi biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, il-pajjiż jinsab fit-triq it-tajba biex jilħaq il-mira nazzjonali tiegħu tal-impjiegi għall-2030.

Graff A10.1:**Id-differenzi fl-impjiegi bejn il-ġeneri u l-persuni b’diżabilità fl-UE u f’Malta (pp.)**



Sors: L-Eurostat [tesem060], l-EU SILC u [tepsr_sp200], il-LFS tal-UE.

Is-suq tax-xogħol ta’ Malta mar tajjeb f’dawn l-aħħar snin. Dan kien mirfud minn attività robusta f’setturi ewlenin bħat-turiżmu u l-ospitalità, is-servizzi finanzjarji, l-iGaming, u l-industriji marittimi u loġistiċi([146]). Fl-2024, Malta kellha waħda mill-ogħla rati ta’ impjieg fl-UE, bi 83 % (75,8 % fl-UE), li jirrifletti progress kostanti lejn il-mira nazzjonali tagħha għall-2030 ta’ 84,6 %. Ir-rati ta’ impjieg taż-żgħażagħ (15-29) kienu għoljin ukoll, b’70,6 % (49,6 % fl-UE), filwaqt li l-proporzjon ta’ żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs) naqas għal 7,2 % (11,0 % fl-UE). Dawn ir-riżultati jirriflettu xejra stabbli ’l fuq fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol matul dawn l-aħħar snin, żieda minn 76 % fl-2020 għal 82,1 % fl-2024 (15-64), xprunata kemm minn żieda fl-impjiegi domestiċi kif ukoll minn flussi ta’ immigrazzjoni sostnuti. Dan it-titjib kompla jiġi appoġġjat minn tnaqqis fil-qgħad (15-74), li niżel għal 3,1 % fl-2024, li huwa fost l-aktar rati baxxi fl-UE (5,9 %), u kompla xejra ta’ tnaqqis fit-tul mill-2009. Il-qgħad fit-tul kien ta’ 0,7 %, anki fost l-aktar rati baxxi fl-Ewropa. L-istaġnar fis-suq tax-xogħol ([147]) naqas minn 4,8 % fit-3 kwart tal-2023 għal 4,2 % fit-3 kwart tal-2024, prinċipalment minħabba inqas ħaddiema qiegħda. Dan għadu ferm taħt il-medja tal-UE (10,9 %), u dan jenfasizza l-livelli baxxi ta’ ħtiġijiet ta’ impjieg mhux issodisfati ta’ Malta.

L-isfidi li qed tiffaċċja l-integrazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol għadhom ifixklu l-prestazzjoni, iżda Malta għamlet progress sinifikanti. Mill-2009, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi naqset minn 37,5 punti perċentwali (pp) għal 13,3 pp. fl-2022, l-aktar titjib qawwi fl-UE (ara l-Graff 10A8.1). Id-differenza hija biss kemxejn usa’ bi 13,44 pp. fl-2024, prinċipalment minħabba tkabbir aktar mgħaġġel fl-impjiegi fost l-irġiel, b’mod partikolari l-ħaddiema rġiel barranin. Il-gruppi ta’ età iżgħar (20–29) issa għandhom differenzi iżgħar bejn il-ġeneri fl-impjiegi mill-medja tal-UE, li jirriflettu bidliet fis-suq tax-xogħol, filwaqt li n-nisa akbar fl-età (55–64) raw ukoll progress sinifikanti. Madankollu, in-nisa għadhom sottorappreżentati f’setturi ewlenin bħall-manifattura, il-kostruzzjoni, it-trasport u l-ICT, bi kważi 92 % minnhom jaħdmu fis-servizzi (eż. l-edukazzjoni, is-saħħa, ix-xogħol soċjali, il-bejgħ bl-imnut u bl-ingrossa) ([148]). In-nisa minn kuntest ta’ migrazzjoni, dawk b’livelli aktar baxxi ta’ edukazzjoni, u n-nisa akbar fl-età (50–64)

([146])Malta Today. (2024, Awwissu 21). [Taking a deeper look at Malta’s leading sectors]().

([147])L-istaġnar fis-suq tax-xogħol tirreferi għall-ħtiġijiet kollha mhux issodisfati għall-impjieg, jiġifieri tirrappreżenta l-punt sa fejn il-provvista tax-xogħol taqbeż id-domanda tax-xogħol fuq medda qasira ta’ żmien.

([148])Il-Bank Ċentrali ta’ Malta. (2023). Women in the labour market: An analysis of trends and challenges.

jiffaċċjaw ostakli addizzjonali. Id-differenza tikber mal-età, u tikkontribwixxi għal waħda mill-akbar differenzi fil-pensjonijiet għan-nisa li għandhom aktar minn 65 sena fl-UE (40,3 % meta mqabbla ma' 24,7 %). Ostaklu ieħor huwa l-karattru mhux universali tal-edukazzjoni u l-kura bikrija. Fuq nota pożittiva, id-differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa ta' Malta hija taħt il-medja tal-UE (10,2 % meta mqabbla ma' 12,7 % fl-2023). Biex jindirizza dawn l-isfidi, il-FSE+ se jinvesti EUR 3 miljun fil-promozzjoni ta' xogħol ibbilanċjat bejn il-ġeneri u kundizzjonijiet tax-xogħol ugwali.

Il-persuni b'diżabilità għadhom jiffaċċjaw ostakli sinifikanti biex jidħlu fis-suq tax-xogħol. Il-persuni b'diżabilità f'Malta jiffaċċjaw differenza usa' fl-impjiegi mill-medja tal-UE, li tenfasizza l-ostakli sistemiċi għall-inklużjoni. Għalkemm id-differenza naqset gradwalment f'dawn l-aħħar snin, għadha usa' mill-medja tal-UE (25,3 pp. meta mqabbla ma' 24,0 pp.). Għan-nisa, id-disparità hija saħansitra akbar, b'differenza ta' 24,4 pp. meta mqabbla ma' 220 pp. għall-irġiel. Dawn l-isfidi huma riflessi wkoll fir-rati ta' parteċipazzjoni fil-forza tax-xogħol ta' din is-sezzjoni tal-popolazzjoni, bi 53,5 % f'Malta meta mqabbla ma' 54,3 % fl-UE([149]). Fl-2022, 32,9 % taż-żgħażagħ b'diżabilità kienu NEETs (27,3 % fl-UE). Proporzjon relattivament kbir (58,3 % fl-2023) ta' persuni b'diżabilità għandhom livelli baxxi ta' ħiliet, li jpoġġihom fi żvantaġġ fis-suq tax-xogħol meta mqabbla ma' persuni mingħajr diżabilità meta jfittxu x-xogħol. Fl-istess ħin, ċerti setturi bħat-turiżmu, il-kostruzzjoni u t-teknoloġija spiss ma jkunux aċċessibbli għal xi wħud minnhom. Biex jindirizza dawn l-isfidi, il-FSE+ jappoġġja l-programm VASTE fil-finanzjament, filwaqt li joffri servizzi mfassla apposta bħat-taħriġ, l-esponiment għax-xogħol, it-taħriġ fuq il-post tax-xogħol u l-mentoraġġ għall-persuni b'diżabilità. Malta stabbiliet mira ta' żieda ta' 15 pp. fir-rata ta' impjieg tal-persuni b'diżabilità sal-2030 ([150]).

Il-bidliet demografiċi f'Malta huma kkaratterizzati minn żieda fil-popolazzjoni, żieda fid-densità tal-popolazzjoni u proporzjon dejjem jikber ta' residenti barranin. Bejn l-2003 u l-2024, Malta kellha l-akbar żieda fil-popolazzjoni fl-UE, li kibret b'34 % biex tilħaq 563 443 abitant. Dan it-tkabbir kien xprunat l-aktar minn żieda qawwija fil-popolazzjoni ta' residenti barranin, minn 5,5 % fl-2013 għal 28,1 % tat-total fl-2024. B'kuntrast mal-forza tax-xogħol tal-UE li ġeneralment qed tixjieħ, Malta għandha popolazzjoni żagħżugħa, b'31 % taħt l-età ta' 30 sena. Fl-2024, id-densità tal-popolazzjoni tal-pajjiż kienet l-ogħla fl-UE, b'1 693 persuna għal kull kilometru kwadru, li kkontribwew għal sfidi sinifikanti tal-akkomodazzjoni.

Il-ħaddiema f'Malta minn pajjiżi barra l-UE għandhom ix-xejra li jkollhom impjiegi ta' kwalità baxxa. Matul l-aħħar 10 snin, l-għadd ta' ċittadini mhux tal-UE u ħaddiema mhux Maltin mill-UE kiber b'mod sostanzjali, b'madwar 84 500 u 37 300 rispettivament (li għandhom bejn l-20 u l-64 sena, 2024; ara l-Graff 10A8.2). Flimkien, dawn jammontaw għal 39 % tal-forza tax-xogħol, b'ċittadini mhux tal-UE waħedhom jammontaw għal 27,4 %. Dawn spiss jiffaċċjaw kundizzjonijiet tax-xogħol ifqar minn ħaddiema mwielda fl-UE, inklużi postijiet prekarji b'perikli fiżiċi, pagi aktar baxxi u miżuri ta' sikurezza limitati ([151]). Ħafna drabi ma jkunux f'union, iċ-ċittadini mhux tal-UE jkollhom setgħa limitata ta' negozjar kollettiv u jiffaċċjaw "saqaf tal-ħġieġ", li ftit li xejn joffri ċans għal avvanz fil-karriera jew taħriġ. Fatturi oħra li jżidu mal-vulnerabbiltà tagħhom jinkludu sigħat twal ta' xogħol, liv limitat u dipendenza fuq l-impjegaturi minħabba status ta' residenza marbut ma' kuntratti ta' impjieg. Ħafna jsibuha diffiċli biex jiksbu akkomodazzjoni deċenti, li spiss jiffaċċjaw kundizzjonijiet ta' għajxien iffullati żżejjed (minkejja miżuri reċenti), li ma jilħqux l-istandards. Il-faqar fost dawk li jaħdmu jaffettwa 16,4 % taċ-ċittadini mhux tal-UE, rata li naqset mill-2019 iżda tibqa' kważi tliet darbiet ir-rata fost il-ħaddiema Maltin (5,5 %) (ara l-Anness 11).

Ir-rata għolja ta' bidla ta' ħaddiema mhux Maltin, b'mod partikolari dawk mill-UE, hija indikattiva tal-isfidi biex jinżammu. Fl-2023, nofs il-ħaddiema barranin li ġew Malta telqu fi

([149]) European comparative data on persons with disabilities - data 2022 - Il-Kummissjoni Ewropea

([150]) Din il-mira ġiet stabbilita minn Malta abbażi tad-data amministrattiva tal-Jobplus.

([151]) Il-Kummissjoni għall-Ġustizzja u l-Paċi. (2024). Beyond GDP II. Third Country Nationals in Malta: Sharing in our economic future or serving labour market interests?. Il-Gvern ta' Malta. (2025). Malta labour migration policy: Jannar 2025; Debono, M. (2021). Migrants and the challenge of decent work in Malta. e-Revista Internacional de la Protección Social, 6(2), 272–293. Universidad de Sevilla and Eurostat EU SILC [ilc_di15] (2023).

żmien sentejn, u madwar terz taċ-ċittadini tal-UE temmew xogħolhom fi żmien sena, jew biex isegwu impjiegi oħra jew biex jirritornaw lura d-dar. Madwar 70 % tal-formoli ta' terminazzjoni għal ċittadini mhux tal-UE ġew sottomessi minn persuni li kienu ilhom impjegati inqas minn 12-il xahar([152]). Ir-raġunijiet għal dan jinkludu, fost l-oħrajn, żieda fil-kostijiet tal-kiri, pagi baxxi, nuqqas ta' aċċess għal servizzi bankarji u self mill-banek biex jixtru xi mkien fejn jgħixu, nuqqas ta' potenzjal għal avvanz fil-karriera, u ambjent lokali sfavorevoli ([153]). Il-Gvern bħalissa qed jiddiskuti abbozz ġdid ta' politika dwar il-migrazzjoni tal-ħaddiema bl-għan li jindirizza l-bidla għolja billi jistabbilizza s-suq tax-xogħol, jipproteġi d-drittijiet tal-ħaddiema, jallinja l-migrazzjoni mal-ħtiġijiet nazzjonali u jipprijoritizza l-ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati. Il-politika għandha tfittex ukoll li tipproteġi d-drittijiet tal-impjegati u ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol. ([154]).

Graff A10.2:**Ħaddiema barranin f'Malta (eluf, 20-64)**



(1) Interruzzjoni fis-serje fl-2021.
Sors: L-Eurostat [lfsa_egan], il-LFS tal-UE.

In-nuqqasijiet ta' ħaddiema huma sfida li qed tikber, xprunata minn spariġġi fil-ħiliet u bidliet demografiċi. L-isforzi biex jiġu attirati ħaddiema barranin u jittejbu l-ħiliet tal-forza tax-xogħol indirizzaw parzjalment il-problema tan-nuqqasijiet ta' ħaddiema, iżda d-domanda għal ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati għadha ogħla mill-provvista. Fir-4 kwart tal-2024, ir-rata ta' postijiet tax-xogħol vakanti kienet ta' 2,9 %, waħda mill-ogħla fl-UE u ogħla mil-livell ta' qabel il-pandemija (2,2 %). In-nuqqasijiet huma partikolarment akuti fis-setturi tal-ICT, tal-arti, tad-divertiment u tar-rikreazzjoni, fis-setturi tal-kostruzzjoni, f'partijiet mis-settur tas-servizzi u fost il-professjonisti tas-saħħa u tal-kura fit-tul u l-għalliema (ara l-Anness 12).

Fl-1 kwart tal-2025, 68,5 % tal-impjegaturi fis-settur tas-servizzi ta' Malta rrapportaw nuqqasijiet ta' ħaddiema li jillimitaw il-produzzjoni tagħhom, it-tieni l-ogħla fl-UE, meta mqabbla ma' 24,1 % fil-livell tal-UE. Bl-istess mod, fil-manifattura u l-kostruzzjoni, dan il-proporzjon kien ta' 41,6 % u 36,2 % rispettivament, ferm ogħla mill-medji tal-UE ta' 18,6 % u 28 %([155]). Fl-2024, l-aktar okkupazzjonijiet imfittxija b'mod komuni jinkludu l-assoċjati fl-uffiċċji, skrivani, ħaddiema fil-bejgħ, ħaddiema tas-servizzi personali, u ħaddiema tal-metall u tal-makkinarju ([156]), li jirriflettu ħtiġijiet mifruxa f'diversi livelli ta' ħiliet ([157]). Dawn in-nuqqasijiet persistenti jenfasizzaw l-importanza li jittejjeb it-tqabbil bejn dawk li qed ifittxu impjieg u l-impjegaturi, filwaqt li jittejbu l-ħiliet u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Il-kompetizzjoni fost l-impjegaturi biex jattiraw u jżommu ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati, speċjalment f'setturi b'domanda għolja, tista' żżid il-pagi u ttejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol. Madankollu, din id-dinamika tista' wkoll tagħmel ħsara lill-produttività u l-kompetittività jekk l-iżbilanċi sottostanti fis-suq tax-xogħol ma jiġux indirizzati.

Is-suq tax-xogħol ta' Malta qed jagħmel tranżizzjoni lejn ekonomija aktar ekoloġika u aktar diġitali, li tippreżenta kemm opportunitajiet kif ukoll sfidi. It-tkabbir huwa evidenti fl-impjiegi ekoloġiċi li jeħtieġu ħiliet

([152]) Grech, A. G. (2023). The Extent of Labour Turnover in Malta. Malta: Il-Bank Ċentrali ta' Malta.

([153]) Il-Kummissjoni għall-Ġustizzja u l-Paċi. (2024). Beyond GDP II. Third Country Nationals in Malta: Sharing in our economic future or serving labour market interests?. L-Awtorità tad-Djar (2023). The private rental market in Malta: A holistic assessment based on registered contracts.

([154]) Il-Gvern ta' Malta. (2025). Malta labour migration policy.

([155]) ECFIN, Stħarriġ Ewropew dwar in-Negozju u l-Konsumaturi.

([156]) CEDEFOP, Countries and occupations.

([157]) Schengen News. (2025, Jannar 15). Malta in need of foreign workers: These are the top in-demand jobs.

diġitali avvanzati, bħal dawk fl-iGaming u s-servizzi finanzjarji. Madankollu, ħafna ditti għad iridu jadottaw rwoli ekoloġiċi: kważi 43 % tal-kumpaniji rrapportaw li ma għandhomx impjegati f'karigi ekoloġiċi, li jindika lok sinifikanti għall-espansjoni. Barra minn hekk, 64 % tad-ditti jemmnu li l-forza tax-xogħol lokali mhijiex imħejjija b'mod adegwat għat-tranżizzjoni lejn in-newtralità karbonika, b'16 % biss jesprimu fiduċja fit-tħejjija tagħha ([158]). Skont l-aħħar data disponibbli, l-impjiegi fis-settur tal-oġġetti u s-servizzi ambjentali ta' Malta ammontaw biss għal 1,5 % tal-impjiegi totali, filwaqt li l-industriji intensivi fl-enerġija kkontribwew biss għal 1,1 % u l-ICT 4,7 %. Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta, miżuri utli jinkludu investiment kontinwu fil-programmi tal-edukazzjoni u t-taħriġ li jallinjaw mal-ħtiġijiet tas-suq, il-promozzjoni tal-apprendiment tul il-ħajja, it-trawwim tal-kollaborazzjoni bejn il-gvern, l-industrija u l-istituzzjonijiet edukattivi u t-taħriġ tal-għalliema b'ħiliet ta' tranżizzjoni.

Is-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u n-nuqqas ta' spetturi tax-xogħol huma aspetti kritiċi tal-kundizzjonijiet tax-xogħol. Fl-2022, il-fatalitajiet fuq il-post tax-xogħol żdiedu minn 9 għal 15, b'60 % li seħħew fil-kostruzzjoni u f'oqsma relatati u 20 % fit-trasport. Matul dawn l-aħħar 20 sena, kważi 30 % tal-inċidenti fatali involvew ħaddiema barranin, għalkemm ix-xejra hi li huma proporzjon żgħir tal-forza tax-xogħol ([159]), li juri r-rappreżentanza żejda tagħhom fi rwoli aktar perikolużi. Fl-2021, Malta kellha t-tielet l-ogħla rata ta' aċċidenti fatali fuq il-post tax-xogħol fl-UE, bi 3,34 għal kull 100 000 ħaddiem (1,76 fl-UE). Għalkemm l-għadd globali ta' aċċidenti mhux fatali kien relattivament stabbli f'dawn l-aħħar snin, dawn huma aktar frekwenti fil-kostruzzjoni (15,2 %), fil-manifattura (17,8 %), u fit-trasport (14 %).

Kwistjoni ewlenija fl-industrija tal-kostruzzjoni hija l-kultura ħażina tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, inklużi aspetti bħall-infurzar u t-taħriġ tas-superviżuri tal-proġetti. Din is-sitwazzjoni hija aggravata mill-għadd kritikament baxx ta' spetturi tax-xogħol ta' Malta, b'0,3 spettur biss għal kull 10 000 ħaddiem fl-2023, li huwa ferm inqas mir-rakkomandazzjoni tal-ILO ta' 1 għal kull 10 000 ([160]). Dan in-nuqqas ta' sorveljanza adegwata jżid ir-riskju ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol u l-isfruttament tal-ħaddiema, speċjalment fost iċ-ċittadini mhux tal-UE. Il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jindirizza s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol permezz tat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-professjonisti tal-kostruzzjoni u t-twaqqif ta' Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni.

It-tkabbir fil-pagi u ż-żidiet fil-produttività joffru potenzjal għat-titjib tal-kwalità tal-impjiegi u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol. Il-pagi reali bdew jirkupraw fl-2024, u żdiedu b'rata aktar mgħaġġla mill-medja tal-UE ta' 3,5 %, iżda ma kkumpensawx bis-sħiħ għat-tnaqqis qawwi ta' 0,8 % fl-2022 u 3 % fl-2023. It-tkabbir fil-pagi nominali laħaq 5,9 % fl-2024 u huwa mistenni li jikber b'4,1 % fl-2025, it-tnejn li huma ogħla mill-medji taż-żona tal-euro u tal-UE, wara 2,3 % fl-2023 ([161]). Il-pagi reali huma mistennija li jiżdiedu b'1,8 % fl-2025, ogħla mill-medja tal-UE. Dan it-titjib jirrifletti taħlita ta' inflazzjoni aktar baxxa u tkabbir fil-pagi nominali ogħla. Madankollu, dan l-irkupru xorta ma jirnexxilux jirkupra kompletament it-telf preċedenti.

Meta wieħed iħares 'il quddiem, is-sostenn tat-tkabbir fil-pagi se jeħtieġ li tingħata spinta lill-produttività tax-xogħol, b'mod partikolari f'setturi lil hinn mit-turiżmu u s-servizzi. It-tkabbir relattivament baxx fil-pagi matul l-aħħar 10 snin appoġġja gwadanji fil-kompetittività tal-kostijiet, rifless fiż-żieda fl-ishma tas-suq tal-esportazzjoni u tnaqqis fl-iżbilanċi ekonomiċi. Madankollu, baqa' wkoll taħt l-aspettattivi bbażati fuq il-fatturi makroekonomiċi tas-soltu (eż. l-inflazzjoni, il-produttività, il-bilanċ kummerċjali u r-rata tal-qgħad). Matul dawn l-aħħar snin, il-kostijiet ta' unità lavorattiva (KUL) żdiedu inqas f'Malta milli fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi taż-żona tal-euro, bi tkabbir ta' 2,3 % fl-2023, previst li jiżdied għal 5 % fl-2024, u mbagħad jerġa' lura għal 3,1 % fl-2025. L-isfidi tal-produttività tax-xogħol, b'mod partikolari fis-setturi mhux tas-servizzi, ikomplu jfixklu l-

([158]) Il-Bank Ċentrali ta' Malta, The Impact of Mitigating Climate Change on Maltese Firms' Employment Plans, 2024.

([159]) Fiorini et al., Occupational accidents in Malta and the role of the occupational health and safety authority: A twenty-year analysis.

([160]) ILOSTAT, Spetturi għal kull 10 000 persuna impjegata.

([161]) Għat-tkabbir nominali fil-pagi, tiġi meqjusa l-paga għal kull impjegat. Għall-pagi grossi reali, id-deflatur użat huwa l-HICP. Id-data għall-2024 u l-2025 hija bbażata fuq it-tbassir ekonomiku tar-Rebbiegħa 2025 tal-Kummissjoni Ewropea.

potenzjal għal tkabbir sostnut u sostanzjali fil-pagi. Fl-aħħar nett, il-paga minima statutorja żdiedet bi kważi 21,3 % bejn Jannar 2022 u Lulju 2025, żieda ta' madwar 7,6 % f'termini reali. Fl-2024, il-paga minima kienet għadha 46,5 % biss tal-qligħ medju.

Id-djalogu soċjali f'Malta qed jiffaċċja sfidi strutturali iżda wkoll opportunitajiet għal titjib. Għadu fil-biċċa l-kbira ffukat fuq il-kondiviżjoni tal-informazzjoni aktar milli fuq l-involviment (ara l-Anness 6). Is-sħubija fit-trade unions naqset b'mod kostanti għal 41,9 % fl-2023 ([162]), parzjalment minħabba diffikultajiet biex jissieħbu f'unions iċ-ċittadini mhux tal-UE (li s-sehem tagħhom fil-forza tax-xogħol qed jiżdied), u biex jiġu involuti ħaddiema tal-kostruzzjoni u tal-ospitalità. Il-kollaborazzjoni hija ristretta mid-dominanza ta' żewġ trade unions ewlenin u rappreżentanza frammentata fost dawk iżgħar. Il-biċċa l-kbira tan-negozjar kollettiv iseħħ fil-livell tal-kumpaniji, u b'hekk jitnaqqas l-impatt kollettiv. Il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali jservi bħala l-pjattaforma ewlenija tad-djalogu soċjali, iżda hemm tħassib dwar it-trasparenza u d-dominanza ta' grupp żgħir fid-diskussjonijiet nazzjonali ([163]). In-nisa u l-gruppi vulnerabbli, inklużi ċittadini mhux tal-UE u ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet speċjalizzati, għadhom sottorappreżentati fit-tmexxija tal-unjoni u fil-fora tad-djalogu soċjali, filwaqt li jenfasizzaw l-ostakli għall-inklużività. Id-djalogu soċjali jiddgħajjef minn skedi qosra ta' konsultazzjoni, taħriġ limitat dwar it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u dipendenza fuq rappreżentanza individwali aktar milli organizzazzjonali ([164]). Biex jindirizza dawn il-kwistjonijiet, il-FSE+ jappoġġja inizjattivi ta' bini tal-kapaċità, taħriġ u networking, li altrimenti jibqgħu limitati minħabba riżorsi baxxi.

([162]) ILOSTAT, Trade union density rate.

([163]) Zammit, E. L. (2019). Social dialogue and competence development: the role of Malta's social partners. Centre for Labour Studies : Biennial Report: 2017-2018.

([164]) Servizzi Ewropej ta' Malta (SEM) (2021). Promoting Improved Social Dialogue in Malta. Misco.

Is-sitwazzjoni soċjali ta' Malta hija taħlita dinamika ta' żviluppi pożittivi u sfidi persistenti. B'mod ġenerali, ir-rati tal-faqar huma komparabbli mal-medji tal-UE, u prestazzjoni ekonomika b'saħħitha kkontribwiet għal standards tal-għajxien relattivament stabbli. Madankollu, il-faqar persistenti u d-disparitajiet fost il-gruppi vulnerabbli, inklużi t-tfal, l-anzjani, u ċ-ċittadini mhux tal-UE, għadhom sinifikanti. L-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar huwa relattivament baxx, u l-inugwaljanza fl-introjtu hija ogħla mill-medja. L-aċċess għall-akkomodazzjoni u l-affordabbiltà huma tħassib, b'żieda fil-kostijiet li taffettwa b'mod sproporzjonat lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u liċ-ċittadini mhux tal-UE. Barra minn hekk, minkejja li żdiedet matul is-snin, in-nefqa relattivament limitata fuq il-protezzjoni soċjali (in-nefqa pubblika fuq l-LTC fl-2022 kienet ta' 1,2 % tal-PDG meta mqabbla ma' 1,7 % tal-UE) tfixkel il-progress fit-tnaqqis tal-faqar u tal-inugwaljanza. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi se jikkontribwixxi għat-tkabbir inkluživ u l-kompetittività.

Graff A11.1:**Ir-rata ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE), il-gruppi tal-età**



Sors: L-Eurostat [ilc_peps01n], l-UE-SILC

Il-livelli ġenerali tal-faqar ta' Malta għadhom taħt il-medja tal-UE. Fl-2024, wara 3 snin ta' tnaqqis bil-mod, ir-rata ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE, at-risk-of-poverty and social exclusion) kienet ta' 19,7 %, konsistentement taħt il-medja tal-UE ta' 21,0 %. Madankollu, filwaqt li l-perċentwal jonqos, l-għadd assolut ta' persuni f'riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali qed jiżdied fil-pajjiż, flimkien ma' popolazzjoni li qed tiżdied. L-indirizzar ta' dawn l-isfidi huwa kruċjali biex tintlaħaq il-mira ta' Malta għat-tnaqqis tal-faqar għall-2030 li jitnaqqas is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali bi 3,1 pp. meta mqabbel mal-2019. F'Ottubru 2024, Malta ppubblikat strateġija komprensiva dwar il-faqar, żviluppata permezz ta' approċċ parteċipattiv u bbażat fuq l-evidenza ([165]). L-istrateġija tindirizza l-isfidi ewlenin, bħall-akkomodazzjoni u l-integrazzjoni soċjo-ekonomika ta' ċittadini mhux tal-UE. Dan jipprovdi firxa wiesgħa ta' rakkomandazzjonijiet f'oqsma kritiċi, inklużi l-edukazzjoni, il-protezzjoni soċjali, u l-kura tas-saħħa, u joffri qafas komprensiv biex jiġi indirizzat il-faqar.

Xi gruppi jiffaċċjaw riskji ogħla tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali. Persuni li ma twildux fl-UE jesperjenzaw riskji bħal dawn b'mod sinifikanti aktar ta' spiss bħala ċittadini Maltin (22,5 % meta mqabbla ma' 17,7 %), xprunati minn pagi u introjtu baxxi, kostijiet għoljin tal-akkomodazzjoni, u n-nuqqas ta' sigurtà li jiddependu fuq is-sitwazzjoni tax-xogħol tagħhom biex jibqgħu f'Malta, u dan iħallihom inqas saħħa biex jimbuttaw għal kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar ([166]). Il-persuni b'livell baxx ta' edukazzjoni huma wkoll f'riskju akbar minn persuni b'livell ogħla ta' edukazzjoni (29,1 % meta mqabbla ma' 8,4 %). Il-persuni b'diżabilità jiffaċċjaw ukoll disparitajiet kbar, bi 33,7 % li jinsabu f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali meta mqabbla ma' 16,3 % fost dawk mingħajr diżabilità, relatati mill-qrib mas-sitwazzjoni diffiċli ta' impjieg tagħhom (ara l-Anness 10). Il-persuni akbar fl-età huma partikolarment vulnerabbli, b'rati ta' persuni f'riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali ta' 31,7 % għal dawk li għandhom ħamsa u sittin sena jew aktar, ogħla b'mod sinifikanti mill-medja tal-UE ta' 19,4 %, parzjalment minħabba rati ta' sostituzzjoni tal-pensjonijiet li qed jonqsu. In-nisa akbar fl-età jiffaċċjaw rata saħansitra ogħla ta' riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali mill-irġiel (35,0 % meta mqabbla ma' 28,2 %), u d-

([165]) Il-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal. (2024). National strategy for poverty reduction and social inclusion 2025–2035. Il-Gvern ta' Malta.

([166]) L-Awtorità tad-Djar. (2023). The private rental market in Malta: A holistic assessment based on registered contracts. L-Awtorità tad-Djar.; Debono, M. (2021). Migrants and the challenge of decent work in Malta. e-Revista Internacional de la Protección Social, 6(2), 272-293. Universidad de Sevilla and Eurostat EU SILC [ilc_di15] (2023).

differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet għadha fost l-aktar wiesgħa fl-UE (40,3 % meta mqabbla ma' 24,7 % tal-medja tal-UE). Hemm konċentrazzjonijiet ogħla ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali f'Għawdex, f'Kemmuna, u fil-partijiet tat-Tramuntana u tal-Punent ta' Malta. Barra minn hekk, ir-riskju persistenti tal-faqar żdied b'mod qawwi għal 24,1 % fl-2024, ferm ogħla mil-livelli tal-UE dan l-aħħar (21,3 % vs 10,3 % fl-2023; 15,4 % vs 11,9 % fl-2022). Il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) jalloka 26 % tal-baġit totali tiegħu biex jappoġġja l-integrazzjoni soċjo-ekonomika ta' ċittadini mhux tal-UE u gruppi żvantaġġati oħra. Jiffinanzja wkoll id-distribuzzjonijiet tal-ikel lill-unitajiet domestiċi l-aktar vulnerabbli, filwaqt li jgħin fil-ġlieda kontra l-privazzjoni materjali u jtejjeb l-istandards tal-għajxien.

Il-faqar fost it-tfal wera xejra li sejra għall-agħar f'dawn l-aħħar snin. Fl-2022, 23,1 % tat-tfal f'Malta kienu f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, li żdied għal 25,2 % fl-2023 u mbagħad għal 25,9 % fl-2024, li qabeż ir-rata tal-UE ta' 24,2 %, għat-tielet darba sa mill-2015. F'termini assoluti, l-għadd ta' tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali żdied ukoll minn madwar 19 000 fl-2022 għal madwar 21 000 fl-2023 u fl-2024, flimkien maż-żieda fil-popolazzjoni. Sal-2030, Malta għandha l-għan li tnaqqas is-sehem tagħha b'6 pp. meta mqabbel mal-2019. Diversi fatturi jinfluwenzaw b'mod qawwi r-riskju tal-faqar fost it-tfal, fejn il-livell ta' edukazzjoni tal-ġenituri huwa wieħed mill-aktar sinifikanti. Fl-2024, 58,3 % tat-tfal b'ġenituri b'livell baxx ta' edukazzjoni kienu f'riskju ta' faqar, rata li żdiedet b'mod kostanti f'dawn l-aħħar snin u tqajjem tħassib minħabba l-proporzjon għoli ta' adulti b'livell baxx ta' ħiliet ta' Malta. Il-kompożizzjoni tal-unitajiet domestiċi hija fattur kritiku ieħor: Mas-46,2 % tal-unitajiet domestiċi b'ġenitur wieħed bi tfal dipendenti kienu f'riskju ta' faqar fl-2024. Iċ-ċittadinanza għandha rwol ukoll, 25,4 % tat-tfal ta' ċittadini mhux Maltin meta mqabbla ma' 19,4 % ta' dawk Maltin. Appoġġjata mill-FSE+, il-Garanzija Ewropea għat-Tfal (ECG) issegwi l-pjan ta' azzjoni ta' Malta għall-2022, b'115-il miżura implimentati mill-2024. Dawn jinkludu inizjattivi fil-protezzjoni soċjali, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, u akkomodazzjoni adegwata, b'70 % tal-miżuri ppjanati għall-2022-2027 għadhom għaddejjin.

Malta qed tiffaċċja effettività limitata tat-trasferimenti soċjali fit-tnaqqis tal-faqar, flimkien ma' livelli għoljin u li qed jiżdiedu ta' inugwaljanza fl-introjtu. Fl-2024, it-trasferimenti soċjali naqqsu r-rata tal-faqar b'26,0 % biss, sostanzjalment taħt il-medja tal-UE ta' 34,4 %. Din is-sitwazzjoni hija ta' tħassib fir-rigward tal-funzjonament tax-xibka ta' sikurezza soċjali u s-sistema ta' protezzjoni soċjali. Prestazzjoni ekonomika b'saħħitha, inklużi livelli għoljin ta' introjtu disponibbli gross tal-unitajiet domestiċi (GDHI, gross disposable household income) (152,78 meta mqabbel ma' 111,02 fl-UE) flimkien ma' rati għoljin ta' impjieg jidhru li effettivament iżommu l-livelli ġenerali tal-faqar baxxi u allinjati mal-UE. Madankollu, dawk l-aktar fil-bżonn ma jibbenefikawx bl-istess mod minn dan ir-riżultat pożittiv. Barra minn hekk, l-effett ridistributtiv u l-progressività tas-sistema tat-taxxa huma limitati meta mqabbla mal-UE. It-tassazzjoni fuq l-introjtu mix-xogħol hija inqas progressiva u l-pajjiż ma għandux taxxi fuq il-ġid, il-wirt, il-patrimonju jew id-donazzjonijiet, għalkemm it-taxxi tal-boll jistgħu japplikaw għal ċerti assi li jintirtu. Dawn il-fatturi jkomplu jillimitaw ir-rwol tal-politika fiskali fl-indirizzar tad-disparitajiet fl-introjtu (ara l-Anness 15). B'riżultat ta' dan, l-inugwaljanza fl-introjtu qed tiżdied, l-aktar kwintil għani qala' 4,87 darbiet aktar mill-ifqar wieħed fl-2023, li jaqbeż il-medja tal-UE ta' 4,66.

Graff A11.2:**Impatt tat-trasferimenti soċjali (għajr il-pensjonijiet) fuq it-tnaqqis tal-faqar (%)**



Nota: Interruzzjoni fis-serje għall-UE fl-2020 u għal Malta fl-2022
Sors: L-Eurostat [tespm050], l-UE-SILC

L-infiq fuq il-protezzjoni soċjali huwa relattivament baxx u mqassam b'mod mhux uniformi. Fuq xejra 'l isfel, fl-2022, l-infiq fuq il-protezzjoni soċjali ammonta għal 14,21 % tal-PDG, ferm taħt il-medja tal-UE ta' 27,98 %. Dan issarraf f'EUR 4 955,29 għal kull abitant, meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' EUR 10,062,91. L-infiq soċjali ta' Malta huwa ffukat ħafna fuq ix-xjuħija (43,1 % fl-2023) u l-mard/il-kura tas-saħħa (35,1 %), li flimkien ammontaw għal 78,2 % tal-infiq totali fl-2022. Konsegwentement, in-nefqa fuq l-appoġġ għat-tfal u l-familja (6,3 %) hija relattivament baxxa. Bl-istess mod, l-investiment minimu fl-akkomodazzjoni (1,1 %) u l-qgħad (0,9 %) jipprovdi assistenza limitata għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u għall-persuni li qed ifittxu impjieg. Il-persuni b'diżabilità (4,0 %) u l-persuni li jbatu minn esklużjoni soċjali (2,3 %) jirċievu wkoll finanzjament modest, li jqajjem tħassib dwar l-inklużività u l-ġustizzja tas-sistema ta' protezzjoni soċjali ta' Malta.

L-isfidi rigward il-benefiċċji tal-qgħad u l-faqar fost dawk li jaħdmu jiżvelaw lakuni fil-protezzjoni soċjali u r-reżiljenza tas-suq tax-xogħol. It-tul ta' żmien tal-benefiċċji tal-qgħad f'Malta hija fost l-iqsar fl-UE, u tpoġġi pressjoni finanzjarja fuq persuni li ma jistgħux jiżguraw impjieg ġdid fil-perjodu ta' żmien limitat (26 ġimgħa, li warajhom persuna tiġi diretta mill-ġdid lejn assistenza tal-qgħad mhux kontributorja). Il-benefiċċju għandu komponent ta' attivazzjoni, peress li jorbot l-aċċess għall-benefiċċji mat-tfittix attiv ta' impjieg u l-parteċipazzjoni fis-servizzi tal-impjiegi. F'Jannar 2024, Malta rriformat is-sistema tal-benefiċċji tal-qgħad tagħha biex tallinja aħjar ir-rati ta' sostituzzjoni mal-aħħar salarju tal-benefiċjarju, filwaqt li qieset il-paga minima nazzjonali. Madankollu, l-aċċess għall-benefiċċji tal-qgħad jibqa' restrittiv, bi kriterji ta' eliġibbiltà li jeskludu ċerti individwi u tipi ta' kuntratti ta' impjieg. Bħala parti mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP) tagħha, Malta introduċiet riformi biex tivvaluta u timmonitorja l-adegwatezza u l-kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad, bl-għan li ttejjeb ir-reżiljenza tas-suq tax-xogħol, tinċentiva x-xogħol, u tippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Fl-istess ħin, il-faqar fost dawk li jaħdmu għadu problema. Fl-2024, 7,8 % tal-ħaddiema kienu f'riskju ta' faqar fost dawk li jaħdmu, inqas mill-medja tal-UE ta' 8,2 % iżda li żdiedet b'mod kostanti matul l-aħħar 10 snin. Iċ-ċittadini mhux tal-UE jiffaċċjaw rati ogħla b'mod sinifikanti ta' faqar fost dawk li jaħdmu meta mqabbla ma' ċittadini Maltin (15,0 % meta mqabbla ma' 5,7 %).

Il-progress fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u s-sistemi tal-kura fit-tul raw titjib, iżda jiffaċċjaw sfidi f'termini ta' sostenibbiltà fiskali u l-kisba ta' kopertura universali. Il-progress fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC) għat-tfal taħt it-tliet snin kien notevoli, bir-rati ta' parteċipazzjoni għat-tfal jiżdiedu minn 19,1 % fl-2015 għal 51 % fl-2023. Madankollu, ir-rata ta' parteċipazzjoni naqset għal 44,1 % fl-2024 u għad hemm diskrepanzi, b'mod partikolari għat-tfal li l-ġenituri tagħhom ma għandhomx impjieg, hekk kif Malta qed tkompli tistinka għal aċċess universali għall-ECEC. Fl-istess ħin, il-popolazzjoni li qed tixjieħ tixpruna żieda fid-domanda għal servizzi ta' kura fit-tul (LTC, long-term care), bil-proporzjon ta' dipendenza tax-xjuħija pprojettat li jiżdied minn 31,1 fl-2025 għal 37,0 fl-2050. Din iż-żieda fid-domanda għall-kura fit-tul se teħtieġ attenzjoni għall-aċċess, l-adegwatezza u s-sostenibbiltà fiskali fit-tul (ara l-Anness 14). Din il-bidla demografika kontinwa diġà tat spinta lid-domanda għall-ħaddiema tal-LTC, li spiss jimtlew minn ċittadini mhux tal-UE (ara l-Anness 10). Biex titjieb il-kopertura, gvernijiet suċċessivi daħlu fi sħubijiet pubbliċi-privati. Barra minn hekk, l-anzjani li jgħixu d-dar jistgħu jaċċessaw appoġġ bħal għajnuna fid-dar, infermiera fil-komunità, servizz ġerjatriku u ta' telekura mingħajr ħlas, u diversi benefiċċji tal-indokraturi, li żdiedu f'dawn l-aħħar snin.

Il-prezzijiet tad-djar żdiedu f'dawn l-aħħar 10 snin. Il-prezzijiet tad-djar żdiedu b'aktar minn 50 % mill-2015 f'termini nominali. Dawn żdiedu b'6,2 % fl-2023, 6,7 % fl-2022 u 5,1 % fl-2021. Dawn komplew jiżdiedu fl-2024 (+6,9 % sena wara sena fit-3 kwart tal-2024). Madankollu, il-prezzijiet tad-djar għadhom ma jurux sinjali ta' sopravalutazzjoni.

L-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni baqgħet ġeneralment stabbli matul l-aħħar 10 snin għax-xerrejja tad-djar iżda marret għall-agħar għall-kerrejja. L-evoluzzjoni tal-prezzijiet tad-djar kienet ġeneralment konformi mal-introjtu tal-unitajiet domestiċi matul l-aħħar snin u l-proporzjon standardizzat tal-prezz tad-djar mal-introjtu kien ġeneralment stabbli mill-2015 (-3 %). Madankollu, meta wieħed iqis il-kost tal-ipoteki, il-kapaċità ta' self tal-unitajiet domestiċi tjiebet b'mod sinifikanti matul l-aħħar 10 snin. Filwaqt li s-suq tal-kiri huwa pjuttost żgħir, il-proporzjon ta' kirjiet ġodda mal-introjti żdied drastikament matul l-aħħar 10 snin.

L-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni hija sfida dejjem akbar għall-gruppi vulnerabbli f'Malta. Filwaqt li r-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni kienet ta' 5,8 % fl-2024, taħt il-medja tal-UE ta' 8,2 %, id-disparitajiet għadhom qawwija. Żewġ gruppi affettwati b'mod partikolari huma ċittadini mhux tal-UE u persuni f'sitwazzjoni ta' faqar, li spiss jikkoinċidu. Fost dawk fil-faqar, 25,1 % jiffaċċjaw piż żejjed tal-kost tal-akkomodazzjoni meta mqabbla ma' 1,8 % ta' dawk li mhumiex fil-faqar. Ċerti gruppi ta' persuni f'sitwazzjoni ta' faqar huma partikolarment vulnerabbli, bħaż-żgħażagħ (41,6 %) u l-anzjani (12,5 %). Bl-istess mod, 17,0 % taċ-ċittadini mhux tal-UE jesperjenzaw piż żejjed tal-kost tal-akkomodazzjoni, meta mqabbla ma' 1,2 % biss tal-popolazzjoni Maltija. Ir-rata ta' affollament eċċessiv, ukoll kienet għolja ħafna, b'16,8 % fost iċ-ċittadini mhux tal-UE meta mqabbla ma' 3,6 % fost iċ-ċittadini Maltin. Fl-2023, 8,1 % tal-popolazzjoni ta' Malta kriet akkomodazzjoni bi prezzijiet tas-suq imnaqqsa jew b'xejn, taħt il-medja tal-UE ta' 10,2 %. L-Awtorità tad-Djar ta' Malta tipprovdi akkomodazzjoni soċjali biex tappoġġja individwi b'introjtu baxx u l-emendi legali reċenti għal-Liġijiet ta' Malta dwar il-Kiri Residenzjali Privati jixtiequ jipprevjenu l-affollament eċċessiv, iżda għad hemm sfidi fl-indirizzar tal-kriżi tal-affordabbiltà li qed tikber.

L-affordabbiltà tal-enerġija u l-aċċess għat-trasport għandhom implikazzjonijiet soċjali u ta' sostenibbiltà sinifikanti. Fl-2024, 7,8 % tal-popolazzjoni ma setgħux iżommu djarhom sħan biżżejjed, taħt il-medja tal-UE ta' 9,2 % madwar l-UE. Madankollu, din ir-rata rduppjat fost dawk fir-riskju tal-faqar (AROP), u laħqet 14,9 %. Is-sehem tal-popolazzjoni li ma setgħetx taffordja karozza kien ta' 1,8 % fl-2024, ferm taħt il-medja tal-UE ta' 5,6 %. Bl-istess mod, is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar li ma jistgħux jaffordjaw karozza kien ta' 7,7 % fl-2024, sostanzjalment taħt il-medja tal-UE (15,9 %). B'mod ġenerali, Malta turi affordabbiltà qawwija għas-sjieda tal-karozzi, anki fost gruppi b'introjtu aktar baxx. Madankollu, id-dominanza kontinwa tal-karozzi privati u l-istaġnar fl-użu tat-trasport pubbliku jenfasizzaw l-isfidi fil-promozzjoni ta' sistemi ta' trasport sostenibbli u inklużivi. Il-benefiċċji universali tal-enerġija għandhom impatt aktar b'saħħtu fuq it-tnaqqis tal-faqar u l-inugwaljanza meta mqabbla ma' benefiċċji mmirati, iżda jiswew ħafna flus. L-analiżi tad-distribuzzjoni tal-introjtu skont id-deċili, l-indikaturi tal-inugwaljanza (eż. il-proporzjon S20/S80), u r-rati tar-riskju ta' faqar tissuġġerixxi li filwaqt li l-miżuri universali huma ta' benefiċċju għall-gruppi l-aktar vulnerabbli, l-impatt ġenerali tagħhom huwa limitat. Min-naħa l-oħra, il-benefiċċji mmirati spiss jipprovdu appoġġ insuffiċjenti, li jillimita l-effettività tagħhom ([167]). Biex tindirizza dawn l-isfidi, ikun ta' benefiċċju jekk Malta tfassal miżuri effiċjenti u mmirati tajjeb biex tappoġġja aħjar il-gruppi vulnerabbli filwaqt li gradwalment tneħħi l-benefiċċji universali li jheddu s-sostenibbiltà finanzjarja fit-tul.

([167]) Evidenza bbażata fuq studju miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea, bl-użu tal-mudell EUROMOD.

Il-kompetittività ta' Malta hija mfixkla minn spariġġi fil-ħiliet u nuqqasijiet ikkawżati minn ħiliet bażiċi baxxi fost dawk li għandhom 15-il sena, livell edukattiv milħuq baxx għall-adulti u parteċipazzjoni limitata fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET, vocational education and training) u l-apprendiment għall-adulti. L-isfidi għall-iżvilupp tal-ħiliet jibdew fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC), fejn hemm tħassib dwar il-kwalità u parteċipazzjoni limitata fost it-tfal żvantaġġati. Sal-età ta' 15-il sena, in-nuqqasijiet ta' ħiliet bażiċi jilħqu livell inkwetanti peress li madwar wieħed minn kull tliet studenti ma għandux ħiliet fundamentali fil-matematika, il-qari u x-xjenza, u wieħed minn kull tnejn ma għandux ħiliet diġitali. Dan joħloq sfida serja għall-kisba ta' ħiliet aktar kumplessi u għall-parteċipazzjoni b'mod sinifikanti fis-soċjetà u jenfasizza l-isfidi tal-kwalità tat-tagħlim. Barra minn hekk, wieħed minn kull għaxar studenti jħalli l-edukazzjoni jew it-taħriġ kmieni. Ir-reġistrazzjoni baxxa fil-VET u l-apprendiment għall-adulti jirriflettu l-isfidi fl-indirizzar tad-diskrepanzi fil-ħiliet, aggravati minn aċċess limitat għal taħriġ flessibbli u parteċipazzjoni baxxa fl-apprendiment tul il-ħajja. Barra minn hekk, is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, inkluż il-VET, l-apprendiment għall-adulti u l-edukazzjoni għolja, spiss jonqsu milli jallinjaw mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, u dan iwassal għal spariġġ mifrux fil-ħiliet u żieda fin-nuqqas ta' ħaddiema (ara l-Anness 10). Dawn in-nuqqasijiet fl-iżvilupp tal-ħiliet ifixklu l-kompetittività u l-potenzjal ekonomiku ta' Malta.

Graff A12.1:**Rata ta' progress insuffiċjenti fil-matematika, il-qari u x-xjenza skont l-isfond soċjo-ekonomiku tal-istudenti f'Malta, PISA 2022 (%)**



Sors: L-OECD (2023).

Minkejja l-progress li sar, l-isfidi bil-kwalità tal-ECEC u l-parteċipazzjoni baxxa fost it-tfal żvantaġġati jibqgħu ostakli għas-suċċess tal-apprendiment fundamentali fis-snin bikrin. Fost it-tfal li għandhom 3 snin li se jibdew l-edukazzjoni obbligatorja, 93,2 % pparteċipaw fl-ECEC fl-2023 (UE: 94,6 %). Fost it-tfal taħt it-3 snin, ir-rata ta' parteċipazzjoni ġenerali kienet ta' 44,1 % fl-2024, ogħla mill-medja tal-UE (39,2 %). Madankollu, il-parteċipazzjoni f'dan il-grupp ta' età fost it-tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (AROPE, at risk of poverty or social exclusion) hija konsiderevolment aktar baxxa b'24,3 % ([168]), meta mqabbla ma' 48,5 % għall-pari tagħhom li mhumiex f'riskju. Din id-diskrepanza ta' 24,2 pp. hija waħda mill-akbar fl-UE. Għalkemm l-estensjoni tal-iskema tal-indukrar tat-tfal b'xejn għat-tfal li l-ġenituri tagħhom la qed isegwu perkors edukattiv u lanqas għandhom impjieg ġiet prevista f'diversi dokumenti ta' politika strateġika, għadu ma sar l-ebda pjan dettaljat jew xi fondi disponibbli.

Is-sehem ta' studenti b'livell insuffiċjenti ta' ħiliet bażiċi għadu għoli, u dan idgħajjef l-iżvilupp tal-kapital uman. Skont il-Programm għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA, Programme for International Student

([168]) Il-valur jiġi mmarkat bħala mhux affidabbli.

Assessment) tal-2022 tal-OECD, madwar wieħed minn kull 3 studenti li għandhom 15-il sena ma għandux biżżejjed ħiliet bażiċi fil-matematika (32,6 %; fl-UE: 29,5 %), fil-qari (36,3 %; fl-UE: 26,2 %) u fix-xjenza (30,3 %; fl-UE: 24,2 %) ([169]). Is-sitwazzjoni hija saħansitra aktar inkwetanti fost l-istudenti mill-kwartil tal-qiegħ tad-distribuzzjoni soċjo-ekonomika (ara l-Graff A12.1), b'47,7 % ma jilħqux l-istandards minimi fil-matematika, 51,5 % fil-qari u 46 % fix-xjenza. In-nuqqas ta' kisbiet huwa mifrux fid-distribuzzjoni soċjo-ekonomika kollha bi 17,2 % tal-istudenti vantaġġati ma jagħmlux biżżejjed progress fil-matematika (UE: 10,9 %), 19,9 % fil-qari (UE: 10,6 %) u 14,2 % fix-xjenza (UE: 8,9 %). Ir-rata ta' progress insuffiċjenti fil-matematika hija l-ogħla fl-iskejjel tal-istat (40,6 %), segwita minn skejjel immexxija mill-knisja (25,5 %) u minn skejjel indipendenti (16,7 %). Dan jirrifletti d-distribuzzjoni inugwali tal-istudenti minn sfondi differenti fost l-iskejjel, b'konċentrazzjoni ta' studenti żvantaġġati fl-iskejjel tal-istat, li tindika sistema skolastika stratifikata bi sfidi sistemiċi. L-istrateġija nazzjonali għall-edukazzjoni 2024–2030 timpenja ruħha li tipprijoritizza l-ekwità u l-inklużjoni, li tinkludi reviżjoni tal-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali, strateġija tal-litteriżmu matematiku, u billi ssaħħaħ il-ħiliet tal-litteriżmu. Barra minn hekk, Malta dan l-aħħar nediet Pjan ta' Azzjoni dwar l-Indirizzar tal-Isfidi tal-Pisa tal-2022, li għandu jiġi rieżaminat b'mod konġunt mal-OECD. It-tluq bikri mill-edukazzjoni u mit-taħriġ (ELET, early leaving from education and training) naqas b'7,4 pp. bejn l-2014 u l-2024. Madankollu, 9,6 % taż-żgħażagħ bejn it-18 u l-24 sena għadhom jitilqu l-edukazzjoni b'mhux aktar minn kwalifika sekondarja tal-ewwel livell (UE: 9,3 %), u dan huwa ogħla fost iż-żgħażagħ b'diżabilità (33 % meta mqabbla mal-UE: 18% fl-2022) ([170]). Xprunata mill-RRP, Malta qed issaħħaħ is-sistema ta' monitoraġġ ELET tagħha b'maħżen virtwali tad-data li għandu l-għan li jidentifika l-istudenti f'riskju. Il-programm nazzjonali tal-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) jagħti prijorità lit-tnaqqis tat-tluq bikri mill-iskola billi: (i) jippromwovi l-VET; (ii) jimpliment miżuri preventivi u attivi; (iii) jipprovdi għodod innovattivi ta' tagħlim u apprendiment (bħat-teknoloġiji diġitali); (iv) jibni kapaċità tal-professjonisti fl-edukazzjoni u t-taħriġ; u (v) jiżviluppa perkorsi ta' edukazzjoni inklużiva għat-tfal bi bżonnijiet edukattivi speċjali.

Is-sehem tal-istudenti bl-aqwa prestazzjoni qed jiċkien, u dan ifixkel il-potenzjal tal-innovazzjoni tal-pajjiż. Is-sehem ta' dawk bl-aqwa prestazzjoni fil-matematika u fix-xjenza naqas b'mod sostanzjali mill-2015 b'differenzi sinifikanti bejn it-tipi ta' skejjel. Is-sehem ta' studenti bl-aqwa prestazzjoni fil-matematika huwa l-ogħla fl-iskejjel indipendenti (17,1 %) u konsiderevolment aktar baxx fl-iskejjel immexxija mill-knisja (7,1 %) u tal-istat (5,0 %), u dan jenfasizza opportunitajiet mhux ugwali biex jirnexxu f'sistema skolastika stratifikata. 48 % biss tal-istudenti fit-tmien grad kellhom mill-inqas livell bażiku ta' litteriżmu fil-kompjuter u fl-informazzjoni (UE: 57 %) ([171]). Rata dejjem tonqos tal-ogħla prestazzjoni u sehem għoli ta' studenti mingħajr livell adegwat ta' ħiliet bażiċi u diġitali jindikaw sfida ġenerali fl-appoġġ tal-iżvilupp tal-ħiliet tal-istudenti f'dawn l-oqsma. Dan iqajjem mistoqsijiet dwar il-kwalità ġenerali tat-tagħlim u jenfasizza l-ħtieġa ta' monitoraġġ aħjar tal-iskejjel. Biex iwieġeb għal dawn l-isfidi, il-programm Malti tal-FSE+ alloka 43 % tal-baġit tiegħu għall-promozzjoni ta' edukazzjoni, taħriġ u apprendiment tul il-ħajja ta' kwalità u inklużivi. Biex jikkomplementahom, l-RRP tal-pajjiż għandu l-għan li jtejjeb il-ħiliet bażiċi u l-litteriżmu, isegwi lil dawk li jitilqu kmieni mill-iskola, itejjeb it-taħriġ online, u jadatta l-infrastruttura edukattiva għall-istudenti b'diżabilità.

In-nuqqasijiet ta' għalliema u l-isfidi fit-tħejjija tal-għalliema jistgħu jagħmlu ħsara lill-kwalità tal-edukazzjoni. Biex jittaffa n-nuqqas ta' għalliema fil-livell primarju u sekondarju, qed jiġu impjegati għalliema sostituti, li kienu jammontaw għal 12,5 % tal-forza tax-xogħol tat-tagħlim fl-2022([172]). Minħabba li r-rekwiżiti tal-kwalifiki għall-għalliema sostituti huma differenti jew inqas minn dawk għall-għalliema kkwalifikati bis-sħiħ, dan jista' jkollu impatt negattiv fuq il-kwalità tat-tagħlim u tal-apprendiment. Fl-2022, 41,4 % (UE: 53,4 %) tal-istudenti attendew skejjel li l-prinċipal tagħhom

([169]) L-OECD (2023). PISA 2022 Results (Volume I): The State of Learning and Equity in Education.

([170]) European comparative data on persons with disabilities - L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE.

([171]) Il-Kummissjoni Ewropea (2024). International Computer and Information Literacy Study (ICILS) in Europe – 2023. Main Findings and Educational Policy Implications.

([172]) Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

irrapporta li l-kapaċità tal-iskola li tipprovdi struzzjoni kienet imfixkla minn nuqqas ta' persunal tat-tagħlim, u 19,1 % (UE: 27,4 %) tal-istudenti attendew skejjel b'persunal tat-tagħlim irrapportat inadegwat jew bi kwalifiki baxxi. Il-kundizzjonijiet tax-xogħol, sistema riġida ta' skala tas-salarji u progressjoni limitata fil-karriera ġew identifikati fost il-motivaturi wara l-attraenza limitata tal-professjoni u ż-żamma tal-għalliema ([173]). Barra minn hekk, mill-2015, Malta rreġistrat l-akbar żieda fis-sehem ta' studenti mwielda barra mill-pajjiż fl-UE (5,4 pp.). Bħala rispons għal ambjent li qed jevolvi malajr, l-apprendiment tal-istudenti għandu jiġi meqjus aħjar fil-klassijiet. Dan jista' jiġi ffaċilitat billi jittejjeb l-istat ta' tħejjija tal-għalliema permezz ta' reviżjoni tal-kurrikuli inizjali tal-edukazzjoni tal-għalliema; it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet tat-taħriġ tal-għalliema; it-titjib tal-opportunitajiet ta' apprendiment prattiku; il-monitoraġġ tal-kundizzjonijiet tax-xogħol; u t-tisħiħ tal-komunitajiet tal-għalliema u l-politika attwali ta' induzzjoni u mentoraġġ.

Hemm lok biex jittejbu l-ħiliet ekoloġiċi kemm fost l-istudenti kif ukoll fost l-edukaturi. Filwaqt li l-istudenti jistgħu jifhmu l-prinċipji fundamentali u l-kunċetti wesgħin li jirfdu l-iżvilupp sostenibbli, ma għandhomx għarfien speċifiku, u fehim sistemiku jew perspettiva kritika taż-żona ([174]). Minkejja ż-żieda fl-opportunitajiet għall-għalliema biex jimplimentaw suġġetti ta' sostenibbiltà fil-prattika tagħhom, wieħed biss minn kull tnejn irrapporta li jipparteċipa f'taħriġ dwar l-ambjent u s-sostenibbiltà matul it-taħriġ ta' qabel jew fis-servizz (jew it-tnejn).

Ħafna inqas studenti f'Malta huma rreġistrati fi programmi vokazzjonali sekondarji tat-tieni livell milli fil-bqija tal-UE. Minkejja r-rati għoljin ħafna ta' impjieg tal-gradwati reċenti tal-VET, fl-2023, 28,8 % tal-istudenti tas-sekondarja tat-tieni livell kienu rreġistrati fi programmi vokazzjonali, ferm taħt il-medja tal-UE ta' 49,1 %. Is-sehem ta' gradwati tal-VET li għandhom bejn l-20 u l-34 sena (ISCED 3-4) esposti għal tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol għadu taħt il-medja tal-UE (51,9 % meta mqabbel ma' 65,3 % fl-2024) u l-mira tal-UE għall-2025 (60 %). Għad hemm sfidi fil-perċezzjoni, l-attraenza u l-aċċessibbiltà tal-programmi tal-VET, li jirriflettu tħassib usa' dwar il-valur u r-rilevanza tal-kwalifiki tal-VET. Dan in-nuqqas ta' allinjament mal-ħtiġijiet kemm tal-istudenti adulti kif ukoll tas-suq tax-xogħol jaggrava l-ispariġġi fil-ħiliet eżistenti u jikkontribwixxi għal nuqqasijiet kbar ta' ħiliet fil-pajjiż.

Malta żviluppat diversi azzjonijiet ta' politika biex tindirizza l-isfidi tal-edukazzjoni u l-ħiliet. Pereżempju, l-istrateġija l-ġdida tal-edukazzjoni ta' Malta 2024-2030 ittejjeb is-sinerġiji bejn l-edukazzjoni u l-industrija permezz ta': (i) sħubijiet; (ii) l-iżvilupp professjonali għall-edukaturi tal-VET; (iii) linji gwida nazzjonali dwar il-ħiliet bażiċi; (iv) il-promozzjoni tal-intraprenditorija; (v) l-involviment tal-industrija fit-tfassil ta' programmi vokazzjonali; u (vi) rieżami tal-opportunitajiet ta' finanzjament biex jiġi appoġġjat l-apprendiment tul il-ħajja. Barra minn hekk, l-MCAST, l-istituzzjoni tal-edukazzjoni vokazzjonali ewlenija ta' Malta, tipprovdi taħriġ allinjat mal-ħtiġijiet tal-industrija. Bl-istrateġija 2022-2027 tagħha, l-MCAST għandha l-għan li tagħti spinta lill-edukazzjoni vokazzjonali u professjonali billi: (i) tiżviluppa infrastruttura moderna; (ii) tespandi t-tagħlim imsejjes fuq ix-xogħol; (iii) tavvanza r-riċerka; (iv) tippromwovi s-sostenibbiltà; u (v) issaħħaħ is-sħubijiet tal-industrija. Madankollu, għadha meħtieġa valutazzjoni komprensiva ta' dawn il-miżuri.

Filwaqt li r-rata ta' livell edukattiv terzjarju milħuq qed tiżdied, ir-reġistrazzjoni fl-oqsma tax-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM) għadha baxxa, minkejja d-domanda tas-suq tax-xogħol. Fl-2024, 46,9 % li għandhom bejn il-25 u l-34 sena kellhom kwalifika terzjarja (UE: 44,2 %), li żdied bi 15,6 pp. mill-2014. Madankollu, is-sehem ta' studenti terzjarji rreġistrati fis-suġġetti STEM huwa wieħed mill-aktar baxxi fl-UE, bi 13,9 % (UE: 26,7 %), b'5,1 % biss tar-reġistrazzjonijiet terzjarji kollha f'suġġett tal-ICT. Fil-VET fil-livell sekondarju tat-tieni livell, 33,1 % tal-istudenti f'Malta kienu rreġistrati fl-oqsma STEM fl-2023, taħt il-medja tal-UE ta' 38,9 %. Il-qasam tal-ICT jattira sehem baxx ħafna ta' studenti nisa. Mal-1,5 % biss tan-nisa rreġistrati fl-edukazzjoni terzjarja jistudjaw l-ICT, meta mqabbla ma' 10,0 % tal-istudenti terzjarji rġiel kollha, u 17,4 % biss tal-istudenti rreġistrati fl-ICT huma nisa. Il-provvista attwali ta' gradwati fl-ICT ma tilħaqx id-domanda tas-suq

([173]) Kutsyuruba, B. & Bezzina, C. (2024). Teacher Induction and Mentoring in Malta: A Review of the Literature; Attard Tonna, M. & Calleja, J. (2021): An investigation of the professional behaviour, status, career and identities of teachers in Malta.

([174]) 2022 International Civic and Citizenship Study (ICCS); IEA International Civic and Citizenship Education Study 2022 International Report (Revised Edition).

tax-xogħol ([175]). Sabiex l-istudenti jiġu mħeġġa jsegwu studji f'oqsma b'domanda dejjem tikber tal-industrija, l-istrateġija nazzjonali għall-edukazzjoni 2024-2030 tipproponi sistema li jiġi offrut stipendju u investimenti ogħla fl-iskema attwali ta' boroż ta' studju. Dawn l-inizjattivi huma mmirati lejn studenti li jistudjaw fl-oqsma STEM jew fil-qasam tal-ħiliet ekoloġiċi, u l-boroż ta' studju f'oqsma speċjalizzati tal-ICT huma pprovduti wkoll taħt l-RRP. Barra minn hekk, istituzzjonijiet bħal MCAST u l-Università ta' Malta espandew l-offerta edukattiva tagħhom fl-ICT u l-inġinerija. Bħala parti mill-istrateġija għall-edukazzjoni diġitali 2024-2030, Malta tirrikonoxxi d-differenzi bejn il-ġeneri fix-xjenza tal-kompjuter u tappoġġja inizjattivi biex jiġu offruti mudelli eżemplari femminili lill-bniet u jiġu promossi sħubijiet tal-industrija biex titnaqqas id-differenza eżistenti bejn il-ġeneri.

L-ostakli għad-dħul fl-oqsma STEM fl-edukazzjoni għolja diġà huma preżenti fi stadji bikrija tal-edukazzjoni tal-istudenti. F'kull livell edukattiv, il-grupp ta' studenti potenzjali li jsegwu karrieri STEM jonqos. Fil-livell sekondarju, madwar nofs l-istudenti jonqsu milli jgħaddu mill-eżami finali tagħhom qabel it-tluq mill-iskola fil-matematika jew fil-fiżika u għadd limitat biss jagħmlu eżamijiet fil-bijoloġija jew fil-kimika([176]). L-ammont ta' persuni jkompli jonqos fil-livell postsekondarju, b'għadd żgħir biss ta' studenti jagħmlu eżamijiet ta' livell avvanzat f'suġġetti relatati ma' STEM ([177]), prerekwiżit fil-biċċa l-kbira tal-oqsma relatati ma' STEM biex jidħlu fl-università.

Malta qed tagħmel sforzi biex tiżviluppa aktar il-ħiliet diġitali. Id-data awtorapportata tindika li s-sehem tal-popolazzjoni ġenerali f'Malta b'mill-inqas livell bażiku ta' ħiliet diġitali huwa ta' 63,0 %, ferm ogħla mill-medja tal-UE (55,6 %). Malta qed tiżviluppa b'mod attiv politiki biex issaħħaħ il-litteriżmu diġitali. Il-pjan direzzjonali strateġiku tad-Deċennju Diġitali 2023-2030 jinkludi taqsima ddedikata dwar il-ħiliet diġitali. Aktar reċentement, l-istrateġija tal-edukazzjoni diġitali 2025-2030 tagħti prijorità lill-litteriżmu diġitali fl-edukazzjoni fil-livelli kollha.

L-ispariġġi fil-ħiliet għadhom sfida urġenti, u jikkontribwixxu għal nuqqasijiet kbar ta' ħiliet u jxekklu r-reżiljenza u l-kompetittività tal-pajjiż. L-ispariġġ makroekonomiku fil-ħiliet ([178]) kompla jonqos bi ftit fl-2024, b'madwar 0,7 punt perċentwali meta mqabbel mas-sena ta' qabel, għal 18,8 %, kemxejn taħt il-medja tal-UE ta' 19,2 %. L-Istħarriġ dwar il-Ħiliet ta' Malta (2022 u 2023) jenfasizza l-ispariġġi vertikali (ħiliet li mhumiex allinjati mal-livelli tal-kwalifiki) u l-ispariġġi orizzontali (ħiliet li mhumiex allinjati mal-oqsma), flimkien ma' nuqqasijiet ta' ħiliet trażversali, bħall-ħiliet personali u diġitali.

Graff A12.2: **Parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ (matul l-aħħar 12-il xahar), skont il-livell edukattiv milħuq għall-2016 u l-2022**



(1) Eskluż it-taħriġ iggwidat fuq il-post tax-xogħol.
Sors: L-Eurostat, l-AES, special extraction excluding guided-on-the-job training, disponibbli fuq CIRCABC.

Is-sovrakwalifikazzjoni tibqa' kwistjoni strutturali. Mal-21,7 % tal-ħaddiema bi kwalifiki ta' edukazzjoni għolja huma impjegati f'impjiegi li ma jeħtiġux dak il-livell ta' kwalifika, ċifra madankollu konsistenti mal-medja tal-UE. Ċerti setturi juru rati ta' kwalifiki eċċessivi partikolarment għoljin meta mqabbla mal-UE, bħat-trasport u l-ħżin (49,0 %), il-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut (50,0 %), l-akkomodazzjoni u s-servizzi tal-ikel (53,2 %), u l-manifattura (30,1 %). L-allinjament tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol

([175]) Il-Kummissjoni Ewropea (2024), Deċennju Diġitali 2024 – Rapport tal-Pajjiż: Malta.
([176]) SEC Statistical Report 2023
([177]) MC Statistical Report.
([178]) L-indikatur tal-ispariġġ makroekonomiku fil-ħiliet ikejjel id-dispersjoni tar-rati ta' impjieg fost il-gruppi ta' ħiliet (ibbażat fuq il-livelli ta' kwalifiki, b'ISCED 0-2 baxx; 3-4 medju u 5-7 għoli).

mal-ħtiġijiet tas-suq huwa kruċjali għat-titjib tar-reżiljenza ekonomika ta' Malta u għall-massimizzazzjoni tal-potenzjal tal-forza tax-xogħol.

Malta għandha sehem ogħla mill-medja tal-UE ta' adulti b'livelli aktar baxxi ta' edukazzjoni, iżda l-parteċipazzjoni tagħhom fl-apprendiment għall-adulti għadha partikolarment baxxa. Fl-2024, 29,3 % tal-popolazzjoni ta' Malta kellha edukazzjoni sekondarja tal-ewwel livell jew livell aktar baxx (livelli 0-2), ferm ogħla mill-medja tal-UE ta' 24,2 %. Minkejja l-progress reċenti, il-parteċipazzjoni fl-apprendiment għall-adulti, speċjalment fost il-persuni b'livell edukattiv milħuq baxx, għadha sfida. Il-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ fl-aħħar 12-il xahar żdiedet minn 32,8 % fl-2016 għal 39,9 % fl-2022. Issa hija konformi mal-medja tal-UE iżda 'l bogħod mill-mira nazzjonali tal-2030 ta' 57,6 %. Barra minn hekk, id-disparitajiet sinifikanti mhux biss jippersistu iżda żdiedu maż-żmien. L-adulti b'livell għoli ta' edukazzjoni huma ferm aktar probabbli li jipparteċipaw fl-edukazzjoni u t-taħriġ minn dawk bi kwalifiki aktar baxxi (65,9 % meta mqabbla ma' 16,3 %, rispettivament fl-2022), u din id-differenza żdiedet biss mill-2016 'l hawn (61,3 % meta mqabbla ma' 20,7 %, rispettivament – ara l-Graff A12.2). Konsegwentement, il-persuni li jibbenefikaw l-aktar minn dawn l-opportunitajiet ta' apprendiment huma dawk li għandhom inqas probabbiltà li jaċċessawhom. Għalhekk, huma meħtieġa sforzi sostanzjali biex tintlaħaq il-mira tal-ħiliet ta' Malta għall-2030 u tiġi appoġġjata l-kompetittività tal-pajjiż.

Appoġġjati mill-fondi tal-UE, għaddejjin sforzi biex jiġi indirizzat l-ispariġġ fil-ħiliet u jiġi promoss l-apprendiment għall-adulti. Il-FSE+ qed jappoġġja investimenti għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol, b'mod partikolari fl-oqsma ekoloġiċi u diġitali, filwaqt li jindirizza wkoll id-diskrepanzi fil-ħiliet fis-setturi emerġenti. L-inizjattivi għandhom l-għan li jappoġġjaw gruppi vulnerabbli billi jipprovdu taħriġ fil-ħiliet bażiċi u diġitali, edukazzjoni li tagħti ċans ieħor, u inklużjoni attiva għall-persuni b'diżabilità. Il-FSE+ jikkontribwixxi wkoll għat-titjib tas-servizzi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul permezz ta' taħriġ għall-ħaddiema tas-saħħa u tal-kura, kampanji ta' prevenzjoni tas-saħħa u riċerka (ara l-Anness 14). Barra minn hekk, l-implimentazzjoni ppjanata tal-kontijiet individwali tal-apprendiment hija mistennija li tħeġġeġ parteċipazzjoni akbar fl-edukazzjoni għall-adulti billi tagħti inċentivi finanzjarji biex jingħalqu d-diskrepanzi fil-ħiliet u jitrawwem l-iżvilupp personali u professjonali. Bis-saħħa tal-appoġġ tal-RRP, Malta nediet l-e-College, pjattaforma ta' apprendiment online li toffri korsijiet diġitali u flessibbli biex tappoġġja t-titjib tal-ħiliet, l-apprendiment tul il-ħajja, u forza tax-xogħol aktar reżiljenti. L-inizjattiva għandha l-għan li tattira mill-inqas 4 800 student, inklużi persuni b'livell baxx ta' ħiliet.

Tabella A13.1: **It-tabella ta' Valutazzjoni Soċjali ta' Malta**

Social Scoreboard for Malta		
Equal opportunities and access to the labour market	Adult participation in learning (during the last 12 months, excl. guided on the job training, % of the population aged 25-64, 2022)	39,9
	Early leavers from education and training (% of the population aged 18-24, 2024)	9,6
	Share of individuals who have basic or above basic overall digital skills (% of the population aged 16-74, 2023)	63,0
	Young people not in employment, education or training (% of the population aged 15-29, 2024)	7,2
	Gender employment gap (percentage points, population aged 20-64, 2024)	13,4
	Income quintile ratio (S80/S20, 2024)	4,87
Dynamic labour markets and fair working conditions	Employment rate (% of the population aged 20-64, 2024)	83,0
	Unemployment rate (% of the active population aged 15-74, 2024)	3,1
	Long term unemployment (% of the active population aged 15-74, 2024)	0,7
	Gross disposable household income (GDHI) per capita growth (index, 2008=100, 2023)	152,8
Social protection and inclusion	At risk of poverty or social exclusion (AROPE) rate (% of the total population, 2024)	19,7
	At risk of poverty or social exclusion (AROPE) rate for children (% of the population aged 0-17, 2024)	25,9
	Impact of social transfers (other than pensions) on poverty reduction (% reduction of AROP, 2024)	26,0
	Disability employment gap (percentage points, population aged 20-64, 2024)	25,3
	Housing cost overburden (% of the total population, 2024)	5,8
	Children aged less than 3 years in formal childcare (% of the under 3-years-old population, 2024)	44,1
	Self-reported unmet need for medical care (% of the population aged 16+, 2024)	0,3

Critical situation	To watch	Weak but improving	Good but to monitor	On average	Better than average	Best performers

(1) Aġġornament tal-5 ta' Mejju 2025. L-Istati Membri huma kkategorizzati abbażi tat-Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali skont metodoloġija miftiehma mal-Kumitati EMCO u SPC. Ikkonsulta l-Anness tal-Joint Employment Report 2025 għad-dettalji dwar il-metodoloġija (https://employment-social-affairs.ec.europa.eu/joint-employment-report-2025-0_en?prefLang=mt).
Sors: L-Eurostat

Is-sistema tas-saħħa ta' Malta qed tiffaċċja sfidi li jeħtieġ li jiġu indirizzati jekk il-pajjiż irid itejjeb is-saħħa tal-popolazzjoni tiegħu u l-ekwità soċjali, filwaqt li jagħti spinta lill-kompetittività tal-ekonomija tiegħu. L-isfidi ewlenin huma ż-żieda fid-domanda għas-servizzi minħabba ż-żieda fil-popolazzjoni, il-pagamenti għoljin mill-but għall-kura tas-saħħa, u prevalenza għolja ta' piż żejjed u obeżità. Dawn l-isfidi huma prinċipalment dovuti għal: (i) finanzjament insuffiċjenti; (ii) nuqqasijiet ta' ħaddiema fil-qasam tas-saħħa; (iii) infiq limitat fuq il-prevenzjoni; u (iv) nuqqasijiet fl-effettività tal-miżuri preventivi attwali.

L-istennija tal-għomor mat-twelid f'Malta reġgħet qabżet il-livell tagħha ta' qabel il-COVID-19 u kienet waħda mill-ogħla fl-UE fl-2023. In-nisa jistgħu jistennew li jgħixu 3,6 snin aktar mill-irġiel, iżda madwar kwint ta' sena aktar biss fi stat tajjeb ta' saħħa. Il-mortalità li tista' tiġi ttrattata hija aktar baxxa mill-medja tal-UE, u dan jissuġġerixxi li s-sistema tas-saħħa hija relattivament effettiva. Il-mard tas-sistema ċirkolatorja ("mard kardjovaskulari") u l-kanċer huma l-kawżi ewlenin tal-mewt, iżda b'rati ta' mortalità aktar baxxi mill-medja tal-UE. Is-saħħa mentali hija prijorità fil-qafas tal-istrateġija nazzjonali tas-saħħa ta' Malta għall-2020-2030, appoġġjata mill-istrateġija dwar is-saħħa mentali 2020-2030. L-istrateġija tiffoka fuq: (i) id-determinanti soċjali; (ii) it-trasformazzjoni tat-twassil tas-servizz; (iii) l-appoġġ għall-individwi u n-networks tagħhom; u (iv) it-tisħiħ tas-servizzi permezz tal-integrazzjoni, l-investiment u l-innovazzjoni. Stadju importanti ewlieni kien it-tnedija ta' hotline 24/7 dwar is-saħħa mentali lejn l-aħħar tal-2022. Malta tipparteċipa f'diversi azzjonijiet konġunti ffinanzjati mill-programm l-UE għas-Saħħa, li għandhom l-għan li jnaqqsu l-piż tal-mard kardjovaskulari, il-kanċer, id-dijabete u l-mard respiratorju, u li jtejbu s-saħħa mentali.

Graff A14.1: **L-istennija tal-għomor mat-twelid, snin**



Sors: L-Eurostat (demo_mlexpec)

Graff A14.2: **Mortalità li tista' tiġi ttrattata**



Rata tal-imwiet standardizzata skont l-età **(mortalità li tista' tiġi evitata permezz ta' kura tas-saħħa ta' kwalità ottimali)**
Sors: L-Eurostat (hlth_cd_apr)

In-nefqa fuq is-saħħa f'Malta hija aktar baxxa mill-medja tal-UE, kif ukoll is-sehem tal-infiq fuq is-saħħa kopert mill-fondi pubbliċi. Fl-2022, l-infiq fuq is-saħħa għal kull abitant (aġġustat għad-differenzi fil-kapaċità tal-akkwist) kien aktar baxx mill-medja tal-UE, u 67 % biss minnu kien iffinanzjat pubblikament. L-akbar sehem tan-nefqa fuq is-saħħa, ogħla mill-medja tal-UE, kien għall-kura outpatient. Dan, flimkien ma' għadd relattivament baxx ta' sodod tal-isptarijiet (335 għal kull 100 000 persuna fl-2022 meta mqabbla mal-medja tal-UE ta' 444), jindika l-enfasi organizzattiva ta' Malta fuq il-kura primarja. Dan jaqbel max-xejra tar-riforma tas-sistema tas-saħħa osservata f'pajjiżi oħra. L-infiq pubbliku bħala proporzjon tan-nefqa totali fuq is-saħħa f'Malta kien fost l-aktar baxxi fl-UE fl-2022. Dan issarraf f'wieħed mill-ogħla proporzjonijiet ta' pagamenti mill-but għall-kura tas-saħħa fl-UE (30 % fl-2022, aktar mid-doppju tal-medja tal-UE)

([179]). L-akbar sehem ta' pagamenti mill-but mar għall-kura outpatient, segwit minn oġġetti mediċi bl-imnut, kura inpatient u dentali. Minkejja l-pagamenti għoljin mill-but għall-kura tas-saħħa, Malta tkompli tirrapporta wieħed mill-aktar livelli baxxi ta' ħtiġijiet mhux issodisfati awtodikjarati għall-kura medika fl-UE, b'0,3 % tal-popolazzjoni fl-2024 meta mqabbla ma' 2,5 % tal-medja tal-UE. Fl-istess ħin, minħabba t-tixjiħ, iż-żieda pprojettata fl-infiq fil-kura tas-saħħa pubblika tqajjem tħassib dwar is-sostenibbiltà fiskali għal Malta (ara l-Anness 1). Fl-2022, l-investimenti fil-formazzjoni tal-kapital tas-saħħa bħala sehem min-nefqa totali fuq is-saħħa kienu fost l-aktar baxxi fl-UE ([180]). Dan jista' jiġi rifless mill-iskarsezza ta' teknoloġiji dijanjostiċi ewlenin (immaġnijiet mediċi), madankollu s-sitwazzjoni qed titjieb f'dan ir-rigward. Malta tinvesti EUR 36,7 miljun permezz tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP) tagħha, u EUR 155 miljun ([181]) mill-fondi tal-politika ta' koeżjoni biex ittejjeb l-aċċessibbiltà, l-effettività u r-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa.

Fir-rigward tas-saħħa pubblika, Malta tiffoka b'mod modest fuq il-prevenzjoni tal-mard. Fl-2022, l-infiq fuq il-prevenzjoni f'Malta ammonta għal 1,2 % tal-infiq totali fuq is-saħħa, ħafna inqas mill-medja tal-UE ta' 5,5 %. Dan is-sehem ilu jonqos f'dawn l-aħħar snin, għall-kuntrarju tax-xejra fl-UE kollha, xprunata minn nefqa eċċezzjonali relatata mal-COVID-19. Aktar minn terz tal-imwiet kollha f'Malta huma xprunati minn fatturi ta' riskju ta' mġiba. Ir-riskji tad-dieta u t-tipjip huma kontributuri ewlenin għall-mortalità. Il-proporzjon tal-popolazzjoni li rrapportat il-konsum ta' kuljum tal-ħxejjex fl-2022 kien fost l-aktar baxxi fl-UE, kif kienet ukoll il-frekwenza tal-attività fiżika barra mill-ħin tax-xogħol. Dawn il-fatturi jikkontribwixxu għall-prevalenza għolja tal-pajjiż ta' piż żejjed u obeżità, li min-naħa tagħhom jixprunaw ir-rati ta' mortalità komparattivament għoljin tiegħu mid-dijabete u l-mard iskemiku tal-qalb. Il-kanċer tal-pulmun huwa t-tieni kawża ewlenija ta' mortalità li tista' tiġi evitata f'Malta, li tista' tkun marbuta ma' rati għoljin ta' tipjip.

Il-Gvern Malti qed iwettaq azzjonijiet immirati biex jiġġieled kontra kundizzjonijiet kroniċi bħall-obeżità, id-dijabete u l-kanċer permezz tal-istrateġija tas-sistemi tas-saħħa nazzjonali 2023-2030. L-inizjattivi ewlenin jinkludu: (i) it-tisħiħ tas-servizzi tal-kura tas-saħħa; (ii) it-tisħiħ tal-programmi ta' attività fiżika; (iii) l-espansjoni tal-monitoraġġ mill-bogħod tal-pazjenti; u (iv) servizzi ta' skrinjar opportunistiċi fil-komunità għal diversi mard komuni mhux komunikabbli.

Qafas nazzjonali għandu l-għan li jipprevjeni l-mard mhux komunikabbli, billi jindirizza l-isfidi sistemiċi fis-sistema tas-saħħa u l-oqsma ta' prijorità mmirati lejn fatturi ta' riskju ewlenin jew determinanti tas-saħħa. L-isforzi għall-prevenzjoni tal-kanċer jinkludu l-espansjoni tal-programmi ta' skrinjar, tas-servizzi ġenetiċi, u tat-trattamenti bbażati fid-dar skont inizjattivi ġodda li jsegwu minn pjanijiet nazzjonali preċedenti dwar il-kanċer. L-RRP Malti jindirizza wkoll dawn il-kwistjonijiet billi jistabbilixxi qafas strateġiku ffukat fuq il-prevenzjoni u jirrevedi l-istrutturi legali biex jappoġġja ċentru tad-demm, tat-tessuti u taċ-ċelloli. L-investimenti jinkludu titjib dijanjostiku u l-akkwist ta' tagħmir tar-radjoterapija. Malta waqqfet ukoll programm ta' ttestjar tas-smigħ tat-trabi tat-twelid biex tidentifika l-problemi tas-smigħ kmieni kemm jista' jkun. Fl-aħħar nett, rapport dwar il-prevalenza tal-obeżità fost it-tfal li għandhom 4–5 snin f'Malta jenfasizza x-xejriet, il-fatturi ta' riskju u l-impatti ta' intervent, bl-għan li jiggwida l-politika, iqajjem kuxjenza u jidentifika d-disparitajiet fis-saħħa.

([179]) OECD/Kummissjoni Ewropea (2024), Health at a Glance: Europe 2024 - State of Health in the EU Cycle, pp.186-187.
([180]) Ara Health at a Glance Europe 2018, 2020, 2022 u 2024.
([181]) Id-data tal-politika ta' koeżjoni tal-UE tirrifletti l-istatus mit-13 ta' Mejju 2024.

Tabella A14.1: **Indikaturi tas-saħħa ewlenin**

	2019	2020	2021	2022	2023	EU average* (latest year)
Cancer mortality per 100 000 population	203.5	212.5	198.3	209.5	n.a.	234.7 (2022)
Mortality due to circulatory diseases per 100 000 population	298.9	286.0	271.8	273.8	n.a.	336.4 (2022)
Current expenditure on health, purchasing power standards, per capita	2 957	3 027	3 391	3 427	n.a.	3 684.6 (2022)
Public share of health expenditure, % of current health expenditure	62.5	66.7	67.4	67.0	n.a.	81.3 (2022)
Spending on prevention, % of current health expenditure	1.5	1.5	1.2	1.2	n.a.	5.5 (2022)
Available hospital beds per 100 000 population**	321	349	343	335	n.a.	444 (2022)
Doctors per 1 000 population*	4.0	4.2	4.3	4.5	n.a.	4.2 (2022)*
Nurses per 1 000 population*	7.7	8.0	8.0	7.8	n.a.	7.6 (2022)*
Mortality at working age (20-64 years), % of total mortality	13.1	14.1	13.8	13.4	12.2	14.3 (2023)
Number of patents (pharma / biotech / medical technology)	2	1	7	9	17	29 (2023)***
Total consumption of antibacterials for systemic use, daily defined dose per 1 000 inhabitants****	20.7	16.6	15.8	24.0	22.9	20.0 (2023)

*Il-medja tal-UE hija ponderata għall-indikaturi kollha ħlief għat-tobba u l-infermiera għal kull 1 000 persuna, li għalihom tintuża l-medja sempliċi tal-UE abbażi tad-data tal-2022 (jew l-aħħar tal-2021) ħlief għal-Lussemburgu (2017). Id-data dwar id-densità tat-tobba tirreferi għat-tobba prattikanti fil-pajjiżi kollha minbarra l-Greċja, il-Portugall (liċenzjati biex jipprattikaw) u s-Slovakkja (professjonalment attiva). Densità tal-infermiera: id-data tirreferi għall-infermiera prattikanti (kwalifika rikonoxxuta mill-UE) fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi ħlief Franza u s-Slovakkja (professjonalment attivi) u l-Greċja (sptar biss). **"Sodod tal-isptar disponibbli" tkopri l-kura somatika, mhux il-kura psikjatrika. ***Il-medjan tal-UE jintuża għall-privattivi.
Sors: Il-bażi tad-data tal-Eurostat; L-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi; ****Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC) għall-2023.

Malta implimentat diversi riformi biex tindirizza n-nuqqas tagħha ta' ħaddiema tas-saħħa. Malta għandha aktar tobba mill-medja tal-UE (4,5 meta mqabbla ma' 4,2 għal kull 1 000 persuna fl-2022), filwaqt li l-għadd ta' infermieri huwa qrib il-medja tal-UE (ara l-Anness 10). Bħala pajjiż żgħir, Malta qed tiffaċċja sfidi uniċi biex tattira u żżomm professjonisti tas-saħħa speċjalizzati. Kwistjonijiet ewlenin jinkludu l-"eżodu ta' mħuħ", fejn il-persunal mediku lokali jemigra lejn pajjiżi li joffru opportunitajiet ta' impjieg aħjar u esponiment għal firxa usa' ta' każijiet mediċi. Fil-passat, in-nuqqasijiet marru għall-agħar minn għadd dejjem jikber ta' infermiera li jitilqu minn Malta biex jaħdmu f'pajjiżi oħra (li jitkellmu bl-Ingliż) b'kundizzjonijiet tax-xogħol aktar attraenti([182]). Biex tindirizza dawn l-isfidi u ttaffi l-impatt tagħhom fuq is-sistema tas-saħħa u l-kura tal-pazjenti, Malta tejbet il-pakketti ta' remunerazzjoni għall-ispeċjalisti biex jikkompetu aħjar ma' swieq oħra tal-UE u tar-Renju Unit. Malta tiddependi pjuttost fuq l-infermiera barranin, speċjalment fl-isptarijiet. Malta hija mistennija wkoll li tkun aktar affettwata mit-tibdil demografiku mill-biċċa l-kbira tal-pajjiżi l-oħra tal-UE ([183]). Biex tindirizza n-nuqqasijiet fil-forza tax-xogħol, Malta nediet l-ewwel strateġija nazzjonali tagħha dwar il-forza tax-xogħol tas-saħħa fl-2022. L-għanijiet ewlenin tal-istrateġija huma li: (i) tattira, tiżviluppa, iżżomm u tiġġestixxi forza tax-xogħol inklużiva u reżiljenti; (ii) tippromwovi prattiki ta' ġestjoni effettivi; u (iii) tappoġġja t-tkabbir professjonali b'rispons għall-ħtiġijiet tas-soċjetà. Din tinkludi għodda għall-ippjanar u t-tbassir tar-riżorsi umani biex tissaħħaħ is-sostenibbiltà tal-forza tax-xogħol. L-RRP Malti jappoġġja wkoll dawn l-għanijiet billi jiffoka fuq l-ippjanar tal-forza tax-xogħol u l-miżuri ta' żamma.

Il-potenzjal tas-sistema tas-saħħa Maltija li tixpruna l-innovazzjoni u trawwem l-iżvilupp industrijali fis-settur mediku tal-UE għadu fil-biċċa l-kbira mhux sfruttat. Malta hija fost il-pajjiżi tal-UE li jirrapportaw l-inqas infiq pubbliku fuq ir-riċerka u l-iżvilupp tas-saħħa, li parzjalment jirrifletti d-daqs modest tal-pajjiż u s-sistema tas-saħħa tiegħu. Dan huwa rifless fl-għadd baxx ta' privattivi Ewropej iġġenerati: 17 fl-2023 fl-oqsma kkombinati tal-farmaċewtiċi, il-bijoteknoloġiji u l-apparat mediku (meta mqabbel mal-medjan fil-livell tal-UE ta' 29) ([184]).

Malta għandha l-għan li żżid id-diġitalizzazzjoni tas-sistema tas-saħħa tagħha, **b'appoġġ mill-programmi tal-UE.** Is-sehem ta' persuni li jaċċessaw ir-rekords tas-saħħa personali tagħhom online f'Malta huwa ogħla mill-medja tal-UE (41,6 fl-2024 meta mqabbel ma' 27,6). Madankollu, l-użu tas-servizzi tas-saħħa online (minbarra t-telefown) minflok il-konsultazzjonijiet wiċċ imb wiċċ kien ħafna aktar baxx. Id-diġitalizzazzjoni tas-servizzi tas-saħħa u l-

([182]) Malta is facing exodus of nurses to the UK (timesofmalta.com).

([183]) Sors: https://economy-finance.ec.europa.eu/system/files/2021-10/ip148_en.pdf

([184]) L-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi, Data to download | epo.org.

għażliet tal-kura mill-bogħod qed isiru aktar mifruxa. Malta adottat pjan direzzjonali strateġiku għas-saħħa diġitali bħala parti mill-istrateġija tagħha għas-sistemi tas-saħħa nazzjonali 2023-2030. Dan il-pjan direzzjonali għandu l-għan li jiggwida l-integrazzjoni tat-teknoloġiji diġitali fl-ekosistema nazzjonali tal-kura tas-saħħa sal-2030. Dan jiffoka fuq it-tisħiħ tal-kura ċċentrata fuq il-pazjent, il-kisba tal-integrazzjoni tas-sistema, u l-iżgurar tal-kontinwità fis-sistema tal-kura tas-saħħa kollha. L-oqsma ewlenin indirizzati jinkludu l-interoperabbiltà bejn is-sistemi tal-IT tal-kura tas-saħħa, l-istrutturi ta' governanza, u l-opportunitajiet għall-innovazzjoni fil-kura tas-saħħa. Investimenti sinifikanti skont l-RRP u l-politika ta' koeżjoni għandhom l-għan li jagħtu spinta lit-trasformazzjoni diġitali tas-settur tal-kura tas-saħħa f'Malta. Il-miżuri jiffukaw fuq il-bini u t-titjib tal-għodod tas-saħħa diġitali, is-servizzi u l-applikazzjonijiet tas-saħħa elettronika. Barra minn hekk, Malta tipparteċipa f'azzjonijiet konġunti u tirċievi għotjiet diretti taħt il-programm l-UE għas-Saħħa, bl-għan li ttejjeb l-interoperabbiltà semantika tad-data dwar is-saħħa u tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa.

Dan l-Anness jivvaluta l-progress ta' Malta fuq l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs, Sustainable Development Goals) tul id-dimensjonijiet tal-kompetittività, is-sostenibbiltà, l-ekwità soċjali u l-istabbiltà makroekonomika. Is-17-il SDG u l-indikaturi relatati tagħhom jipprovdu qafas ta' politika skont l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli. L-għan huwa li jintemmu l-forom kollha ta' faqar, jiġu miġġielda l-inugwaljanzi u jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, filwaqt li jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma kommessi favur dan il-ftehim qafas dinji storiku u lesti li jaqdu rwol attiv fil-massimizzazzjoni tal-progress fuq l-SDGs. Il-graff ta' hawn taħt hija bbażata fuq is-sett ta' indikaturi tal-SDGs tal-UE żviluppati biex jimmonitorja l-progress fl-SDGs fl-UE.

Fir-rigward tal-SDGs relatati mal-*kompetittività,* Malta tmur tajjeb fir-rigward tax-xogħol deċenti u t-tkabbir ekonomiku (SDG 8) iżda, għalkemm qed tavvanza, jeħtieġ li tlaħħaq mal-medja tal-UE dwar l-SDG 9 (Industrija, innovazzjoni u infrastruttura) kif ukoll l-edukazzjoni ta' kwalità (SDG 4). Malta żiedet b'mod kostanti r-rata tal-edukazzjoni terzjarja tagħha minn 41 % fl-2019 għal 46,9 % fl-2024 (meta mqabbla ma' 44,2 % għall-UE; SDG 4). Barra minn hekk, kemm il-parteċipazzjoni tal-adulti fl-apprendiment f'dawn l-aħħar erba' ġimgħat (18,4 %) kif ukoll il-perċentwal ta' adulti b'mill-inqas ħiliet diġitali bażiċi (SDG 4; 63 %) huma ogħla mill-medja tal-UE (13,3 % u 55,6 %, rispettivament). Madankollu, fir-rigward tal-innovazzjoni (l-SDG 9), is-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni ta' Malta tbati minn nuqqas ta' investiment kif jidher fl-indikatur dwar in-nefqa domestika grossa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp (0,64 % tal-PDG fl-2023 meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 2,24 %) u s-sehem tal-persunal tar-riċerka u l-iżvilupp (0,74 % tal-popolazzjoni attiva fl-2023 meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 1,56 %). Filwaqt li jikkomplementa l-Fondi ta' Koeżjoni, il-pjan għall-

Graff A15.1:**Progress lejn l-SDGs f'Malta**



Għal settijiet ta' data dettaljati dwar id-diversi SDGs, ara r-rapport annwali tal-Eurostat "Sustainable development in the European Union"; għal dettalji dwar data estensiva speċifika għall-pajjiżi fejn jidħol il-progress fuq perjodu qasir fl-Istati Membri: Key findings – Sustainable development indicators - Eurostat (europa.eu). Status għoli ma jfissirx li l-pajjiż ikun qrib li jilħaq SDG speċifiku, iżda jindika li jkun sejjer aħjar mill-medja tal-UE. Il-punteġġ tal-progress huwa miżura assoluta bbażata fuq ix-xejriet tal-indikaturi matul l-aħħar 5 snin. Il-kalkolu ma jqis l-ebda valur fil-mira, peress li l-biċċa l-kbira tal-miri ta' politika tal-UE huma validi biss għal-livell aggregat tal-UE. Skont id-data disponibbli għal kull mira, mhux is-17-il SDG kollha għal kull pajjiż qed jidhru.
Sors: L-Eurostat, l-aħħar aġġornament tat-28 ta' April 2025. Id-data tirreferi prinċipalment għall-perjodu 2018-2023 jew 2019-2024. Id-data dwar l-SDGs tista' tvarja bejn ir-rapport u l-annessi tiegħu minħabba dati ta' skadenza differenti.

irkupru u r-reżiljenza (RRP) jimmira lejn l-ostakli fid-diġitalizzazzjoni biex itejjeb il-progress fl-ilħuq tal-SDG 9 (Industrija, innovazzjoni u infrastruttura). Il-Politika ta' Koeżjoni tappoġġja wkoll, fost l-oħrajn, l-infrastruttura u t-tagħmir tar-R&I, u l-iżvilupp ta' ċentru ta' inkubazzjoni tan-negozju li jsaħħaħ il-kompetittività tal-ekonomija ta' Malta.

Filwaqt li Malta qed titjieb fuq diversi SDGs relatati mas-*sostenibbiltà* (SDGs 2, 9, 11, 12, 13, 15), l-istatus tagħhom għadu taħt il-medja tal-UE. Malta għandha prestazzjoni tajba fl-SDG 7 (Enerġija affordabbli u nadifa) u l-SDG 14 (Ħajja taħt l-ilma). Għalkemm il-konsum tal-enerġija *per capita* ta' Malta huwa taħt il-medja tal-UE (SDG 7), is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija (15,1 %), għalkemm qed jitjieb, għadu ferm taħt il-medja tal-UE (24,6 % fl-2023; SDG 13). Fir-rigward tal-enerġija affordabbli, il-perċentwal tal-popolazzjoni Maltija li ma tistax iżżomm id-djar tagħha sħan b'mod adegwat (6,8 % fl-2023) huwa taħt il-medja tal-UE (10,6 %). Il-ġenerazzjoni tal-iskart *per capita* għandha xejra 'l isfel iżda tibqa' ogħla mill-medja tal-UE fl-2022 (MT: 5 004 kg meta mqabbel mal-UE: 4 991 kg) (SDG 12), u r-rata ta' riċiklaġġ tal-iskart muniċipali hija inqas minn terz tal-medja tal-UE (17,3 % meta mqabbla ma' 48,2 % għall-UE fl-2023; SDG 11). Hija 7,4 % biss tal-popolazzjoni ta' Malta li kienet konnessa mill-inqas ma' trattament tal-ilma mormi sekondarju fl-2022 meta mqabbel ma' 80,9 % fil-livell tal-UE (l-SDG 11). Diversi miżuri fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP) ta' Malta għandhom l-għan li jikkontribwixxu għal effiċjenza enerġetika aħjar, enerġija nadifa, trasport sostenibbli, u ekonomija ċirkolari. Eżempji jinkludu r-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika ta' bini privat u pubbliku, investimenti u riformi biex tiżdied il-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli, il-promozzjoni tat-trasport sostenibbli, u titjib fil-ġestjoni tal-iskart u miżuri biex jiżdiedu r-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid, inkluż fl-industriji tal-kostruzzjoni u tad-demolizzjoni. Flimkien mal-RRF, il-Politika ta' Koeżjoni tappoġġja wkoll soluzzjonijiet multimodali biex tittejjeb il-mobbiltà (eż. mogħdijiet pedonali, korsiji għaċ-ċikliżmu) u investiment f'impjant tal-ipproċessar organiku biex jitnaqqas l-ammont ta' skart organiku li jmur fil-landfills.

Malta għandha prestazzjoni tajba fir-rigward tax-xogħol deċenti u t-tkabbir ekonomiku (SDG 8) u l-enerġija affordabbli u nadifa (SDG 7) u, għalkemm għadha taħt il-medja tal-UE, qed ittejjeb l-edukazzjoni u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri (SDGs 4, 5). Madankollu, qed titbiegħed minn diversi SDGs relatati mal-*ekwità soċjali*, inklużi dawk li jindirizzaw il-faqar u l-inugwaljanzi (SDGs 1, 3, 10). Malta għandha ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati awtodikjarati baxxi ħafna (0,1 % fl-2023 meta mqabbla ma' 2,4 % għall-UE), iżda r-rata tal-obeżità hija ogħla mill-medja tal-UE u qed tiżdied filwaqt li l-istennija tal-għomor, kemm persuna ddum f'saħħitha mit-twelid, għalkemm għadha ogħla mill-medja tal-UE, qed tonqos (SDG 3). L-aċċidenti fatali fuq il-post tax-xogħol żdiedu b'mod sinifikanti għal 5,28 għal kull 100 000 ħaddiem fl-2022 u issa huma ferm ogħla mill-medja tal-UE (1,66 għal kull 100 000 ħaddiem) (SDG 3). Fir-rigward tal-SDG 4 (Edukazzjoni ta' kwalità), Malta naqqset b'mod sinifikanti s-sehem tagħha ta' dawk li jitilqu kmieni mill-edukazzjoni u t-taħriġ, li naqas minn 14,2 % (2019) għal 9,6 % fl-2024, għalkemm għadu kemxejn ogħla mill-medja tal-UE (9,3 %). Hemm lok għal titjib fiż-żieda fil-livelli tal-ħiliet bażiċi (32,6 % ta' dawk li għandhom 15-il sena bi prestazzjoni baxxa fil-matematika meta mqabbel ma' 29,5 % fl-UE fil-Programm tal-OECD għall-Valutazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti (PISA) 2022). Is-sehem ta' tfal ta' aktar minn 3 snin fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal kien ta' 93,2 % fl-2023, kemxejn taħt il-medja tal-UE (94,6 %). Barra minn hekk, id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi (SDG 5), għalkemm qed titjieb, għadha kbira f'Malta (13,4-il punt perċentwali (pp.) meta mqabbla ma' 10 pp. għall-UE fl-2024). Għalkemm is-sehem ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (SDG 1) għadu taħt il-medja tal-UE (MT: 19,8 % meta mqabbel mal-UE: 21,3 % fl-2023), hemm diskrepanza urbana-rurali sinifikanti (SDG 10). Ir-riformi u l-investimenti fl-RRP Malti qed jgħinu biex tissaħħaħ is-sistema tas-saħħa, jipprovdu edukazzjoni u taħriġ inklużivi ta' kwalità, u jippromwovu l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol.

Malta għandha prestazzjoni tajba fir-rigward tal-SDGs relatati mal-*istabbiltà makroekonomika* (SDGs 8, 16, 17). Rigward xogħol diċenti u tkabbir ekonomiku (SDG 8), Malta kompliet iżżid ir-rata tal-impjiegi tagħha minn 75,6 % fl-2019 għal 83 % fl-2024, li hija għolja ħafna meta mqabbel mal-medja tal-UE (75,8 % fl-2024). Is-sehem ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, l-impjieg jew it-taħriġ, li kien ta' 7,2 % fl-2024, huwa taħt il-medja tal-UE (11 %) u l-qgħad fit-tul huwa baxx ħafna (0,7 % meta mqabbel ma' 1,9 % għall-UE fl-2024). Id-dejn

gross tal-gvern estiż, li huwa ta' 47,4 % tal-PDG, huwa ferm taħt il-medja tal-UE (81 % tal-PDG fl-2024) (SDG 17). Għalkemm b'mod ġenerali Malta għandha prestazzjoni ogħla mill-medja tal-UE fl-SDG 16 (Paċi, ġustizzja, u istituzzjonijiet b'saħħithom), Malta għandha punteġġ agħar mill-UE fl-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni (46 meta mqabbel ma' 62 fl-UE fl-2024, b'0 jirrappreżenta korruzzjoni għolja u 100 jirrappreżenta trasparenza għolja). L-RRP jinkludi riformi biex jiġu indirizzati diversi sfidi istituzzjonali li ilhom jeżistu relatati mal-ġustizzja kif ukoll mal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus.

Billi l-SDGs jiffurmaw qafas ġenerali, kull rabta mal-SDGs rilevanti hija spjegata jew murija b'ikoni fl-Annessi l-oħra.

Malta qed tiffaċċja sfidi strutturali f'firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika, kif identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż (CSRs, country-specific recommendations) indirizzati lill-pajjiż bħala parti mis-Semestru Ewropew. Dawn jirreferu, fost affarijiet oħra, għall-evitar tat-taxxa, il-ħiliet u l-edukazzjoni, it-trasport, l-enerġija u l-politika ambjentali.

Il-Kummissjoni vvalutat is-CSRs tal-2019-2024 filwaqt li qieset l-azzjoni politika meħuda minn Malta sal-lum u l-impenji fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP, recovery and resilience plan) tagħha. F'dan l-istadju, Malta għamlet mill-anqas "xi progress" f'44 % tas-CSRs, ([185]), u "progress limitat" f'40 % minnhom (Tabella A16.2).

L-istrumenti ta' finanzjament tal-UE jipprovdu riżorsi konsiderevoli lil Malta billi jappoġġjaw l-investimenti u r-riformi strutturali biex jiżdiedu l-kompetittività, is-sostenibbiltà ambjentali u l-ekwità soċjali, filwaqt li jgħinu biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati fis-CSRs. Minbarra l-finanzjament ta' EUR 328 miljun mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) fl-2021-2026, il-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-UE ([186]) qed jipprovdu EUR 772,8 miljun lil Malta (li jammontaw għal EUR 1,2 biljun b'kofinanzjament nazzjonali) għall-2021-2027 ([187]) biex tingħata spinta lill-kompetittività u lit-tkabbir. L-appoġġ minn dawn l-istrumenti flimkien jirrappreżenta madwar 5,4 % tal-PDG tal-2024 ([188]). Il-kontribut ta' dawn l-istrumenti għal objettivi ta' politika differenti huwa deskritt fil-Graffs A16.1 u A16.2. Dan l-appoġġ sostanzjali jiżdied mal-finanzjament ipprovdut lil Malta taħt il-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020, li ffinanzja proġetti sal-2023 u kellu benefiċċji sinifikanti għall-ekonomija u s-soċjetà Maltija. L-għażla tal-proġetti taħt il-programmi tal-politika ta' koeżjoni 2021-2027 tħaffet u tinsab fi stadju avvanzat.

L-RRP Malti fih 16-il investiment u 31 riforma biex jistimulaw it-tkabbir sostenibbli, jgħinu biex iħaffu t-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, u jagħmlu l-ekonomija u s-soċjetà aktar reżiljenti. Sena qabel tmiem il-perjodu ta' żmien tal-RRF, l-implimentazzjoni tinsab fi triqitha, b'51 % tal-fondi żborżati. Malta laħqet 39 % tal-istadji importanti u l-miri fl-RRP tagħha ([189]). L-isforzi għandhom ikomplu jiżguraw it-tlestija tal-miżuri kollha tal-RRP sal-31 ta' Awwissu 2026.

Malta tirċievi wkoll finanzjament minn diversi strumenti oħra tal-UE, inklużi dawk elenkati fit-Tabella A16.1. B'mod partikolari, il-politika agrikola komuni (PAK) tipprovdi lil Malta b'kontribuzzjoni tal-UE ta' EUR 122,3 miljun skont il-pjan strateġiku tal-PAK 2023-2027 ([190]). EUR 107,2 miljun oħra huma disponibbli taħt il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF), flimkien mal-istrument għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi (BMVI) u l-fondi għas-sigurtà interna. Operazzjonijiet li jammontaw għal EUR 50 miljun ([191]) ġew iffirmati taħt l-istrument InvestEU appoġġjati mill-garanzija tal-UE, li jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament għal operazzjonijiet aktar riskjużi f'Malta.

([185]) Mal-10 % tas-CSRs tal-2019-2024 ġew implimentati bis-sħiħ, 4 % ġew implimentati b'mod sostanzjali, u sar xi progress f'44 % minnhom.

([186]) Fl-2021-2027, il-fondi tal-politika ta' koeżjoni jinkludu l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Soċjali Ewropew Plus u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta. . L-informazzjoni dwar il-politika ta' koeżjoni inkluża f'dan l-anness hija bbażata fuq programmi adottati bid-data limitu tal-5 ta' Mejju 2025.

([187]) Il-programmi ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea (KTE) huma esklużi miċ-ċifra.

([188]) Il-finanzjament taħt l-RRF jinkludi kemm għotjiet kif ukoll self, fejn applikabbli. Iċ-ċifri tal-PDG huma bbażati fuq id-data tal-Eurostat għall-2024.

([189]) Sa nofs Mejju 2025, Malta ssottomettiet 3 talbiet għal pagament, li l-aħħar waħda minnhom għadha qed tiġi vvalutata.

([190]) Ħarsa ġenerali lejn l-istrateġija approvata formalment ta' Malta biex timplimenta l-politika agrikola komuni tal-UE fuq livell nazzjonali tista' tinstab fuq: https://agriculture.ec.europa.eu/cap-my-country/cap-strategic-plans/malta_mt

([191]) Id-data tirrifletti s-sitwazzjoni fil-31.12.2024.

Graff A16.1:**Distribuzzjoni tal-finanzjament tal-RRF f'Malta skont il-qasam ta' politika**



(1) Kull miżura tal-RRP tgħin biex jintlaħqu l-għanijiet ta' tnejn mis-sitt pilastri ta' politika tal-RRF. Il-kontribut primarju jintwera fiċ-ċirku ta' barra, filwaqt li l-kontribut sekondarju jintwera fiċ-ċirku ta' ġewwa. Kull ċirku jirrappreżenta 100 % tal-fondi tal-RRF. Għalhekk, il-kontribuzzjoni totali għall-pilastri kollha murija f'din iċ-ċart tammonta għal 200 % tal-fondi tal-RRF allokati.

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Graff A16.2:**Tqassim tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni fost l-objettivi ta' politika f'Malta**



Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Il-fondi tal-politika ta' koeżjoni għandhom l-għan li jżidu l-produttività u l-kompetittività tal-kumpaniji Maltin u jtejbu l-ambjent tan-negozju. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) qed jgħin biex titrawwem il-kompetittività f'Malta, pereżempju, billi jiffinanzja ċentru kbir ta' inkubazzjoni għal negozji innovattivi (iċ-Ċentru ta' Inkubazzjoni tan-Negozju f'Ħal Far), fejn jinvesta total ta' EUR 25 miljun. Il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) jalloka 19,5 % tal-baġit tiegħu għat-tisħiħ tal-impjiegi u l-ekonomija soċjali f'Malta, b'enfasi fuq li ż-żgħażagħ jidħlu fid-dinja tax-xogħol, inċentivi għall-ħolqien tal-impjiegi, u l-iżvilupp tal-ħiliet fil-ħiliet ekoloġiċi u diġitali. EUR 3 miljun ta' kontribuzzjoni tal-UE se jintużaw biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol permezz ta' kampanji ta' informazzjoni mmirati u l-iżvilupp tal-ħiliet. L-edukazzjoni u t-taħriġ jirċievu 43 % tal-baġit tal-FSE+ biex jimmiraw lejn it-tluq bikri mill-iskola, jippromwovu l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u jappoġġjaw l-apprendiment tul il-ħajja, filwaqt li jenfasizzaw il-ħiliet diġitali u ekoloġiċi. B'mod speċifiku, 53 000 adult se jipparteċipaw f'opportunitajiet ta' apprendiment fi kważi 700 intrapriża żgħira u ta' daqs medju (SMEs), filwaqt li 12 000 żagħżugħ u żagħżugħa se jieħdu sehem f'miżuri ta' impjieg (Garanzija għaż-Żgħażagħ, Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb).

Fondi oħra qed jikkontribwixxu għall-kompetittività f'Malta, pereżempju permezz ta' sejħiet miftuħa. Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa ffinanzjat investimenti strateġiċi li jiffukaw fuq it-trasport bit-triq, li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi; kif ukoll fir-rigward tal-modernizzazzjoni tal-infrastruttura tat-trasport marittimu. Orizzont Ewropa appoġġja r-riċerka u l-innovazzjoni, minn skoperti xjentifiċi saż-żieda fl-innovazzjonijiet, bit-twessigħ tal-parteċipazzjoni u t-tixrid tal-eċċellenza u l-innovazzjoni Ewropea bħala prijoritajiet ewlenin. L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI) fl-2024 appoġġja lil Malta biex ittejjeb ir-riformi strateġiċi tal-amministrazzjoni tat-taxxa; biex tibni kapaċità għall-ġlieda kontra l-ippjanar aggressiv tat-taxxa; biex iżżid il-litteriżmu finanzjarju; biex ittejjeb l-aċċess għall-ġustizzja permezz tal-applikazzjoni ta' approċċ ta' ġustizzja bejn il-persuni; biex issawwar strateġija nazzjonali għall-ħiliet immirata lejn is-settur marittimu; biex timplimenta l-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa u sabiex tippromwovi s-saħħa mentali taż-żgħażagħ billi jiġu indirizzati r-riskji tal-logħob tal-azzard u tal-logħob tal-azzard online. It-TSI qed jgħin ukoll lil Malta timplimenta riformi speċifiċi marbuta mal-RRP tagħha.

L-RRP ta' Malta fih ukoll miżuri ambizzjużi biex jittejbu l-ambjent tan-negozju u l-kompetittività. Fost il-miżuri li tlestew jew li kienu qed jiġu implimentati fis-sena li għaddiet, Malta żiedet is-setgħat u l-persunal tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi biex issaħħaħ il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-kriminalità finanzjarja, u qed timplimenta l-istrateġija nazzjonali kontra l-ħasil tal-flus/il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu u l-pjan ta' azzjoni għall-2021-2023. Fl-industrija tal-kostruzzjoni, il-qafas ta' governanza tjieb bil-ħolqien ta' Regolatur għall-Bini, u ġie pprovdut taħriġ lill-professjonisti fl-industrija. L-istrateġija diġitali ta' Malta għall-2022-2027 qed tiġi implimentata biex titnaqqas

id-diskrepanza diġitali u jiġu promossi l-ħiliet diġitali. Dan jinkludi l-forniment ta' laptops, vawċers tal-internet u taħriġ lil individwi b'introjtu baxx. Qed isir ukoll investiment sinifikanti fid-diġitalizzazzjoni biex jiġu implimentati għodod diġitali siguri biex tiġi appoġġjata s-sistema ġudizzjarja.

Il-fondi tal-UE qed jaqdu rwol sinifikanti fil-promozzjoni tas-sostenibbiltà ambjentali f'Malta matul il-baġit attwali tal-UE ta' 7 snin (qafas finanzjarju pluriennali). Pereżempju, il-FEŻR qed jiffinanzja 30 km ta' pajpijiet ġodda/imtejbin fin-network pubbliku għall-ġbir tal-ilma mormi, għall-benefiċċju ta' popolazzjoni totali ta' aktar minn 100 000 persuna. Il-pjan strateġiku tal-PAK ta' Malta jalloka EUR 38 miljun (48 % tal-finanzjament għall-iżvilupp rurali) għall-objettivi ambjentali u klimatiċi u aktar minn EUR 10 miljun (25 % tal-pagamenti diretti) għal ekoskemi li jappoġġjaw it-trattament xieraq tal-annimali, il-bijodiversità jew il-ġestjoni integrata tal-pesti. Malta għandha wkoll l-għan li żżid b'mod sostanzjali s-sehem tagħha tal-biedja organika. Barra minn hekk, meta titqies l-iskarsezza tal-ilma, il-pjan jappoġġja wkoll investimenti, fost l-oħrajn, f'sistemi moderni ta' ġbir, ħżin u distribuzzjoni tal-ilma.

L-RRP ta' Malta, inkluż il-kapitolu REPowerEU, għandu sett komprensiv ta' riformi u investimenti għat-tranżizzjoni ekoloġika. Fost il-miżuri li tlestew jew li qed jiġu implimentati fl-aħħar sena, Malta qed tirrinnova żewġ skejjel pubbliċi biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika u qed tibni skola pilota kważi newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju. L-adozzjoni ta' vetturi elettriċi mis-settur privat qed tiġi promossa bl-għoti ta' għotjiet għax-xiri ta' tali vetturi. Il-ġestjoni tal-iskart qed tiġi msaħħa bl-applikazzjoni tar-responsabbiltà estiża tal-produttur għal setturi ġodda u bl-adozzjoni ta' strateġija dwar l-iskart tal-kostruzzjoni u tad-demolizzjoni.

Il-promozzjoni tal-ġustizzja u l-koeżjoni soċjali permezz tat-titjib tal-aċċess għas-servizzi bażiċi huma fost il-prijoritajiet ewlenin tal-finanzjament tal-UE f'Malta. Il-FEŻR qed iżid il-kapaċità tal-klassi fil-faċilitajiet edukattivi għal 1 200 student. Il-FSE+ f'Malta jiddedika 26,1 % tal-baġit tiegħu għall-inklużjoni soċjali, inkluż it-taħriġ għall-gruppi vulnerabbli, l-iżvilupp tal-ħiliet u l-inklużjoni attiva għall-persuni b'diżabilità. Jagħti wkoll prijorità lit-tfal żvantaġġati permezz tal-Garanzija għat-Tfal u jappoġġja l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-integrazzjoni soċjo-ekonomika għaċ-ċittadini ta' pajjiżi mhux tal-UE. Barra minn hekk, il-programm isaħħaħ is-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul billi jinvesti f'kampanji ta' taħriġ u prevenzjoni tal-forza tax-xogħol, bl-għan li jtejjeb l-aċċess għas-servizzi għal 6 500 parteċipant. L-azzjonijiet tal-inklużjoni soċjali għandhom ikunu ta' benefiċċju għal 1 500 persuna b'diżabilità u 1 200 ċittadin ta' pajjiżi mhux tal-UE. Barra minn hekk, l-AMIF jappoġġja l-kapaċità ta' akkoljenza (permezz tal-forniment ta' servizzi bażiċi u għajnuna materjali lill-migranti); l-effiċjenza u l-effettività tal-proċeduri tal-ażil; l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi (permezz tal-forniment ta' servizzi bħall-apprendiment tal-lingwi, il-medjazzjoni kulturali u l-iffaċilitar tal-aċċess għall-edukazzjoni u għas-suq tax-xogħol); u r-ritorni.

L-RRP ta' Malta fih diversi riformi u investimenti relatati mal-ġustizzja u l-politiki soċjali. Fost il-miżuri li tlestew jew li qed jiġu implimentati fis-sena li għaddiet, Malta qed tibni ċentru tad-demm, tat-tessuti u taċ-ċelloli li se jtaffi d-dipendenza ta' Malta fuq pajjiżi oħra għat-terapiji tad-demm, tat-tessuti u taċ-ċelloli. Malta qed tħaffef id-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-kura tas-saħħa tagħha, bl-użu ta' teknoloġiji ġodda biex ittejjeb il-kwalità tal-kura tal-pazjenti u tnaqqas il-ħinijiet ta' stennija. Qed jiġu implimentati bosta miżuri biex jiġi evitat it-tluq bikri mill-iskola. Biex jiġu estiżi l-opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid għall-adulti, b'enfasi partikolari fuq dawk b'livell baxx ta' ħiliet, ġie stabbilit e-College li joffri korsijiet online komprensivi, u qed jittieħdu bosta miżuri biex jiġu żviluppati sistema u network ta' gwida.

Tabella A16.1: **Fondi magħżula tal-UE b'allokazzjonijiet adottati - data fil-qosor (f'miljuni ta' EUR)**

Instrument/policy	**Allocation 2021-2026**		**Disbursed since 2021 (1)**
RRF grants (including the RepowerEU allocation)	328,2		166,4
RRF loans	0		0
Instrument/policy	**Allocation 2014-2020 (2)**	**Allocation 2021-2027**	**Disbursed since 2021 (3)** (covering total payments to the Member State on commitments originating from both 2014-2020 and 2021-2027 programming periods)
Cohesion policy (total)	830,3	772,8	519,9
European Regional Development Fund (ERDF)	379,5	459,9	201,6
Cohesion Fund (CF)	205,0	165,2	108,9
European Social Fund (ESF, ESF+)	245,8	124,4	202,3
Just Transition Fund (JTF)		23,3	7,2
Fisheries			
European Maritime, Fisheries and Aquaculture Fund (EMFAF) and the European Maritime and Fisheries Fund (EMFF)	22,6	21,8	11,1
Migration and home affairs			
Migration, border management and internal security - AMIF, BMVI and ISF (4)	118,8	107,2	58,4
The common agricultural policy under the CAP strategic plan (5)	**Allocation 2023-2027**		**Disbursements under the CAP Strategic Plan (6)**
Total under the CAP strategic plan	122,3		14,2
European Agricultural Guarantee Fund (EAGF)	43,0		9,5
European Fund for Agricultural Development (EAFRD)	79,3		4,7

1) Id-data limitu għad-data dwar l-iżborżi taħt l-RRF hija l-31 ta' Mejju 2025.
(2) L-allokazzjonijiet tal-politika ta' koeżjoni 2014-2020 jinkludu l-approprjazzjonijiet ta' REACT-EU impenjati fl-2021-2022.
(3) Dawn l-ammonti huma relatati biss mal-iżborżi li saru mill-2021 'il quddiem u ma jinkludux pagamenti li saru lill-Istat Membru qabel l-2021. Għalhekk iċ-ċifri ma jinkludux it-totalità tal-pagamenti li jikkorrispondu għall-allokazzjoni tal-2014-2020. Id-data limitu għad-data dwar l-iżborżi taħt il-FEMSA u l-FEMS hija d-29 ta' April 2025. Id-data limitu għad-data dwar l-iżborżi taħt il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, l-AMIF, il-BMVI u l-ISF hija l-5 ta' Mejju 2025.
(4) AMIF - Il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni; BMVI - Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi; ISF - Fond għas-Sigurtà Interna.
(5) In-nefqa barra mill-pjan strateġiku tal-PAK mhijiex inkluża.
(6) Id-data limitu għad-data dwar l-iżborżi tal-FAEŻR hija l-5 ta' Mejju 2025. L-informazzjoni dwar l-iżborżi tal-FAEG hija bbażata fuq id-dikjarazzjonijiet tal-Istati Membri sa Marzu 2025. L-iżborżi għall-Pagamenti Diretti (FAEG) bdew fl-2024.
Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Tabella A16.2: **Tabella sommarja dwar is-CSRs tal-2019–2024**

Malta	Assessment in May 2025	Relevant SDGs
2019 CSR 1	**Some progress**	
Ensure the fiscal sustainability of the healthcare and pension systems, including by restricting early retirement and adjusting the statutory retirement age in view of expected gains in life expectancy.	Some progress	SDGs 3,8
2019 CSR 2	**Some progress**	
Address features of the tax system that may facilitate aggressive tax planning by individuals and multinationals, in particular by means of outbound payments.	Some progress	SDGs 8, 16
Strengthen the overall governance framework, including by continuing efforts to detect and prosecute corruption.	Some progress	SDG 16
Continue the ongoing progress made on strengthening the anti-money-laundering framework, in particular with regard to enforcements.	Full implementation	SDGs 8, 16
Strengthen the independence of the judiciary, in particular the safeguards for judicial appointments and dismissals, and establish a separate prosecution service.	Some progress	SDG 16
2019 CSR 3	**Some progress**	
Focus investment-related economic policy on research and innovation,	Limited progress	SDG 9
natural resources management,	Limited progress	SDGs 6, 12, 15
resource and energy efficiency,	Some progress	SDGs 7, 9, 13
sustainable transport, reducing traffic congestion and	Limited progress	SDG 11
inclusive education and training.	Some progress	SDGs 4, 8, 10
2020 CSR 1	**Some progress**	
Take all necessary measures, in line with the general escape clause of the Stability and Growth Pact, to effectively address the COVID-19 pandemic, sustain the economy and support the ensuing recovery. When economic conditions allow, pursue fiscal policies aimed at achieving prudent medium-term fiscal positions and ensuring debt sustainability, while enhancing investment.	No longer relevant	SDGs 8, 16
Strengthen the resilience of the health system with regard to the health workforce, critical medical products and primary care.	Some progress	SDG 3
2020 CSR 2	**Some progress**	
Consolidate short-time work arrangements and ensure the adequacy of unemployment protection for all workers.	Some progress	SDGs 1, 2, 8, 10
Strengthen the quality and inclusiveness of education and skills development.	Some progress	SDGs 4, 8, 10
2020 CSR 3	**Some progress**	
Ensure effective implementation of liquidity support to affected businesses, including the self-employed.	Full implementation	SDGs 8, 9
Frontload mature public investment projects	Substantial progress	SDGs 8, 16
and promote private investment to foster the economic recovery.	Some progress	SDGs 8, 9
Focus investment on the green and digital transition, in particular on clean and efficient production and use of energy,	Some progress	SDGs 7, 9, 13
sustainable transport	Some progress	SDG 11
waste management,	Some progress	SDG 11
research and innovation.	Limited progress	SDGs 6, 12, 15
2020 CSR 4	**Some progress**	
Complete reforms addressing current shortcomings in institutional capacity and governance to enhance judicial independence.	Some progress	SDG 16
Continue efforts to adequately assess and mitigate money-laundering risks and to ensure effective enforcement of the anti-money-laundering framework.	Full implementation	SDGs 8, 16
Step up action to address features of the tax system that facilitate aggressive tax planning by individuals and multinationals.	Some progress	SDGs 8, 16

(Tkompli fil-paġna li jmiss)

2021 CSR 1	**No longer relevant**	
In 2022, maintain a supportive fiscal stance, including the impulse provided by the Recovery and Resilience Facility, and preserve nationally financed investment.	No longer relevant	SDGs 8, 16
When economic conditions allow, pursue a fiscal policy aimed at achieving prudent medium-term fiscal positions and ensuring fiscal sustainability in the medium term.	No longer relevant	SDGs 8, 16
At the same time, enhance investment to boost growth potential. *Pay particular attention to the composition of public finances, on both the revenue and expenditure sides of the national budget, and to the quality of budgetary measures in order to ensure a sustainable and inclusive recovery. Prioritise sustainable and growth-enhancing investment, in particular investment supporting the green and digital transition.*	No longer relevant	SDGs 8, 16
Give priority to fiscal structural reforms that will help provide financing for public policy priorities and contribute to the long-term sustainability of public finances, including, where relevant, by strengthening the coverage, adequacy and sustainability of health and social protection systems for all.	No longer relevant	SDGs 8, 16
2022 CSR 1	**No longer relevant**	
In 2023, ensure that the growth of nationally financed primary current expenditure is in line with an overall neutral policy stance, taking into account continued temporary and targeted support to households and firms most vulnerable to energy price hikes and to people fleeing Ukraine. Stand ready to adjust current spending to the evolving situation.	No longer relevant	SDGs 8, 16
Expand public investment for the green and digital transitions, and for energy security taking into account the REPowerEU initiative, including by making use of the Recovery and Resilience Facility and other Union funds.	No longer relevant	SDGs 8, 16
For the period beyond 2023, pursue a fiscal policy aimed at achieving prudent medium-term fiscal positions.	No longer relevant	SDGs 8, 16
2022 CSR 2		
Proceed with the implementation of its recovery and resilience plan, in line with the milestones and targets included in the Council Implementing Decision of 5 October 2021.	RRP implementation is monitored by assessing RRP payment requests and analysing reports published twice a year on the achievement of the milestones and targets. These are to be reflected in the country reports.	
Submit the 2021-2027 cohesion policy programming documents with a view to finalising their negotiations with the Commission and subsequently starting their implementation.	Progress on the cohesion policy programming documents is monitored under the EU cohesion policy.	
2022 CSR 3	**Limited progress**	
Take action to effectively address features of the tax system that may facilitate aggressive tax planning by individuals and multinational companies, including by ensuring sufficient taxation of outbound payments of interests, royalties, and dividends, and amending the rules for non-domiciled companies.	Limited progress	SDGs 8, 16
2022 CSR 4	**Limited progress**	
Reduce overall reliance on fossil fuels.	Limited progress	SDGs 7, 9, 13
Accelerate the deployment of renewables, promoting and enabling investments in wind and solar energy, including in floating offshore energy,	Limited progress	SDGs 7, 9, 13
further upgrading Malta's *electricity transmission and distribution grids, and creating incentives for electricity storage to supply firm, flexible and fast-responding energy.*	Some progress	SDGs 7, 9, 13
Reduce energy demand through improved energy efficiency, particularly in residential buildings.	Limited progress	SDG 7
Reduce emissions from road transport by addressing traffic congestion through improved service quality in public transport, intelligent transport systems and investing in soft mobility infrastructure.	Limited progress	SDG 11
2023 CSR 1	**Some progress**	
Wind down the emergency energy support measures in force, using the related savings to reduce the government deficit, as soon as possible in 2023 and 2024. Should renewed energy price increases necessitate new or continued support measures, ensure that these are targeted at protecting vulnerable households and firms, fiscally affordable, and preserve incentives for energy savings.	Limited progress	SDGs 8, 16
Ensure prudent fiscal policy, in particular by limiting the nominal increase in nationally financed net primary expenditure in 2024 to not more than 5.9% .	No progress	SDGs 8, 16
Preserve nationally financed public investment and ensure the effective absorption of RRF grants and other EU funds, in particular to foster the green and digital transitions.	Full implementation	SDGs 8, 16
For the period beyond 2024, continue to pursue a medium-term fiscal strategy of gradual and sustainable consolidation, combined with investments and reforms conducive to higher sustainable growth, to achieve a prudent medium-term fiscal position.	Substantial progress	SDGs 8, 16
2023 CSR 2		
Continue the steady implementation of its recovery and resilience plan and, following the recent submission of the addendum, including the REPowerEU chapter, rapidly start the implementation of the related measures. Proceed with the speedy implementation of cohesion policy programmes, in close complementarity and synergy with the recovery and resilience plan.	RRP implementation is monitored through the assessment of RRP payment requests and analysis of the bi-annual reporting on the achievement of the milestones and targets, to be reflected in the country reports. Progress with the cohesion policy programming is monitored in the context of the Cohesion Policy of the European Union.	

(Tkompli fil-paġna li jmiss)

Tabella (tkompli)

2023 CSR 3	**Limited progress**	
Effectively address features of the tax system that may facilitate aggressive tax planning by individuals and multinationals, including by ensuring sufficient taxation of outbound payments of interest, royalties and dividends, and amend the rules for non-domiciled companies.	Limited progress	SDGs 8, 16
2023 CSR 4	**Limited progress**	
Reduce reliance on fossil fuels	Limited progress	SDGs 7, 9, 13
by accelerating the deployment of renewables energies, including offshore wind and solar energy,	Limited progress	SDGs 7, 9, 13
and upgrade and expand the capacity of the electricity grid system, including transmission, distribution and battery storage.	Some progress	SDGs 7, 9, 13
Reduce energy demand through improved energy efficiency, particularly in residential buildings.	Limited progress	SDG 7
Reduce emissions from road transport by addressing traffic congestion through improved service quality in public transport, intelligent transport systems and investing in 'soft mobility' infrastructure.	Limited progress	SDG 11
Step up policy efforts aimed at the provision and acquisition of skills and competences needed for the green transition.	Some progress	SDG 4
2024 CSR 1	**Some progress**	
Submit the medium-term fiscal-structural plan in a timely manner.	Full implementation	SDGs 8, 16
In line with the requirements of the reformed Stability and Growth Pact, limit the growth in net expenditure in 2025 to a rate consistent with inter alia, reducing the general government deficit towards the 3% of GDP Treaty reference value and keeping the general government debt at a prudent level over the medium term.	Some progress	SDGs 8, 16
Wind down the emergency energy support measures by the 2024/2025 winter.	Limited progress	SDGs 8, 16
To address remaining aggressive tax planning risks, introduce a withholding tax on outbound payments or equivalent defensive measures, and amend rules on non-domiciled companies.	Limited progress	SDGs 8, 16
2024 CSR 2		
Continue with the swift and effective implementation of the recovery and resilience plan, including the REPowerEU chapter, ensuring completion of reforms and investments by August 2026. Accelerate the implementation of cohesion policy programmes. In the context of their mid-term review, continue focusing on the agreed priorities, while considering the opportunities provided by the Strategic Technologies for Europe Platform initiative to improve competitiveness.	RRP implementation is monitored through the assessment of RRP payment requests and analysis of the bi-annual reporting on the achievement of the milestones and targets. Progress with the cohesion policy programming is monitored in the context of the Cohesion Policy of the European Union.	
2024 CSR 3	**Some progress**	
Strengthen the quality and labour market relevance of education and training to address low educational outcomes as well as the severe shortage and mismatch of skills,	Some progress	SDG 4
in particular by fostering basic skills of students and the professional development of teachers.	Some progress	SDG 4
2024 CSR 4	**Limited progress**	
Accelerate the deployment of renewable energy through large-scale projects as well as small-scale investments in direct energy production and consumption.	Limited progress	SDGs 7, 9, 13
Address traffic congestion by improved quality and efficiency of public transport and step up investments in 'soft mobility' infrastructure.	Limited progress	SDG 11

Sors: Il-Kummissjoni Ewropea

Malta qed tkompli tlaħħaq mal-bqija tal-UE, iżda l-benefiċċji ta' tkabbir ekonomiku sostnut mhumiex mifruxa bl-istess mod fit-territorju tagħha, u dan joħloq sfidi u opportunitajiet f'termini ta' kompetittività, ġustizzja u sostenibbiltà fil-livell lokali.

L-ekonomija ta' Malta qed tkompli t-triq tagħha ta' tkabbir sostnut, iżda b'differenzi fil-pajjiż. Bejn l-2014 u l-2023, it-tkabbir annwali fil-PDG laħaq medja ta' 6,5 % (meta mqabbel mal-medja tal-UE ta' 1,7 %), u Malta mistennija żżomm dan il-momentum ta' tkabbir matul il-perjodu ta' tbassir 2025-2026. Meta mqabbel mal-2022, il-PDG *per capita* fl-istandard tal-kapaċità tal-akkwist (PPS, purchasing power standard) żdied minn 108 għal 111 f'Malta kontinentali, u rkupra minn tnaqqis fl-2021, għal żieda żgħira f'Għawdex u f'Kemmuna, minn 57 għal 62.

Graff A17.1:**Tkabbir medju annwali tal-PDG (2014-2023) meta mqabbel mal-PDG *per capita* (2023)**



Unitajiet: PDG: PDG per capita (PPS, Indiċi EU-27 = 100)
Produttività: PDG għal kull impjegat (PPS, indiċi EU-27 = 100)
Tkabbir tal-PDG reali: bidla fil-% annwali medja (2014-2023)
Sors: L-ARDECO (JRC)

Id-diskrepanzi fil-produttività tax-xogħol għadhom rilevanti f'Malta, minkejja l-konverġenza tal-pajjiż lejn il-medja tal-UE. F'dawn l-aħħar snin, il-produttività globali ta' Malta mkejla fil-valur miżjud gross (f'PPS) għal kull persuna impjegata tjiebet b'mod kostanti, u telgħet għal 94 % fl-2023, xprunata mis-settur tas-servizzi. Hawnhekk ukoll, madankollu, Malta kontinentali, bħala ċ-ċentru ekonomiku tal-pajjiż, tkompli tisboq b'mod sinifikanti lil Għawdex u lil Kemmuna f'termini ta' livelli ta' produttività, bil-PDG (f'PPS) għal kull siegħa maħduma jammonta rispettivament għal 83 % u 65 % tal-medja tal-UE fl-2023.

F'kuntest ta' popolazzjoni u tkabbir ekonomiku sinifikanti, ikun ta' benefiċċju li jiżdiedu l-isforzi biex jiġi żgurat tkabbir sostenibbli. Matul il-perjodu ta' 20 sena mill-1 ta' Jannar 2003 sal-1 ta' Jannar 2023, Malta rreġistrat it-tieni l-akbar żieda relattiva fil-popolazzjoni fl-UE bi 36 % (4 % fl-UE) u l-ogħla densità tal-popolazzjoni fl-2022 b'1 693 persuna għal kull km² (fl-UE, 109 persuna għal kull km²) (192). Bejn l-2014 u l-2023, kemm Malta kontinentali, kif ukoll Għawdex u Kemmuna kellhom bidla annwali medja għolja ħafna ta' aktar minn 25 għal kull 1 000 resident. Fid-dawl ta' dawn ix-xejriet demografiċi, ikun ta' benefiċċju li t-tkabbir ekonomiku b'saħħtu jiġi bbilanċjat ma' kunsiderazzjonijiet ambjentali, filwaqt li jiġi żgurat investiment adegwat fl-enerġija sostenibbli, it-trasport u l-ġestjoni tal-ilma.

Kompetittività

Hemm lok biex tittejjeb il-prestazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni billi tiżdied in-nefqa fir-R&Ż u tkompli tiġi ffaċilitata l-kollaborazzjoni bejn l-universitajiet u l-industrija. Skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea (2024) (193), Malta hija innovatur moderat, li jikklassifika fil-21 post minn 27 Stat Membru tal-UE. Minkejja impjiegi sinifikanti fis-servizzi intensivi fl-għarfien, fil-livell ta' 49,6 % (41,5 % fl-UE), in-nefqa pubblika dgħajfa u d-disponibbiltà limitata tar-riżorsi umani fir-riċerka u l-innovazzjoni huma ta' tħassib kbir. Fl-2022, in-nefqa fuq ir-R&Ż ammontat biss għal 0,6 % tal-PDG (il-medja tal-UE ta' 2,3 %), tnaqqis minn 0,7 % fl-2021. Barra minn hekk, in-nefqa fuq ir-R&Ż fis-settur tal-intrapriżi tan-negozju hija biss ta' 0,4 % tal-PDG (il-medja tal-UE ta' 1,5 %). Dan jindika li aktar miżuri biex jinkoraġġixxu r-R&Ż ikunu utli u li hemm potenzjal għar-R&Ż biex jikkontribwixxu aktar għall-kompetittività ta' Malta.

(192) Sors: L-Eurostat – Demography of Europe 2024 edition.

(193) Sors: European Innovation Scoreboard 2024 – Country profile Malta. Paġna web: European Innovation Scoreboard 2024 – Country profile Malta.

Tabella A17.1: **Għażla ta' indikaturi fil-livell reġjonali (NUTS 3) f'Malta**

	GDP per head (PPS)	Productivity - GDP per person employed (PPS)	Productivity - GDP per hour worked (PPS)	Real productivity growth (per hour worked)	R&D expenditure in business enterprise sector (BERD)	Employment in knowledge-intensive services	Employment in high-technology sectors	Employment rate 20-64	Unemploy-ment rate
	Index EU-27 = 100	Index EU-27 = 100	Index EU-27 = 100	Average annual % change	% of GDP	% of total employment	% of total employment	% of population aged 20-64	% of labour force
	2023	2023	2022	2013-2022	2022	2024	2024	2024	2024
European Union (27 MS)	100	100	100	0.9	1.5	41.5	5.2	75.8	5.9
Malta (National)	107	94	82	2.0	0.4	49.6	6.2	83.0	3.1
Malta (NUTS 3)	111	95	83	2.0					
Gozo and Comino/Għawdex u Kemmuna	62	75	65	1.8					

Sors: L-Eurostat u l-JRC

Għal aktar dettalji dwar dawn is-suġġetti, ara l-Anness 3 Innovazzjoni għan-Negozju.

Fl-edizzjoni tal-2022 tal-Indiċi Ewropew tal-Kompetittività Reġjonali 2.0, Malta hija taħt il-medja tal-UE, b'mod partikolari fis-subindiċi tal-"effiċjenza" tagħha([194]). Għalkemm Malta għandha parteċipazzjoni fl-apprendiment tul il-ħajja ogħla mill-medja tal-UE, id-diskrepanzi huma prinċipalment relatati mal-kisba edukattiva ogħla u mat-tluq bikri mill-iskola, kif ukoll mad-daqs żgħir tas-suq. It-titjib tal-livell edukattiv milħuq tal-popolazzjoni ta' bejn il-25 u l-64 sena, it-tkomplija tal-appoġġ għal inizjattivi għall-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-iskola u l-esplorazzjoni ulterjuri ta' opportunitajiet ġodda għal espansjoni potenzjali tas-suq, inkluż permezz ta' teknoloġiji diġitali, ikunu ta' benefiċċju biex jiżdiedu l-opportunitajiet għat-tkabbir fil-pajjiż.

Ekwità soċjali

L-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni qed issir sfida sinifikanti, speċjalment f'Malta kontinentali, fejn id-domanda għall-akkomodazzjoni hija għolja, u b'hekk jogħlew il-prezzijiet u l-kostijiet tal-kiri. Fl-2024, ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni([195]) affettwat 5,8 % tal-popolazzjoni (8,2 % fl-UE). Barra minn hekk, ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali baqa' għoli fl-2023, b'19,7 % tal-popolazzjoni totali (21,0 % fl-UE). Skont l-istatistika tal-UE dwar l-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-għajxien, fl-2023 madwar 3,5 % tal-persuni li għandhom 16-il sena jew aktar irrapportaw li esperjenzaw diffikultajiet marbuta mal-akkomodazzjoni f'ħajjithom (4,9 % fl-UE), li telgħu għal 5,5 % għall-persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali (8,5,% fl-UE) ([196]). Meta wieħed iqis it-tkabbir sinifikanti tal-popolazzjoni u l-fatt li Malta hija pajjiż intensiv ħafna fit-turiżmu, bi klijenti domestiċi u internazzjonali li fl-2023 qattgħu 18-il lejl fi stabbilimenti ta' akkomodazzjoni turistika għal kull abitant, soluzzjonijiet innovattivi u sostenibbli għall-akkomodazzjoni affordabbli jkunu ta' benefiċċju biex jiġi żgurat li ħadd ma jitħalla jibqa' lura.

Sostenibbiltà

L-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG, greenhouse gas) f'Malta huma taħt il-medja tal-UE, iżda Malta hija fost il-pajjiżi tal-UE bl-ogħla emissjonijiet ta' gassijiet serra mis-settur tal-enerġija. Fl-2023, is-settur tal-enerġija f'Malta kien jammonta għal 31 % tal-

([194]) Sors: European Regional Competitiveness Index 2.0 – 2022. Paġna web: European Regional Competitiveness Index 2.0 – 2022 – Malta.

([195]) Ir-rata tal-piż eċċessiv tal-kost tal-akkomodazzjoni hija l-perċentwal tal-popolazzjoni li tgħix f'unitajiet domestiċi fejn il-kostijiet totali tal-akkomodazzjoni ("netti" mill-allowances għall-akkomodazzjoni) jirrappreżentaw aktar minn 40 % tal-introjtu disponibbli ("nett" mill-allowances għall-akkomodazzjoni").

([196]) Sors: Eurostat, EU-SILC module 2023 dwar id-diffikultajiet tal-akkomodazzjoni. Paġna web: Persons having experienced housing difficulties in their lifetime by sex and current risk of poverty or social exclusion situation.

emissjonijiet totali ta' gassijiet serra, peress li s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli għad għandhom rwol limitat ħafna fit-taħlita tal-enerġija ta' Malta. It-titjib tal-introduzzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, flimkien ma' investimenti fl-effiċjenza enerġetika, jgħinu biex tiżdied is-sigurtà tal-enerġija f'Malta, anki fid-dawl tax-xejriet demografiċi, filwaqt li jippermettu tkabbir aktar sostenibbli.

It-titjib tal-impronta tal-karbonju tas-settur tat-trasport, inkluż permezz ta' għażliet multimodali aktar sostenibbli, ikun importanti. L-istokk ta' vetturi bil-mutur liċenzjati f'Malta kompla jiżdied, u laħaq l-445 711 fi tmiem l-2024, b'karozzi tal-passiġġieri jammontaw għal 74,1 % tat-total tal-vetturi bil-mutur liċenzjati ([197]). Minn dawn, il-vetturi bil-mutur b'tip alternattiv ta' sewqan bil-mutur ammontaw biss għal 4 % tal-għadd totali ta' vetturi bil-mutur liċenzjati. Meta titqies il-konġestjoni sinifikanti tat-traffiku u l-impatt tagħha fuq il-kwalità tal-arja, ikun utli li tiżdied l-elettrifikazzjoni tas-settur tat-trasport billi jittejjeb l-aċċess għall-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi, filwaqt li t-trasport multimodali u kollettiv isir soluzzjoni aktar effiċjenti u sostenibbli.

Malta x'aktarx li se tiffaċċja sfidi akbar fil-ġestjoni tas-sorsi tal-ilma tagħha. Peress li Malta hija pajjiż skars fl-ilma li qed jesperjenza tkabbir sinifikanti fil-popolazzjoni, b'densità għolja tal-popolazzjoni u nuqqasijiet tal-ilma staġjonalment akuti, huwa essenzjali li jiġu ssalvagwardjati d-disponibbiltà u s-sigurtà tal-ilma. Ir-riżorsi naturali ta' Malta, bħall-ilma, jinsabu taħt pressjoni għolja, aggravata aktar mill-espansjoni tat-turiżmu. L-investimenti biex tittejjeb il-ġestjoni sostenibbli tal-ilma, inkluż bil-promozzjoni ta' approċċ ċirkolari għall-ilma, ikunu ta' għajnuna biex jittaffa l-istress imqiegħed fuq ir-riżorsi tal-ilma.

([197]) Sors: NSO - Il-paġna web dwar l-Istatistika tat-Trasport 2024: NSO Malta | Vetturi bil-Mutur: K4/2024 - NSO Malta.